// Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 91

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 58

2 ta' April 2015

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni (UE) 2015/509 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-18 ta' Frar 2015 li tħassar id-Deċiżjoni BĊE/2013/6 dwar ir-regoli fuq l-użu bħala kollateral ta' bonds tal-bank skoperti għall-użu proprju ggarantiti mill-gvern għal operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema, id-Deċiżjoni BĊE/2013/35 dwar miżuri addizzjonali fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' rifinanzjament tal-Eurosistema u l-eliġibbiltà tal-kollateral u l-Artikoli 1, 3 u 4 tad-Deċiżjoni BĊE/2014/23 dwar ir-remunerazzjoni ta' depożiti, bilanċi u holdings ta' eċċess ta' riżervi (BĊE/2015/9)** ..... 1

LINJI GWIDA

★ **Linja gwida (UE) 2015/510 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-19 ta' Diċembru 2014 dwar l-implimentazzjoni tal-qafas tal-politika monetarja tal-Eurosistema (BĊE/2014/60)** ..... 3

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI (UE) 2015/509 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**tat-18 ta' Frar 2015**

**li tħassar id-Deċiżjoni BĊE/2013/6 dwar ir-regoli fuq l-użu bħala kollateral ta' bonds tal-bank skoperti għall-użu proprju ggarantiti mill-gvern għal operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema, id-Deċiżjoni BĊE/2013/35 dwar miżuri addizzjonali fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' rifinanzjament tal-Eurosistema u l-eliġibbiltà tal-kollateral u l-Artikoli 1, 3 u 4 tad-Deċiżjoni BĊE/2014/23 dwar ir-remunerazzjoni ta' depożiti, bilanċi u holdings ta' eċċess ta' riżervi (BĊE/2015/9)**

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikolu 127(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikolu 3.1, l-Artikolu 12.1 u t-tieni inċiż tal-Artikolu 34.1 tiegħu,

Billi:

(1) Fl-interessi taċ-ċarezza u l-konsistenza u bil-għan li jiġi ssimplifikat il-qafas tal-kollateral tal-Eurosistema, l-obbligi stabbiliti fid-Deċiżjonijiet BĊE/2013/6 [1] u BĊE/2013/35 [2] u fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni BĊE/2014/23 [3] ġew inklużi fil-Linja Gwida (UE) 2015/510 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2014/60) [4], li huwa l-att legali ewlieni dwar l-istrumenti u l-proċeduri tal-politika monetarja tal-Eurosistema.

(2) Fl-interessi taċ-ċarezza u l-konsistenza, u bil-għan li jiġi ssimplifikat il-qafas legali tal-Eurosistema, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni BĊE/2014/23 ġew inkorporati fil-Linja Gwida BĊE/2012/27 [5] u d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni BĊE/2014/23 ġew inkorporati fil-Linja Gwida BĊE/2014/9 [6].

(3) Id-Deċiżjonijiet BĊE/2013/6 u BĊE/2013/35, u l-Artikoli 1, 3 u 4 tad-Deċiżjoni BĊE/2014/23 għalhekk għandhom jiġu mħassra,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Tħassir tad-Deċiżjonijiet BĊE/2013/6 u BĊE/2013/35 u l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni BĊE/2014/23**

1. Id-Deċiżjonijiet BĊE/2013/6 u BĊE/2013/35 qed jiġu rrevokati.

---

(1) Deċiżjoni BĊE/2013/6 tal-20 ta' Marzu 2013 dwar ir-regoli fuq l-użu bħala kollateral ta' bonds tal-bank skoperti għall-użu proprju ggarantiti mill-gvern għal operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema (ĠU L 95, 5.4.2013, p. 22).
(2) Deċiżjoni BĊE/2013/35 tas-26 ta' Settembru 2013 dwar miżuri addizzjonali fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' rifinanzjament tal-Eurosistema u l-eliġibbiltà tal-kollateral (ĠU L 301, 12.11.2013, p. 6).
(3) Deċiżjoni BĊE/2014/23 tal-5 ta' Ġunju 2014 dwar ir-remunerazzjoni ta' depożiti, bilanċi u holdings ta' eċċess ta' riżervi (ĠU L 168, 7.6.2014, p. 115).
(4) Linja Gwida (UE) 2015/510 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-19 ta' Diċembru 2014 dwar l-implimentazzjoni tal-qafas tal-politika monetarja tal- Eurosistema (BĊE/2014/60) (Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).
(5) Linja Gwida BĊE/2012/27 tal-5 ta' Diċembru 2012 dwar sistema Trans-European Automated Real-time Gross settlement Express Transfer (TARGET2) (ĠU L 30, 30.1.2013, p. 1).
(6) Linja Gwida BĊE/2014/9 tal-20 ta' Frar 2014 dwar operazzjonijiet tal-ġestjoni tal-attiv u l-passiv domestiku mill-banek ċentrali nazzjonali (ĠU L 159, 28.5.2014, p. 56).

2. L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni BĊE/2014/23 qed jiġi rrevokat.

3. Referenzi għad-Deċiżjonijiet u l-Artikolu mħassra msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jinftehmu bħala referenzi għal-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60).

*Artikolu 2*

**Tħassir tal-Artikoli 3 u 4 tad-Deċiżjoni BĊE/2014/23**

1. L-Artikoli 3 u 4 tad-Deċiżjoni BĊE/2014/23 qed jiġu rrevokati.

2. Ir-referenzi għall-Artikolu 3 imħassar tad-Deċiżjoni BĊE/2014/23 għandhom jinftehmu bħala referenzi għall-Artikolu 12(5) tal-Anness II tal-Linja Gwida BĊE/2012/27.

3. Ir-referenzi għall-Artikolu 4 imħassar tad-Deċiżjoni BĊE/2014/23 għandhom jinftehmu bħala referenzi għall-Artikolu 5(2) u (3) tal-Linja Gwida BĊE/2014/9.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

1. Din id-Deċizjoni tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2015.

2. L-Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-18 ta' Frar 2015.

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI

# LINJI GWIDA

## LINJA GWIDA (UE) 2015/510 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**tad-19 ta' Diċembru 2014**

**dwar l-implimentazzjoni tal-qafas tal-politika monetarja tal-Eurosistema (BĊE/2014/60)**

**(riformulazzjoni)**

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikolu 127(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Centrali u tal-Bank Centrali Ewropew, u b'mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikolu 3.1, l-Artikoli 9.2, 12.1, 14.3, u 18.2, u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 20 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Linja Gwida BĊE/2011/14 [1] ġiet emendata b'mod sostanzjali. Peress li għandhom isiru emendi ulterjuri, din għandha tiġi fformulata mill-ġdid fl-interessi taċ-ċarezza.

(2) Il-kisba ta' politika monetarja waħdanija tinvolvi d-definizzjoni tal-istrumenti u l-proċeduri li għandhom jintużaw mill-Eurosistema, li tikkonsisti fil-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u l-banek ċentrali nazzjonali ta' dawk l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (aktar 'il quddiem il-"BĊNi"), sabiex dik il-politika tiġi implimentata b'mod uniformi fl-Istati Membri kollha li l-munita tagħhom hija l-euro.

(3) Skont l-Artikolu 127(1) u (2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 3.1 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (aktar 'il quddiem l-"Istatut tas-SEBĊ"), l-objettiv primarju tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ) huwa li żżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet, u, f'dan ir-rigward, għandha l-kompiti bażiċi li tiddefinixxi u timplimenta l-politika monetarja tal-Unjoni u li tmexxi operazzjonijiet ta' kambju konsistenti mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 219 tat-Trattat.

(4) Il-qafas ġenerali tal-Eurosistema huwa bbażat fuq dispożizzjonijiet stipulati fl-Istatut tas-SEBĊ. Taħt l-Artikolu 127(1) tat-Trattat u, kif rifless fl-Istatut tas-SEBĊ, l-Eurosistema hija meħtieġa li taġixxi b'mod konformi ma' ċerti prinċipji, inklużi l-prinċipji ta' ekonomija ta' suq miftuħ b'kompetizzjoni ħielsa, li tiffavorixxi allokazzjoni effiċjenti tar-riżorsi.

(5) Safejn jitqies li huwa possibbli u xieraq, u bil-għan li tiġi żgurata effiċjenza operazzjonali, il-BĊE jirrikorri għall-BĊNi għat-twettiq tal-operazzjonijiet li jifformaw parti mill-kompiti tal-Eurosistema skont il-prinċipju ta' deċentralizzazzjoni stipulata fl-Artikolu 12.1 tal-Istatut tal-SEBĊ u soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 14.3 tal-Istatut tas-SEBĊ.

(6) Fid-dawl tal-Artikolu 12.1 tal-Istatut tas-SEBĊ, il-BĊE għandu l-awtorità li jifformula l-politika monetarja waħdanija tal-Unjoni, u li joħroġ il-linji gwida meħtieġa sabiex jiżgura li din tiġi implimentata kif suppost. Skont l-Artikolu 14.3 tal-Istatut tas-SEBĊ, il-BĊNi għandhom obbligu li jaġixxu skont dawk il-linji gwida. Din il-Linja Gwida għalhekk hija indirizzata lill-Eurosistema. Ir-regoli stipulati f'din il-Linja Gwida għandhom jiġu implimentati mill-BĊNi f'arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji. Il-kontropartijiet huma meħtieġa jikkonformaw ma' dawk ir-regoli kif implimentati mill-BĊNi f'dawk l-arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji.

(7) L-ewwel inċiż tal-Artikolu 18.1 tal-Istatut tas-SEBĊ jippermetti lill-Eurosistema li topera fis-swieq finanzjarji billi tixtri jew tbiegħ b'mod deċiżiv (spot u forward) jew taħt ftehim ta' xiri mill-ġdid u billi ssellef jew tissellef pretensjonijiet u strumenti kummerċjabbli, kemm jekk f'euro jew f'muniti oħrajn, kif ukoll metalli prezzjużi. It-tieni inċiż tal-Artikolu 18.1 jippermetti lill-Eurosistema biex twettaq operazzjonijiet ta' kreditu ma' istituzzjonijiet ta' kreditu u parteċipanti oħra fis-suq.

[1] Linja Gwida BĊE/2011/14 tal-20 ta' Settembru 2011 dwar l-istrumenti u l-proċeduri tal-politika monetarja tal-Eurosistema (ĠU L 331, 14.12.2011, p. 1).

(8) Fl-implimentazzjoni tal-politika monetarja tagħha, l-Eurosistema tuża dawn l-għodda tal-politika monetarja: twettaq operazzjonijiet tas-suq miftuħ, toffri faċilitajiet permanenti u teħtieġ li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jżommu riżervi minimi fuq kontijiet mal-Eurosistema.

(9) Sabiex tikseb l-objettivi tagħha, l-Eurosistema għandha aggregazzjoni ta' strumenti għad-dispożizzjoni tagħha għat-twettiq ta' operazzjonijiet tas-suq miftuħ, li jinkludu tranżazzjonijiet bil-maqlub, tranżazzjonijiet deċiżivi, il-ħruġ ta' ċertifikati ta' dejn mill-BĊE, tpartit ta' kambju għal skopijiet tal-politika monetarja u l-ġbir ta' depożiti għal terminu fiss. Dawk l-istrumenti għat-twettiq ta' operazzjonijiet tas-suq miftuħ huma mmirati biex jiżguraw funzjonament ordnat tas-suq tal-flus u sabiex jgħinu lill-banek jilħqu r-rekwiżiti tagħhom ta' likwidità mingħajr xkiel u b'mod organizzat sew.

(10) L-aggregazzjoni ta' strumenti għad-dispożizzjoni tal-Eurosistema sabiex jiġu offruti faċilitajiet permanenti huma l-faċilità ta' self marġinali u l-faċilità ta' depożitu, li huma mmirati biex jipprovdu u jassorbu likwidità mil-lejl għan-nhar rispettivament, jissenjalaw il-pożizzjoni tal-politika monetarja u jiddelimitaw ir-rati tal-imgħax tas-suq monetarju mil-lejl għan-nhar.

(11) Is-sistema tar-riżervi minimi tal-Eurosistema primarjament issegwi l-funzjonijiet li ġejjin tal-politika monetarja: (a) tikkontribwixxi għall-istabilizzazzjoni tar-rati tal-imgħax tas-suq monetarju billi tagħti lill-istituzzjonijiet inċentiv biex itaffu l-effetti ta' varjazzjonijiet temporanji fil-likwidità dovuti għall-mekkaniżmu li jaħdem il-medja; u (b) toħloq jew tkabbar skarsezza ta' likwidità strutturali, li ttejjeb l-abbiltà tal-Eurosistema li topera b'mod effiċjenti bħala fornitur ta' likwidità. Il-qafas legali tas-sistema ta' riżerva minima tas-SEBĊ huwa stabbilit fl-Artikolu 19 tal-Istatut tas-SEBĊ, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2531/98 [1] u r-Regolament (KE) Nru 1745/2003 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2003/9) [2].

(12) Fir-rigward tal-miri, ir-regolarità u l-proceduri tagħhom, l-operazzjonijiet tas-suq miftuħ tal-Eurosistema jistgħu jinqasmu f'erba' kategoriji: (a) operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin; (b) operazzjonijiet ta' rifinanzjament fuq żmien itwal, (c) operazzjonijiet ta' rfinar; (d) operazzjonijiet strutturali.

(13) L-operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin huma kategorija ta' operazzjonijiet tas-suq miftuħ l-aktar importanti mwettqa mill-Eurosistema, li jiżvolġu rwol kruċjali biex jintlaħqu l-miri tal-gwida tar-rati ta' imgħax, il-ġestjoni tas-sitwazzjoni ta' likwidità fis-suq u l-indikazzjoni tal-pożizzjoni tal-politika monetarja.

(14) L-operazzjoni ta' rifinanzjament fuq żmien itwal huma mmirati biex jipprovdu lill-kontropartijiet b'likwidità li jkollha maturità itwal minn dik tal-operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin. B'operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin, bħala regola l-Eurosistema ma għandhiex l-intenzjoni li tibgħat sinjali lis-suq u għalhekk normalment taġixxi bħala l-parti li tassumi r-riskju.

(15) Operazzjonijiet ta' rfinar huma eżegwiti fuq bażi *ad hoc* bil-għan li tiġi ġestita s-sitwazzjoni tal-likwidità fis-suq u t-tmexxija tar-rati ta' imgħax, b'mod partikolari sabiex jitwittew l-effetti fuq ir-rati tal-imgħax li jinqalgħu minn varjazzjonijiet mhux mistennija tal-likwidità fis-suq. L-operazzjonjiet ta' rfinar speċifiċi huma adattati għat-tipi ta' tranżazzjonijiet u l-għanijiet speċifiċi segwiti mill-operazzjonijiet relevanti.

(16) Jistgħu jitwettqu operazzjonijiet strutturali kull meta l-pożizzjoni strutturali tal-Eurosistema tkun teħtieġ li tiġi aġġustata fir-rigward tas-settur finanzjarju.

(17) L-implimentazzjoni tal-qafas tal-politika monetarja tal-Eurosistema għandha tiżgura li firxa wiesgħa ta' kontrapartijiet jipparteċipaw taħt kriterji ta' eliġibbiltà uniformi. Dawn il-kriterji huma speċifikati sabiex jiġi żgurat it-trattament ugwali tal-kontropartijiet bejn l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro u sabiex jiġi żgurat li l-kontrapartijiet jissodisfaw ċerti rekwiżiti prudenzjali u operazzjonali.

(18) Sabiex l-Eurosistema tiġi mħarsa mir-riskju għall-kontroparti, it-tieni inċiż tal-Artikolu 18.1 tal-Istatut tas-SEBĊ jipprovdi li meta l-Eurosistema twettaq operazzjonijiet ta' kreditu ma' istituzzjonijiet ta' kreditu u parteċipanti oħrajn fis-suq, it-tislif għandu jkun ibbażat fuq kollateral adegwat.

(19) Sabiex jiġi żgurat it-trattament ugwali tal-kontrapartijiet, kif ukoll sabiex jittejbu l-effiċjenza u t-trasparenza operazzjonali, l-assi għandhom jissodisfaw ċerti kriterji uniformi fost l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro sabiex ikunu eliġibbli bħala kollateral għal operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema.

---

[1] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2531/98 tat-23 ta' Novembru 1998 li għandu x'jaqsam mal-applikazzjoni ta' riservi minimi tal-Bank Ċentrali Ewropew (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: p. 16 — 18).

[2] Ir-Regolament (KE) Nru 1745/2003 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-12 ta' Settembru 2003 dwar l-applikazzjoni ta' riżervi minimi (BĊE/2003/9), (ĠU L 250, 2.10.2003, p. 10).

(20) L-Eurosistema żviluppat qafas waħdieni għal assi eliġibbli bħala kollateral sabiex l-operazzjonijiet ta' kreditu kollha tal-Eurosistema jitwettqu b'mod armonizzat permezz tal-implimentazzjoni ta' din il-Linja Gwida fl-Istati Membri kollha li l-munita tagħhom hija l-euro. Il-qafas waħdieni għal assi eliġibbli bħala kollateral ikopri assi negozjabbli u mhux negozjabbli li jissodisfaw kriterji ta' eliġibbiltà uniformi speċifikati mill-Eurosistema. Il-biċċa l-kbira tal-assi eliġibbli jistgħu jintużaw fuq bażi transkonfinali permezz tal-mudell ta' kummerċ bankarju ċentrali korrispondenti (CCBM) u, fil-każ ta' assi negozjabbli, permezz ta' rabtiet eliġibbli bejn sistemi ta' saldu ta' titoli taż-ŻEE (SSSs) jew rabtiet eliġibbli bejn SSSs taż-ŻEE eliġibbli flimkien mas-CCBM.

(21) Il-kreditu fl-istess ġurnata huwa pprovdut mill-Eurosistema sabiex jinġiebu livell in-nuqqas ta' qbil f'pagamenti. Kif stabbilit fl-Artikolu 12 u fl-Anness III tal-Linja Gwida BĊE/2012/27 ([1]), il-kollateral għall-provvediment ta' kreditu fl-istess ġurnata huwa meħtieġ sabiex tinkiseb konformità mal-istess kriterji li l-assi eliġibbli bħala kollateral għandhom jissodisfaw taħt il-Parti Erbgħa.

(22) L-assi kollha li huma eliġibbli għal operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema għandhom ikunu soġġetti għal miżuri speċifiċi tal-kontroll tar-riskju sabiex l-Eurosistema tkun protetta kontra telf finanzjarju f'ċirkustanzi fejn il-kollateral tagħha jkollu jiġi rrealizzat minħabba avveniment ta' inadempjenza ta' kontroparti. L-assi eliġibbli huma meħtieġa jissodisfaw r-rekwiżiti ta' kwalità tal-kreditu tal-Eurosistema speċifikati fir-regoli tal-qafas ta' valutazzjoni tal-kreditu tal-Eurosistema (ECAF).

(23) Il-BĊE jimponi sanzjonijiet fuq istituzzjonijiet li ma jikkonformawx ma' obbligi li jirriżultaw minn regolamenti u deċiżjonijiet tal-BĊE li jkunu relatati mal-applikazzjoni ta' riżervi minimi skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2532/98 ([2]), ir-Regolament tal-Bank Ċentrali Ewropew (KE) Nru 2157/1999 (BĊE/1999/4) ([3]), ir-Regolament (KE) Nru 2531/98 u r-Regolament (KE) Nru 1745/2003 (BĊE/2003/9). F'każ ta' ksur serju tar-rekwiżiti tar-riżervi minimi, l-Eurosistema tista' wkoll tissospendi l-parteċipazzjoni tal-kontropartijiet f'operazzjonijiet tas-suq miftuħ.

(24) Skont id-dispożizzjonijiet tal-arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji applikati mill-BĊN relevanti jew mill-BĊE, jekk il-kontropartijiet jonqsu milli jikkonformaw mal-obbligi tagħhom taħt l-arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji applikati mill-BĊNi jew mill-BĊE, kif stipulat f'din il-Linja Gwida, l-Eurosistema tista' timponi penali finanzjarji jew tissospendi l-parteċipazzjoni tal-kontropartijiet f'operazzjonijiet tas-suq miftuħ jew faċilitajiet permanenti.

(25) Skont id-dispożizzjonijiet fl-arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji applikati mill-BĊN relevanti jew mill-BĊE, l-Eurosistema tista' wkoll tissospendi, tillimita jew teskludi l-aċċess tal-kontropartijiet għal operazzjonijiet tas-suq miftuħ jew faċilitajiet permanenti fuq il-bażi ta' prudenza jew f'każ ta' inadempjenza ta' kontroparti. Fuq il-bażi ta' prudenza, l-Eurosistema tista' wkoll tiċħad, tillimita l-użu ta' jew tapplika haircuts supplimentari għal assi mmobilizzati minn kontropartijiet speċifiċi bħala kollateral f'operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema.

(26) Kull arranġament kuntrattwali jew regolatorju applikat mill-BĊNi mal-kontropartijiet tagħhom għandhom jinkludu karatteristiċi minimi komuni li jkunu mmirati biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-politika monetarja waħdanija taħt termini u kundizzjonijiet li ma jkunux materjalment differenti fost l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro,

ADOTTA DIN IL-LINJA GWIDA:

([1]) Linja Gwida BĊE/2012/27 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-5 ta' Diċembru 2012 dwar sistema Trans-European Automated Real-time Gross settlement Express Transfer (TARGET2) (ĠU L 30, 30.1.2013, p. 1).

([2]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2532/98 tat-23 ta' Novembru 1998, dwar il-poter tal-Bank Ċentrali Ewropew li jimponi sanzjonijiet (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol.3, p. 19-22).

([3]) Regolament tal-Bank Ċentrali Ewropew (KE) Nru 2157/1999 tat-23 ta' Settembru 1999 dwar is-setgħat tal-Bank Ċentrali Ewropew li jimponi sanzjonijiet (BĊE/1999/4) (ĠU L 264, 12.10.1999, p. 21).

**WERREJ**

L-EWWEL PARTI — SUĠĠETT, KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET

IT-TIENI PARTI — L-GĦODOD, L-OPERAZZJONIJIET, L-ISTRUMENTI U L-PROĊEDURI TAL-POLITIKA MONETARJA TAL-EUROSISTEMA

TITOLU I — Operazzjonijiet tas-suq miftuħ

Kapitolu 1 — Ħarsa ġenerali lejn operazzjonijiet tas-suq miftuħ

Kapitolu 2 — Kategoriji ta' operazzjonijiet tas-suq miftuħ

Kapitolu 3 — Strumenti ta' operazzjonijiet tas-suq miftuħ

TITOLU II — Faċilitajiet permanenti

Kapitolu 1 — Faċilità ta' self marġinali

Kapitolu 2 — Faċilità ta' depożitu

TITOLU III — Proċeduri għal operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema

Kapitolu 1 — Proċeduri ta' Sejħiet għall-Offerti u Proċeduri Bilaterali għal Operazzjonijiet tas-suq miftuħ tal-Eurosistema

Taqsima 1 — Proċeduri ta' sejħiet għall-offerti

Taqsima 2 — Passi operazzjonali għall-proċeduri ta' sejħiet għall-offerti

Subtaqsima 1 — Tħabbir ta' proċeduri ta' sejħiet għall-offerti

Subtaqsima 2 — Tħejjija u sottomissjoni ta' offerti mill-kontropartijiet

Subtaqsima 3 — Allokazzjoni ta' sejħiet għall-offerti

Subtaqsima 4 — Tħabbir tar-riżultati ta' sejħa għall-offerti

Taqsima 3 — Proċeduri bilaterali għal operazzjonijiet tas-suq miftuħ tal-Eurosistema

Kapitolu 2 — Proċeduri ta' saldu għal operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema

IT-TIELET PARTI — KONTROPARTIJIET ELIĠIBBLI

IR-RABA' PARTI — ASSI ELIĠIBBLI

TITOLU I — Prinċipji ġenerali

TITOLU II — Kriterji ta' eliġibbiltà u rekwiżiti tal-kwalità tal-kreditu għall-assi negozjabbli

Kapitolu 1 — Kriterji ta' eliġibbiltà għal assi negozjabbli

Taqsima 1 — Kriterji ġenerali ta' eliġibbiltà għal assi negozjabbli

Taqsima 2 — Kriterji speċifiċi ta' eliġibbiltà għal ċerti tipi ta' assi negozjabbli

Subtaqsima 1 — Kriterji speċifiċi ta' eliġibbiltà għal titoli ggarantiti b'assi

Subtaqsima 2 — Kriterji speċifiċi ta' eliġibbiltà għal bonds koperti ggarantiti minn titoli ggarantiti b'assi

Subtaqsima 3 — Kriterji speċifiċi ta' eliġibbiltà għal ċertifikati ta' dejn maħruġa mill-Eurosistema

Kapitolu 2 — Rekwiżiti tal-kwalità tal-kreditu għal assi negozjabbli

TITOLU III — Kriterji ta' eliġibbiltà u rekwiżiti tal-kwalità tal-kreditu għal assi mhux negozjabbli

Kapitolu 1 — Kriterji ta' eliġibbiltà għal assi mhux negozjabbli

Taqsima 1 — Kriterji ta' eliġibbiltà għal pretensjonijiet ta' kreditu

Taqsima 2 — Kriterji ta' eliġibbiltà għal depożiti b'terminu fiss

Taqsima 3 — Kriterji ta' eliġibbiltà għal RMBDs

Kapitolu 2 — Rekwiżiti tal-kwalità tal-kreditu tal-Eurosistema għal assi mhux negozjabbli

Taqsima 1 — Rekwiżiti tal-kwalità tal-kreditu tal-Eurosistema għal pretensjonijiet ta' kreditu

Taqsima 2 — Rekwiżiti tal-kwalità tal-kreditu tal-Eurosistema għal RMBDs

TITOLU IV — Garanziji għal assi negozjabbli u mhux negozjabbli

TITOLU V — Qafas ta' valutazzjoni tal-kreditu tal-Eurosistema għal assi eliġibbli

TITOLU VI — Kontroll tar-riskju u qafas ta' valutazzjoni ta' assi negozjabbli u mhux negozjabbli

Kapitolu 1 — Miżuri ta' kontroll ta' riskju għal assi negozjabbli

Kapitolu 2 — Miżuri ta' kontroll ta' riskju għal assi mhux negozjabbli

Kapitolu 3 — Regoli ta' valutazzjoni għal assi negozjabbli u mhux negozjabbli

TITOLU VII — Aċċettazzjoni ta' kollateral mhux iddenominat f'euro f'kontinġenzi

TITOLU VIII — Regoli dwar l-użu ta' assi eliġibbli

TITOLU IX — Użu transkonfinali ta' assi eliġibbli

IL-ĦAMES PARTI — SANZJONIJIET F'KAŻ TA' NUQQAS TA' KONFORMITÀ MA' OBBLIGI TA' KONTROPARTI

IS-SITT PARTI — MIŻURI DISKREZZJONALI

IS-SEBA' PARTI — KARATTERISTIĊI KOMUNI MINIMI ADDIZZJONALI FIR-RIGWARD TA' OPERAZZJONIJIET TAL-POLITIKA MONETARJA TAL-EUROSISTEMA

Kapitolu 1 — Karatteristiċi komuni minimi addizzjonali applikabbli għall-arranġamenti kollha għall-operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema

Kapitolu 2 — Karatteristiċi komuni minimi addizzjonali applikabbli kemm għal ftehimiet ta' riakkwist kif ukoll ta' self kollateralizzat

Kapitolu 3 — Karatteristiċi komuni minimi addizzjonali esklużivi għat-tranżazzjonijiet ta' xiri mill-ġdid

Kapitolu 4 — Karatteristiċi komuni minimi addizzjonali esklużivi għall-arranġamenti ta' self kollateralizzat

Kapitolu 5 — Karatteristiċi komuni minimi addizzjonali esklussivi għal swaps tal-kambju barrani għall-finijiet tal-politika monetarja

IT-TMIEN PARTI — DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

ANNESS I — Riżervi minimi

ANNESS II — Avviż dwar operazzjonijiet ta' sejħa għal offerti

ANNESS III — Allokazzjoni ta' sejħiet għal offerti u proċeduri ta' sejħiet għal offerti

ANNESS IV — Avviż dwar ir-riżultati ta' sejħa għal offerti

ANNESS V — Kriterji għall-għażla tal-kontropartijiet biex jipparteċipaw f'operazzjonijiet ta' intervent ta' kambju barrani

ANNESS VI — Użu transkonfinali ta' assi eliġibbli

ANNESS VII — Kalkolu ta' sanzjonijiet li għandhom jiġu applikati skont il-ħames parti

ANNESS VIII — Rekwiżiti ta' rappurtar ta' dejta tal-livell ta' self għal titoli ggarantiti minn assi

ANNESS IX — Proċess ta' monitoraġġ tar-rendiment tal-qafas ta' valutazzjoni tal-kreditu tal-eurosistema

ANNESS X — Livelli ta' haircuts ta' valutazzjoni

ANNESS XI — Forom ta' sigurtà

ANNESS XII — Eżempji ta' operazzjonijiet u proċeduri tal-politika monetarja tal-eurosistema

ANNESS XIII — Tabella ta' korrelazzjoni

ANNESS XIV — Linja gwida rrevokata b'lista tal-emendi suċċessivi tagħha

## L-EWWEL PARTI

## SUĠĠETT, KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET

*Artikolu 1*

### Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Din il-Linja Gwida tistabbilixxi r-regoli uniformi għall-implimentazzjoni tal-politika monetarja waħdanija mill-Eurosistema fl-Istati Membri kollha li l-munita tagħhom hija l-euro.

2. L-Eurosistema għandha tieħu l-miżuri xierqa kollha sabiex timplimenta operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema skont il-prinċipji, l-għodda, l-istrumenti, ir-rekwiżiti, il-kriterji u l-proċeduri stipulati f'din il-Linja Gwida.

3. Ir-relazzjoni ġuridika bejn l-Eurosistema u l-kontropartijiet tagħha għandha tkun stabbilita f'arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji xierqa applikati mill-BĊN relevanti, li fihom id-dispożizzjonijiet ta' din il-Linja Gwida jkunu implimentati kif suppost.

4. Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE jista', f'kull żmien, jibdel l-għodda, l-istrumenti, ir-rekwiżiti, il-kriterji u l-proċeduri għall-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema.

5. L-Eurosistema tirriżerva d-dritt li titlob u tikseb kwalunkwe informazzjoni relevanti mingħand il-kontrapartijiet li tkun meħtieġa sabiex twettaq il-kompiti tagħha u tikseb l-objettivi tagħha b'rabta mal-operazzjoni tal-politika monetarja. Dan id-dritt hu mingħajr preġudizzju għal drittijiet speċifiċi oħrajn eżistenti tal-Eurosistema biex titlob informazzjoni relatata ma' operazzjonijiet tal-politika monetarja.

*Artikolu 2*

### Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din il-Linja Gwida, għandhom japplikaw dawn id-definizzjonijiet:

(1) "konvenzjoni attwali/ta' għadd ta' 360 jum" tfisser il-konvenzjoni applikata f'operazzjonijiet ta' politika monetarja tal-Eurosistema li tiddetermina n-numru attwali ta' jiem kalendarji inklużi fil-kalkolu tal-imgħax billi tuża sena ta' 360 jum bħala l-bażi;

(2) "aġenzija" tfisser entitajiet li l-Eurosistema tkun ikklassifikat bħala aġenziji. Il-lista ta' entitajiet ikklassifikati bħala aġenziji hija ppubblikata fuq is-sit elettroniku tal-BĊE

(3) "titoli ggarantiti b'assi" (asset-backed securities — ABSs) tfisser strumenti ta' dejn liħuma ggarantiti b'aggregazzjoni ta' assi finanzjarji ring fenced (fissi jew li jduru), li jkunu mistennija jinqelbu f'kontanti f'perijodu ta' żmien finit. Barra minn hekk, jistgħu jeżistu drittijiet jew assi oħrajn li jiżguraw l-isservisjar jew id-distribuzzjoni f'waqtha tar-rikavat lid-detenturi tat-titolu. B'mod ġenerali, titoli ggarantiti b'assi jinħarġu minn vettura ta' investiment maħluqa speċjalment li tkun akkwistat l-aggregazzjoni ta' assi finanzjarji mingħand l-oriġinatur jew il-bejjiegħ. F'dan ir-rigward, il-ħlasijiet fuq it-titoli ggarantiti b'assi jiddependu primarjament fuq il-flussi ta' flus iġġenerati mill-assi fl-aggregazzjoni sottostanti u drittijiet oħrajn iddisinnjati biex jiżguraw ħlas f'waqtu, bħal faċilitajiet ta' likwidità, garanziji jew karatteristiċi oħrajn ġeneralment magħrufa bħala titjib ta' kreditu. , eż., eż.

(4) "proċedura bilaterali" tfisser proċedura li permezz tagħha l-BĊNi jew, f'ċirkustanzi eċċezzjonali l-NĊE, iwettqu operazzjonijiet ta' rfinar jew tranżazzjonijiet definittivi, direttament ma' kontroparti waħda jew aktar, jew permezz ta' boroż tal-ishma jew aġenti tas-suq, mingħajr ma jużaw proċeduri ta' sejħa għall-offerti.

(5) "sistema ta' entrata fil-kotba" tfisser sistema li tippermetti trasferimenti ta' titoli jew assi finanzjarji oħrajn li ma jinvolvux il-moviment fiżiku ta' dokumenti fil-forma ta' karta jew ċertifikati, eż. it-trasferiment elettroniku ta' titoli;

(6) "ġurnata tan-negozju" tfisser: (a) b'rabta ma' obbligu li jsir ħlas, kwalunkwe jum li fih TARGET2 ikun operattiv biex isir dan il-ħlas; jew (b) b'rabta ma' obbligu biex jintbagħtu assi, kull jum meta l-SSS li permezz tagħha tkun ser issir il-konsenja tkun miftuħa għan-negozju fil-post fejn ikollha ssir il-konsenja tat-titoli rilevanti;

(7) "depożitorju ċentrali tat-titoli" (CSD) tfisser entità li: (a) tippermetti li jiġu pproċessati u saldati tranżazzjonijiet ta' titoli b'entrata fi ktieb; (b) tipprovdi servizzi ta' kustodja, eż. l-amministrazzjoni ta' azzjonijiet korporattivi u fidi; u (c) ikollha rwol attiv sabiex tiġi żgurata l-integrità ta' ħruġ ta' titoli. It-titoli jistgħu jinżammu f'forma fiżika, imma mmobilizzata, jew f'forma dimaterjalizzata (jiġifieri jeżistu biss bħala rekords elettroniċi);

(8) "self kollateralizzat" tfisser arranġament bejn BĊÑ u kontroparti li permezz tagħha tiġi pprovduta likwidità lil kontroparti permezz ta' self li jkun iggarantit b'interess ta' garanzija infurzabbli mogħti minn dik il-kontroparti lill-BĊN, pereżempju fil-forma ta' rahan, ċessjoni jew piż mogħti fuq assi;

(9) "ġbir ta' depożiti għal terminu fiss" tfisser strument użat fit-twettiq ta' operazzjonijiet tas-suq miftuħ, li permezz tiegħu l-Eurosistema tistieden lill-kontropartijiet biex ipoġġu depożiti għal terminu fiss fuq kontijiet mal-BĊNi ta' pajjiżhom sabiex jassorbu likwidità mis-suq;

(10) "awtorità kompetenti" tfisser awtorità pubblika jew korp rikonoxxut uffiċjalment mil-liġi nazzjonali, li jingħataw is-setgħa mil-liġi nazzjonali li jissorveljaw istituzzjonijiet bħala parti mis-sistema ta' superviżjoni fl-Istat Membru relevanti;

(11) "kontroparti" tfisser istituzzjoni li tissodisfa l-kriterji ta' eliġibbiltà stabbiliti fil-Parti Tlieta li jintitolawha biex jaċċessaw l-operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema;

(12) "bonds koperti" tfisser strumenti ta' dejn li għandhom rikors doppju: (a) direttament jew indirettament lil istituzzjoni ta' kreditu; u (b) lil aggregazzjoni ta' kopertura dinamika ta' assi sottostanti, u li għalihom ma jkun hemm ebda segmentazzjoni tar-riskju. It-terminu jinkludi wkoll bonds jumbo koperti, bonds tradizzjonali koperti u bonds koperti oħrajn;

(13) "pretensjoni ta' kreditu" tfisser pretensjoni għall-ħlas lura ta' flus, li tikkostitwixxi obbligu ta' dejn ta' debitur fil-konfront ta' kontroparti. Il-pretensjonijiet ta' kreditu jinkludu wkoll *Schuldscheindarlehen* u pretensjonijiet privati rreġistrati fil-Pajjiżi l-Baxxi kontra l-gvern jew debituri eliġibbli oħrajn li jkunu koperti minn garanzija tal-gvern, eż. assoċjazzjonijiet tad-djar;

(14) "istituzzjoni ta' kreditu" tfisser istituzzjoni ta' kreditu skont it-tifsira tal-Artikolu 2(5) tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) u l-punt (1) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), li tkun soġġetta għal superviżjoni minn awtorità kompetenti jew istituzzjoni ta' kreditu bi sjieda pubblika skont it-tifsira tal-Artikolu 123(2) tat-Trattat li tkun soġġetta għal superviżjoni ta' standard kumparabbli ma' superviżjoni minn awtorità kompetenti;

(15) "klassifikazzjoni ta' kreditu" għandha l-istess tifsira mogħtija fl-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]);

([1]) Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

([3]) Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 1).

(16) “użu transkonfinali” tfisser is-sottomissjoni, bħala kollateral, minn kontroparti lill-BĊN domestiku ta’:

(i) assi negozjabbli miżmuma fi Stat Membru ieħor li l-munita tiegħu hija l-euro;

(ii) assi negozjabbli miżmuma fi Stat Membru ieħor u miżmuma fl-Istat Membru tal-BĊN domestiku;

(iii) pretensjonijiet ta’ kreditu meta l-ftehim tal-pretensjoni ta’ kreditu jkun irregolat bil-liġijiet ta’ Stat Membru ieħor li l-munita tiegħu tkun l-euro apparti dak tal-BĊN domestiku;

(iv) strumenti ta’ dejn ta’ bejgħ bl-imnut appoġġati b’ipoteka (RMBDs) skont il-proċeduri applikabbli tas-CCBM;

(17) “ħeġġ ta’ valuta” tfisser ftehim bejn emittent ta’ titoli u kontroparti ta’ ħeġġ, li jistabbilixxi li porzjon tar-riskju tal-valuta li jirriżulta mir-riċeviment ta’ flussi ta’ flus f’valuta li ma hijiex l-euro tkun immitigata bit-tpartit tal-flussi ta’ flus għal ħlasijiet bl-euro li għandu jsir mill-kontroparti fil-ħeġġ, inkluża kwalunkwe garanzija mill-kontroparti fil-ħeġġ ta’ dawk il-pagamenti;

(18) “kustodju” tfisser entità li tieħu ħsieb il-ħarsien u l-amministrazzjoni ta’ titoli u assi finanzjarji oħrajn f’isem ħaddieħor;

(19) “valur tas-suq default” tfisser, fir-rigward ta’ kwalunkwe assi fi kwalunkwe data:

(a) il-valur tas-suq ta’ dawk l-assi fil-ħin tal-valutazzjoni default ikkalkolat fuq il-bażi tal-prezz l-aktar rappreżentattiv fil-jum tan-negozju li jiġi qabel id-data tal-valutazzjoni; jew

(b) fin-nuqqas ta’ prezz rappresentattiv għal assi partikolari fil-jum tan-negozju li jiġi qabel id-data tal-valutazzjoni, jintuża l-aħħar prezz tan-negozju. Jekk ebda prezz tan-negozju ma jkun disponibbli, il-BĊN għandu jiddefinixxi prezz, waqt li jqis l-aħħar prezz identifikat għall-assi fis-suq ta’ referenza;

(c) fil-każ ta’ assi li għalihom ma jeżisti ebda valur tas-suq, kwalunkwe metodu ieħor raġonevoli ta’ valutazzjoni;

(d) jekk il-BĊN ikun biegħ l-assi jew assi ekwivalenti bil-prezz tas-suq qabel iż-żmien tal-valutazzjoni default, id-dħul nett mill-bejgħ, wara li jitnaqqsu l-kosti raġonevoli kollha, it-tariffi u l-ispejjeż imġarrba b’rabta ma’ dak il-bejgħ, u dak il-kalkolu għandu jsir u l-ammonti għandhom jiġu stabbiliti mill-BĊN;

(20) “konsenja kontra ħlas” jew “konsenja kontra sistema ta’ ħlas” tfisser mekkaniżmu f’sistema ta’ saldu ta’ skambju għall-valur li tiżgura li t-trasferiment finali, jiġifieri l-konsenja tal-assi, iseħħ biss malli jseħħ trasferiment finali korrispondenti ta’ assi oħrajn, jiġifieri l-ħlas;

(21) “faċilità ta’ depożitu” tfisser faċilità permanenti offruta mill-Eurosistema li l-kontropartijiet jistgħu jużaw biex jagħmlu depożiti mil-lejl għan-nhar permezz ta’ BĊN, li jkunu remunerati b’rata tal-imgħax speċifikata minn qabel.

(22) “rata tal-faċilità ta’ depożitu” tfisser ir-rata tal-imgħax applikata għall-faċilità ta’ depożitu;

(23) “użu domestiku tfisser” is-sottomissjoni, bħala kollateral, minn kontroparti stabbilita fi Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro, ta’ assi negozjabbli maħruġa u miżmuma fl-istess Stat Membru bħal dak tal-BĊN domestiku tagħha jew ta’ pretensjonijiet ta’ kreditu meta l-ftehim tal-pretensjoni ta’ kreditu jkun irregolat bil-liġijiet tal-Istat Membru tal-BĊN domestiku tagħha u RMBDs maħruġa minn entitajiet stabbiliti fl-Istat Membru tal-BĊN domestiku;

(24) “sistema ta’ allokazzjoni” tfisser sistema għall-ġestjoni tal-kollateral tal-BĊNi li permezz tagħha tiġi pprovduta likwidità kontra assi speċifikati u identifikabbli allokati bħala kollateral għal operazzjonijiet ta’ kreditu speċifikati tal-Eurosistema. Is-sostituzzjoni ta’ dawn l-assi b’assi eliġibbli speċifiċi oħrajn tista’ tkun awtorizzata mill-BĊN domestiku sakemm dawn ikunu allokati bħala kollateral u jkunu adegwati għall-operazzjoni speċifika;

(25) “assi eliġibbli” tfisser assi li jissodisfaw il-kriterji stipulati fil-Parti Erbgħa u b’hekk huma eliġibbli bħala kollateral għal operazzjonijiet ta’ kreditu tal-Eurosistema;

(26) “tmiem il-jum” tfisser il-ħin tal-jum tan-negozju wara l-għeluq ta’ TARGET 2 meta l-ħlasijiet ipproċessati f’TARGET2 jiġu ffinalizzati għal dakinhar;

(27) "indiċi ta' inflazzjoni taż-żona tal-euro" tfisser indiċi pprovdut mill-Eurostat jew minn awtorità nazzjonali tal-istatistika ta' Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro, eż. l-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet tal-Konsumatur (Harmonised Index of Consumer Prices — HICP);

(28) "Żona Ekonomika Ewropea" (ŻEE) tfisser l-Istati Membri kollha, irrispettivament minn jekk ikunux aderixxew formalment maż-ŻEE jew le, flimkien mal-Islanda, Liechtenstein u n-Norveġja;

(29) "Eurosistema" tfisser il-BĊE u l-BĊNi;

(30) "Jum tax-xogħol tal-Eurosistema" tfisser kwalunkwe jum meta l-BĊE u ta' mill-inqas BĊN wieħed ikunu miftuħa bl-iskop li jwettqu operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema;

(31) "Operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema" tfisser: (a) tranżazzjonijiet bil-maqlub li jipprovdu likwidità, jiġifieri operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema li jipprovdu likwidità esklużi swaps tal-kambju barrani għal skopijiet tal-politika monetarja u xirjiet definittivi; u (b) kreditu fl-istess ġurnata;

(32) "Operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema" tfisser operazzjonijiet tas-suq miftuħ u faċilitajiet permanenti;

(33) "Qafas ta' Valutazzjoni tal-Utenti tal-Eurosistema" tfisser il-qafas, li huma disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-BĊE, għall-valutazzjoni ta' SSSs u links sabiex tiġi ddeterminata l-eliġibbiltà tagħhom biex jintużaw f'operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema;

(34) "trasferiment finali" tfisser trasferiment irrevokabbli u mingħajr kondizzjonijiet li jaffettwa t-twettiq tal-obbligu li jsir it-trasferiment;

(35) "korporazzjoni finanzjarja" għandha l-istess tifsira bħal fir-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

(36) "operazzjonijiet ta' rfinar" tfisser kategorija ta' operazzjonijiet tas-suq miftuħ eżegwiti mill-Eurosistema, b'mod partikolari sabiex jiġu indirizzati varjazzjonijiet tal-likwidità fis-suq;

(37) "kupuni fissi" tfisser strumenti ta' dejn bi ħlas predeterminat ta' imgħax perijodiku;

(38) "proċedura ta' sejħa għall-offerti b'rata fissa" tfisser proċedura ta' sejħa għall-offerti li permezz tagħha l-BĊE jispeċifika r-rata tal-imgħax, il-prezz, il-punt ta' swap jew firxa qabel il-proċedura ta' sejħa għal offerti u l-kontropartijiet parteċipanti joffru l-ammont għat-transazzjoni li jixtiequ jagħmlu b'dik ir-rata tal-imgħax, prezz, punt ta' swap jew firxa fissi;

(39) "kupun varjabbli" tfisser kupun marbut ma' rata ta' imgħax ta' referenza b'perijodu ta' risettjar li jikkorrispondi għal dan il-kupun ta' mhux aktar minn sena;

(40) "swap ta' kambju barrani għal skopijiet tal-politika monetarja" huwa strument użat fit-twettiq ta' operazzjonijiet tas-suq miftuħ li permezz tagħhom l-Eurosistema tixtri jew tbiegħ l-euro fi transazzjoni spot kontra munita barranija u, fl-istess ħin, tbigħha jew tixtriha lura fi transazzjoni forward f'data ta' xiri lura speċifikata;

(41) "BĊN domestiku" tfisser il-BĊN tal-Istat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro fejn il-kontroparti tkun stabbilita;

(42) "kalendarju indikattiv għall-operazzjonijiet regolari ta' sejħiet għall-offerti tal-Eurosistema" tfisser kalendarju mħejji mill-Eurosistema, kif approvat mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE, li jindika t-tempestività tal-perijodu ta' żamma tar-riżervi, kif ukoll it-tħabbir, l-allokazzjoni u l-maturità tal-operazzjonijiet prinċipali ta' rifinanzjament u l-operazzjonijiet ta' rifinanzjament regolari fuq żmien itwal;

(43) "depożitorju ċentrali internazzjonali tat-titoli" (ICSD) tfisser CDS li jkun attiv fis-saldu ta' titoli nnegozjati internazzjonalment minn diversi swieq internazzjonali, tipikament bejn diversi żoni ta' muniti;

(44) "organizzazzjoni internazzjonali" tfisser entità elenkata fl-Artikolu 118 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, fejn l-iskoperturi għal dik l-entità jiġu assenjati piż ta' riskju ta' 0 %;

(45) "numru internazzjonali ta' identifikazzjoni tat-titoli" (ISIN) tfisser il-kodiċi ta' identifikazzjoni internazzjonali assenjat għat-titoli maħruġa fi swieq finanzjarji;

---

([1]) Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea (ESA 2010) (ĠU L 174, 26.6.2013, p. 1).

(46) "kreditu fl-istess ġurnata" tfisser kreditu estiż għal perijodu ta' anqas minn jum ta' negozju wieħed kif iddefinit fil-Linja Gwida BĊE/2012/27;

(47) "ħruġ ta' ċertifikati ta' dejn mill-BĊE" tfisser strument tal-politika monetarja użat fit-twettiq ta' operazzjonijiet tas-suq miftuħ, li permezz tiegħu il-BĊE joħroġ ċertifikati ta' dejn li jirrappreżentaw obbligu ta' dejn tal-BĊE b'rabta mad-detentur taċ-ċertifikat;

(48) "bonds koperti jumbo" tfisser bonds koperti maħruġa skont ir-rekwiżiti fl-Artikolu 52(4) tad-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) u b'volum ta' ħruġ ta' mill-inqas EUR 1 biljun, li għalihom ta' mill-inqas tliet market-makers jipprovdu kwotazzjonijiet regolari ta' offerta u talba;

(49) "riċevibbli ta' kiri" tfisser il-pagamenti skedati u b'mandat kuntrattwali li jsiru mil-lokatarju lil-lokatur taħt it-termini ta' ftehim ta' kiri. Il-valuri residwi ma humiex riċevibbli ta' kiri;

(50) "appoġġ ta' likwidità" tfisser kwalunkwe karatteristika strutturali, attwali jew potenzjali li tkun imfassla jew meqjusa xierqa biex tkopri kwalunkwe nuqqas temporanju ta' fluss ta' flus li jista' jseħħ matul il-ħajja ta' transazzjoni ABS;

(51) "operazzjonijiet ta' rifinanzjament fuq żmien itwal" (longer-term refinancing operations — LTROs) tfisser kategorija ta' operazzjonijiet tas-suq miftuħ li huma eżegwiti mill-Eurosistema fil-forma ta' tranżazzjonijiet bil-maqlub li jkunu mmirati biex jipprovdu likwidità b'maturità itwal minn dik tal-operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament għas-settur finanzjarju;

(52) "operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin" (MROs) tfisser kategorija ta' operazzjonijiet regolari tas-suq miftuħ li jkunu eżegwiti mill-Eurosistema fil-forma ta' tranżazzjonijiet bil-maqlub;

(53) "perijodu ta' żamma" għandha l-istess tifsira kif iddefinita fir-Regolament (KE) Nru 1745/2003 (BĊE/2003/9);

(54) "sejħa ta' marġni" tfisser proċedura relatata mal-applikazzjoni ta' marġni ta' varjazzjoni, li timplika li jekk il-valur tal-assi mmobilizzati bħala kollateral minn kontroparti, kif imkejjel regolarment, jaqa' taħt ċertu livell, l-Eurosistema teħtieġ li l-kontroparti jipprovdi assi eliġibbli jew flus kontanti addizzjonali. Għal sistemi ta' aggregazzjoni, sejħa ta' marġni ssir biss f'każijiet ta' sotto-kollateralizzazzjoni, u għal sistemi ta' allokazzjoni jsiru sejħtiet ta' marġini simetriċi, b'kull metodu kif speċifikat ulterjorment fid-dokumentazzjoni nazzjonali tal-BĊN domestiku;

(55) "rata ta' mgħax marġinali" tfisser l-aktar rata tal-imgħax baxxa fi proċeduri ta' sejħiet għall-offerti b'rata baxxa li jipprovdu likwidità fejn l-offerti jkunu sodisfatti, jew l-ogħla rata tal-imgħax fi proċeduri ta' sejħiet għall-offerti b'rata varjabbli li jassorbu l-likwidità fejn l-offerti jkunu sodisfatti;

(56) "faċilità ta' tislif marġinali" tfisser faċilità permanenti offruta mill-Eurosistema li l-kontropartijiet jistgħu jużaw biex jirċievu kreditu mil-lejl għan-nhar mill-Eurosistema permezz ta' BĊN b'rata ta' imgħax speċifikata minn qabel soġġetta għar-rekwiżit ta' assi eliġibbli suffiċjenti bħala kollateral;

(57) "rata tal-faċilità ta' self marginali" tfisser ir-rata ta' imgħax applikata għall-faċilità ta' self marġinali;

(58) "kwotazzjoni tal-punt ta' swap marġinali" tfisser il-kwotazzjoni tal-punt ta' swap fejn l-allokazzjoni totali ta' sejħiet għall-offerti tkun eżawrita;

(59) "assi negozjabbli" tfisser strumenti ta' dejn li jiddaħħlu għan-negozjar f'suq u li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà stipulati fil-Parti Erbgħa;

(60) "data ta' maturità" tfisser id-data meta operazzjoni tal-politika monetarja tal-Eurosistema tiskadi. F'każ ta' ftehim ta' xiri mill-ġdid jew swap, id-data ta' maturità tikkorrispondi għad-data ta' xiri mill-ġdid;

(61) "Stat Membru" tfisser Stat Membru tal-Unjoni;

(62) "*multi cédulas*" tfisser strumenti ta' dejn maħruġa minn SPVs Spanjoli speċifiċi (Fondo de Titulización de Activos, FTA) li jippermettu li ċertu numru ta' *cédulas* singoli ta' daqs żgħir (bonds koperti Spanjoli) minn bosta oriġinaturi jiġu aggregati;

([1]) Direttiva 2009/65 KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li jirrelataw għal impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32).

(63) "bank ta' żvilupp multilaterali" tfisser entità elenkata fl-Artikolu 117(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, fejn l-iskoperturi għal dik l-entità jiġu assenjati piż ta' riskju ta' 0 %;

(64) "irkant b'rata multipla (Irkant Amerikan)" tfisser irkant li fih ir-rata ta' imgħax tal-allokazzjoni jew il-prezz jew punt ta' swap tkun ugwali għar-rata ta' imgħax offruta f'kull offerta individwali;

(65) "kupun b'diversi passi" tfisser struttura ta' kupun fejn il-parti tal-marġini (*x*) tiżdied aktar minn darba matul il-ħajja tal-assi skont skeda predeterminata f'dati predeterminati, normalment id-data tas-sejħa jew id-data tal-ħlas tal-kupun.

(66) "bank ċentrali nazzjonali" (BĊN) tfisser bank ċentrali nazzjonali ta' Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro;

(67) "jum tan-negozju ta' BĊN" tfisser kull jum li fih BĊN ikun miftuħ bl-iskop li jwettaq operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema, inklużi l-jiem meta l-fergħat ta' dak il-BĊN jistgħu jkunu magħluqa minħabba festi pubbliċi lokali jew reġjonali;

(68) "pajjiżi tal-G10 li mhumiex membri taż-ŻEE" tfisser il-pajjiżi li jipparteċipaw fil-Grupp ta' Għaxra (G10) li ma humiex pajjiżi membri taż-ŻEE, jiġifieri l-Istati Uniti tal-Amerika, il-Kanada, il-Ġappun u l-Isvizzera;

(69) "korporazzjoni mhux finanzjarja" għandha l-istess tifsira bħal fir-Regolament (UE) Nru 549/2013;

(70) "assi mhux negozjabbli" tfisser kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin: depożiti għal perijodu fiss, pretensjonijiet ta' kreditu u RMBDs;

(71) "bonds koperti oħrajn" tfisser bonds koperti strutturali u *multi cédulas*;

(72) "tranżazzjoni definittiva" tfisser strument użat fit-twettiq ta' operazzjonijiet tas-suq miftuħ, fejn l-Eurosistema tixtri jew tbiegħ assi negozjabbli eliġibbli b'mod definittiv fis-suq (spot jew forward), li jirriżulta fi trasferiment sħiħ tas-sjieda mill-bejjiegħ lix-xerrej mingħajr ebda trasferiment bil-maqlub konness tas-sjieda;

(73) "sistema ta' aggregazzjoni" tfisser sistema għall-ġestjoni tal-kollateral tal-BĊNi, li permezz tagħha kontroparti żżomm kont aggregat ma' BĊN biex tiddepożita assi li jikkollateralizzaw l-operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema relatati ta' dik il-kontroparti, fejn l-assi jiġu rreġistrati b'tali mod li assi eliġibbli individwali ma jkunx marbut ma' operazzjoni ta' kreditu speċifika tal-Eurosistema u l-kontroparti tkun tista' tissostitwixxi assi eliġibbli fuq bażi ta' kontinwa;

(74) "klassifikazzjoni ta' kreditu pubbliku" tfisser klassifikazzjonijiet ta' kreditu li jkunu: (a) maħruġa minn aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu rreġistrati fl-Unjoni u aċċettati mill-Eurosistema; u (b) żvelati pubblikament jew iddistribwiti b'abbonament;

(75) "entità tas-settur pubbliku" tfisser entità li tkun ikklassifikata minn awtorità tal-istatistika nazzjonali bħala unità fi ħdan is-settur pubbliku għall-finijiet tar-Regolament (UE) Nru 549/2013;

(76) "sejħa għall-offerti mgħaġġla" tfisser proċedura ta' sejħa għall-offerti, li normalment tiġi eżegwita fi żmien 105 minuta mit-tħabbir tas-sejħa għall-offerti għaċ-ċertifikazzjoni tar-riżultat tal-allokazzjoni, u li tista' tkun ristretta għal għadd limitat ta' kontropartijiet, kif speċifikat ulterjorment fil-Parti Tnejn;

(77) "ftehim ta' xiri mill-ġdid" tfisser ftehim li permezz tiegħu assi eleġibbli jinbiegħ lil xerrej mingħajr iż-żamma tas-sjieda min-naħa tal-bejjiegħ, waqt li l-bejjiegħ simultanjament jikseb id-dritt u l-obbligu li jixtri mill-ġdid assi ekwivalenti bi prezz speċifiku f'data futura jew fuq talba;

(78) "data ta' xiri mill-ġdid" tfisser id-data meta x-xerrej ikun obbligat li jbiegħ lura assi ekwivalenti lill-bejjiegħ b'rabta ma' tranżazzjoni taħt ftehim ta' xiri mill-ġdid;

(79) "prezz ta' xiri mill-ġdid" tfisser il-prezz meta x-xerrej ikun obbligat li jbiegħ lura assi ekwivalenti lill-bejjiegħ b'rabta ma' transazzjoni taħt ftehim ta' xiri mill-ġdid. Il-prezz tax-xiri mill-ġdid huwa ekwivalenti għas-somma tal-prezz tax-xiri u d-differenza fil-prezz li tikkorrispondi għall-imgħax fuq il-likwidità avvanzata fuq il-maturità tal-operazzjoni;

(80) "tranżazzjoni bil-maqlub" tfisser strument użat fit-twettiq ta' operazzjonijiet tas-suq miftuħ u meta jiġi pprovdut aċċess għall-faċilità ta' self marġinali fejn BĊN jixtri jew ibiegħ assi eliġibbli taħt ftehim ta' xiri mill-ġdid jew iwettaq operazzjonijiet ta' kreditu fil-forma ta' self kollateralizzat;

(81) "kont ta' kustodja sigura" tfisser kont ta' titoli amministrati minn ICSD, CSD jew BĊN fejn l-istituzzjonijiet ta' kreditu jistgħu jpoġġu titoli eliġibbli għal operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema;

(82) "sistema ta' saldu tat-titoli" (SSS) tfisser sistema li tippermetti t-trasferiment ta' titoli, jew b'xejn *free of payment — FOP) jew inkella bi ħlas (konsenja kontra ħlas);

(83) "data tas-saldu" tfisser id-data meta tranżazzjoni tiġi saldata;

(84) "irkant b'rata waħda (irkant Olandiż)" tfisser irkant fejn ir-rata ta' imgħax tal-allokazzjoni jew il-prezz jew punt ta' swap applikata għall-offerti sodisfatti kollha tkun ugwali għar-rata ta' imgħax marġinali jew il-prezz jew punt ta' swap;

(85) "Vettura bi Skop Speċjali" (Special Purpose Vehicle — SPV) tfisser entità bi skop speċjali ta' titolizzazzjoni kif iddefinita fil-punt (66) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(86) "sejħa għall-offerti standard" tfisser proċedura ta' sejħa għall-offerti li normalment titwettaq fi żmien 24 siegħa mill-avviż tas-sejħa għall-offerti saċ-ċertifikazzjoni tar-riżultat tal-allokazzjoni;

(87) "operazzjonijiet strutturali" tfisser kategorija ta' operazzjonijiet tas-suq miftuħ eżegwiti mill-Eurosistema biex taġġusta l-pożizzjoni ta' likwidità strutturali tal-Eurosistema fil-konfront tas-settur finanzjarju jew biex issegwi skopijiet oħrajn tal-politika monetarja kif speċifikat ulterjorment fil-Parti Tnejn;

(88) "bonds koperti strutturati" tfisser bonds koperti, bl-eċċezzjoni ta' multi-cédulas, li ma jinħarġux skont ir-rekwiżiti taħt l-Artikolu 52(4) tad-Direttiva 2009/65/KE;

(89) "punt ta' swap" tfisser id-differenza bejn ir-rata tal-kambju tat-tranżazzjoni forward u r-rata tal-kambju tat-tranżazzjoni spot fi swap tal-kambju barrani, ikkwotata skont il-konvenzjonijiet ġenerali tas-suq;

(90) "ħruġ tap" jew "ħarġa tap" tfisser ħarġa li tifforma serja waħda ma' ħruġ jew ħarġa preċedenti;

(91) "TARGET2" tfisser is-sistema ta' saldu gross ta' dak il-ħin stess għall-euro, li tipprovdi saldu ta' ħlasijiet f'euro fi flus tal-bank ċentrali, irregolata taħt il-Linja ta' Gwida BĊE/2012/27;

(92) "proċedura ta' sejħa għall-offerti" tfisser proċedura li permezz tagħha l-Eurosistema tipprovdi jew tirtira likwidità mis-suq li permezz tagħha l-BĊN jidħol fi tranżazzjonijiet billi jaċċetta offerti sottomessi mill-kontropartijiet wara avviż pubbliku;

(93) "data tan-negozju (T)" tfisser id-data meta jsir negozju, jiġifieri ftehim dwar transazzjoni finanzjarja bejn żewġ kontropartijiet. Id-data tan-negozju tista' tikkoinċidi mad-data tas-saldu għat-tranżazzjoni (saldu dakinhar stess) jew tippreċedi d-data tas-saldu b'numru speċifikat ta' jiem tan-negozju (id-data tas-saldu hija speċifikata bħala T + id-dewmien fis-saldu);

(94) "bonds koperti tradizzjonali" tfisser bonds koperti, minbarra bonds koperti jumbo, li jinħarġu skont ir-rekwiżiti taħt l-Artikolu 52(4) tad-Direttiva 2009/65/KE;

(95) "aġent tripartit" tfisser operatur ta' SSS li jkun daħal f'kuntratt ma' BĊN li permezz tiegħu dak l-operatur ikollu jipprovdi ċerti servizzi ta' ġestjoni tal-kollateral bħala aġent ta' dak il-BĊN;

(96) "Unjoni" tfisser l-Unjoni Ewropea;

(97) "haircut ta' valutazzjoni" tfisser tnaqqis perċentwali applikat għall-valur tas-suq ta' assi mmobilizzat bħala kollateral f'operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema;

(98) "tnaqqis fil-valutazzjoni" tfisser ċertu tnaqqis perċentwali fil-valur tas-suq ta' assi, immobilizzat bħala kollateral fl-operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema, qabel l-applikazzjoni ta' kwalunkwe haircut ta' valutazzjoni;

(99) "proċedura ta' sejħa għall-offerti b'rata varjabbli" tfisser proċedura ta' sejħa għall-offerti fejn il-kontropartijiet parteċipanti joffru kemm l-ammont tat-tranżazzjoni li jridu jagħmlu u r-rata tal-imgħax, il-punt ta' swap jew il-prezz li bih iridu jidħlu fi tranżazzjonijiet mal-Eurosistema f'kompetizzjoni ma' xulxin, u fejn l-aktar offerti kompetittivi jiġu sodisfatti l-ewwel sakemm l-ammont totali offrut jiġi eżawrit;

(100) "kupun żero" tfisser titolu ta' dejn mingħajr ebda ħlasijiet ta' kupun perijodiċi.

IT-TIENI PARTI

## L-GĦODOD, L-OPERAZZJONIJIET, L-ISTRUMENTI U L-PROĊEDURI TAL-POLITIKA MONETARJA TAL-EUROSISTEMA

*Artikolu 3*

### Il-qafas ta' implimentazzjoni tal-politika monetarja tal-Eurosistema

1. L-għodod użati mill-Eurosistema fl-implimentazzjoni tal-politika monetarja għandhom jikkonsistu f'dawn:

(a) operazzjonijiet tas-suq miftuħ;

(b) faċilitajiet permanenti;

(c) rekwiżiti ta' riżervi minimi.

2. Ir-rekwiżit tar-riżervi minimi huwa speċifikat fir-Regolament (KE) Nru 2531/98 u r-Regolament (KE) Nru 1745/2003 (BĊE/2003/9). Ċerti karatteristiċi tar-rekwiżit tar-riżervi minimi huma spjegati fl-Anness I għal finijiet ta' informazzjoni.

*Artikolu 4*

### Karatteristiċi indikattivi tal-operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema

Ħarsa ġenerali lejn il-karatteristiċi tal-operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema hija ppreżentata fit-Tabella 1.

*Tabella 1*

**Ħarsa ġenerali lejn il-karatteristiċi tal-operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema**

| Kategoriji tal-operazzjonijiet tal-politika monetarja | | Tipi ta' strumenti | | Maturità | Frekwenza | Proċedura |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Għoti ta' likwidità | Assorbiment tal-likwidità | | | |
| Operazzjonijiet tas-suq miftuħ | Operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin | Tranżazzjonijiet bil-maqlub | — | Ġimgħa | Kull ġimgħa | Proċeduri ta' sejħiet għall-offerti standard |
| | Operazzjonijiet ta' rifinanzjament fuq żmien itwal | Tranżazzjonijiet bil-maqlub | — | Tliet xhur (*) | Kull xahar (*) | Proċeduri ta' sejħiet għall-offerti standard |
| | Operazzjonijiet ta' rfinar | Tranżazzjonijiet bil-maqlub | Tranżazzjonijiet bil-maqlub | Mhux standardizzat | Mhux standardizzat | Proċeduri ta' sejħiet għall-offerti |
| | | Swaps tal-kambju barrani | Swaps tal-kambju barrani | | | Proċeduri bilaterali |
| | | | Ġbir ta' depożiti b'terminu fiss | | | |
| | Operazzjonijiet strutturali | Tranżazzjonijiet bil-maqlub | Tranżazzjonijiet bil-maqlub | Mhux standardizzat | Mhux standardizzat | Proċeduri ta' sejħiet għall-offerti standard |
| | | — | Ħruġ ta' ċertifikati ta' dejn tal-BĊE | Inqas minn 12-il xahar | Mhux standardizzat | |
| | | Xiri assolut | Bejgħ assolut | — | Mhux standardizzat | Proċeduri ta' sejħiet għall-offerti<br>Proċeduri bilaterali |

| Kategoriji tal-operazzjonijiet tal-politika monetarja | | Tipi ta' strumenti | | Maturità | Frekwenza | Proċedura |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Għoti ta' likwidità | Assorbiment tal-likwidità | | | |
| Faċilitajiet permanenti | Faċilità ta' self marġinali | Tranżazzjonijiet bil-maqlub | — | Mil-lejl għan-nhar | Aċċess fid-diskrezzjoni tal-kontropartijiet | |
| | Faċilità ta' depożitu | — | Depożiti | Mil-lejl għan-nhar | Aċċess fid-diskrezzjoni tal-kontropartijiet | |

(*) Soġġett għall-Artikolu 7(4).

TITOLU I

**OPERAZZJONIJIET TAS-SUQ MIFTUĦ**

*KAPITOLU 1*

***Ħarsa ġenerali lejn operazzjonijiet tas-suq miftuħ***

*Artikolu 5*

**Ħarsa ġenerali lejn kategoriji u strumenti fir-rigward ta' operazzjonijiet tas-suq miftuħ**

1. L-Eurosistema tista' twettaq operazzjonijiet tas-suq miftuħ biex tidderieġi rati tal-imgħax, tamministra s-sitwazzjoni tal-likwidità fis-suq finanzjarju u tissenjala l-pożizzjoni tal-politika monetarja.

2. Skont l-iskop speċifiku tagħhom, l-operazzjonijiet tas-suq miftuħ jistgħu jiġu aggregati taħt dawn il-kategoriji:

(a) operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin;

(b) operazzjonijiet ta' rifinanzjament fuq żmien itwal;

(c) operazzjonijiet ta' rfinar;

(d) operazzjonijiet strutturali;

3. Operazzjonijiet tas-suq miftuħ għandhom jitwettqu permezz tal-istrumenti li ġejjin:

(a) tranżazzjonijiet bil-maqlub;

(b) swaps tal-kambju barrani għal skopijiet tal-politika monetarja;

(c) ġbir ta' depożiti b'terminu fiss;

(d) ħruġ ta' ċertifikati ta' dejn tal-BĊE;

(e) tranżazzjonijiet diretti.

4. Rigward il-kategoriji speċifiċi ta' operazzjonijiet tas-suq miftuħ stipulati fil-paragrafu 2, l-istrumenti li ġejjin li għalihom issir referenza fil-paragrafu 3 għandhom ikunu applikabbli:

(a) MROs u LTROs jitwettqu esklużivament permezz ta' tranżazzjonijiet bil-maqlub;

(b) operazzjonijiet ta' rfinar jistgħu jitwettqu permezz ta':

(i) tranżazzjonijiet bil-maqlub;

(ii) swaps tal-kambju barrani għal skopijiet tal-politika monetarja;

(iii) ġbir ta' depożiti b'terminu fiss;

(c) operazzjonijiet strutturali jistgħu jitwettqu permezz ta':

(i) tranżazzjonijiet bil-maqlub;

(ii) ħruġ ta' ċertifikati ta' dejn tal-BĊE;

(iii) tranżazzjonijiet diretti.

5. Il-BĊE għandu jibda operazzjoni tas-suq miftuħ u għandu jiddeċiedi wkoll dwar it-termini u l-kundizzjonijiet għall-eżekuzzjoni tagħhom u dwar l-istrument li għandu jintuża.

*KAPITOLU 2*

***Kategoriji ta' operazzjonijiet tas-suq miftuħ***

*Artikolu 6*

**Operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin**

1. L-Eurosistema għandha twettaq MROs permezz ta' tranżazzjonijiet bil-maqlub.

2. Rigward il-karatterisitiċi operattivi tagħhom, l-MROs:

(a) huma operazzjonijiet li jipprovdu likwidità;

(b) normalment jitwettqu kull ġimgħa skont il-kalendarju indikattiv għall-operazzjonijiet regolari ta' sejħiet għall-offerti tal-Eurosistema;

(c) normalment ikollhom maturità ta' ġimgħa, kif indikat fil-kalendarju indikattiv għall-operazzjonijiet regolari ta' sejħiet għall-offerti tal-Eurosistema, soġġett għall-eċċezzjoni stipulata fil-paragrafu 3;

(d) huma eżegwiti b'mod deċentralizzat mill-BĊNi;

(e) huma eżegwiti permezz ta' proċeduri standard ta' sejħiet għall-offerti;

(f) huma soġġetti għall-kriterji ta' eliġibbiltà stipulati fl-Artikolu 55 li għandhom jiġu sodisfatti mill-kontropartijiet kollha li jissottomettu offerti għal dawk l-operazzjonijiet;

(g) huma bbażati fuq assi eliġibbli bħala kollateral.

3. Il-maturità tal-MROs tista' tvarja skont il-festi pubbliċi differenti fi Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

4. Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE għandu jiddeċiedi dwar ir-rati tal-imgħax għall-MROs fuq bażi regolari. Ir-rati tal-imgħax riveduti għandhom isiru effettivi mill-bidu tal-perijodu l-ġdid ta' żamma tar-riżervi.

5. Minkejja l-paragrafu 4, il-Kunsill Governattiv tal-BĊE jista' jbiddel ir-rata tal-imgħax għall-MROs fi kwalunkwe żmien. Dik id-deċiżjoni għandha ssir effettiva mhux aktar kmieni mill-jum tan-negozju ta' wara tal-Eurosistema.

6. L-MROs huma eżegwiti permezz ta' proċeduri ta' sejgħiet għall-offerti b'rata fissa jew proċeduri ta' sejgħiet għall-offerti b'rata varjabbli, kif deċiż mill-Eurosistema.

*Artikolu 7*

**Operazzjonijiet ta' rifinanzjament fuq żmien itwal**

1. L-Eurosistema għandha twettaq LTROs permezz ta' tranżazzjonijiet bil-maqlub sabiex tipprovdi lill-kontropartijiet b'likwidità b'maturità itwal minn dik tal-MROs.

2. Rigward il-karatterisitiċi operazzjonali tagħhom, l-LTROs:

(a) huma operazzjonijiet bil-maqlub li jipprovdu likwidità;

(b) jitwettqu regolarment kull xahar skont il-kalendarju indikattiv għall-operazzjonijiet regolari ta' sejħiet għall-offerti tal-Eurisostema, soġġett għall-eċċezzjoni stipulata fil-paragrafu 4;

(c) normalment ikollhom maturità ta' tliet xhur skont il-kalendarju indikattiv għall-operazzjonijiet regolari ta' sejħiet għall-offerti tal-Eurisostema, soġġett għall-eċċezzjoni stipulata fil-paragrafi 3 u 4;

(d) huma eżegwiti b'mod deċentralizzat mill-BĊNi;

(e) huma eżegwiti permezz ta' proċeduri standard ta' sejħiet għall-offerti;

(f) huma soġġetti għall-kriterji ta' eliġibbiltà stipulati fl-Artikolu 55 li għandhom jiġu sodisfatti mill-kontropartijiet kollha li jissottomettu offerti għal dawk l-operazzjonijiet;

(g) huma bbażati fuq assi eliġibbli bħala kollateral.

3. Il-maturità tal-LTROs tista' tvarja skont il-festi pubbliċi differenti fi Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

4. L-Eurosistema tista' twettaq, fuq bażi mhux regolari, LTROs b'maturità differenti minn tliet xhur. Dawk l-operazzjonijiet ma humiex speċifikati fil-kalendarju indikattiv għall-operazzjonijiet regolari ta' sejħiet għall-offerti tal-Eurosistema.

5. LTROs b'maturità ta' aktar minn tliet xhur, li jitwettqu fuq bażi mhux regolari, kif imsemmi fil-paragrafu 4, jista' jkollhom klawżola ta' ħlas lura bikri. Dik il-klawsola ta' ħlas lura bikri tista' tirrappreżenta jew għażla jew inkella obbligu għall-kontropartijiet li taħtha huma jħallsu lura l-ammonti kollha li jkunu ġew allokati f'operazzjoni partikolari, jew parti minnhom. Il-klawsoli obbligatorji ta' ħlas lura bikri għandhom ikunu bbażati fuq kundizzjonijiet espliċiti u ddefiniti minn qabel. Id-dati meta l-ħlasijiet lura bikrin isiru effettivi għandhom jitħabbru mill-Eurosistema fil-ħin tat-tħabbir tal-operazzjonijiet. L-Eurosistema tista' tiddeċiedi f'ċirkustanzi eċċezzjonali li tissospendi ħlasijiet lura bikrin f'dati speċifiċi fuq il-bażi ta', *inter alia*, vaganzi pubbliċi fi Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

6. LTROs huma eżegwiti permezz ta' proċeduri ta' sejħa għall-offerti b'rata varjabbli, sakemm ma jiġix deċiż mill-Eurosistema li dawn għandhom jiġu eżegwiti permezz ta' proċedura ta' sejħa għall-offerti b'rata fissa. F'każ bħal dan, ir-rata applikabbli għal proċeduri ta' sejħa għall-offerti b'rata fissa tista' tiġi indiċjata ma' rata ta' referenza sottostanti, eż. rata MRO medja) matul il-ħajja tal-operazzjoni, b'firxa jew mingħajr.

*Artikolu 8*

**Operazzjonijiet ta' rfinar**

1. L-Eurosistema tista' twettaq operazzjonijiet ta' rfinar permezz ta' tranżazzjonijiet bil-maqlub, swaps tal-kambju barrani għal skopijiet tal-politika monetarja jew il-ġbir ta' depożiti għal terminu fiss, b'mod partikolari sabiex tindirizza varjazzjonijiet tal-likwidità fis-suq.

2. Rigward il-karatterisitiċi operazzjonali tagħhom, l-operazzjonijiet ta' rfinar:

(a) jistgħu jitwettqu jew bħala operazzjoni li tipprovdi l-likwidità jew li tassorbi l-likwidità;

(b) ikollhom frekwenza u maturità li normalment ma jkunux standardizzati;

(c) normalment jiġu eżegwiti permezz ta' proċeduri mgħaġġla ta' sejħiet għall-offerti, ħlief jekk l-Eurosistema tiddeċiedi li twettaq l-operazzjoni ta' rfinar speċifika b'mezzi oħrajn (proċedura standard ta' sejħa għall-offerti jew proċedura bilaterali) fid-dawl ta' kunsiderazzjonijiet speċifiċi tal-politika monetarja jew sabiex ikun hemm reazzjoni għall-kundizzjonijiet tas-suq;

(d) huma eżegwiti b'mod deċentralizzat mill-BĊNi, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 45(3);

(e) huma soġġetti għall-kriterji ta' eliġibbiltà għal kontropartijiet kif speċifikat fil-Parti Tlieta, skont:

(i) it-tip speċifiku ta' strument għat-twettiq ta' operazzjonijiet ta' rfinar; u

(ii) il-proċedura applikabbli għal dak it-tip ta' strument speċifiku;

(f) meta jitwettqu permezz ta' tranżazzjonijiet bil-maqlub, li jkunu bbażati fuq assi eliġibbli bħala kollateral.

3. Il-BĊE jista' jwettaq operazzjonijiet ta' rfinar fi kwalunkwe jum ta' negozju tal-Eurosistema sabiex jindirizza żbilanċi tal-likwidità fil-perijodu ta' żamma tar-riżervi. Jekk il-jum tal-kummerċ, il-jum tas-saldu jew il-jum tar-rimborż ma jkunux jiem ta' negozju tal-BĊN, il-BĊN relevanti jista' ma jwettaqx dawk l-operazzjonijiet.

4. L-Eurosistema għandha żżomm grad għoli ta' flessibbiltà fir-rigward tal-għażla tagħha tal-proċeduri u karatteristiċi operattivi fit-twettiq ta' operazzjonijiet ta' rfinar, sabiex tirreaġixxi għall-kundizzjonijiet tas-suq.

*Artikolu 9*

**Operazzjonijiet strutturali**

1. L-Eurosystem tista' twettaq operazzjonijiet strutturali permezz ta' tranżazzjonijiet bil-maqlub, il-ħruġ ta' ċertifikati ta' dejn mill-BĊE jew tranżazzjonijiet definittivi sabiex taġġusta l-pożizzjoni strutturali tal-Eurosistema fil-konfront tas-sistema finanzjarja, jew issegwi skopijiet oħrajn ta' implimentazzjoni tal-politika monetarja.

2. Rigward il-karatterisitiċi operazzjonali tagħhom, l-operazzjonijiet strutturali:

(a) huma operazzjonijiet li jipprovdu likwidità jew li jassorbu likwidità;

(b) għandhom frekwenza u maturità li ma hijiex standardizzata;

(c) huma eżegwiti permezz ta' proċeduri ta' sejħiet għall-offerti jew proċeduri bilaterali, skont it-tip ta' strument speċifiku għat-twettiq tal-operazzjoni strutturali;

(d) huma eżegwiti b'mod deċentralizzat mill-BĊNi;

(e) huma soġġetti għall-kriterji ta' eliġibbiltà għal kontropartijiet kif speċifikat fil-Parti Tlieta, skont: (i) it-tip speċifiku ta' strument għat-twettiq ta' operazzjonijiet strutturali; u (ii) il-proċedura applikabbli għal dak it-tip ta' strument speċifiku;

(f) operazzjonijiet strutturali li jipprovdu likwidità huma bbażati fuq assi eliġibbli bħala kollateral, bl-eċċezzjoni ta' xirjiet definittivi.

3. L-Eurosistema għandha żżomm grad għoli ta' flessibbiltà fir-rigward tal-għażla tagħha tal-proċeduri u karatteristiċi operattivi fit-twettiq ta' operazzjonijiet strutturali, sabiex tirreaġixxi għall-kundizzjonijiet tas-suq u żviluppi strutturali oħrajn.

*KAPITOLU 3*

***Strumenti għal operazzjonijiet tas-suq miftuħ***

*Artikolu 10*

**Tranżazzjonijiet bil-maqlub**

1. Tranżazzjonijiet bil-maqlub huma strumenti speċifiċi biex jitwettqu operazzjonijiet tas-suq miftuħ li permezz tagħhom BĊN jixtri jew ibigħ assi eliġibbli taħt ftehim ta' xiri mill-ġdid jew iwettaq operazzjonijiet ta' kreditu fil-forma ta' self kollateralizzat skont l-arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji relevanti applikati mill-BĊNi.

2. Il-ftehim ta' xiri mill-ġdid u s-self kollateralizzat għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti addizzjonali għal dawk l-istrumenti kif stipulat fil-Parti Sebgħa.

3. Tranżazzjonijiet bil-maqlub li jipprovdu likwidità għandhom ikunu bbażati fuq assi eliġibbli bħala kollateral, skont il-Parti Erbgħa.

4. Il-karatteristiċi operattivi ta' tranżazzjonijiet bil-maqlub għandhom jiddependu fuq il-kategorija ta' operazzjoni ta' suq miftuħ li għalihom jintużaw.

5. Tranżazzjonijiet bil-maqlub li jassorbu l-likwidità għandhom ikunu bbażati fuq assi pprovduti mill-Eurosistema. Il-kriterji ta' eliġibbiltà ta' dawk l-assi għandhom ikunu identiċi għal dawk applikati għal assi eliġibbli użati fi tranżazzjonijiet bil-maqlub li jipprovdu likwidità, skont il-Parti Erbgħa. Ebda haircuts ta' valutazzjoni ma għandhom jintużaw fi tranżazzjonijiet bil-maqlub li jassorbu l-likwidità.

*Artikolu 11*

**Swaps tal-kambju barrani għal skopijiet tal-politika monetarja**

1. Swaps tal-kambju barrani għall-finijiet ta' politika monetarja jikkonsistu fi tranżazzjonijiet simultanji spot u forward fl-euro kontra valuta barranija.

2. L-iswaps tal-kambju barrani għal skopijiet tal-politika monetarja għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti addizzjonali għal dawk l-istrumenti kif stipulat fil-Parti Sebgħa.

3. Sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE, l-Eurosistema għandha topera biss f'valuti nnegozjati f'firxa wiesgħa u skont il-prattika tas-suq standard.

4. F'kull swap ta' kambju barrani għal skopijiet tal-politika monetarja, l-Eurosistema u l-kontropartijiet għandhom jiftiehmu dwar il-punti ta' swap għat-tranżazzjoni li jkunu kkwotati, skont il-konvenzjonijiet ġenerali tas-suq. It-termini tar-rata tal-kambju ta' swaps tal-kambju għal skopijiet tal-politika monetarja huma speċifikati fit-Tabella 2.

5. Rigward il-karatteristiċi operazzjonali tagħhom, l-iswaps tal-kambju barrani għal skopijiet tal-politika monetarja:

(a) jistgħu jitwettqu jew bħala operazzjonijiet li jipprovdu l-likwidità jew li jassorbu l-likwidità;

(b) għandhom frekwenza u maturità li ma hijiex standardizzata;

(c) huma eżegwiti permezz ta' proċeduri mgħaġġlin ta' sejħiet għall-offerti jew proċeduri bilaterali, ħlief jekk l-Eurosistema tiddeċiedi li twettaq l-operazzjoni speċifika b'mezzi oħrajn (proċedura standard ta' sejħa għall-offerti jew proċedura bilaterali) fid-dawl ta' kunsiderazzjonijiet speċifiċi tal-politika monetarja jew sabiex ikun hemm reazzjoni għall-kundizzjonijiet tas-suq;

(d) huma eżegwiti b'mod deċentralizzat mill-BĊNi, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 45(3).

6. Il-kontropartijiet li jipparteċipaw fi swaps tal-kambju barrani għal skopijiet tal-politika monetarja għandhom ikunu soġġetti għall-kriterji ta' eliġibbiltà speċifikati fil-Parti Tlieta, skont il-proċedura applikabbli għall-operazzjoni relevanti.

*Tabella 2*

**It-termini tar-rata tal-kambju ta' swaps tal-kambju għal skopijiet tal-politika monetarja**

S = spot (fid-data tat-tranżazzjoni ta' swap ta' kambju barrani) tar-rata tal-kambju bejn l-euro (EUR) u valuta barranija ABC

$$S = \frac{x \times ABC}{1 \times EUR}$$

FM = rata tal-kambju forward bejn l-euro u l-valuta barranija ABC fid-data tax-xiri mill-ġdid ta' swap (M)

$$F_M = \frac{y \times ABC}{1 \times EUR}$$

ΔM = punti forward bejn l-euro u l-valuta barranija ABC fid-data tax-xiri mill-ġdid ta' swap (M)

$$\Delta_M = F_M - S$$

N(.) = ammont spot ta' valuta; $N(.)_M$ huwa l-ammont forward tal-valuta:

$$N(ABC) = N(EUR) \times S \text{ jew } N(EUR) = \frac{N(ABC)}{S}$$

$$N(ABC)_M = N(EUR)_M \times F_M \text{ jew } N(EUR)_M = \frac{N(ABC)_M}{F_M}$$

---

*Artikolu 12*

**Ġbir ta' depożiti b'terminu fiss**

1. L-Eurosistema tista' tistieden lill-kontropartijiet biex ipoġġu depożiti għal terminu fiss mal-BĊNi domestiċi tagħhom.

2. Id-depożiti aċċettati mill-kontopartijiet huma għal terminu fiss u għandha tiġi applikata rata ta' imgħax fissa.

3. Ir-rati tal-imgħax applikati għad-depożiti għal terminu fiss jistgħu jkunu: (a) pożittivi; (b) iffissati għal żero fil-mija; (c) negattivi.

4. Ir-rata ta' imgħax applikata għad-depożitu għal terminu fiss għandha tkun rata tal-imgħax sempliċi bbażata fuq il-konvenzjoni tal-għadd ta' kull jum attwali/360. L-imgħax għandu jitħallas mal-maturità tad-depożitu. F'każijiet ta' rata ta' mgħax negattiva, l-applikazzjoni tagħha għal depożiti għal terminu fiss għandha tinvolvi obbligu ta' ħlas mid-detentur tad-depożitu lill-BĊN domestiku, inkluż id-dritt ta' dak il-BĊN li jiddebita l-kont tal-kontroparti kif meħtieġ. Il-BĊNi ma għandhom jipprovdu ebda kollateral bi skambju għad-depożiti ta' terminu fiss.

5. Id-depożiti għal terminu fiss għandhom jinżammu f'kontijiet mal-BĊN domestiku, anki meta dawk l-operazzjonijiet ikollhom jiġu eżegwiti b'mod ċentralizzat mill-BĊE taħt l-Artikolu 45(3).

6. Rigward il-karatterisitiċi operattivi tagħhom, il-ġbir ta' depożiti għal terminu fiss:

(a) jitwettaq sabiex tiġi assorbita l-likwidità;

(b) jista' jitwettaq fuq il-bażi ta' skeda ta' operazzjonijiet imħabbra minn qabel bi frekwenza u maturità ddefiniti minn qabel jew jista' jitwettaq *ad hoc* b'reazzjoni għal żviluppi fil-kundizzjoni tal-likwidità, eż. il-ġbir ta' depożiti għal terminu fiss jista' jsir fl-aħħar jum ta' perijodu ta' żamma tar-riżerva sabiex jiġu indirizzati żbilanċi fil-likwidità li jistgħu jkunu akkumulaw minn meta tkun saret l-allokazzjoni tal-aħħar operazzjoni ta' rifinanzjament prinċipali;

(c) jiġi eżegwit permezz ta' proċeduri mgħaġġlin ta' sejħiet għall-offerti, ħlief jekk il-BĊE jiddeċiedi li jwettaq l-operazzjoni speċifika b'mezzi oħrajn (proċedura bilaterali jew standard ta' sejħa għall-offerti) fid-dawl ta' kunsiderazzjonijiet speċifiċi tal-politika monetarja jew sabiex ikun hemm reazzjoni għall-kundizzjonijiet tas-suq;

(d) huwa eżegwit b'mod deċentralizzat mill-BĊNi, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 45(3);

7. Il-kontropartijiet li jipparteċipaw fil-ġbir ta' depożiti għal terminu fiss għandhom ikunu soġġetti għall-kriterji ta' eliġibbiltà speċifikati fil-Parti Tlieta, skont il-proċedura applikabbli għall-operazzjoni relevanti.

*Artikolu 13*

**Ħruġ ta' ċertifikati ta' dejn tal-BĊE**

1. Iċ-ċertifikati ta' dejn tal-BĊE jikkostitwixxu obbligu ta' dejn tal-BĊE fil-konfront tad-detentur taċ-ċertifikat.

2. Iċ-ċertifikati ta' dejn tal-BĊE għandhom jinħarġu u jinżammu fil-forma ta' entrata fil-kotba f'depożitorji ta' titoli fi Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

3. Il-BĊE ma għandu jimponi l-ebda restrizzjoni fuq it-trasferibbiltà taċ-ċertifikati tad-dejn tal-BĊE.

4. Il-BĊE jista' joħroġ ċertifikati ta' dejn tal-BĊE:

(a) b'ammont ta' ħruġ bi skont li jkun inqas mill-ammont nominali; jew

(b) ammont ogħla mill-ammont nominali,

li għandhom jinfdew malli tintlaħaq il-maturità b'ammont nominali.

Id-differenza bejn l-ammont tal-ħruġ u l-ammont nominali (fidi) għandha tkun ugwali għall-imgħax akkumulat fuq l-ammont tal-ħruġ, bir-rata tal-imgħax miftehma, fuq il-maturità taċ-ċertifikat. Ir-rata ta' imgħax applikata għandha tkun rata tal-imgħax sempliċi bbażata fuq il-konvenzjoni tal-għadd ta' kull jum attwali/360. Il-kalkolu tal-ammont tal-ħruġ għandu jsir skont it-Tabella 3.

*Tabella 3*

**Ħruġ ta' ċertifikati ta' dejn tal-BĊE**

L-ammont tal-ħruġ bi skont huwa: $P_T = N \times \frac{1}{1 + \frac{r_I \times D}{36,000}}$

fejn:

N = l-ammont nominali taċ-ċertifikat ta' dejn tal-BĊE

$r_I$ = rata ta' imgħax (f' %)

D = il-maturità taċ-ċertifikat ta' dejn tal-BĊE (f'jiem)

$P_T$ = ammont ta' ħruġ bi skont taċ-ċertifikat tad-dejn tal-BĊE

5. Rigward il-karatteristiċi operazzjonali ta' ċertifikati ta' dejn tal-BĊE:

(a) dawn jinħarġu bħala operazzjoni tas-suq miftuħ li tassorbi l-likwidità;

(b) jistgħu jinħarġu fuq bażi regolari jew mhux regolari;

(c) għandhom maturità ta' inqas minn 12-il xahar;

(d) jinħarġu permezz ta' proċeduri standard ta' sejħiet għall-offerti;

(e) iċ-ċertifikati joħorġu b'sejħa għal offerti u jiġu rregolati b'mod deċentralizzat mill-BĊNi;

6. Il-kontropartijiet li jipparteċipaw fil-proċedura standard ta' sejħa għall-offerti għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' dejn mill-BĊE għandhom ikunu soġġetti għall-kriterji ta' eliġibbiltà speċifikati fil-Parti Tlieta ta' din il-Linja Gwida.

*Artikolu 14*

**Tranżazzjonijiet diretti**

1. Tranżazzjoni definittiva timplika trasferiment sħiħ tad-dritt ta' proprjetà mill-bejjiegħ lix-xerrej b'ebda trasferiment bil-maqlub tad-dritt ta' proprjetà.

2. Fl-eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet definittivi u l-kalkolu tal-prezzijiet, l-Eurosistema għandha taġixxi skont il-konvenzjoni tas-suq li hija aċċettata fuq l-aktar bażi wiesgħa għall-istrumenti tad-dejn użati fit-tranżazzjoni.

3. Rigward il-karatterisitiċi operazzjonali tagħhom, it-tranżazzjonijiet definittivi:

(a) jistgħu jsiru bħala operazzjoni għall-provvediment ta' likwidità (xirjiet definittivi) jew bħala operazzjonijiet ta' assorbiment tal-likwidità (bejgħ definittiv);

(b) għandhom frekwenza li ma hijiex standardizzata;

(c) huma eżegwiti permezz ta' proċeduri bilaterali, ħlief jekk il-BĊE jiddeċiedi li jwettaq l-operazzjoni speċifika permezz ta' proċeduri mgħaġġla jew standard ta' sejħiet għall-offerti;

(d) huma eżegwiti b'mod deċentralizzat mill-BĊNi, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 45(3);

(e) huma bbażati biss fuq assi negozjabbli eliġibbli kif speċifikat fil-Parti Erbgħa.

4. Kontropartijiet li jipparteċipaw fi tranżazzjonijiet definittivi għandhom ikunu soġġetti għall-kriterji ta' eliġibbiltà speċifikati fil-Parti Tlieta.

*Artikolu 15*

**Obbligazzjonijiet ta' kollateralizzazzjoni u saldu fi tranżazzjonijiet bil-maqlub u swaps ta' kambju barrani għal skopijiet tal-politika monetarja**

1. Fir-rigward ta' tranżazzjonijiet bil-maqlub li jipprovdu likwidità u swaps ta' kambju barrani li jipprovdu likwidità għal skopijiet tal-politika monetarja, il-kontropartijiet għandhom;

(a) jittrasferixxu ammont suffiċjenti ta' assi eliġibbli fil-każ ta' tranżazzjonijiet bil-maqlub jew l-ammont korrispondenti ta' valuta barranija f'każ ta' swaps ta' valuta barranija li jkollhom jiġu saldati fil-jum tas-saldu;

(b) jiżguraw kollateralizzazzjoni adegwata tal-operazzjoni sal-maturità tagħha;

(c) meta applikabbli fir-rigward tal-punt (b), jipprovdu kollateralizzazzjoni adegwata permezz ta' sejħiet marġinali korrispondenti permezz ta' assi eliġibbli suffiċjenti jew flus kontanti.

2. Fir-rigward ta' tranżazzjonijiet bil-maqlub li jassorbu likwidità u swaps ta' kambju barrani li jassorbu likwidità għal skopijiet tal-politika monetarja, il-kontropartijiet għandhom:

(a) jittrasferixxu ammont suffiċjenti ta' flus kontanti biex iħallsu l-ammonti li jkunu ġew allokati fl-operazzjoni relevanti għall-assorbiment tal-likwidità;

(b) jiżguraw kollateralizzazzjoni adegwata tal-operazzjoni sal-maturità tagħha;

(c) meta applikabbli fir-rigward tal-punt (b), jipprovdu kollateralizzazzjoni adegwata permezz ta' sejħiet marġinali korrispondenti permezz ta' assi eliġibbli suffiċjenti jew flus kontanti.

3. In-nuqqas li jiġu sodisfatti r-rekwiżiti msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandu jiġi ssanzjonat, kif applikabbli, taħt l-Artikoli 154 sa 157.

*Artikolu 16*

**Obbligazzjonijiet għall saldu għal xirjiet u bejgħ definittivi, il-ġbir ta' depożiti għal terminu fiss u l-ħruġ ta' ċertifikati ta' dejn mill-BĊE**

1. F'operazzjonijiet tas-suq miftuħ eżegwiti permezz ta' xiri u bejgħ definittivi, il-ġbir ta' depożiti għal terminu fiss u l-ħruġ ta' ċertifikati ta' dejn tal-BĊE, il-kontropartijiet għandhom jittrasferixxu ammont suffiċjenti ta' assi eliġibbli jew flus kontanti sabiex iħallsu l-ammont miftiehem fit-tranżazzjoni.

2. In-nuqqas li jiġi ssodisfat ir-rekwiżit imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi ssanzjonat, kif applikabbli, taħt l-Artikoli 154 sa 157.

TITOLU II

**FAĊILITAJIET PERMANENTI**

*Artikolu 17*

**Faċilitajiet permanenti**

1. Il-BĊNi għandhom jagħtu aċċess għall-faċilitajiet permanenti offruti mill-Eurosistema fuq l-inizjattiva tal-kontrapartijiet tagħhom.

2. Il-faċilitajiet permanenti għandhom jikkonsistu fil-kategoriji li ġejjin:

(a) il-faċilità ta' self marġinali;

(b) il-faċilità ta' depożitu.

3. It-terminu u l-kundizzjonijiet tal-faċilitajiet permanenti għandhom ikunu identiċi fl-Istati Membri kollha li l-munita tagħhom hija l-euro.

4. Il-BĊNi għandhom jagħtu aċċess biss għall-faċilitajiet permanenti skont l-objettivi tal-BĊE u l-kunsiderazzjonijiet ġenerali tal-politika monetarja.

5. Il-BĊE jista' jadatta l-kundizzjonijiet tal-faċilitajiet permanenti jew jissospendihom f'kull żmien.

6. Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE għandu jiddeċiedi dwar ir-rati tal-imgħax għall-faċilitajiet permanenti fuq bażi regolari. Ir-rati tal-imgħax riveduti għandhom isiru effettivi mill-bidu tal-perijodu l-ġdid ta' żamma tar-riżervi, kif iddefinit fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1745/2003 (BĊE/2003/9). Il-BĊE jippubblika kalendarju tal-perijodi ta' żamma tar-riżervi ta' mill-inqas tliet xhur qabel il-bidu ta' kull sena kalendarja.

7. Minkejja l-paragrafu 6, il-Kunsill Governattiv tal-BĊE jista' jbiddel ir-rata tal-imgħax għall-faċilitajiet permanenti fi kwalunkwe żmien. Dik id-deċiżjoni għandha ssir effettiva mhux aktar kmieni mill-jum tan-negozju ta' wara tal-Eurosistema.

*KAPITOLU 1*

***Faċilità ta' self marġinali***

*Artikolu 18*

**Karatteristiċi tal-faċilità ta' self marġinali**

1. Il-kontropartijiet jistgħu jużaw il-faċilità ta' self marġinali biex jiksbu likwidità mil-lejl għan-nhar mill-Eurosistema permezz ta' tranżazzjoni bil-maqlub mal-BĊN domestiku tagħhom b'rata ta' imgħax speċifikata minn qabel billi jużaw assi eliġibbli bħala kollateral.

2. Il-BĊNi għandhom jipprovdu likwidità taħt il-faċilità tas-self marġinali permezz ta' ftehim ta' xiri mill-ġdid jew self kollateralizzat taħt l-arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji applikabbli tal-BĊNi.

3. Ma għandu jkun hemm ebda limitu fuq l-ammont ta' likwidità li jista' jiġi pprovdut taħt il-faċilità ta' self marġinali, soġġett għar-rekwiżit li jiġi pprovdut kollateral adegwat taħt il-paragrafu 4.

4. Il-kontropartijiet huma meħtieġa jippreżentaw assi eliġibbli suffiċjenti bħala kollateral qabel ma jużaw il-faċilità tas-self marġinali. Dawn l-assi għandhom ikunu jew iddepożitati minn qabel mal-BĊN relevanti jew inkella kkonsennjati mat-talba għal aċeess għall-faċilità ta' self marġinali.

*Artikolu 19*

**Kundizzjonijiet ta' aċċess għall-faċilità ta' self marġinali**

1. Istituzzjonijiet li jissodisfaw il-kriterji għall-eliġibbiltà taħt l-Artikolu 55 u li jkollhom aċċess għal kont mal-BĊN fejn it-tranżazzjoni tista' tiġi saldata, b'mod partikolari f'TARGET2, jistgħu jaċċessaw il-faċilità tas-self marġinali.

2. L-aċċess għall-faċilità tas-self marġinali jingħata biss f'jiem meta t-TARGET2 huwa operattiv. Fil-jiem meta l-SSSs mhumiex operattivi, l-aċċess għall-faċilità tas-self marġinali jingħata fuq il-bażi tal-assi eliġibbli li jkunu diġà ġew iddepożitati minn qabel mal-BĊNi.

3. Jekk BĊN jew xi waħda mill-fergħat tiegħu ma jkunux miftuħa għall-iskop li jitwettqu operazzjonijiet tal-politika monetarja f'ċerti jiem tan-negozju tal-Eurosistema minħabba vaganzi pubbliċi nazzjonali jew reġjonali, il-BĊN domestiku għandu jinforma lill-kontropartijiet tiegħu minn qabel dwar l-arranġamenti li jkollhom isiru għal aċċess għall-faċilità ta' self marġinali f'dik il-vaganza pubblika.

4. Aċċess għall-faċilità ta' self marġinali jista' jingħata jew fuq il-bażi ta' talba speċifika tal-kontroparti jew awtomatikament, kif speċifikat fil-paragrafi 5 u 6 rispettivament.

5. Kontroparti tista' tibgħat talba lill-BĊN domestiku tagħha għal aċċess għall-faċilità tas-self marġinali. Sakemm it-talba tiġi riċevuta mill-BĊN domestiku sa mhux aktar tard minn 15-il minuta wara l-ħin tal-għeluq ta' TARGET2, il-BĊN għandu jipproċessa t-talba fl-istess jum f'TARGET2. L-iskadenza biex jintalab l-aċċess għall-faċilità tas-self marġinali għandha tiġi posposta bi 15-il minuta fl-aħħar jum tax-xogħol tal-Eurosistema ta' perijodu ta' żamma ta' riżerva. It-talba għal aċċess għall-faċilità ta' self marġinali għandha tispeċifika l-ammont ta' kreditu meħtieġ. Il-kontroparti għandha tikkonsenja assi eliġibbli suffiċjenti bħala kollateral għat-tranżazzjoni, ħlief jekk dawk l-assi jkunu diġà ġew iddepożitati minn qabel mill-kontroparti mal-BĊN domestiku skont l-Artikolu 18(4).

6. Fit-tmiem ta' kull jum tan-negozju, bilanċ negattiv fuq kont ta' saldu ta' kontroparti mal-BĊN domestiku tagħha wara l-iffinalizzar tal-proċeduri ta' kontroll ta' tmiem il-jum għandu jitqies awtomatikament bħala talba għal rikors għall-faċilità ta' self marġinali. Sabiex jissodisfaw ir-rekwiżit fl-Artikolu 18(4), il-kontropartijiet għandu jkollhom biżżejjed assi eliġibbli ddepożitati minn qabel bħala kollateral għat-tranżazzjoni mal-BĊN domestiku qabel ma' tqum dik it-talba awtomatika. In-nuqqas ta' konformità ma' din il-kundizzjoni dwar l-aċċess għandu jkun soġġett għal sanzjonijiet skont l-Artikoli 154 sa 157.

*Artikolu 20*

**Maturità u rata ta' imgħax tal-faċilità tas-self marġinali**

1. Il-maturità ta' kreditu estiż taħt il-faċilità ta' self marġinali għandha tkun mil-lejl għan-nhar. Għal kontropartijiet li jipparteċipaw direttament f'TARGET2, il-kreditu għandu jitħallas lura l-jum ta' wara meta; (a) TARGET2; u (b) l-SSSs rilevanti jkunu operattivi, fil-ħin li fih dawk is-sistemi jiftħu.

2. Ir-rata tal-imgħax għar-remunerazzjoni tal-faċilità tas-self marġinali għandha titħabbar bil-quddiem mill-Eurosistema u għandha tiġi kkalkulata bħala rata ta' imgħax sempliċi bbażata fuq il-konvenzjoni dwar l-għadd ta' ġranet attwali/360. Ir-rata tal-imgħax applikata għall-faċilità ta' self marġinali tissejjaħ ir-rata tal-faċilità ta' self marġinali.

3. L-imgħax taħt il-faċilità tas-self marġinali għandu jkun pagabbli flimkien mal-ħlas lura tal-kreditu.

*KAPITOLU 2*

***Faċilità ta' depożitu***

*Artikolu 21*

**Karatteristiċi tal-faċilità ta' depożitu**

1. Il-kontropartijiet jistgħu jużaw il-faċilità ta' depożitu biex jagħmlu depożiti mil-lejl għan-nhar mal-Eurosistema permezz tal-BĊN domestiku, li għalihom għandha tiġi applikata rata tal-imgħax speċifikata minn qabel.

2. Ir-rata tal-imgħax applikata għall-faċilità ta' depożitu tista' tkun: (a) pożittiva; (b) iffissata għal żero fil-mija; (c) negattiva.

3. Il-BĊNi ma għandhom jipprovdu ebda kollateral bi skambju għad-depożiti.

4. Ma hemm ebda limitu fuq l-ammont li kontroparti tista' tiddepożita taħt il-faċilità ta' depożitu.

*Artikolu 22*

**Kundizzjonijiet ta' aċċess għall-faċilità ta' depożitu**

1. Istituzzjonijiet li jissodisfaw il-kriterji għall-eliġibbiltà taħt l-Artikolu 55 u li jkollhom aċċess għal kont mal-BĊN fejn it-tranżazzjoni tista' tiġi saldata, b'mod partikolari f'TARGET2, jistgħu jaċċessaw il-faċilità ta' depożitu. L-aċċess għall-faċilità ta' depożitu għandu jingħata biss f'jiem meta TARGET2 ikun operattiv.

2. Sabiex tingħata aċċess għall-faċilità ta' depożitu, il-kontroparti għandha tibgħat talba lill-BĊN domestiku tagħha. Sakemm it-talba tiġi riċevuta mill-BĊN domestiku sa mhux aktar tard minn 15-il minuta wara l-ħin tal-għeluq ta' TARGET2, il-BĊN domestiku għandu jipproċessa t-talba fl-istess jum f'TARGET2. L-iskadenza biex jintalab l-aċċess għall-faċilità ta' depożitu għandha tiġi posposta bi 15-il minuta fl-aħħar jum tax-xogħol tal-Eurosistema ta' perijodu ta' żamma ta' riżerva. It-talba għandha tispeċifika l-ammont li għandu jiġi ddepożitat taħt din il-faċilità.

3. Minħabba l-eżistenza ta' strutturi ta' kontijiet differenti bejn il-BĊNi, dawn tal-aħħar, soġġett għall-approvazzjoni minn qabel tal-BĊE, jistgħu japplikaw kundizzjonijiet ta' aċċess li jkunu differenti minn dawk imsemmija f'dan l-Artikolu. Il-BĊNi għandhom jipprovdu informazzjoni lill-kontropartijiet dwar kwalunkwe devjazzjoni ta' dan it-tip mill-kundizzjonijiet ta' aċċess deskritti f'dan l-Artikolu.

*Artikolu 23*

**Maturità u rata ta' imgħax tal-faċilità ta' depożitu**

1. Il-maturità tad-depożiti taħt il-faċilità ta' depożitu għandha tkun mil-lejl għan-nhar. Għal kontropartijiet li jipparteċipaw direttament fit-TARGET2, id-depożiti miżmuma taħt il-faċilità ta' depożitu għandhom jimmaturaw l-għada meta t-TARGET2 jkun operattiv, fil-ħin meta din is-sistema tiftaħ.

2. Ir-rata tal-imgħax li tapplika għad-depożitu għandha titħabbar bil-quddiem mill-Eurosistema u għandha tiġi kkalkulata bħala rata ta' imgħax sempliċi bbażata fuq il-konvenzjoni dwar l-għadd ta' ġranet attwali/360.

3. L-imgħax fuq id-depożiti jitħallas malli tintlaħaq il-maturità tad-depożitu. F'każijiet ta' rati ta' mgħax negattivi, l-applikazzjoni tar-rata tal-imgħax għall-faċilità ta' depożitu għandha tinvolvi obbligu ta' ħlas mid-detentur tad-depożitu lill-BĊN domestiku, inkluż id-dritt ta' dak il-BĊN li jiddebita l-kont tal-kontroparti kif meħtieġ.

TITOLU III

**PROĊEDURI GĦAL OPERAZZJONIJIET TAL-POLITIKA MONETARJA TAL-EUROSISTEMA**

*KAPITOLU 1*

***Proċeduri ta' sejħiet għall-offerti u proċeduri bilaterali għal operazzjonijiet tas-suq miftuħ tal-Eurosistema***

*Artikolu 24*

**Tipi ta' proċeduri għal operazzjonijiet tas-suq miftuħ**

Operazzjonijiet tas-suq miftuħ għandhom jiġu eżegwiti permezz ta' proċeduri ta' sejħiet għall-offerti jew proċeduri bilaterali.

Taqsima 1

**Proċeduri ta' sejħiet għall-offerti**

*Artikolu 25*

**Ħarsa ġenerali lejn il-proċeduri ta' sejħiet għall-offerti**

1. Il-proċeduri għal sejħiet għall-offerti għandhom jitwettqu f'sitt passi operazzjonali, kif speċifikat fit-Tabella 4.

*Tabella 4*

**Passi operattivi għal proċeduri ta' sejħiet għall-offerti**

Pass 1: Avviż ta' sejħa għal offerti

(a) Avviż mill-BĊE permezz ta' mezzi ta' xandir pubbliċi u s-sit elettroniku tal-BĊE

(b) Avviż mill-BĊNi permezz tas-servizzi tax-xandir nazzjonali u direttament lill-kontropartijiet individwali (jekk jitqies neċessarju)

Pass 2: Preparazzjoni tal-kontropartijiet u sottomissjoni ta' offerti

Pass 3: Ġbir tal-offerti mill-Eurosistema

Pass 4: Allokazzjoni tal-offerti u t-tħabbir tar-riżultati tal-offerti

(a) Deċiżjoni ta' allokazzjoni tal-BĊE

(b) Tħabbir tar-riżultati tal-allokazzjoni permezz ta' mezzi tax-xandir pubbliċi u s-sit elettroniku tal-BĊE

Pass 5: Ċertifikazzjoni tar-riżultati tal-allokazzjoni individwali

Pass 6: Saldu tat-tranżazzjonijiet

---

2. Il-proċeduri ta' sejħiet għall-offerti għandhom jitwettqu fil-forma ta' proċeduri standard ta' sejħiet għall-offerti jew proċeduri mgħaġġla ta' sejħiet għall-offerti. Il-karatteristiċi operazzjonali ta' proċeduri standard u mgħaġġla ta' sejħiet għall-offerti huma identiċi, ħlief għall-iskeda taż-żmien (Tabelli 5 u 6) u l-firxa tal-kontropartijiet.

*Tabella 5*

**Skeda ta' żmien indikattiva għall-passi operazzjonali fi proċeduri standard ta' sejħiet għall-offerti (il-ħinijiet huma indikati skont il-Ħin Ċentrali Ewropew** ([1]))




*Tabella 6*

**Skeda ta' żmien indikattiva għall-passi operazzjonali fi proċeduri mgħaġġla ta' sejħiet għall-offerti (il-ħinijiet huma indikati skont is-CET)**




---

([1]) Il-Ħin Ċentrali Ewropew (Central European Time — CET) iqis il-bidla għall-Ħin tas-Sajf tal-Ewropa Ċentrali (Central European Summer Time).

3. L-Eurosistema tista' twettaq proċeduri ta' sejħiet għall-offerti jew b'rata fissa jew inkella b'rata varjabbli.

*Artikolu 26*

**Proċeduri standadd ta' sejħiet għall-offerti**

1. L-Eurosistema għandha tuża proċeduri standard ta' sejħiet għall-offerti għall-eżekuzzjoni ta': (a) MROs; (b) LTROs; (c) operazzjonijiet strutturali speċifiċi, jiġifieri operazzjonijiet bil-maqlub strutturali u l-ħruġ ta' ċertifikati tad-dejn tal-BĊE.

2. L-Eurosistema tista' tuża wkoll proċeduri standard ta' sejħiet għall-offerti sabiex twettaq operazzjonijiet ta' rfinar u operazzjonijiet strutturali eżegwiti permezz ta' tranżazzjonijiet definittivi fid-dawl ta' kunsiderazzjonijiet speċifiċi tal-politika monetarja jew b'reazzjoni għall-kundizzjonijiet tas-suq.

3. Għal proċeduri standard ta' sejħiet għall-offerti, bħala regola: (a) għandhom jgħaddu massimu ta' 24 siegħa mit-tħabbir tas-sejħa għall-offerti saċ-ċertifikazzjoni tar-riżultat tal-allokazzjoni; u (b) iż-żmien bejn l-iskadenza għas-sottmissjoni u t-tħabbir tar-riżultat tal-allokazzjoni huwa ta' madwar sagħtejn.

4. Il-BĊE jista' jiddeċiedi li jaġġusta l-iskeda taż-żmien f'operazzjonijiet individwali, jekk jitqies xieraq.

*Artikolu 27*

**Proċeduri mgħaġġla ta' sejħiet għall-offerti**

1. L-Eurosistema normalment tuża proċeduri mgħaġġla ta' sejħiet għall-offerti għall-eżekuzzjoni ta' operazzjonijiet ta' rfinar, iżda jistgħu jużaw ukoll proċeduri mgħaġġla ta' sejħiet għall-offerti għal operazzjonijiet strutturali eżegwiti permezz ta' tranżazzjonijiet definittivi fid-dawl ta' kunsiderazzjonijiet speċifiċi tal-politika monetarja jew sabiex jirreaġixxu għall-kundizzjonijiet tas-suq.

2. Proċeduri mgħaġġla ta' sejħiet għall-offerti huma eżegwiti fi żmien 105 minuta mit-tħabbir tas-sejħa għal offerti, biċ-ċertifikazzjoni ssir minnufih wara li jitħabbar pubblikament ir-riżultat tal-allokazzjoni.

3. Il-BĊE jista' jiddeċiedi li jaġġusta l-iskeda taż-żmien f'operazzjonijiet individwali, jekk jitqies xieraq.

4. L-Eurosistema tista' tagħżel, skont il-kriterji u l-proċeduri speċifikati fl-Artikolu 57, numru limitat ta' kontropartijiet biex jipparteċipaw fi proċeduri mgħaġġla ta' sejħiet għall-offerti.

*Artikolu 28*

**Eżekuzzjoni ta' proċeduri standard ta' sejħiet għall-offerti għal MROs u LTROs regolari, ibbażati fuq il-kalendarju tas-sejħiet għall-offerti**

1. Il-proċeduri ta' sejħiet għall-offerti għall-MROs u LTROs regolari għandhom jiġu eżegwiti skont il-kalendarju indikattiv għall-operazzjonijiet regolari ta' sejħiet għall-offerti tal-Eurosistema.

2. Il-kalendarju indikattiv għall-operazzjonijiet regolari ta' sejħiet għall-offerti tal-Eurosistema huwa ppubblikat fuq is-sit elettroniku tal-BĊE u l-BĊNi ta' mill-inqas tliet xhur qabel il-bidu tas-sena kalendarja li għaliha tkun valida.

3. Il-jiem tal-kummerċ indikattivi għal MROs u LTROs regolari huma speċifikati fit-Tabella 7.

*Tabella 7*

**Jiem tal-kummerċ normali għal MROs u LTROs regolari**

| Kategorija ta' operazzjonijiet tas-suq miftuħ | Jum tal-kummerċ normali (T) |
|---|---|
| MROs | Kull nhar ta' Tlieta (*) |
| LTROs regolari | L-aħħar nhar ta' Erbgħa mensili kalendarju (**) |

(*) Skedar speċjali jista' jseħħ minħabba l-vaganzi.
(**) Minħabba l-perijodu tal-vaganzi, l-operazzjoni ta' Diċembru normalment titressaq 'il quddiem b'ġimgħa, jiġifieri għall-Erbgħa ta' qabel tax-xahar.

*Artikolu 29*

**Eżekuzzjoni ta' proċeduri ta' sejħiet għall-offerti għal operazzjonijiet ta' rfinar u strutturali mingħajr kalendarju tal-operazzjoni ta' sejħa għall-offerti**

1. Operazzjonijiet ta' rfinar ma jiġux eżegwiti skont xi kalendarju speċifikat minn qabel. Il-BĊE jista' jiddeċiedi li jwettaq operazzjonijiet ta' rfinar f'kull jum tan-negozju tal-Eurosistema. F'dawn l-operazzjonijiet, jipparteċipaw biss il-BĊNi li fir-rigward tagħhom il-jum tal-kummerċ, il-jum tas-saldu u l-jum tar-rimborż ikunu jiem tan-negozju tal-BĊN.

2. Operazzjonijiet strutturali eżegwiti permezz ta' sejħiet standard għall-offerti ma jitwettqux skont xi kalendarju speċifikat minn qabel. Dawn normalment jitwettqu u jiġu saldati f'jiem li jkunu jiem tan-negozju tal-BĊN fl-Istati Membri kollha li l-munita tagħhom hija l-euro.

## Taqsima 2

## Passi operazzjonali għall-proċeduri ta' sejħiet għall-offerti

### Subtaqsima 1

### Tħabbir ta' proċeduri ta' sejħiet għall-offerti

*Artikolu 30*

**Tħabbir ta' proċeduri standard u mgħaġġla ta' sejħiet għall-offerti**

1. Proċeduri standard ta' sejħiet għall-offerti għandhom jiġu mħabbra pubblikament mill-BĊE bil-quddiem permezz ta' mexxi ta' xandir u fuq il-websajt tal-BĊE. Barra minn hekk, il-BĊNi jistgħu jħabbru proċeduri standard ta' sejħiet għall-offerti permezz ta' mexxi ta' xandir nazzjonali u direttament lill-kontropartijiet, jekk dan jitqies li huwa neċessarju.

2. Proċeduri mgħaġġla ta' sejħiet għall-offerti għandhom jiġu mħabbra pubblikament mill-BĊE bil-quddiem permezz ta' mexxi ta' xandir u fuq il-websajt tal-BĊE. Fi proċeduri mgħaġġla ta' sejħiet għall-offerti li jitħabbru pubblikament bil-quddiem, il-BĊN jista' jikkuntattja lill-kontropartijiet magħżula direttament jekk dan jitqies li huwa neċessarju. Fi proċeduri mgħaġġla ta' sejħiet għall-offerti li ma jitħabbrux pubblikament bil-quddiem, il-kontropartijiet magħżula għandhom jiġu kkuntattjati direttament mill-BĊNi.

3. L-avviż tas-sejħa għall-offerti jirrappreżenta stedina lill-kontropartijiet biex jissottomettu offerti, li huma legalment vinkolanti. L-avviż ma jirrappreżentax offerta mill-BĊE jew mill-BĊNi.

4. L-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fl-avviż pubbliku ta' proċedura ta' sejħa għall-offerti hija stipulata fl-Anness II.

5. Il-BĊE jista' jieħu kwalunkwe azzjoni li jidhirlu li hija xierqa sabiex jikkoreġi kwalunkwe żball fl-avviż tal-proċeduri ta' sejħa għall-offerti, inkluż l-ikkanċellar jew l-interruzzjoni ta' proċedura ta' sejħa għall-offerti li tkun qiegħda tiġi eżegwita.

### Subtaqsima 2

### Tħejjija u sottomissjoni ta' offerti mill-kontropartijiet

*Artikolu 31*

**Forma u post tas-sottomissjoni tal-offerti**

1. L-offerti għandhom jiġu sottomessi lill-BĊN domestiku ta' kontroparti. L-offerti ta' istituzzjoni jistgħu jiġu sottomessi biss lill-BĊN domestiku minn stabbiliment wieħed f'kull Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro fejn l-istituzzjoni tkun stabbilita, jiġifieri jew mill-uffiċċju prinċipali jew inkella minn fergħa nnominata.

2. Il-kontropartijiet għandhom jissottomettu offerti f'format li jsegwi l-mudelli pprovduti mill-BĊN għall-operazzjoni relevanti.

*Artikolu 32*

**Sottomissjoni ta' offerti**

1. Fi proċeduri ta' sejħiet għall-offerti b'rata fissa, il-kontropartijiet għandhom jiddikjaraw fl-offerti tagħhom l-ammont li huma lesti jinnegozjaw mal-BĊNi.

2. Fi proċeduri ta' sejħiet għall-offerti għal swap ta' kambju barrani b'rata fissa, il-kontropartijiet għandhom jiddikjaraw l-ammont ta' munita miżmuma fissa li beħsiebhom ibiegħu u jixtru lura, jew jixtru u jbiegħu lura, b'dik ir-rata.

3. Fi proċeduri ta' sejħiet għall-offerti b'rata varjabbli, il-kontropartijiet jistgħu jissottomettu offerti għal massimu ta' 10 rati tal-imgħax, prezzijiet jew punti ta' swap differenti. F'ċirkustanzi eċċezzjonali, l-Eurosistema tista' timponi limitu fuq in-numru ta' offerti li jistgħu jiġu sottomessi minn kull kontroparti. F'kull offerta, il-kontropartijiet għandhom jiddikjaraw l-ammont li huma lesti li jinnegozjaw u r-rata tal-imgħax, jew prezz jew punt ta' swap relevanti. Offerta għal rata tal-imgħax jew punt ta' swap għandha tiġi espressa bħala multipli ta' 0,01 punt perċentwali. Offerta għal prezz għandha tiġi espressa bħala multipli ta' 0,001 punt perċentwali.

4. Għal proċeduri ta' sejħiet għall-offerti ta' swap ta' valuta barranija b'rata varjabbli, il-kontropartijiet għandhom jiddikjaraw l-ammont tal-munita li għandha tinżamm fissa u l-kwotazzjoni tal-punt ta' swap li fih ikun beħsiebhom jidħlu fl-operazzjoni.

5. Għal proċeduri ta' sejħiet għall-offerti ta' swaps ta' kambju barrani b'rata varjabbli, il-punti tal-iswaps għandhom ikunu kkwotati skont il-konvenzjonijiet standard tas-suq u l-offerti għandhom ikunu espressi bħala multipli ta' 0,01 ta' punti ta' swaps.

6. Fir-rigward tal-ħruġ ta' ċertifikati tad-dejn tal-BĊE, il-BĊE jista' jiddeċiedi li l-offerti għandhom jiġu espressi fil-forma ta' prezz pjuttost milli f'rata ta' mgħax. F'dan il-każ, il-prezzijiet għandhom ikunu kkwotati bħala persentaġġ tal-ammont nominali bi tliet postijiet deċimali.

*Artikolu 33*

**Ammonti minimi u massimi tal-offerti**

1. Għall-MROs, l-ammont minimu tal-offerta għandu jkun EUR 1 000 000. Offerti li jeċċedu dan l-ammont għandhom ikunu espressi bħala multipli ta' EUR 100 000. L-ammont minimu tal-offerta għandu japplika għal kull livell ta' rata ta' imgħax individwali.

2. Għal-LTROs, kull BĊN għandu jiffissa ammont minimu tal-offerta fil-medda bejn EUR 10 000 u EUR 1 000 000. Offerti li jeċċedu l-ammont minimu tal-offerta għandhom ikunu espressi bħala multipli ta' EUR 10 000. L-ammont minimu tal-offerta għandu jiġi applikat għal kull livell ta' rata ta' imgħax individwali.

3. Għal operazzjonijiet ta' rfinar u strutturali, l-ammont minimu tal-offerta għandu jkun EUR 1 000 000. Offerti li jeċċedu dan l-ammont għandhom ikunu espressi bħala multipli ta' EUR 100 000. L-ammont minimu tal-offerta għandu japplika għal kull rata ta' imgħax, prezz jew punt ta' swap individwali, skont it-tip ta' tranżazzjoni speċifika.

4. Il-BĊE jista' jimponi ammont massimu tal-offerta, li tkun l-akbar offerta aċċettabbli minn kontroparti individwali, sabiex jiġu evitati offerti li jkunu kbar b'mod sproporzjonat. Jekk jiġi impost, il-BĊE għandu jinkludi dettalji ta' dak l-ammont massimu tal-offerta fl-avviż pubbliku tas-sejħa għall-offerti.

*Artikolu 34*

**Rata minima u massima tal-offerti**

1. Fi proċeduri ta' sejħiet għall-offerti b'rata varjabbli li jipprovdu likwidità, il-BĊE jista' jimponi rata ta' offerta minima, li tkun limitu aktar baxx għar-rata tal-imgħax li biha l-kontrapartijiet jistgħu jissottomettu offerti.

2. Fi proċeduri ta' sejħiet għall-offerti b'rata varjabbli li jassorbu l-likwidità, il-BĊE jista' jimponi rata ta' offerta massima, li tkun limitu ta' fuq għar-rata tal-imgħax li biha l-kontrapartijiet jistgħu jissottomettu offerti.

*Artikolu 35*

**Data ta' skadenza għas-sottomissjoni ta' offerti**

1. Il-kontropartijiet jistgħu jirrevokaw l-offerti tagħhom fi kwalunkwe ħin sad-data ta' skadenza għas-sottomissjoni ta' offerti.

2. Offerti sottomessi wara d-data ta' skadenza ma għandhomx jiġu kkunsidrati u għandhom jiġu ttrattati bħala ineliġibbli.

3. Il-BĊN domestiku għandu jiddetermina jekk kontroparti tkunx ikkonformat mad-data ta' skadenza għas-sottomissjoni ta' offerti.

*Artikolu 36*

**Ċaħda ta' offerti**

1. BĊN għandu jiċħad:

(a) l-offerti kollha ta' kontroparti, jekk l-ammont aggregat ta' offerta jeċċedi kwalunkwe limitu massimu ta' offerta stabbilit mill-BĊE;

(b) kwalunkwe offerta ta' kontroparti, jekk l-offerta tkun taħt l-ammont minimu tal-offerta;

(c) kwalunkwe offerta ta' kontroparti, jekk l-offerta tkun taħt ir-rata ta' imgħax, il-prezz jew punt ta' swap minimi aċċettati jew 'il fuq mir-rata tal-offerta, il-prezz jew il-punt ta' swap massimi.

2. BĊN jista' jiċħad offerti li ma jkunux kompluti jew li ma jsegwux il-mudell adattat.

3. Jekk il-BĊN domestiku jiddeċiedi li jiċħad offerta, huwa għandu jinforma lill-kontroparti dwar dik id-deċiżjoni qabel l-allokazzjoni tas-sejħa għall-offerti.

Subtaqsima 3

**Allokazzjoni ta' sejħiet għall-offerti**

*Artikolu 37*

**Allokazzjoni fi proċeduri ta' sejħiet għall-offerti b'rata fissa li jipprovdu likwidità jew li jassorbu l-likwidità**

1. Fi proċedura ta' sejħa għall-offerti b'rata fissa, l-offerti tal-kontropartijiet għandhom jiġu allokati skont kif ġej:

(a) L-offerti għandhom jingħaddu flimkien.

(b) Jekk l-ammont aggregat tal-offerta jeċċedi l-ammont totali ta' likwidità li għandu jiġi allokat, l-offerti mibgħuta jiġu sodisfatti *pro rata*, fuq il-bażi tal-proporzjon tal-ammont li għandu jiġi allokat għall-ammont aggregat tal-offerta, b'mod konformi mat-Tabella 1 tal-Anness III.

(c) L-ammont allokat lil kull kontroparti għandu jiġi aġġustat sal-eqreb euro.

2. Il-BĊE jista' jiddeċiedi li jalloka:

(a) ammont minimu ta' allokazzjoni, li jkun limitu aktar baxx fuq l-ammont li jista' jiġi allokat lil kull offerent; jew

(b) proporzjon minimu ta' allokazzjoni, li jkun limitu aktar baxx, espress f'termini perċentwali, fuq il-proporzjon ta' offerti bir-rata ta' imgħax marġinali li tista' tiġi allokata lil kull offerent.

*Artikolu 38*

**Allokazzjoni fi proċeduri ta' sejħiet għall-offerti f'euro b'rata varjabbli li jipprovdu likwidità**

1. Fi proċedura ta' sejħa għall-offerti f'euro b'rata varjabbli li jipprovdu likwidità, l-offerti tal-kontropartijiet għandhom jiġu allokati skont kif ġej:

(a) L-offerti għandhom jiġu elenkati f'ordni dixxendenti ta' rati ta' imgħax offruti jew ordni axxendenti ta' prezzijiet offruti.

(b) Offerti bil-livelli l-aktar għoljin ta' rati ta' imgħax jiġu sodisfatti l-ewwel u offerti sussegwenti b'rati aktar baxxi ta' imgħax suċċessiv huma aċċettati sakemm il-likwidità totali li għandha tiġi assorbita tiġi eżawrita.

(c) Jekk bir-rata tal-imgħax marġinali (l-ogħla prezz aċċettat), l-ammont aggregat tal-offerta ikun jaqbeż l-ammont rimanenti li għandu jiġi allokat, l-ammont rimanenti għandu jiġi allokat *pro rata* fost l-offerti bbażati fuq il-proporzjon tal-ammont rimanenti li għandu jiġi allokat għall-ammont totali tal-offerta bir-rata tal-imgħax marġinali (l-ogħla prezz aċċettat), skont it-Tabella 2 tal-Anness III.

(d) L-ammont allokat lil kull kontroparti għandu jinġibed għad-dritt sal-eqreb euro.

2. Il-BĊE jista' jiddeċiedi li jalloka ammont minimu lil kull offerent magħżul.

*Artikolu 39*

**Allokazzjoni fi proċeduri ta' sejħiet għall-offerti f'euro b'rata varjabbli li jassorbu l-likwidità**

1. Fi proċedura ta' sejħa għall-offerti f'euro b'rata varjabbli li jassorbu l-likwidità, użata għall-ħruġ ta' ċertifikati tad-dejn tal-BĊE u l-ġbir ta' depożiti għal terminu fiss, l-offerti tal-kontropartijiet għandhom jiġu allokati skont kif ġej:

(a) L-offerti għandhom jiġu elenkati f'ordni axxendenti ta' rati ta' imgħax offruti jew ordni dixxendenti ta' prezzijiet offruti.

(b) Offerti bil-livelli l-aktar baxxi ta' rati ta' imgħax (l-ogħla prezz) għandhom jiġu sodisfatti l-ewwel u sussegwentement offerti b'rati ta' imgħax suċċessivament ogħla (offerti ta' prezzijiet aktar baxxi) għandhom ikunu aċċettati sakemm il-likwidità totali li għandha tiġi assorbita tiġi eżawrita.

(c) Jekk bir-rata tal-imgħax marġinali (l-aktar prezz baxx aċċettat), l-ammont aggregat tal-offerta ikun jaqbeż l-ammont rimanenti li għandu jiġi allokat, l-ammont rimanenti għandu jiġi allokat *pro rata* fost l-offerti, abbażi tal-proporzjon tal-ammont rimanenti li għandu jiġi allokat għall-ammont totali tal-offerta bir-rata tal-imgħax marġinali (l-aktar prezz baxx aċċettat), skont it-Tabella 2 tal-Anness III.

(d) L-ammont allokat lil kull kontroparti għandu jiġi aġġustat sal-eqreb euro. Fir-rigward tal-ħruġ ta' ċertifikati ta' dejn tal-BĊE, l-ammont nominali allokat għandu jiġi aġġustat sal-eqreb multiplu ta' EUR 100 000.

2. Il-BĊE jista' jiddeċiedi li jalloka ammont minimu lil kull offerent magħżul.

*Artikolu 40*

**Allokazzjoni fi proċeduri ta' sejħiet għall-offerti għal swap ta' valuta barranija b'rata varjabbli li jipprovdu likwidità**

1. Fi proċedura ta' sejħa għall-offerti għal swap ta' valuta barranija b'rata varjabbli. l-offerti tal-kontropartijiet għandhom jiġu allokati skont kif ġej:

(a) L-offerti għandhom jiġu elenkati f'ordni axxendenti ta' kwotazzjonijiet ta' punti ta' swap billi jitqies is-sinjal tal-kwotazzjoni.

(b) Is-sinjal tal-kwotazzjoni jiddependi fuq is-sinjal tad-differenzjal tar-rata tal-imgħax bejn il-munita barranija u l-euro. Għall-maturità tal-iswap:

(i) jekk ir-rata ta' mgħax tal-valuta barranija tkun ogħla mir-rata ta' mgħax korrispondenti għall-euro, il-kwotazzjoni tal-punt ta' swap hija pożittiva (jiġifieri l-euro hija kkwotata bl-ogħla prezz kontra l-valuta barranija); u

(ii) jekk ir-rata ta' mgħax tal-valuta barranija tkun aktar baxxa mir-rata ta' mgħax li tikkorrispondi għall-euro, il-kwotazzjoni tal-punt ta' swap hija negattiva, jiġifieri l-euro hija kkwotata bi skont kontra l-valuta barranija.

(c) L-offerti bi kwotazzjonijiet l-aktar baxxi tal-punti ta' swap għandhom jiġu sodisfatti l-ewwel u sussegwentement kwotazzjonijiet b'punt ta' swap suċċessivament ogħla huma aċċettati sakemm l-ammont kollu tal-valuta fissa li għandha tiġi allokata jiġi eżawrit.

(d) Jekk, fil-livell tal-ogħla punt ta' swap aċċettat, jiġifieri il-kwotazzjoni tal-punt ta' swap marġinali, l-ammont aggregat tal-offerta jeċċedi l-ammont li jifdal li jkollu jiġi allokat, l-ammont li jifdal għandu jiġi allokat *pro rata* fost l-offerti, skont il-proporzjon tal-ammont li jifdal li jkollu jiġi allokat għall-ammont totali tal-offerta tal-kwotazzjoni tal-punt ta' swap marġinali, skont it-Tabella 3 tal-Anness III.

(e) L-ammont allokat lil kull kontroparti għandu jiġi aġġustat sal-eqreb euro.

2. Il-BĊE jista' jiddeċiedi li jalloka ammont minimu lil kull offerent magħżul.

*Artikolu 41*

**Allokazzjoni fi proċeduri ta' sejħiet għall-offerti għal swap ta' valuta barranija b'rata varjabbli li jassorbu l-likwidità**

1. Fi proċedura ta' sejħiet għall-offerti għal swap ta' valuta barranija b'rata varjabbli li tassorbi l-likwidità, l-offerti tal-kontropartijiet għandhom jiġu allokati skont kif ġej:

(a) L-offerti għandhom jiġu elenkati f'ordni dixxendenti ta' kwotazzjonijiet ta' punti ta' swap offruti billi jitqies is-sinjal tal-kwotazzjoni.

(b) Is-sinjal tal-kwotazzjoni jiddependi fuq is-sinjal tad-differenzjal tar-rata tal-imgħax bejn il-munita barranija u l-euro. Għall-maturità tal-iswap:

(i) jekk ir-rata ta' mgħax tal-valuta barranija tkun ogħla mir-rata ta' mgħax korrispondenti għall-euro, il-kwotazzjoni tal-punt ta' swap hija pożittiva (jiġifieri l-euro hija kkwotata bl-ogħla prezz kontra l-valuta barranija; u

(ii) jekk ir-rata ta' mgħax tal-valuta barranija tkun aktar baxxa mir-rata ta' mgħax li tikkorrispondi għall-euro, il-kwotazzjoni tal-punt ta' swap hija negattiva, jiġifieri l-euro hija kkwotata bi skont kontra l-valuta barranija.

(c) L-offerti bl-ogħla kwotazzjonijiet tal-punt ta' swap għandhom jiġu ssodisfati l-ewwel u sussegwentement għandhom jiġu aċċettati kwotazzjonijiet ta' punt ta' swap li jkunu suċċessivament aktar baxxi, sakemm:

(i) l-ammont totali tal-valuta fissa li jkollu jiġi assorbit jiġi eżawrit; u

(ii) fil-kwistjoni tal-punt ta' swap l-aktar baxxa li tiġi aċċettata, jiġifieri l-kwotazzjoni tal-punt ta' swap marġinali, l-ammont aggregat tal-offerta jkun jaqbeż l-ammont li jifdal biex jiġi allokat.

(d) L-ammont li jifdal għandu jiġi allokat *pro rata* fost l-offerti, fuq il-bażi tal-proporzjon tal-ammont li jifdal biex jiġi allokat għall-ammont totali tal-offerta fil-kwotazzjoni tal-punt ta' swap marġinali, skont it-Tabella 3 tal-Anness III. L-ammont allokat lil kull kontroparti għandu jiġi aġġustat sal-eqreb euro.

2. Il-BĊE jista' jiddeċiedi li jalloka ammont minimu lil kull offerent magħżul.

*Artikolu 42*

**Tip ta' rkant għal proċeduri ta' sejħiet għall-offerti b'rata varjabbli**

Għal sejħiet għall-offerti b'rata varjabbli, l-Eurosistema tista' tapplika jew irkant b'rata waħda (irkant Olandiż) jew inkella rkant b'rata multipla (irkant Amerikan).

Subtaqsima 4

**Tħabbir tar-riżultati ta' sejħa għall-offerti**

*Artikolu 43*

**Tħabbir tar-riżultati ta' sejħa għall-offerti**

1. Il-BĊE għandu jħabbar pubblikament id-deċiżjoni tiegħu ta' allokazzjoni tas-sejħa għall-offerti fir-rigward tar-riżultati tas-sejħa għall-offerti permezz ta' mezzi tax-xandir u fuq il-websajt tal-BĊE. Barra minn hekk, il-BĊNi jistgħu jħabbru d-deċiżjoni ta' għoti tas-sejħa għall-offerti permezz ta' mezzi ta' xandir nazzjonali u direttament lill-kontropartijiet, jekk jidhrilhom li dan huwa neċessarju.

2. L-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fl-avviż pubbliku fir-rigward tar-riżultati tas-sejħa għall-offerti hija stipulata fl-Anness IV.

3. Jekk id-deċiżjoni tal-għoti tkun tinkludi informazzjoni żbaljata fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni li tinsab fl-avviż pubbliku tar-riżultat tas-sejħa għall-offerti msemmi fil-paragrafu 1, il-BĊE jista' jieħu kwalunkwe azzjoni li jidhirlu li hija xierqa sabiex jikkoreġi dik l-informazzjoni żbaljata.

4. Wara l-avviż pubbliku tad-deċiżjoni ta' għoti mill-BĊE abbażi tar-riżultati tas-sejħa għall-offerti kif imsemmi fil-paragrafu 1, il-BĊNi għandhom jiċċertifikaw direttament ir-riżultati individwali tal-għoti lill-kontropartijiet, sabiex b'hekk kull kontroparti għandha tirċievi konferma individwali u ċerta tas-suċċess tagħha fil-proċedura ta' sejħa għall-offerti u l-ammont preċiż allokat lilha.

Taqsima 3

**Proċeduri bilaterali għal operazzjonijiet tas-suq miftuħ tal-Eurosistema**

*Artikolu 44*

**Ħarsa ġenerali lejn il-proċeduri bilaterali**

1. L-Eurosistema tista' teżegwixxi kull waħda mill-operazzjonijiet tas-suq miftuħ li ġejjin permezz ta' proċeduri bilaterali:

(a) operazzjonijiet ta' rfinar (tranżazzjonijiet bil-maqlub, swaps ta' kambju barrani jew il-ġbir ta' depożiti għal terminu fiss); jew

(b) operazzjonijiet strutturali (tranżazzjonijiet definittivi).

2. Proċeduri bilaterali, skont it-tranżazzjoni speċifika, jistgħu jiġu eżegwiti permezz ta' kuntatt dirett mal-kontropartijiet, kif stipulat fl-Artikolu 45, jew permezz ta' boroż tal-ishma u aġenti tas-suq, kif stipulat fl-Artikolu 46.

*Artikolu 45*

**Proċeduri bilaterali eżegwiti permezz ta' kuntatt dirett mal-kontropartijiet**

1. Proċeduri bilaterali għal operazzjonijiet ta' rfinar u operazzjonijiet strutturali mwettqa permezz ta' tranżazzjonijiet definittivi jistgħu jiġu eżegwiti permezz ta' kuntatt dirett mal-kontropartijiet.

2. Il-BĊNi għandhom jikkuntattjaw direttament istituzzjoni waħda jew aktar magħżula skont il-kriterji ta' eliġibbiltà stipulati fl-Artikolu 57. Il-BĊNi għandhom isegwu l-istruzzjonijiet tal-BĊE meta jiddeċiedu jekk jidħlux jew le fi tranżazzjoni ma' dawk l-istituzzjonijiet.

3. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, il-Kunsill Governattiv tal-BĊE jista' jiddeċiedi li, taħt ċirkustanzi eċċezzjonali, il-BĊE jew BĊNi wieħed jew aktar, li jaġixxu bħala d-driegħ operattiv tal-BĊE, għandhom iwettqu operazzjonijiet ta' rfinar jew operazzjonijiet strutturali mwettqa permezz ta' tranżazzjonijiet definittivi eżegwiti permezz ta' proċeduri bilaterali. F'dak il-każ, il-proċeduri għal dawk l-operazzjonijiet għandhom jiġu adattati kif meħtieġ. Il-BĊE għandu jiddeċiedi jekk jidħolx fi tranżazzjoni mal-istituzzjonijiet ikkuntattjati.

*Artikolu 46*

**Proċeduri bilaterali eżegwiti permezz ta' boroż tal-ishma u aġenti tas-suq**

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 45, proċeduri bilaterali għal operazzjonijiet strutturali mwettqa permezz ta' tranżazzjonijiet bilaterali jistgħu jiġu eżegwiti permezz ta' boroż tal-ishma u aġenti tas-suq.

2. Il-medda ta' kontropartijiet ma għandhiex tkun ristretta, kif ipprovdut fil-Artikolu 57.

3. Il-proċeduri għandhom ikunu adattati għall-konvenzjonijiet tas-suq għall-istrumenti ta' dejn innegozjati.

*Artikolu 47*

**Tħabbir ta' operazzjonijiet eżegwiti permezz ta' proċeduri bilaterali**

1. Operazzjonijiet ta' rfinar jew operazzjonijiet strutturali mwettqa perrmezz ta' tranżazzjonijiet definittivi eżegwiti permezz ta' proċeduri bilaterali ma jitħabbrux pubblikament bil-quddiem, ħlief jekk il-BĊE jiddeċiedi mod ieħor.

2. Il-BĊE jista' jiddeċiedi li ma jħabbarx pubblikament ir-riżultati ta' dawk l-operazzjonijiet bilaterali.

*Artikolu 48*

**Jiem operattivi għal proċeduri bilaterali**

1. Il-BĊE jista' jiddeċiedi li jwettaq proċeduri bilaterali għal operazzjonijiet ta' rfinar f'kull jum tan-negozju tal-Eurosistema. F'dawn l-operazzjonijiet, jipparteċipaw biss il-BĊNi li fir-rigward tagħhom il-jum tal-kummerċ, il-jum tas-saldu u l-jum tar-rimborż ikunu jiem tan-negozju tal-BĊN.

2. Proċeduri bilaterali għal operazzjonijiet strutturali mwettqa permezz ta' tranżazzjonijiet definittivi normalment jiġu eżegwiti u saldati f'jiem li jkunu jiem tan-negozju tal-BĊN fl-Istati Membri kollha li l-munita tagħhom hija l-euro.

KAPITOLU 2

***Proċeduri ta' saldu għal operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema***

*Artikolu 49*

**Ħarsa ġenerali lejn il-proċeduri ta' saldu**

1. Ordnijiet ta' ħlas relatati mal-parteċipazzjoni f'operazzjonijiet tas-suq miftuħ għandhom jiġu saldati fil-kontijiet tal-kontropartijiet ma' BĊN, jew fil-każ ta' operazzjonijiet tas-suq miftuħ fil-kontijiet ta' bank ta' saldu li jipparteċipa f'TARGET2.

2. Ordnijiet ta' ħlas li jkunu relatati mal-parteċipazzjoni f'operazzjonijiet tas-suq miftuħ li jipprovdu likwidità jew li jużaw il-faċilità tas-self marġinali għandhom jiġu saldati biss fil-mument ta' jew wara t-trasferiment finali tal-assi eliġibbli bħala kollateral għall-operazzjoni. Għal dan l-iskop, il-kontrapartijiet għandhom:

(a) jiddepożitaw minn qabel l-assi eliġibbli ma' BĊN; jew

(b) jissaldaw l-assi eliġibbli ma' BĊN fuq il-bażi ta' konsenja kontra ħlas.

*Artikolu 50*

**Saldu ta' operazzjonijiet tas-suq miftuħ**

1. L-Eurosistema għandha tipprova tirregola t-tranżazzjonijiet kollha relatati mal-operazzjonijiet tagħha ta' suq miftuħ fl-istess żmien fl-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, mal-kontropartijiet kollha li jkunu pprovdew assi eliġibbli suffiċjenti bħala kollateral. Madankollu, minħabba l-limiti operattivi u l-karatterisitiċi tekniċi, eż. ta' SSSs), l-għażla tal-ħin fil-jum tas-saldu ta' operazzjonijiet tas-suq miftuħ tista' tvarja bejn l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

2. Id-dati ta' saldu indikattivi huma miġbura fil-qosor fit-Tabella 8.

*Tabella 8*

**Dati indikattivi ta' saldu għal operazzjonijiet tas-suq miftuħ tal-Eurosistema** (*)

| Strument tal-politika monetarja | Data ta' saldu għal operazzjonijiet tas-suq miftuħ ibbażata fuq proċeduri standard ta' sejħiet għall-offerti | Id-data ta' saldu għal operazzjonijiet tas-suq miftuħ ibbażata fuq proċeduri mgħaġġla ta' sejħiet għall-offerti jew proċeduri bilaterali |
|---|---|---|
| Tranżazzjonijiet bil-maqlub | T + 1 | T |
| Tranżazzjonijiet definittivi | Skont il-konvenzjoni tas-suq għall-assi eliġibbli | |
| Ħruġ ta' ċertifikati ta' dejn tal-BĊE | T + 2 | — |
| Swaps tal-kambju barrani | T, T + 1 or T + 2 | |
| Ġbir ta' depożiti b'terminu fiss | T | |

(*) Id-data tas-saldu tirreferi għall-jiem tan-negozju tal-Eurosistema. T tirreferi għall-jum tal-kummerċ.

*Artikolu 51*

**Saldu ta' operazzjonijiet tas-suq miftuħ eżegwiti permezz ta' proċeduri standard ta' sejħiet għall-offerti**

1. L-Eurosistema għandha tipprova tissalda operazzjonijiet tas-suq miftuħ eżegwiti permezz ta' proċeduri standard ta' sejħiet għall-offerti, fl-ewwel jum wara l-jum tal-kummerċ meta TARGET2 u l-SSSs relevanti kollha jkunu miftuħa.

2. Id-dati tas-saldu għal MROs u LTROs regolari huma speċifikati bil-quddiem fil-kalendarju indikattiv għall-operazzjonijiet regolari ta' sejħiet għall-offerti tal-Eurosistema. Jekk id-data tas-saldu normali tkun tikkoinċidi ma' festa pubblika, il-BĊE jista' jiddeċiedi li japplika data ta' ħlas differenti, bl-għażla ta' saldu fl-istess jum. L-Eurosistema għandha tipprova tiżgura li l-ħin tas-saldu ta' MROs u LTROs regolari jikkoinċidi mal-ħin tar-rimbors ta' operazzjoni preċedenti ta' maturità korrispondenti.

3. Il-ħruġ ta' ċertifikati ta' dejn tal-BĊE għandu jiġi saldat fit-tieni jum wara l-jum tal-kummerċ meta t-TARGET2 u l-SSSs rilevanti kollha jkunu miftuħin.

*Artikolu 52*

**Saldu ta' operazzjonijiet tas-suq miftuħ imwettaq permezz ta' proċeduri standard ta' sejħiet għall-offerti jew proċeduri bilaterali**

1. L-Eurosistema għandha tipprova tissalda operazzjonijiet tas-suq miftuħ eżegwiti permezz ta' proċeduri mgħaġġla ta' sejħiet għall-offerti u proċeduri bilaterali fil-jum tal-kummerċ. Dati oħrajn ta' saldu jistgħu jiġu applikati, b'mod partikolari għal tranżazzjonijiet definittivi u swaps ta' kambju barrani.

2. Operazzjonijiet ta' rfinar u operazzjonijiet strutturali mwettqa permezz ta' tranżazzjonijiet definittivi eżegwiti permezz ta' proċeduri bilaterali għandhom jiġu saldati b'mod diċentralizzat permezz tal-BĊNi.

*Artikolu 53*

**Dispożizzjonijiet ulterjuri dwar is-saldu u l-proċeduri ta' tmiem il-jum**

1. Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-Kapitolu, dispożizzjonijiet addizzjonali relatati mas-saldu jistgħu jiġu stipulati fl-arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji applikati mill-BĊNi, jew mill-BĊE, għall-istrument tal-politika monetarja speċifiku.

2. Il-proċeduri ta' tmiem il-jum huma speċifikati fid-dokumentazzjoni relatata mal-qafas ta' TARGET2.

*Artikolu 54*

**Investimenti ta' riżerva u riżervi eċċessivi**

1. Skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1745/2003 (BĊE/2003/9), kont ta' saldu ta' kontroparti ma' BĊN jista' jintuża bħala kont ta' riżerva. Investimenti ta' riżerva miżmumin f'kontijiet ta' saldu jistgħu jintużaw għal finijiet ta' saldu fl-istess ġurnata. L-investiment ta' riżerva ta' kuljum ta' kontroparti għandu jiġi kkalkolat bħala l-bilanċ tat-tmiem il-jum fil-kont tar-riżerva tagħha. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "kont ta' riżerva" għandha jkollha l-istess tifsira bħal fir-Regolament (KE) Nru 1745/2003 (BĊE/2003/9).

2. Investimenti ta' riżerva li jeċċedu r-riżervi minimi meħtieġa skont ir-Regolament (KE) Nru 2531/98 u r-Regolament (KE) Nru 1745/2003 (BĊE/2003/9) għandhom jitħallsu bir-rata ta' żero fil-mija jew bir-rata tal-faċilità ta' depożitu, skont liema waħda tkun l-aktar baxxa.

IT-TIELET PARTI

**KONTROPARTIJIET ELIĠIBBLI**

*Artikolu 55*

**Kriterji ta' eliġibbiltà għal parteċipazzjoni fl-operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema**

Fir-rigward tal-operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema, soġġett għall-Artikolu 57, l-Eurosistema għandha tippermetti biss parteċipazzjoni minn istituzzjonijiet li jissodisfaw il-kriterji stipulati f'dan l-Artikolu:

(a) Għandhom ikunu soġġetti għas-sistema ta' riżervi minimi tal-Eurosistema skont l-Artikolu 19.1 tal-Istatut tas-SEBĊ u ma għandhomx ikunu ngħataw eżenzjoni mill-obbligi tagħhom taħt is-sistema ta' riżervi minimi tal-Eurosistema skont ir-Regolament (KE) Nru 2531/98 u r-Regolament (KE) Nru 1745/2003 (BĊE/2003/9).

(b) Għandhom ikunu finanzjarjament sodi.

(c) Għandhom ikunu waħda minn dawn li ġejjin:

(i) soġġetti għal ta' mill-inqas forma waħda ta' superviżjoni armonizzata tal-Unjoni/ŻEE mill-awtoritajiet kompetenti skont id-Direttiva 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(ii) istituzzjonijiet ta' kreditu li huma proprjetà pubblika, fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 123(2) tat-Trattat, soġġett għal superviżjoni ta' standard kumparabbli għal superviżjoni mill-awtoritajiet kompetenti taħt id-Direttiva 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(iii) istituzzjonijiet soġġetti għal superviżjoni mhux armonizzata mill-awtoritajiet kompetenti ta' standard kumparabbli għal superviżjoni armonizzata tal-Unjoni/ŻEE minn awtoritajiet kompetenti taħt id-Direttiva 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 575/2013, eż. fergħat stabbiliti fi Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro ta' istituzzjonijiet inkorporati barra miż-ŻEE.

(d) Għandhom jissodisfaw kwalunkwe rekwiżit operazzjonali speċifikat fl-arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji applikati mill-BĊN domestiku jew mill-BĊE fir-rigward tal-istrument jew operazzjoni speċifiċi.

*Artikolu 56*

**Aċċess għal operazzjonijiet tas-suq miftuħ eżegwiti permezz ta' proċeduri standard ta' sejħiet għall-offerti u għal faċilitajiet permanenti**

1. Istituzzjonijiet li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà taħt l-Artikolu 55 għandu jkollhom aċċess għal kwalunkwe waħda mill-operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema li ġejjin:

(a) faċilitajiet permanenti;

(b) operazzjonijiet tas-suq miftuħ eżegwiti permezz ta' proċeduri standard ta' sejħiet għall-offerti.

2. Aċċess għall-faċilitajiet permanenti jew operazzjonijiet tas-suq miftuħ eżegwiti permezz ta' proċeduri standard ta' sejħiet għall-offerti għandu jingħata biss lil istituzzjonijiet li jissodisfaw il-kriterji għall-eliġibbiltà taħt l-Artikolu 55 permezz tal-BĊN domestiku tagħhom.

3. Meta istituzzjoni li tissodisfa l-kriterji ta' eliġibbiltà taħt l-Artikolu 55 jkollha stabbilimenti, eż. uffiċċju prinċipali jew fergħat) f'aktar minn Stat Membru wieħed li l-munita tiegħu hija l-euro, kull stabbiliment li jissodisfa l-kriterji ta' eliġibbiltà taħt l-Artikolu 55 jista' jaċċessal-faċilitajiet permanenti jew l-operazzjonijiet tas-suq miftuħ eżegwiti permezz ta' proċeduri standard ta' sejħiet għall-offerti permezz tal-BĊN domestiku tiegħu.

4. Offerti għal operazzjonijiet tas-suq miftuħ eżegwiti permezz ta' proċeduri standard ta' sejħiet għall-offerti u għal rikors għall-faċilitajiet permanenti għandhom jiġu sottomessi minn stabbiliment wieħed biss f'kull Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro, jiġifieri jew mill-uffiċċju prinċipali jew inkella minn fergħa nnominata.

*Artikolu 57*

**Għażla ta' kontropartijiet għal aċċess għal operazzjonijiet tas-suq miftuħ eżegwiti permezz ta' proċeduri mgħaġġla ta' sejħiet għall-offerti jew proċeduri bilaterali**

1. Għal operazzjonijiet tas-suq miftuħ eżegwiti permezz ta' proċeduri mgħaġġla ta' sejħiet għall-offerti jew proċeduri bilaterali, il-kontropartijiet għanhom jintgħażlu skont il-paragrafi 2 sa 4.

2. Għal operazzjonijiet strutturali mwettqa permezz ta' tranżazzjonijiet definittivi li huma eżegwiti permezz ta' proċeduri bilaterali, ma għandu jkun hemm ebda restrizzjoni fuq il-medda ta' kontropartijiet. Għal operazzjonijiet strutturali mwettqa permezz ta' tranżazzjonijiet definittivi, li jkunu eżegwiti permezz ta' proċeduri mgħaġġla ta' sejħiet għall-offerti, għandhom japplikaw il-kriterji ta' eliġibbiltà stipulati fl-Artikolu 57(3)(b).

3. Għal operazzjonijiet ta' rfinar li jkunu eżegwiti permezz ta' proċeduri mgħaġġla ta' sejħiet għall-offerti jew proċeduri bilaterali, il-kontropartijiet għandhom jintgħażlu skont kif ġej:

(a) Għal operazzjonijiet ta' rfinar li jitwettqu permezz ta' swaps tal-kambju barrani għal skopijiet tal-politika monetarja, u eżegwiti permezz ta' proċeduri mgħaġġla ta' sejħiet għall-offerti jew proċeduri bilaterali, il-medda ta' kontropartijiet għandha tkun identika għall-medda ta' entitajiet li jintgħażlu għal operazzjonijiet ta' intervent fir-rati tal-kambju tal-Eurosistema u li jkunu stabbiliti fl-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro. Il-kontropartijiet għal swaps tal-kambju barrani għal skopijiet tal-politika monetarja permezz ta' proċeduri mgħaġġla ta' sejħiet għall-offerti jew proċeduri bilaterali ma jeħtieġux li jossidisfaw il-kriterji stipulati fl-Artikolu 55. Il-kriterji tal-għażla għal kontropartijiet li jipparteċipaw fl-operazzjonijiet ta' intervent fir-rati tal-kambju tal-Eurosistema huma bbażati fuq il-prinċipji ta' prudenza u effiċjenza, kif stipulat fl-Anness V. Il-BĊNi jistgħu japplikaw sistemi bbażati fuq limitu sabiex jikkontrollaw l-iskoperturi tal-kreditu fil-konfront tal-kontropartijiet individwali li jipparteċipaw fi swaps tal-kambju barrani għal skopijiet tal-politika monetarja.

(b) Għal operazzjonijiet ta' rfinar imwettqa permezz ta' tranżazzjonijiet bil-maqlub jew permezz tal-ġbir ta' depożiti għal terminu fiss u eżegwiti permezz ta' proċeduri mgħaġġla ta' sejħiet għall-offerti jew proċeduri bilaterali, kull BĊN għandu jagħżel, għal tranżazzjoni speċifika, għadd ta' kontropartijiet minn fost l-istituzzjonijiet li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà stipulati fl-Artikolu 55 u li huma stabbiliti fl-Istat Membru tagħhom li l-munita tiegħu hija l-euro. L-għażla għandha tkun ibbażata primarjament fuq l-attivitajiet tal-istituzzjoni relevanti fis-suq monetarju. Kriterji addizzjonali ta' għażla jistgħu jiġu applikati mill-BĊN, bħall-effiċjenza tad-desk tan-negozjar u l-potenzjal ta' offerti.

4. Jekk il-Kunsill Governattiv tal-BĊE, skont l-Artikolu 45(3), jiddeċiedi li l-BĊE għandu jwettaq, waħdu jew permezz ta' BĊN wieħed jew aktar, operazzjonijiet ta' rfinar eżegwiti permezz ta' proċeduri bilaterali, il-BĊE għandu jagħżel il-kontropartijiet tiegħu skont skema ta' rotazzjoni fost il-kontropartijiet li jkunu eliġibbli biex jipparteċipaw fi proċeduri mgħaġġla ta' sejħiet għall-offerti u proċeduri bilaterali.

5. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1 sa 4, operazzjonijiet tas-suq miftuħ eżegwiti permezz ta' proċeduri mgħaġġla ta' sejħa għall-offerti jew proċeduri bilaterali jistgħu jsiru wkoll ma' firxa aktar wiesgħa ta' kontropartijiet minn dawk indikati fil-paragrafi 2 sa 4, jekk il-Kunsill Governattiv tal-BĊE jiddeċiedi hekk.

IR-RABA' PARTI

**ASSI ELIĠIBBLI**

TITOLU I

**PRINĊIPJI ĠENERALI**

*Artikolu 58*

**Assi eliġibbli u tekniki ta' kollateralizzazzjoni biex jintużaw għall-operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema**

1. L-Eurosistema għandha tapplika qafas wieħed għal assi eliġibbli komuni għall-operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema kif imniżżla f'din il-Linja Gwida.

2. Sabiex jipparteċipaw f'operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema, il-kontropartijiet iridu jipprovdu lill-Eurosistema b'assi li huma eliġibbli bħala kollateral għal dawk l-operazzjonijiet. Billi l-operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema jinkludu kreditu fl-istess ġurnata, kollateral ipprovdut minn kontropartijiet fir-rigward ta' kreditu fl-istess ġurnata għandu jikkonforma wkoll mal-kriterji tal-eliġibbiltà kif speċifikati f'din il-Linja Gwida, kif imsemmi fil-Linja Gwida BĊE/2012/27.

3. Il-kontropartijiet għandhom jipprovdu assi eliġibbli permezz ta':

(a) it-trasferiment ta' proprjetà, li jieħu l-forma legali ta' ftehim ta' xiri mill-ġdid; jew

(b) il-ħolqien ta' interess tat-titolu, jiġifieri rahan, assenjazzjoni jew ħlas mogħti fuq assi rilevanti, li jieħdu forma legali ta' self kollateralizzat,

f'kull każ skont l-arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji stabbiliti u dokumentati mill-BĊN domestiku.

4. Fejn il-kontropartijiet jipprovdu assi eliġibbli bħala kollateral, il-BĊN domestiku jista' jeħtieġ li l-assi eliġibbli jiġu rriżervati jew miżmumim fi gruppi, skont liema sistema ta' ġestjoni tal-kollateral jużaw.

5. Ebda distinzjoni m'għandha ssir bejn assi negozjabbli u mhux negozjabbli fir-rigward tal-kwalità tal-assi u l-eliġibbiltà tagħhom għad-diversi tipi ta' operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema.

6. Mingħajr preġudizzju għall-obbligu fil-paragrafu 2 li l-kontropartijiet jipprovdu l-Eurosistema bl-assi li huma eliġibbli bħala kollateral, l-Eurosistema tista', fuq talba, tipprovdi lill-kontrapartijiet b'parir dwar l-eliġibbiltà tal-assi negozjabbli jekk diġà jkunu ġew maħruġa jew rigward l-eliġibbiltà tal-assi mhux negozjabbli meta diġà jkunu ntalbu biex jiġu sottomessi. L-Eurosistema ma għandha tipprovdi ebda parir qabel dawn l-avvenimenti.

*Artikolu 59*

**Aspetti ġenerali tal-qafas tal-valutazzjoni tal-kreditu tal-Eurosistema għall-assi eliġibbli**

1. Bħala wieħed mill-kriterji għall-eliġibbiltà, l-assi jridu jilħqu l-istandards ta' kreditu għoljin speċifikati fil-qafas tal-valutazzjoni ta' kreditu tal-Eurosistema (ECAF).

2. L-ECAF għandha tistabbilixxi l-proċeduri, ir-regoli u t-tekniki biex tiżgura li jinżamm ir-rekwiżit tal-Eurosistema li jkun hemm standards ta' kreditu għoljin għall-assi eliġibbli u li l-assi eliġibbli jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-kwalità tal-kreditu ddefiniti mill-Eurosistema.

3. Għall-finijiet tal-ECAF, l-Eurosistema għandha tiddefinixxi rekwiżiti tal-kwalità tal-kreditu f'forma ta' passi tal-kwalità tal-kreditu billi tistabbilixxi valuri tal-livell minimu għall-probabbiltà ta' inadempjenza (PD) fuq perijodu ta' sena, kif ġej.

(a) L-Eurosistema tikkunsidra, suġġetta għal reviżjoni regolari, probabbiltà massima ta' inadempjenza ta' 0,10 % fuq perijodu ta' sena bħala ekwivalenti għar-rekwiżit ta' kwalità tal-kreditu tal-pass 2 tal-kwalità tal-kreditu u probabbiltà massima ta' inadempjenza ta' 0,40 % fuq perijodu ta' sena bħala ekwivalenti għar-rekwiżit tal-kwalità tal-kreditu tal-pass 3 tal-kwalità tal-kreditu.

(b) L-assi eliġibbli kollha għall-operazzjonijiet tal-kreditu tal-Eurosistema għandhom jikkonformaw, bħala minimu, ma' rekwiżit tal-kwalità tal-kreditu li jikkorrispondi mal-pass 3 tal-kwalità tal-kreditu. Rekwiżiti addizzjonali tal-kwalità tal-kreditu għall-assi speċifiċi għandhom jiġu applikati mill-Eurosistema skont it-Titoli II u III tal-Parti Erbgħa.

4. L-Eurosistema għandha tippubblika informazzjoni dwar il-passi tal-kwalità tal-kreditu fuq is-sit elettroniku tal-BĊE fil-forma ta' skala ta' klassifika armonizzata, inkluż l-immappjar tal-valutazzjonijiet tal-kreditu, ipprovduti mill-istituzzjonijiet esterni tal-valutazzjoni tal-kreditu (ECAIs) u fornituri terzi ta' għodod ta' klassifikazzjoni (rating tools — RTs), għall-passi tal-kwalità tal-kreditu.

5. Fil-valutazzjoni tar-rekwiżiti tal-kwalità ta' kreditu, l-Eurosistema għandha tikkunsidra l-informazzjoni tal-valutazzjoni tal-kreditu mis-sistemi tal-valutazzjoni tal-kreditu li jappartjenu għal wieħed minn erba' sorsi skont it-Titolu V tal-Parti Erbgħa.

6. Bħala parti mill-valutazzjoni tal-istandard ta' kreditu ta' assi speċifiċi, l-Eurosistema tista' tikkunsidra l-kriterji istituzzjonali u l-karatteristiċi li jiżguraw protezzjoni simili għad-detentur tal-assi, bħal garanziji. L-Eurosistema tirriżerva d-dritt li tiddetermina jekk ħarġa, l-emittent, debitur, jew garanti jissodisfawx ir-rekwiżiti ta' kwalità tal-kreditu tal-Eurosistema fuq il-bażi ta' kull informazzjoni li l-Eurosistema tista' tikkunsidra bħala rilevanti biex tiżgura protezzjoni adegwata ta' riskju tal-Eurosistema.

7. L-ECAF issegwi d-definizzjoni ta' "inadempjenza" kif stipulata fid-Direttiva 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 575/2013.

TITOLU II

## KRITERJI TA' ELIĠIBBILTÀ U REKWIŻITI TAL-KWALITÀ TAL-KREDITU GĦAL ASSI NEGOZJABBLI

*KAPITOLU 1*

### *Kriterji ta' eliġibbiltà għal assi negozjabbli*

*Artikolu 60*

#### Kriterji ta' eliġibbiltà relatati mat-tipi kollha ta' assi negozjabbli

Sabiex ikunu eliġibbli għall-operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema, l-assi negozjabbli għandhom ikunu strumenti ta' dejn li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà stabbiliti fit-Taqsima I, ħlief fil-każ ta' ċerti tipi speċifiċi ta' assi negozjabbli, kif stabbilit fit-Taqsima 2.

*Artikolu 61*

#### Lista ta' assi negozjabbli eliġibbli u regoli ta' rapportar

1. Il-BĊE għandu jippubblika lista aġġornata ta' assi negozjabbli eliġibbli fuq is-sit elettroniku tiegħu, skont il-metodoloġiji indikati fuq l-istess sit elettroniku, u għandu jaġġornah kull jum tal-gimgħa. L-assi vvalutati skont l-Artikolu 87(3) m'għandhomx jiġu ppubblikati f'din il-lista ta' assi negozjabbli eliġibbli.

2. Bħala regola, il-BĊN li jirrapporta ass negozjabbli speċifiku lill-BĊE huwa l-BĊN tal-pajjiż li fih l-ass negozjabbli huwa ammess għan-negozjar.

Taqsima 1

### Kriterji ġenerali ta' eliġibbiltà għal assi negozjabbli

*Artikolu 62*

#### Ammont prinċipali ta' assi negozjabbli

1. Sabiex ikunu eliġibbli, sal-fidi finali tagħhom, l-istrumenti ta' dejn għandu jkollhom:

(a) ammont prinċipali li huwa fiss u mingħajr kundizzjoni; jew

(b) ammont prinċipali mingħajr kundizzjoni li huwa marbut fuq bażi fissa ta' indiċi tal-inflazzjoni taż-żona tal-euro waħda biss f'mument partikolari, li ma jkun jinkludi ebda struttura oħra kkumplikata.

2. Strumenti ta' debitu b'ammont prinċipali marbut ma' indiċi ta' inflazzjoni taż-żona tal-euro waħda biss f'mument wieħed għandhom ikunu permessibbli wkoll billi l-istruttura tal-kupun hija skont kif iddefinita fir-raba' inċiż tal-Artikolu 63(1)(b)(i) u hija marbuta mal-istess indiċi ta' inflazzjoni taż-żona tal-euro.

3. Assi b'mandati jew drittijiet simili oħrajn annessi magħhom m'għandhomx ikunu eliġibbli.

*Artikolu 63*

#### Strutturi ta' kupun aċċettabbli għall-assi negozjabbli

1. Sabiex ikunu eliġibbli, l-istrumenti ta' dejn għandu jkollhom waħda minn dawn l-istrutturi ta' kupun li ġejjin sal-fidi finali:

(a) kupuni fissi, żero, jew multi-step bi skeda ta' kupun predefinita u valuri tal-kupun predefiniti li ma jistgħux jirriżultaw fi fluss ta' flus negattiv; jew

(b) kupuni varjabbli li ma jistgħux jirriżultaw fi fluss ta' flus negattiv u li jkollhom din l-istruttura: rata tal-kupun = (rata ta' referenza * l) ± x, b' f ≤ rata tal-kupun ≤ c, fejn:

(i) ir-rata ta' referenza hija biss waħda milli ġejjin f'mument partikolari:

— rata tas-suq tal-flus tal-euro, eż. EURIBOR, LIBOR jew indiċi simili;

— rata kostanti ta' tpartit ta' maturità, eż. CMS, EIISDA, EUSA;

— ir-rendiment ta' bond wieħed tal-gvern taż-żona tal-euro, jew indiċi ta' bosta minnhom, li għandhom maturità ta' sena jew inqas,

— indiċi ta' inflazzjoni taż-żona tal-euro; u

(ii) f (minimu), c (massimu), l (fattur leveraging/deleveraging) u x (marġni) huma, jekk preżenti, numri li huma jew predefiniti mal-ħruġ, jew jistgħu jinbidlu maż-żmien biss skont rotta predefinita fil-ħin tal-ħruġ, fejn f u c huma ikbar minn jew daqs żero u l huwa ikbar minn żero matul il-ħajja kollha tal-assi. Għall-kupuni varjabbli b'rata ta' referenza ta' indiċi ta' inflazzjoni, l għandu jkun ugwali għal wieħed.

2. Strument ta' dejn b'kupun varjabbli, kif imsemmi fil-paragrafu 1(b), għandu jiġi kkunsidrat ineliġibbli jekk fi kwalunkwe ħin wara l-applikazzjoni tal-formula tar-rata tal-kupun, ir-rata tal-kupun tirriżulta f'valur negattiv.

3. Kull struttura tal-kupun li ma tikkonformax mal-paragrafi 1 u 2 m'għandhiex tkun eliġibbli, inkluż f'każijiet fejn parti biss tal-istruttura ta' rimunerazzjoni, bħall-premium, ma tkunx konformi.

4. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, jekk il-kupun ikun jew ta' tip iffissat b'diversi passi jew tip varjabbli b'diversi passi, il-valutazzjoni tal-istruttura tal-kupun relevanti għandha tkun ibbażata fuq il-ħajja kollha tal-assi kemm b'perspettiva li tħares 'il quddiem kif ukoll lura.

5. Strutturi ta' kupuni aċċettabbli m'għandux ikollhom opzjonijiet għall-emittent, jiġifieri matul il-ħajja kollha tal-assi, ibbażata fuq perspettiva li tħares 'il quddiem u lura, tibdil fl-istruttura tal-kupun li huma kontinġenti fuq deċiżjoni tal-emittent m'għandhomx ikunu aċċettabbli.

*Artikolu 64*

**Non-subordinazzjoni fir-rigward ta' assi negozjabbli**

Strumenti eliġibbli ta' dejn m'għandhomx jirriżultaw fi drittijiet għall-kapital u/jew l-imgħax li jkunu subordinati għad-drittijiet ta' detenturi ta' strumenti ta' dejn oħrajn tal-istess emittent.

*Artikolu 65*

**Munita tad-denominazzjoni tal-assi negozjabbli**

Sabiex ikunu eliġibbli, strumenti ta' dejn għandhom ikunu ddenominati f'euro jew f'waħda mill-muniti preċedenti tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

*Artikolu 66*

**Post tal-ħruġ tal-assi negozjabbli**

1. Bla ħsara għall-paragrafu 2, sabiex ikunu eliġibbli, l-istrumenti ta' dejn għandhom jinħarġu fiż-ŻEE ma' bank ċentrali jew ma' SSS li ġie vvalutat b'mod pożittiv skont il-Qafas tal-Valutazzjoni tal-Utenti tal-Eurosistema.

2. Fir-rigward ta' strumenti ta' dejn maħruġa jew iggarantiti minn korporazzjoni mhux finanzjarja li għaliha ma tkun ġiet ipprovduta ebda valutazzjoni ta' kreditu minn sistema ECAI aċċettata għall-ħruġ, l-emittent jew il-garanti, il-post tal-ħruġ għandu jkun fi ħdan iż-żona tal-euro.

3. Strumenti ta' dejn internazzjonali maħruġa permezz tal-ICSDs Euroclear Bank u Clearstream Banking Lussemburgu għandhom jikkonformaw mal-kriterji li ġejjin, kif applikabbli.

(a) Strumenti ta' dejn internazzjonali maħruġa f'forma bearer globali għandhom jinħarġu fil-forma ta' noti globali ġodda (NGNs) u għandhom jiġu ddepożitati ma' konsenjatarju komuni li huwa ICSD jew CSD li jkun ġie vvalutat b'mod pożittiv skont il-Qafas għall-Valutazzjoni ta' Utenti tal-Eurosistema. Permezz ta' deroga, din m'għandhiex tapplika għal strumenti ta' dejn internazzjonali maħruġa f'forma bearer globali maħruġa f'forma ta' noti globali klassiċi qabel l-1 ta' Jannar 2007 u ħruġ funġibbli tap ta' dawn in-noti maħruġa skont l-istess ISIN irrispettivament mid-data tal-ħruġ tap.

(b) Strumenti ta' dejn internazzjonali maħruġa f'forma reġistrata globali għandhom jinħarġu taħt l-istruttura ġdida ta' konsenjatarju għal strumenti ta' dejn internazzjonali. Permezz ta' deroga, din m'għandhiex tapplika għal istrumenti ta' dejn internazzjonali maħruġa f'forma rreġistrata globali qabel l-1 ta' Ottubru 2010.

(c) Strumenti ta' dejn internazzjonali f'forma ta' nota individwali m'għandhomx ikunu eliġibbli sakemm ma jkunux nħarġu f'forma ta' nota individwali qabel l-1 ta' Ottubru 2010.

*Artikolu 67*

**Proċeduri ta' saldu għal assi negozjabbli**

1. Sabiex ikunu eliġibbli, strumenti ta' dejn għandhom ikunu trasferibbli f'forma ta' entrata fil-kotba u għandhom jinżammu u jiġu saldati fi Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro permezz ta' kont ma' BĊN jew ma' SSS li jkun ġie vvalutat b'mod pożittiv skont il-Qafas tal-Valutazzjoni tal-Utenti tal-Eurosistema, sabiex il-perfezzjoni u r-realizzazzjoni tal-kollateral ikunu suġġetti għal-liġi ta' Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro.

2. Jekk is-CSD/SSS fejn jinħareġ l-assi u s-CSD/SSS fejn jinżamm l-assi ma jkunux identiċi, għall-finijiet tal-eliġibbiltà it-tnejn iridu jkunu marbuta b'rabta eliġibbli vvalutata b'mod pożittiv skont il-Qafas tal-Valutazzjoni tal-Utenti tal-Eurosistema, skont l-Artikolu 150.

*Artikolu 68*

**Swieq aċċettabbli għall-assi negozjabbli**

1. Sabiex ikunu eliġibbli, l-istrumenti ta' dejn għandhom ikunu dawk li jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat kif iddefinit fid-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), jew ammessi għall-kummerċ f'ċerti swieq mhux irregolati aċċettabbli.

2. Il-BĊE għandu jippubblika l-lista tas-swieq mhux irregolati aċċettabbli fuq is-sit elettroniku u għandu jaġġornah mill-inqas darba fis-sena.

3. Il-valutazzjoni ta' swieq mhux irregolati mill-Eurosistema għandha tiġi bbażata fuq il-prinċipji li ġejjin tas-sigurtà, tat-trasparenza u l-aċċessibbiltà:

(a) Sigurtà tirreferi għal ċertezza fir-rigward tat-tranżazzjonijiet, b'mod partikolari ċertezza fir-rigward tal-validità u l-eżegwibbiltà tat-tranżazzjonijiet.

(b) Trasparenza tirreferi għal aċċess mingħajr xkiel għall-informazzjoni fuq ir-regoli ta' proċedura u l-operazzjoni tas-suq, il-karatteristiċi finanzjarji tal-assi, il-mekkaniżmu tal-formazzjoni tal-prezz, u l-prezzijiet u l-kwantitajiet rilevanti, eż. kwoti, rati tal-imgħax, volumi tan-negozju, ammonti pendenti.

c) L-accessibbiltà tirreferi għall-abbiltà tal-Eurosistema biex tipparteċipa fis-suq u jkollha aċċess għalih. Suq huwa kkunsidrat aċċessibbli jekk ir-regoli tal-proċedura u l-operat tagħha jippermettu lill-Eurosistema biex tikseb informazzjoni u tmexxi tranżazzjonijiet meta meħtieġ għall-finijiet ta' ġestjoni tal-kollateral.

4. Il-proċess tal-għażla għas-swieq mhux irregolati għandhom jiġu ddefiniti esklussivament f'termini ta' prestazzjoni tal-funzjoni ta' ġestjoni tal-kollateral tal-Eurosistema u m'għandux jitqies bħala valutazzjoni mill-Eurosistema tal-kwalità intrinsika ta' kull suq.

*Artikolu 69*

**Tip ta' emittent jew garanti tal-assi negozjabbli**

1. Sabiex ikunu eliġibbli, strumenti ta' dejn għandhom jinħarġu jew jiġu ggarantiti minn banek ċentrali ta' Stati Membri, entitajiet tas-settur pubbliku, aġenziji, istituzzjonijiet ta' kreditu, korporazzjonijiet finanzjarji minbarra istituzzjonijiet ta' kreditu, korporazzjonijiet mhux finanzjarji, banek ta' żvilupp multilaterali jew organizzazzjonijiet internazzjonali.

2. Flimkien ma' dawk il-banek u l-organizzazzjonijiet identifikati fl-Artikolu 117(2) u l-Artikolu 118 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-Eurosistema tista' tirrikonoxxi kwalunkwe entità bħala bank ta' żvilupp multilaterali jew organizzazzjoni internazzjonali għall-finijiet ta' din il-Linja Gwida fuq il-bażi ta' valutazzjoni relatata mal-kriterji kollha li ġejjin:

(a) hija organizzazzjoni b'mandat globali jew reġjonali, li tmur lil hinn mill-konfini nazzjonali;

([1]) Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

(b) hija ffinanzjata b'mod predominanti minn kontribuzzjonijiet mill-gvernijiet nazzjonali, jew organizzazzjonijiet jew entitajiet marbuta mal-gvernijiet nazzjonali;

(c) pretensjoni ta' kredituil-missjoni tal-entità hija konformi mal-politiki tal-Unjoni.

*Artikolu 70*

**Post ta' stabbiliment tal-emittent jew tal-garanti**

1. Sabiex ikunu eliġibbli, l-istrumenti tad-dejn għandhom jinħarġu minn emittent stabbilit fiż-ŻEE jew f'pajjiż G10 li mhux fiż-ŻEE, suġġett għall-eċċezzjonijiet fil-paragrafi 3 sa 6.

2. Sabiex ikunu eliġibbli, l-istrumenti tad-dejn tal-garanti għandhom jiġu stabbiliti fiż-ŻEE, sakemm il-garanzija ma tkunx meħtieġa biex tistabbilixxi rekwiżiti tal-kwalità tal-kreditu għal strumenti tad-dejn speċifiċi, suġġett għall-eċċezzjonijiet stipulati fil-paragrafi 3 u 4. Il-possibbiltà li tintuża klassifikazzjoni tal-garanti ECAI biex tiġi stabbilita l-kwalità tal-kreditu relevanti għal strumenti tad-dejn speċifiċi hija stipulata fl-Artikolu 84.

3. Għal strumenti tad-dejn maħruġa jew iggarantiti minn korporazzjonijiet mhux finanzjarji li għalihom ma teżisti l-ebda valutazzjoni tal-kreditu minn sistema ta' ECAI aċċettata għall-ħruġ, l-emittent jew il-garanti, l-emittent jew il-garanti għandu jkun stabbilit fi Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro.

4. Għal strumenti tad-dejn maħruġa jew iggarantiti minn banek ta' żvilupp multilaterali jew organizzazzjonijiet internazzjonali, il-kriterju fir-rigward tal-post ta' stabbiliment ma japplikax u għandhom ikunu eliġibbli irrispettivament mill-post ta' stabbiliment.

5. Għal titoli ggarantiti b'assi, l-emittent irid ikun stabbilit fiż-ŻEE skont l-Artikolu 74.

6. Strumenti tad-dejn maħruġa minn emittenti stabbiliti f'pajjiżi tal-G10 li mhumiex fiż-ŻEE għandhom ikunu kkunsidrati eliġibbli biss jekk l-Eurosistema tkun aċċertat għas-sodisfazzjon tagħha li d-drittijiet tagħha ikunu protetti b'mod xieraq skont il-liġijiet tal-pajjiż relevanti tal-G10 li mhuwiex fiż-ŻEE. Għal dan il-għan, valutazzjoni legali għandha tiġi ppreżentata lil-BĊN relevanti, f'forma u sustanza aċċettabbli għall-Eurosistema, qabel mal-istrumenti tad-dejn relevanti jiġu kkunsidrati eliġibbli.

*Artikolu 71*

**Rekwiżiti tal-kwalità tal-kreditu għall-assi negozjabbli**

Sabiex ikunu eliġibbli, l-istrumenti tad-dejn għandhom jilħqu r-rekwiżiti tal-kwalità tal-kreditu speċifikati fil-Kapitolu 2, ħlief meta jkun iddikjarat mod ieħor.

## Taqsima 2

## Kriterji speċifiċi ta' eliġibbiltà għal ċerti tipi ta' assi negozjabbli

### Subtaqsima 1

### Kriterji speċifiċi ta' eliġibbiltà għal titoli ggarantiti b'assi

*Artikolu 72*

**Kriterji ta' eliġibbiltà għal titoli ggarantiti b'assi**

Sabiex ikunu eliġibbli għall-operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema, titoli ggarantiti b'assi għandhom jikkonformaw mal-kriterji ġenerali tal-eliġibbiltà relatati mat-tipi kollha tal-assi negozjabbli stipulati fit-Taqsima 1, bl-eċċezzjoni tar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 62 relatati mal-ammont prinċipali, u barra minn dan, il-kriterji speċifiċi ta' eliġibbiltà stipulati f'din is-subtaqsima.

*Artikolu 73*

**Omoġeneità u kompożizzjoni tal-assi li jiġġeneraw fluss ta' flus**

1. Sabiex l-ABSs ikunu eliġibbli, l-assi kollha li jiġġeneraw fluss ta' flus li jiggarantixxu l-ABSs għandhom ikunu omoġenji, jiġifieri għandu jkun possibbli li jiġu rrapportati skont wieħed mill-mudelli eżistenti dwar il-livell ta' self, li għandu jkun wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) ipoteki residenzjali;

(b) ipoteki kummerċjali fuq proprjetà immobbli;

(c) self lil impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs);

(d) self għax-xiri ta' karozzi;

(e) self għal finanzjament tal-konsumatur;

(f) ammonti riċevibbli għal kiri;

(g) ammonti riċevibbli fuq kard ta' kreditu.

2. L-Eurosistema tista' tikkunsidra li ABS ma jkunx omoġenju fuq valutazzjoni tad-dejta ppreżentata minn kontroparti.

3. L-ABSs m'għandhomx jikkonsistu f'assi li jiġġeneraw fluss ta' flus li joriġinaw direttament minn SPV li joħorġu l-ABSs.

4. L-assi li jiġġeneraw fluss ta' flus m'għandhomx jikkonsistu, totalment jew parzjalment, attwalment jew potenzjalment, minn segmenti ta' ABSs oħrajn. Dan il-kriterju m'għandux jeskludi ABSs fejn l-istruttura tal-ħruġ tinkludi żewġ SPVs u l-kriterju tal-"bejgħ veru" jiġi sodisfatt fir-rigward ta' dawk l-SPVs sabiex l-istrumenti ta' dejn maħruġin mit-tieni SPV ikunu ggarantiti direttament jew indirettament mill-aggregazzjoni oriġinali ta' assi u l-flussi kollha ta' flus kontanti mill-assi li jiġġeneraw fluss ta' flus jiġu ttrasferiti mill-ewwel għat-tieni SPV.

5. L-assi li jiġġeneraw fluss ta' flus m'għandhomx jikkonsistu, totalment jew parzjalment, attwalment jew potenzjalment, f'noti marbuta ma' kreditu, swaps jew strumenti derivattivi oħrajn, titoli sintetiċi jew pretensjonijiet simili. Din ir-restrizzjoni m'għandhiex tinkludi swaps użati fi tranżazzjonijiet ABS strettament għall-għanijiet ta' hedging.

6. Mingħajr preġudizzju għall-kriterji ta' eliġibbiltà ta' din is-subtaqsima, l-assi li jiġġeneraw fluss ta' flus li jiggarantixxu it-titoli ggarantiti minn ipoteki kummerċjali m'għandhomx jinkludu selfiet li li jkunu f'xi ħin strutturati, sindikati jew leveraged. Għall-finijiet ta' dan il-kriterju, "self strutturat" tfisser struttura li tinvolvi segmenti subordinati, "self sindikat" tfisser self ipprovdut minn grupp ta' selliefa f'sindikat ta' self u "self leveraged" tfisser self ipprovdut lil kumpanija li diġà jkollha grad konsiderevoli ta' dejn, bħal finanzjament għal akkwist maġġoritarju jew akkwist estern, fejn is-self jintuża għall-akkwist tal-ekwità ta' kumpanija li hija wkoll id-debitur tas-self.

7. Jekk l-assi li jiġġeneraw fluss ta' flus li jiggarantixxu l-ABSs ikunu jinkludu riċevibbli ta' kiri bil-valur residwu tal-kiri, dawk il-ABSs li kienu fuq il-lista ta' titoli eliġibbli fl-1 ta' Mejju 2015 għandhom iżommu l-eliġibbiltà tagħhom sal-31 ta' Awwissu 2015.

*Artikolu 74*

**Restrizzjonijiet ġeografiċi dwar titoli ggarantiti b'assi u assi li jiġġeneraw fluss ta' flus**

1. L-emittent tal-ABSs għandu jkun SPV stabbilit fiż-ŻEE.

2. L-assi li jiġġeneraw fluss ta' flus għandhom joriġinaw minn oriġinatur inkorporat fiż-ŻEE u mibjugħ lill-SPV mill-oriġinatur jew minn intermedjarju inkorporat fiż-ŻEE.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, fiduċjarju ta' ipoteka jew fiduċjarju ta' riċevibbli għandhom jitqiesu bħala intermedjarju. ABSs fil-lista ta' assi negozjabbli eliġibbli fl-1 ta' Mejju 2015 li ma jikkonformawx mal-paragrafu 2 fir-rigward tal-post ta' inkorporazzjoni tal-fiduċjarju ta' ipoteka jew fiduċjarju ta' riċevibbli għandhom jibqgħu eliġibbli sal-1 ta' Mejju 2016 sakemm jintlaħqu l-kriterji kollha ta' eliġibbiltà.

4. Id-debituri u l-kredituri tal-assi li jiġġeneraw fluss ta' flus għandhom ikunu inkorporati, jew, jekk ikunu persuni fiżiċi, għandhom ikunu residenti fiż-ŻEE. Kull titolu relatat għandu jinsab fiż-ŻEE u l-liġi li tirregola l-assi li jiġġeneraw fluss ta' flus għandha tkun il-liġi ta' pajjiż fiż-ŻEE.

*Artikolu 75*

**Akkwist ta' assi li jiġġeneraw fluss ta' flus mill-SPV**

1. L-akkwist ta' assi li jiġġeneraw fluss ta' flus mill-SPV għandhom ikunu rregolati mil-liġi ta' Stat Membru.

2. L-assi li jiġġeneraw fluss ta' flus għandhom ikunu ġew akkwistati mill-SPV mingħand l-oriġinatur jew intermedjarju kif stabbilit fl-Artikolu 74(2) b'mod li l-Eurosistema tqis li huwa "bejgħ ta' veru" li huwa inforzabbli kontra kull terza persuna, u b'mod li ma jkunux jistgħu jintmissu mill-oriġinatur u l-kredituri tiegħu jew l-intermedjarju u l-kredituri tiegħu, inkluż f'każ ta' insolvenza tal-oriġinatur jew tal-intermedjarju;

*Artikolu 76*

**Valutazzjoni tar-regoli clawback għal titoli ggarantiti b'assi**

1. L-ABSs għandhom jitqiesu li huma eliġibbli biss jekk l-Eurosistema tkun żgurat illi d-drittijiet tagħha jkunu protetti b'mod xieraq kontra regoli clawback meqjusa bħala relevanti mill-Eurosistema taħt il-liġi tal-pajjiż relevanti taż-ŻEE. Għal dan il-għan, qabel ma l-ABSs jkunu jistgħu jiġu kkunsidrati eliġibbli, l-Eurosistema tista' tirrikjedi:

(a) valutazzjoni legali indipendenti f'forma jew sustanza aċċettabbli għall-Eurosistema li titstipula r-regoli clawback applikabbli fil-pajjiż relevanti; u/jew

(b) dokumenti oħrajn, bħal ċertifikat ta' solvenza mit-trasferitur għall-perijodu ssuspettat, li jkun ċertu perijodu ta' żmien li matulu il-bejgħ tal-assi li jiġġeneraw fluss ta' flus li jiggarantixxu l-ABSs jistgħu jiġu invalidati minn likwidatur.

2. Ir-regoli clawback, li l-Eurosistema tikkonsidra bħala severi u għalhekk mhux aċċettabbli, għandhom jinkludu:

(a) regoli li jistipulaw li l-bejgħ tal-assi li jiġġeneraw fluss ta' flus li jiggarantixxu l-ABSs jistgħu jiġu invalidati minn likwidatur biss fuq il-bażi li l-bejgħ ikun ġie konkluż fi żmien il-perijodu ssuspettat, kif imsemmi fil-paragrafu 1(b), qabel id-dikjarazzjoni tal-insolvenza tal-bejjiegħ; jew

(b) regoli fejn dik l-invalidazzjoni tista' evitata biss miċ-ċessjonarji jekk jistgħu jipprovaw li ma kinux jafu bl-insolvenza tal-bejjiegħ fil-ħin tal-bejgħ.

Għall-finijiet ta' dan il-kriterju, il-bejjiegħ jista' jkun l-oriġinatur jew l-intermedjarju, kif applikabbli.

*Artikolu 77*

**Non-subordinazzjoni ta' segmenti għal ABSs**

1. Għandhom jiġu kkunsidrati eliġibbli biss is-segmenti jew subsegmenti ta' ABSs li mhumiex subordinati għal segmenti oħra tal-istess ħruġ matul il-ħajja tal-ABS.

2. Segment jew subsegment għandu jitqies bħala mhux subordinat fil-konfront ta' segmenti jew subsegmenti oħra tal-istess ħruġ jekk, skont il-prijorità tal-ħlasijiet wara l-infurzar, u jekk applikabbli, il-prijorità tal-ħlasijiet wara l-aċċelerazzjoni kif stipulat fil-prospectus, ebda segment jew subsegment ieħor ma jingħata prijorità fuq dak is-segment jew subsegment fir-rigward tar-riċeviment ta' ħlas, jiġifieri kapital u imgħax, u b'hekk dak is-segment jew subsegment għandu jkun l-aħħar wieħed li jġarrab telf fost is-segmenti jew subsegmenti differenti.

*Artikolu 78*

**Disponibbiltà ta' dejta tal-livell ta' self għal titoli ggarantiti b'assi**

1. Dejta komprensiva u standardizzata fil-livell ta' self dwar l-aggregazzjoni ta' assi li jiġġeneraw fluss ta' flus li jiggarantixxu ABSs għandhom ikunu disponibbli skont il-proċeduri stipulati fl-Anness VIII, li jinkludi informazzjoni dwar il-punteġġ tal-kwalità tad-dejta meħtieġ. Fil-valutazzjoni tagħha tal-eliġibbiltà, l-Eurosistema tqis: (a) kull nuqqas li tiġi kkonsenjata d-dejta; u (b) il-frekwenza li biha jinstab li l-oqsma ta' dejta individwali dwar il-livell ta' self ma fihom ebda dejta sinifikanti.

2. Minkejja l-valuri meħtieġa tal-punteġġ stipulati fl-Anness VIII fir-rigward ta' dejta dwar il-livell ta' self, l-Eurosistema tista' taċċetta bħala kollateral titoli ggarantiti b'assi b'punteġġ inqas mill-valur tal-punteġġ meħtieġ (A1) wara t-tlestija tal-perijodu tranżitorju relevanti applikabbli skont l-Anness VIII, fuq bażi ta' każ b'każ u suġġett għall-għoti ta' spjegazzjonijiet adegwati għan-nuqqas li jiġi akkwistat il-punteġġ meħtieġ. Għal kull spjegazzjoni adegwata, l-Eurosistema għandha tispeċifika livell massimu ta' tolleranza u orizzont ta' tolleranza, kif speċifikat ulterjorment fis-sit elettroniku tal-BĊE. L-orizzont ta' tolleranza għandu jindika l-perijodu ta' żmien li matulu l-kwalità tad-dejta għal-ABSs irid jitjieb.

*Artikolu 79*

**Talbiet ta' dejta għal minn titoli ggarantiti b'assi**

L-Eurosistema għandha tirriżerva d-dritt li titlob mingħand kull terza persuna li tikkonsidra relevanti, inkluż iżda mhux ristrett għal, l-emittent, l-oriġinatur u/jew min jagħmel l-arranġamenti, kull kjarifika u/jew konferma legali li jidhrilha meħtieġa biex tivvaluta l-eliġibbiltà ta' ABSs u fir-rigward tal-forniment ta' dejta fuq il-livell ta' self. Jekk terza persuna tonqos milli tikkonforma ma' xi talba partikolari, l-Eurosistema tista' tiddeċiedi li taċċetta l-ABSs bħala kollateral jew tista' tiddeċiedi li tissospendi l-eliġibbiltà ta' dak il-kollateral.

Subtaqsima 2

**Kriterji speċifiċi ta' eliġibbiltà għal bonds koperti ggarantiti minn titoli ggarantiti b'assi**

*Artikolu 80*

**Kriterji ta' eliġibbiltà għal bonds koperti ggarantiti minn titoli ggarantiti b'assi**

1. Fil-każ ta' bonds koperti ggarantiti minn titoli ggarantiti b'assi, l-aggregazzjoni ta' kopertura tal-bonds koperti għandhom jinkludu biss ABSs li jikkonformaw ma' dawn kollha li ġejjin:

(a) L-assi li jiġġeneraw il-fluss ta' flus li jiggarantixxu l-ABSs jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 129(1) (d) sa (f) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward ta' ABSs li jiggarantixxu l-bonds koperti.

(b) L-assi li jiġġeneraw fluss ta' flus oriġinaw minn entità marbuta mill-qrib mal-emittent tal-bonds koperti, kif deskritta fl-Artikolu 138.

(c) Jintużaw bħala għodda teknika biex jiġu ttrasferiti ipoteki jew self iggarantit fuq proprjetà immobbli mill-entità oriġinanti fl-aggregazzjoni ta' kopertura tal-bond ta' kopertura rispettiva.

2. Bla ħsara għall-paragrafu 4, il-BĊNi għandhom jużaw il-miżuri li ġejjin biex jivverifikaw li l-aggregazzjoni ta' kopertura ta' bonds koperti ggarantiti minn ABSs ma tinkludix ABSs li ma jikkonformawx mal-paragrafu 1.

(a) Fuq bażi trimestrali, il-BĊNi għandhom jitolbu awtoċertifikazzjoni u impenn mill-emittent li jikkonfermaw li l-aggregazzjoni ta' kopertura tal-bonds koperti ggarantiti minn ABSs ma tinkludix ABSs li ma jikkonformawx mal-paragrafu 1. It-talba tal-BĊN għandha tispeċifika li l-awtoċertifikazzjoni trid tkun iffirmata mill-Uffiċjal Kap Eżekuttiv (CEO), mill-Uffiċjal Finanzjarju Eżekuttiv (CFO) jew minn maniġer ta' livell simili tal-emittent, jew minn firmatarju awtorizzat f'isimhom.

(b) Fuq bażi annwali, il-BĊNi għandhom jitolbu konferma *ex-post* minn awdituri esterni jew minn monitors tal-aggregazzjoni ta' kopertura mingħand l-emittent, li tikkonferma li l-aggregazzjoni ta' kopertura ta' bonds koperti ggarantiti minn ABSs ma tinkludix ABSs li ma jikkonformawx mal-paragrafu 1 għall-perijodu ta' monitoraġġ.

3. Jekk l-emittent jonqos milli jikkonforma ma' talba partikolari jew jekk l-Eurosistema tikkonsidra l-kontenut ta' konferma bħala inkorrett jew insuffiċjenti sal-punt illi ma jkunx possibbli li tivverifika li l-aggregazzjoni koperta tal-bonds koperti ggarantiti minn ABSs jikkonformaw mal-kriterji fil-paragrafu 1, l-Eurosistema għandha tiddeċiedi li ma taċċettax il-bonds koperti bħala kollateral eliġibbli jew li tissospendi l-eliġibbiltà tagħhom.

4. Fejn il-leġiżlazzjoni jew il-prospectus applikabbli jeskludu l-inklużjoni ta' ABSs li ma jikkonformawx mal-paragrafu 1 bħala assi tal-aggregazzjoni ta' kopertura, l-ebda verifika skont il-paragrafu 2 m'għandha tkun meħtieġa.

5. Għall-finijiet tal-paragrafu 1(b), ir-rabtiet mill-qrib għandhom jiġu ddeterminati fil-ħin li l-unitajiet superjuri tat-titoli ggarantiti b'assi huma ttrasferiti fl-aggregazzjoni ta' kopertura tal-bond kopert.

Subtaqsima 3

**Kriterji speċifiċi ta' eliġibbiltà għal ċertifikati ta' dejn maħruġa mill-Eurosistema**

*Artikolu 81*

**Kriterji ta' eliġibbiltà għal ċertifikati ta' dejn maħruġa mill-Eurosistema**

1. Ċertifikati ta' dejn maħruġa mill-BĊE u ċertifikati ta' dejn maħruġa mill-BĊNi qabel id-data tal-adozzjoni tal-euro fl-Istat Membru rispettiv tagħhom li l-munita tiegħu hija l-euro għandhom ikunu eliġibbli bħala kollateral għall-operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema.

2. Ċertifikati ta' dejn maħruġa mill-Eurosistema m'għandhomx ikunu suġġetti għall-kriterji stipulati f'dan il-Kapitolu.

*KAPITOLU 2*

***Rekwiżiti tal-kwalità tal-kreditu għal assi negozjabbli***

*Artikolu 82*

**Rekwiżiti tal-kwalità tal-kreditu tal-Eurosistema għal assi negozjabbli**

1. Skont ir-regoli ġenerali stipulati fl-Artikolu 59 u r-regoli speċifiċi stipulati fl-Artikolu 84, l-assi negozjabbli għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' kwalità tal-kreditu li ġejjin sabiex ikunu eliġibbli bħala kollateral għal operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema:

(a) Bl-eċċezzjoni ta' ABSs, l-assi kollha negozjabbli għandu jkollhom valutazzjoni tal-kreditu pprovduta minn tal-inqas sistema ECAI aċċettata waħda, li tkun espressa fil-forma ta' klassifikazzjoni ta' kreditu pubbliku, f'konformità, bħala minimu, mal-pass 3 tal-kwalità tal-kreditu fl-iskala ta' klassifikazzjoni armonizzata tal-Eurosistema.

(b) L-ABSs għandu jkollhom valutazzjonijiet tal-kreditu li jkunu pprovduti mill-inqas minn żewġ sistemi ECAI aċċettati differenti espressi fil-forma ta' żewġ klassifikazzjonijiet ta' kreditu pubbliku, waħda pprovduta minn kull waħda minn dawn is-sistemi ECAI, f'konformità, bħala minimu, mal-pass 2 tal-kwalità tal-kreditu fl-iskala ta' klassifikazzjoni armonizzata tal-Eurosistema.

2. L-Eurosistema tista' titlob kull kjarifika li jidhrilha li hija meħtieġa fir-rigward tal-klassifikazzjoni tal-kreditu pubblika msemmija fil-paragrafu 1.

*Artikolu 83*

**Tipi ta' valutazzjonijiet ta' kreditu ECAI użati għall-valutazzjonijiet tal-kwalità tal-kreditu tal-assi negozjabbli**

It-tipi segwenti ta' valutazzjonijiet ta' kreditu ECAI minn ECAIs aċċettati għandhom jintużaw biex tiġi stabbilita l-konformità mar-rekwiżiti tal-kwalità tal-kreditu applikabbli għall assi negozjabbli.

(a) Klassifikazzjoni ta' ħruġ ECAI: din il-klassifikazzjoni tirreferi għal valutazzjoni tal-kreditu ECAI assenjata jew lil ħruġ jew, fin-nuqqas ta' klassifikazzjoni ta' ħruġ mill-istess ECAI, il-programm jew serje ta' ħruġ li taħthom jinħareġ l-assi. Valutazzjoni ECAI għall-programm jew serje ta' ħruġ tkun relevanti biss jekk tapplika għall-assi partikolari kkonċernat u jekk ma teżisti l-ebda klassifikazzjoni tal-ħruġ differenti mill-istess ECAI. Għal klassifikazzjonijiet tal-ħruġ ECAI, l-Eurosistema ma għandha tagħmel ebda distinzjoni fir-rigward tal-maturità oriġinali tal-assi. Kull klassifikazzjoni ECAI assenjata lill-ħruġ jew lill-programm jew serje tal-ħruġ għandha tkun aċċettabbli.

(b) Klassifikazzjoni tal-emittent ECAI: din il-klassifikazzjoni tirreferi għal valutazzjoni tal-kreditu ECAI assenjata lil emittent. Għal klassifikazzjonijiet tal-emittent ECAI, l-Eurosistema għandha tagħmel distinzjoni fir-rigward tal-maturità oriġinali tal-assi fir-rigward tal-valutazzjoni tal-kreditu ECAI aċċettabbli. Għandha ssir distinzjoni bejn:

(i) assi b'terminu qasir, jiġifieri dawk l-assi b'maturità oriġinali sa u li tinkludi 390 jum; u

(ii) assi b'terminu twil, jiġifieri dawk l-assi b'maturità oriġinali ta' aktar minn 390 jum. Għal assi b'terminu qasir, klassifikazzjonijiet tal-emittent ECAI b'terminu qasir u b'terminu twil għandhom ikunu aċċettabbli. Għall-assi b'terminu twil, il-klassifikazzjonijiet tal-emittent ECAI b'terminu twil għandhom ikunu aċċettabbli.

(c) Klassifikazzjoni tal-garanti ECAI: din il-klassifikazzjoni tirreferi għal valutazzjoni tal-kreditu ECAI assenjata lil garanti, jekk il-garanzija tissodisfa r-rekwiżiti tat-Titolu IV. Għal klassifikazzjonijet tal-garanti ECAI, l-Eurosistema ma għandha tagħmel ebda distinzjoni fir-rigward tal-maturità oriġinali tal-assi. Għandhom ikunu aċċettabbli biss klassifikazzjonijiet tal-garanti ECAI b'terminu twil.

*Artikolu 84*

**Prijorità tal-valutazzjonijiet tal-kreditu ECAI fir-rigward ta' assi negozjabbli**

Għal assi negozjabbli, il-valutazzjonijiet tal-kreditu ECAI, li jiddeterminaw il-konformità tal-assi mar-rekwiżiti tal-kwalità tal-kreditu, għandhom jiġu kkunsidrati mill-Eurosistema b'konformità mar-regoli segwenti:

(a) Għal assi negozjabbli li mhumiex assi negozjabbli maħruġin minn gvernijiet ċentrali, gvernijiet reġjonali, gvernijiet lokali, aġenziji, banek multilaterali tal-iżvilupp jew organizzazzjonijiet internazzjonali u ABSs, japplikaw ir-regoli li ġejjin:

(i) L-Eurosistema għandha tikkunsidra l-klassifikazzjonijiet tal-ħruġ ECAI bi prijorità fuq il-klassifikazzjonijiet tal-emittent ECAI jew tal-garanti ECAI. Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' din ir-regola ta' prijorità, skont l-Artikolu 82(1)(a), mill-inqas valutazzjoni tal-kreditu ECAI waħda għandha tikkonforma mar-rekwiżit applikabbli tal-kwalità tal-kreditu tal-Eurosistema.

(ii) Jekk klassifikazzjonijiet tal-ħruġ ECAI multipli jkunu disponibbli għall-istess ħruġ, għandha tiġi kkunsidrata mill-Eurosistema l-ewwel u l-aħjar minn dawk il-klassifikazzjonijiet tal-ħruġ ECAI. Jekk l-ewwel u l-aħjar klassifikazzjoni ta' kreditu għall-ħruġ ma tikkonformax mal-limitu minimu tal-kwalità tal-kreditu għall-assi negozjabbli tal-Eurosistema, l-assi ma għandux ikun eliġibbli, anke jekk teżisti garanzija aċċettabbli fit-Titolu IV.

(iii) Fin-nuqqas ta' xi klassifikazzjoni tal-ħruġ ECAI, l-Eurosistema tista' tikkunsidra klassifikazzjoni ta' emittent ECAI jew ta' garanti ECAI. Jekk klassifikazzjonijiet tal-ħruġ ECAI u/jew tal-garanti ECAI multipli jkunu disponibbli għall-istess ħruġ, għandha tiġi kkunsidrata mill-Eurosistema l-ewwel u l-aħjar minn dawk il-klassifikazzjonijiet;

(b) Għal assi negozjabbli maħruġin minn gvernijiet ċentrali, gvernijiet reġjonali, gvernijiet lokali, aġenziji, banek multilaterali tal-iżvilupp jew organizzazzjonijiet internazzjonali, għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

(i) Skont l-Artikolu 82(1)(a), mill-inqas valutazzjoni tal-kreditu ECAI waħda għandha tikkonforma mar-rekwiżit applikabbli tal-kwalità tal-kreditu tal-Eurosistema. L-Eurosistema għandha tikkunsidra biss klassifikazzjonijiet ta' emittent ECAI jew ta' garanti ECAI.

(ii) Jekk klassifikazzjonijiet tal-ħruġ ECAI u tal-garanti ECAI multipli jkunu disponibbli, l-Eurosistema għandha tikkunsidra l-ewwel u l-aħjar minn dawk il-klassifikazzjonijiet;

(iii) Bonds koperti maħruġin minn aġenziji ma għandhomx jiġu vvalutati skont ir-regoli f'dan il-punt u minflok għandhom jiġu vvalutati skont il-punt (a);

(c) Għal ABSs, għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

(i) Skont l-Artikolu 82(1)(b), mill-inqas żewġ valutazzjonijiet tal-kreditu ECAI għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti applikabbli tal-kwalità tal-kreditu tal-Eurosistema. L-Eurosistema għandha tikkunsidra biss klassifikazzjonijiet tal-ħruġ ECAI.

(ii) Jekk aktar minn żewġ klassifikazzjonijiet tal-ħruġ ECAI jkunu disponibbli, l-Eurosistema għandha tikkunsidra l-ewwel u t-tieni l-aħjar minn dawk il-klassifikazzjonijiet;

*Artikolu 85*

**Titoli minn diversi emittenti**

Għal assi negozjabbli b'aktar minn emittent wieħed (titoli b'diversi emittenti), il-klassifikazzjoni applikabbli tal-emittent ECAI għandha tiġi ddeterminata fuq il-bażi tar-responsabbiltà potenzjali ta' kull emittent kif ġej:

(a) Jekk kull emittent ikun responsabbli *in solidum* għall-obbligazzjonijiet tal-emittenti l-oħra kollha skont il-ħruġ jew, jekk applikabbli, għas-serje tal-programm/ħruġ, il-klassifikazzjoni tal-ħruġ ECAI li tiġi kkunsidrata għandha tkun l-ogħla klassifikazzjoni fost l-ewwel u l-aħjar klassifikazzjonijiet tal-emittent ECAI mill-emittenti relevanti kollha; jew

(b) Jekk xi emittent mhuwiex responsabbli *in solidum* għall-obbligazzjonijiet tal-emittenti l-oħra kollha skont il-ħruġ jew, jekk applikabbli, għas-serje tal-programm/ħruġ, il-klassifikazzjoni tal-ħruġ ECAI li tiġi kkunsidrata għandha tkun l-aktar klassifikazzjoni baxxa fost l-ewwel u l-aħjar klassifikazzjonijiet tal-emittent ECAI mill-emittenti relevanti kollha.

*Artikolu 86*

**Klassifikazzjonijiet mhux euro**

Għall-finijiet tal-klassifikazzjonijiet tal-emittent ECAI, klassifikazzjoni ta' munita barranija għandha tkun aċċettabbli. Jekk l-assi huwa denominat fil-munita domestika tal-emittent, il-klassifikazzjoni lokali tal-munita għandha tkun aċċettabbli wkoll.

*Artikolu 87*

**Il-kriterji tal-valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu għal assi negozjabbli fin-nuqqas ta' valutazzjoni tal-kreditu pprovduta minn ECAI aċċettata**

1. Fin-nuqqas ta' valutazzjoni xierqa tal-kreditu pprovduta minn ECAI aċċettat għall-ħruġ, l-emittent jew il-garanti, kif ikun applikabbli skont l-Artikolu 84(a) jew (b), valutazzjoni ta' kreditu impliċita ta' assi negozjabbli (bl-eċċezzjoni ta' ABSs) għandhom jiġu dderivati mill-Eurosistema skont ir-regoli stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3. Din il-valutazzjoni ta' kreditu impliċitu hija meħtieġa li tikkonforma mar-rekwiżiti tal-kwalità tal-kreditu tal-Eurosistema.

2. Jekk l-istrumenti tad-dejn ikunu maħruġin jew iggarantiti minn gvern reġjonali jew awtorità lokali jew "entità tas-settur pubbliku" kif iddefiniti fl-Artikolu 4(8) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 (aktar 'il quddiem "entità tas-settur pubbliku CRR") stabbiliti fi Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro, il-valutazzjoni ta' kreditu għandha titwettaq mill-Eurosistema skont ir-regoli li ġejjin:

(a) Fil-każ ta' emittenti jew garanti li jkunu gvernijiet reġjonali, awtoritajiet lokali jew entitajiet tas-settur pubbliku CRR, li skont l-awtoritajiet kompetenti huma ttrattati għall-finijiet tar-rekwiżiti tal-kapital skont l-Artikoli 115(2), 116(1) u 116(4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 b'mod ugwali mal-gvern ċentrali li fil-ġuriżdizzjoni tiegħu huma stabbiliti, l-istrumenti tad-dejn maħruġin jew iggarantiti minn dawn l-entitajiet għandhom ikunu allokati l-pass tal-kwalità tal-kreditu li jikkorrispondi mal-aqwa klassifikazzjoni tal-kreditu pprovdut minn ECAI aċċettat għall-gvern ċentrali li fil-ġuriżdizzjoni tiegħu dawk l-entitajiet ikunu stabbiliti.

(b) Jekk l-emittenti jew garanti jkunu gvernijiet reġjonali, awtoritajiet lokali u entitajiet tas-settur pubbliku CRR, li skont l-awtoritajiet kompetenti huma ttrattati għall-finijiet tar-rekwiżiti tal-kapital skont l-Artikoli 115(1) u 116(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 b'mod ugwali mal-istituzzjonijiet ta' kreditu: l-istrumenti tad-dejn maħruġin jew iggarantiti minn dawn l-entitajiet għandhom ikunu allokati l-pass tal-kreditu li jikkorrispondi ma' pass wieħed tal-kwalità tal-kreditu taħt l-aqwa klassifikazzjoni tal-kreditu pprovduta minn ECAI aċċettat fir-rigward ta' gvern ċentrali li fil-ġuriżdizzjoni tiegħu jkunu stabbiliti dawk l-entitajiet.

(c) Jekk l-emittenti jew garanti jkunu entitajiet tas-settur pubbliku CRR li mhumiex imsemmija fil-punti (a) u (b), l-ebda valutazzjoni tal-kreditu impliċita m'għandha tiġi dderivata u għandhom jiġu ttrattati b'mod ugwali bħal entitajiet tas-settur pubbliku.

3. Jekk l-istrumenti tad-dejn ikunu maħruġa jew iggarantiti minn korporazzjonijiet mhux finanzjarji stabbiliti fi Stat Membru li l-munita tagħhom hija l-euro, il-valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu għandha titwettaq mill-Eurosistema bbażata fuq regoli tal-valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu applikabbli għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu tal-pretensjonijiet ta' kreditu fil-Kapitolu II tat-Titolu III. Assi li fir-rigward tagħhom il-kwalità tal-kreditu hija vvalutata skont ir-regoli li jinsabu f'dan il-paragrafu m'għandhomx jiġu inklużi fil-lista pubblika tal-assi negozjabbli eliġibbli.

*Tabella 9*

**Valutazzjonijiet tal-kreditu impliċiti għal emittenti jew garanti mingħajr valutazzjoni tal-kreditu ECAI**

| | Allokazzjoni ta' emittenti u garanti skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 | Derivazzjoni ECAF tal-valutazzjoni ta' kreditu impliċitu tal-emittent jew garanti li jappartjeni għall-klassi korrispondenti |
|---|---|---|
| Klassi 1 | Gvernijiet reġjonali, awtoritajiet lokali u entitajiet tas-settur pubbliku CRR (CRR PSEs) li, skont l-awtoritajiet kompetenti, jistgħu jiġu ttrattati bl-istess mod bħall-gvern ċentrali għall-finijiet tar-rekwiżiti tal-kapital | Allokati l-valutazzjoni tal-kreditu ECAI tal-gvern ċentrali tal-pajjiż fejn huwa stabbilit |

| | Allokazzjoni ta' emittenti u garanti skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 | Derivazzjoni ECAF tal-valutazzjoni ta' kreditu impliċitu tal-emittent jew garanti li jappartjeni għall-klassi korrispondenti |
|---|---|---|
| Klassi 2 | Gvernijiet reġjonali, awtoritajiet lokali u CRR PSEs li skont l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiġu ttrattati bl-istess mod bħall-istituzzjonijiet ta' kreditu għall-finijiet tar-rekwiżiti tal-kapital | Allokati valutazzjoni tal-kreditu li tkun pass ta' kwalità tal-kreditu wieħed (*) taħt il-valutazzjoni tal-gvern ċentrali tal-pajjiż li fih huwa stabbilit |
| Klassi 3 | | Ittrattati bħal emittenti jew debituri tas-settur privat |

(*) Informazzjoni dwar il-passi tal-kwalità tal-kreditu hija ppubblikata fuq is-sit elettroniku tal-BĊE.

*Artikolu 88*

**Rekwiżiti addizzjonali tal-kwalità tal-kreditu għal titoli ggarantiti b'assi**

1. Għal ABSs, il-valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu għandha tkun ibbażata fuq klassifikazzjoni tal-ħruġ pubbliku li tkun spjegata f'rapport tal-klassifikazzjoni tal-kreditu disponibbli pubblikament, jiġifieri rapport tal-ħruġ ġdid. Ir-rapport tal-klassifikazzjoni tal-kreditu disponibbli pubblikament, għandu jinkludi, *inter alia*, analiżi komprensiva ta' aspetti strutturali u legali, valutazzjoni dettaljata tal-aggregazzjoni kollaterali, analiżi tal-parteċipanti fit-tranżazzjoni, kif ukoll analiżi ta' kull detall rilevanti ieħor ta' tranżazzjoni.

2. Barra r-rekwiżit fil-paragrafu 1, rapporti regolari ta' sorveljanza ppubblikati mill-ECAIs aċċettati huma meħtieġa għal titoli ggarantiti b'assi. Il-pubblikazzjoni ta' dawn ir-rapporti għandha ssir mhux aktar tard minn erba' ġimgħat wara d-data tal-ħlas tal-kupun tal-ABSs. Id-data ta' referenza ta' dawn ir-rapporti għandha tkun id-data tal-ħlas tal-kupun l-aktar riċenti ħlief għal-ABSs li jħallsu l-kupun fuq bażi mensilimensili, f'liema każ ir-rapport ta' sorveljanza għandu jkun ippubblikat mill-inqas fuq bażi trimestrali. Dawn ir-rapporti ta' sorveljanza għandhom jinkludu bħala minimu id-dejta tat-tranżazzjoni prinċipali, eż. il-kompożizzjoni tal-aggregazzjoni tal-kollateral, il-parteċipanti fit-tranżazzjoni, l-istruttura tal-kapital, kif ukoll id-dejta tal-prestazzjoni.

TITOLU III

**KRITERJI TA' ELIĠIBBILTÀ U REKWIŻITI TAL-KWALITÀ TAL-KREDITU GĦAL ASSI MHUX NEGOZJABBLI**

*KAPITOLU 1*

***Kriterji ta' eliġibbiltà għal assi mhux negozjabbli***

Taqsima 1

**Kriterji ta' eliġibbiltà għal pretensjonijiet ta' kreditu**

*Artikolu 89*

**Tip eliġibbli ta' assi**

1. It-tip eliġibbli ta' assi għandu jkun pretensjoni ta' kreditu li huwa obbligu ta' dejn ta' debitur fil-konfront ta' kontroparti.

2. Tipi ta' pretensjonijiet ta' kreditu li għandhom "bilanċ ta' tnaqqis", jiġifieri fejn il-kapital u l-imgħax jitħallsu skont skeda miftiehma minn qabel, kif ukoll linji ta' kreditu miġbuda, għandhom ikunu tipi eliġibbli ta' pretensjonijiet ta' kreditu.

3. Overdrafts ta' kont kurrenti, ittri ta' kreditu u linji ta' kreditu mhux użati, eż. faċilitajiet mhux użati ta' pretensjonijiet ta' kreditu li jduru, li jawtorizzaw l-użu ta' kreditu iżda mhumiex pretensjonijiet ta' kreditu *per se*, m'għandhomx ikunu tipi eliġibbli ta' pretensjonijiet ta' kreditu.

4. Sehem ta' self sindikat għandu jkun tip eliġibbli ta' pretensjoni ta' kreditu. Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, sehem ta' self sindikat ifisser pretensjoni ta' kreditu li tirriżulta mill-parteċipazzjoni ta' sellief f'self ipprovdut minn grupp ta' selliefa f'sindikat ta' self.

5. Pretensjoni ta' kreditu mogħtija f'kuntest ieħor apparti sempliċi relazzjoni ta' tislif tista' tikkostitwixxi tip ta' assi eliġibbli. Pretensjoni inerenti għal ċerti strutturi ta' kiri jew fatturament tista' tikkwalifika bħala tip ta' assi eliġibbli, jekk tkun tikkostitwixxi pretensjoni ta' kreditu. Pretensjonijiet mixtrija taħt fatturament jikkwalifikaw biss bħala tip ta' assi eliġibbli sal-punt li attwalment jikkostitwixxu pretensjonijiet ta' kreditu għall-kuntrarju ta' pretensjonijiet oħrajn, bħal pretensjonijiet ta' prezz ta' xiri.

*Artikolu 90*

**Ammont prinċipali u kupuni tal-pretensjonijiet ta' kreditu**

Sabiex ikunu eliġibbli, il-pretensjonijiet ta' kreditu għandhom jikkonformaw, sal-fidi finali, ma' dawn ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) ammont prinċipali fiss u mingħajr kundizzjoni; u

(b) rata tal-imgħax li ma tistax tirriżulta fi fluss ta' flus negattiv, fejn ir-rata tal-imgħax għandha tkun waħda minn dawn li ġejjin:

(i) "bla kupun";

(ii) fissa;

(iii) varjabbli, jiġifieri marbuta ma' rata ta' imgħax ta' referenza oħra jew mar-rata tal-inflazzjoni.

*Artikolu 91*

**Non-subordinazzjoni**

Il-pretensjonijiet ta' kreditu jistgħu ma jagħtux drittijiet għall-kapital u/jew l-imgħax li huma subordinati għal: (a) id-drittijiet tad-detenturi tal-obbligi ta' dejn oħrajn mhux iggarantiti tad-debitur inklużi ishma jew sub-ishma fl-istess self sindikat; u (b) id-drittijiet ta' detenturi ta' strumenti ta' dejn tal-istess emittent.

*Artikolu 92*

**Rekwiżiti tal-kwalità tal-kreditu għal pretensjonijiet ta' kreditu**

Il-kwalità tal-kreditu għal pretensjonijiet ta' kreditu hija vvalutata permezz tal-kwalità tal-kreditu tad-debitur jew tal-garanti. Id-debitur jew il-garanti relevanti għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-kwalità tal-kreditu tal-Eurosistema kif speċifikati fir-regoli ECAF għal pretensjonijiet ta' kreditu stabbiliti fil-Kapitolu II tat-Titolu III tar-Raba' Parti.

*Artikolu 93*

**Daqs minimu tal-pretensjonijiet ta' kreditu**

Għall-użu domestiku, il-pretensjonijiet ta' kreditu għandhom, fil-ħin tal-preżentazzjoni tagħhom bħala kollateral mill-kontroparti, jilħqu limitu tad-daqs minimu stabbilit mill-BĊN domestiku. Għal użu transkonfinali, għandu japplika l-limitu tad-daqs minimu ta' EUR 500 000.

*Artikolu 94*

**Munita tad-denominazzjoni tal-pretensjonijiet ta' kreditu**

Il-pretensjonijiet ta' kreditu għandhom jiġu ddenominati f'euro jew f'waħda mill-muniti ta' qabel tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

*Artikolu 95*

**Tip ta' debitur jew garanti**

1. Id-debituri u l-garanti tal-pretensjonijiet ta' kreditu eliġibbli għandhom ikunu korporazzjonijiet mhux finanzjarji, entitajiet tas-settur pubbliku, banek tal-iżvilupp multilaterali jew organizzazzjonijiet internazzjonali. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, bank tal-iżvilupp multilaterali jew organizzazzjoni internazzjonali jistgħu jkunu rikonoxxuti mill-Eurosistema bl-istess mod kif deskritt fl-Artikolu 69(2).

2. Jekk pretensjoni ta' kreditu ikollha aktar minn debitur wieħed, kull debitur għandu jkun responsabbli *in solidum* għall-ħlas lura sħiħ tat-talba kollha ta' kreditu.

*Artikolu 96*

**Post tad-debitur jew id-debitur jew il-garanti**

1. Fir-rigward ta' pretensjoni ta' kreditu, id-debitur għandu jkun stabbilit fi Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro.

2. Fir-rigward ta' pretensjoni ta' kreditu, il-garanti għandu wkoll ikun stabbilit fi Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro, sakemm il-garanti ma jkunx meħtieġ li jistabbilixxi r-rekwiżiti tal-kwalità tal-kreditu għall-assi mhux negozjabbli għaliex ikun hemm valutazzjoni tal-kreditu adegwata tad-debitur.

3. Għal debituri u garanti li huma banek ta' żvilupp multilaterali jew organizzazzjonijiet internazzjonali, ir-regoli fil-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx japplikaw u għandhom ikunu eliġibbli irrispettivament mill-post ta' stabbiliment tagħhom.

*Artikolu 97*

**Liġijiet applikabbli**

Il-ftehim ta' pretensjoni ta' kreditu u l-ftehim bejn il-kontroparti u l-BĊN domestiku li jimmobilizza l-pretensjoni ta' kreditu bħala kollateral għandhom ikunu rregolati t-tnejn mil-liġi ta' Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro. Barra minn hekk, m'għandux ikun hemm aktar minn total ta' żewġ liġijiet li japplikaw għall-:

(a) kontroparti;

(b) kreditur;

(c) debitur;

(d) garanti (jekk rilevanti);

(e) il-ftehim ta' pretensjoni ta' kreditu;

(f) il-ftehim bejn il-kontroparti u l-BĊN domestiku li jimmobilizza l-pretensjoni ta' kreditu bħala kollateral.

*Artikolu 98*

**Proċeduri tal-ipproċessar**

Il-pretensjonijiet ta' kreditu għandhom jiġu ppoċessati skont il-proċeduri tal-Eurosistema stabbiliti fid-dokumentazzjoni nazzjonali relevanti tal-BĊNi.

*Artikolu 99*

**Rekwiżiti legali addizzjonali għal pretensjonijiet ta' kreditu**

1. Sabiex jiġi żgurat li tinħoloq garanzija valida fuq il-pretensjonijiet ta' kreditu u li l-pretensjoni ta' kreditu tista' titwettaq malajr fil-każ ta' inadempjenza tal-kontroparti, għandhom jiġu sodisfatti rekwiżiti legali addizzjonali. Dawn ir-rekwiżiti legali jirrigwardaw:

(a) verifika tal-eżistenza tal-pretensjonijiet ta' kreditu;

(b) in-notifika tad-debitur dwar l-immobilizzar tal-pretensjoni ta' kreditu jew ir-reġistrazzjoni ta' dan l-immobilizzar;

(c) nuqqas ta' restrizzjonijiet fuq l-immobilizzar tal-pretensjoni ta' kreditu;

(d) nuqqas ta' restrizzjonijiet dwar ir-realizzazzjoni tal-pretensjoni ta' kreditu

(e) nuqqas ta' restrizzjonijiet relatati mas-segretezza bankarja u l-kunfidenzjalità.

2. Il-kontenut ta' dawn ir-rekwiżiti legali huwa stipulat fl-Artikoli 100 sa 105. Aktar dettalji tal-karatteristiċi speċifiċi tal-ġuriżdizzjonijiet nazzjonali huma pprovduti fid-dokumentazzjoni nazzjonali relevanti tal-BĊNi.

*Artikolu 100*

**Verifiki tal-proċeduri użati għas-sottomissjoni ta' pretensjonijiet ta' kreditu**

Il-BĊNi, superviżuri jew awdituri esterni għandhom iwettqu verifika ta' darba dwar l-adegwatezza tal-proċeduri użati mill-kontroparti għas-sottomissjoni tal-informazzjoni dwar pretensjonijiet ta' kreditu għall-Eurosistema.

*Artikolu 101*

**Verifika tal-eżistenza ta' pretensjonijiet ta' kreditu**

1. Il-BĊNi, bħala minimu, għandhom jieħdu dawn il-passi kollha li ġejjin biex jivverifikaw l-eżistenza ta' pretensjonijiet ta' kreditu mmobilizzati bħala kollateral:

(a) Għandhom jiksbu konferma bil-miktub mill-kontropartijiet, mill-inqas kull trimestru, li biha l-kontrapartijiet għandhom jikkonfermaw:

(i) l-eżistenza tal-pretensjonijiet ta' kreditu (din il-konferma tista' tinbidel b'kontroverifiki ta' informazzjoni miżmuma f'reġistri tal-kreditu ċentrali, fejn dawn jeżistu);

(ii) il-konformità tal-pretensjonijiet ta' kreditu mal-kriterji tal-eliġibbiltà applikati mill-Eurosistema;

(iii) li din il-pretensjoni ta' kreditu ma tintużax simultanjament bħala kollateral għall-benefiċċju ta' kull terza persuna u li l-kontroparti m'għandhiex timmobilizza din il-pretensjoni ta' kreditu bħala kollateral lil xi terza persuna;

(iv) li l-kontroparti tintrabat li tikkomunika mal-BĊN relevanti mhux aktar tard minn matul il-jum ta' negozju li jmiss, kull avveniment li jaffettwa b'mod materjali r-relazzjoni kuntrattwali bejn il-kontroparti u l-BĊN, b'mod partikolari ħlasijiet lura li huma bikrija, parzjali jew totali, tniżżil fil-klassifikazzjoni u bidliet materjali fil-kundizzjonijiet tal-pretensjoni ta' kreditu.

(b) Huma, jew reġistri tal-kreditu ċentrali rilevanti, awtoritajiet kompetenti tas-superviżjoni bankarja jew awdituri esterni, għandhom jagħmlu verifiki għall-għarrieda fir-rigward tal-kwalità u l-preċiżjoni tal-konferma bil-miktub tal-kontropartijiet, permezz tal-konsenja ta' dokumenti fiżiċi jew permezz ta' żjarat fuq il-post. L-informazzjoni vverifikata fir-rigward ta' kull pretensjoni ta' kreditu għandha tkopri bħala minimu l-karatteristiċi li jiddeterminaw l-eżistenza u l-eliġibbiltà tal-pretensjonijiet ta' kreditu. Għall-kontropartijiet b'sistemi interni bbażati fuq il-klassifikazzjoni (IRB) li huma approvati mill-ECAF, verifiki addizzjonali fir-rigward tal-valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu tat-talbiet tal-kreditu għandhom jitwettqu permezz ta' verifiki tal-PDs fir-rigward ta' debituri tal-pretensjonijiet ta' kreditu li jintużaw bħala kollateral fl-operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema;

2. Għall-verifiki li jsiru skont l-Artikolu 100 jew il-paragrafi 1(a) u (b) ta' dak l-Artikolu mill-BĊNi, superviżuri, awdituri esterni jew reġistri tal-kreditu ċentrali, dawk li jagħmlu l-verifiki għandhom ikunu awtorizzati li jwettqu dawn l-investigazzjonijiet, b'mod kuntrattwali jekk meħtieġ jew skont ir-rekwiżiti nazzjonali applikabbli.

*Artikolu 102*

**Validità tal-ftehim għall-immobilizzar tal-pretensjonijiet ta' kreditu**

Il-ftehim għall-immobilizzar tal-pretensjoni ta' kreditu bħala kollateral għandu jkun validu bejn il-kontroparti u l-BĊN relevanti skont il-liġi nazzjonali applikabbli. Il-formalitajiet legali meħtieġa biex jiżguraw il-validità tal-ftehim u biex jiżguraw l-immobilizzar tal-pretensjonijiet ta' kreditu bħala kollateral għandhom jiġu sodisfatti mill-kontroparti u/jew id-destinatarju, kif xieraq.

*Artikolu 103*

**Effett sħiħ tal-immobilizzar fir-rigward ta' terzi persuni**

1. Il-ftehim għall-immobilizzar tal-pretensjoni ta' kreditu bħala kollateral għandu jkun validu fir-rigward ta' terzi persuni skont il-liġi nazzjonali applikabbli. Il-formalitajiet legali kollha neċessarji biex jiżguraw mobilizzar validu għandhom jiġu sodisfatti mill-kontroparti u/jew id-destinatarju, kif xieraq.

2. Fir-rigward tan-notifika tad-debitur, għandu japplika dan li ġej, skont il-liġi nazzjonali applikabbli.

(a) Jekk in-notifika lid-debitur jew ir-reġistrazzjoni pubblika tal-immobilizzar tal-pretensjoni ta' kreditu bħala kollateral tkun meħtieġa sabiex tiżgura effettività bis-sħiħ tal-immobilizzar fir-rigward ta' terzi persuni, u b'mod partikolari biex tiżgura l-prijorità tal-interess tat-titolu tal-BĊN fir-rigward ta' kredituri oħrajn, dawn in-notifiki jew ir-rekwiżiti tar-reġistrazzjoni għandhom jimtlew bil-quddiem jew fil-ħin li jsir l-immobilizzar attwali tal-pretensjoni ta' kreditu bħala kollateral;

(b) Jekk notifika *ex ante* tad-debitur jew ir-reġistrazzjoni pubblika tal-immobilizzar ta' pretensjoni ta' kreditu bħala kollateral ma tkunx meħtieġa skont il-punt (a), kif speċifikat fid-dokumentazzjoni nazzjonali applikabbli, hija meħtieġa notifika *ex post* tad-debitur. Notifika *ex post* tfisser illi d-debitur għandu jiġi nnotifikat mill-kontroparti jew mill-BĊN domestiku, kif speċifikat fid-dokumentazzjoni nazzjonali, dwar l-immobilizzar ta' pretensjoni ta' kreditu bħala kollateral mill-kontroparti għall-benefiċċju tal-BĊN immedjatament wara każ ta' inadempjenza jew avveniment kreditizju simili kif speċifikat aktar fid-dokumentazzjoni nazzjonali applikabbli.

(c) Il-BĊNi jistgħu jiddeċiedu li jeħtieġu notifika *ex ante* jew reġistrazzjoni pubblika bil-quddiem jew fil-ħin tal-immobilizzar, anke jekk dawn il-formalitajiet ma jkunux meħtieġa għall-finijiet stipulati fil-punt (a).

(d) Għal pretensjonijiet ta' kreditu li huma strumenti bearer, il-BĊN domestiku jista' jeħtieġ li dawn l-istrumenti bearer jiġu ttrasferiti fiżikament lilu jew lil terza persuna bil-quddiem, jew fil-ħin tat-tressiq attwali bħala kollateral. Ir-rekwiżiti ta' notifika stipulati fil-punti (a) u (b) m'għandhomx japplikaw għal pretensjonijiet ta' kreditu li huma strumenti bearer.

3. Dawn il-punti msemmija hawn fuq huma rekwiżiti minimi. Il-BĊNi jistgħu jiddeċiedu li jeħtieġu notifika *ex ante* jew reġistrazzjoni minbarra s-sitwazzjonijiet hawn fuq imsemmija, inkluż fil-każ ta' strumenti bearer.

*Artikolu 104*

**Nuqqas ta' restrizzjonijiet li jikkonċernaw l-immobilizzar u r-realizzazzjoni tal-pretensjonijiet ta' kreditu**

1. Il-pretensjonijiet ta' kreditu għandhom ikunu trasferibbli bis-sħiħ u kapaċi li jiġu mmobilizzati mingħajr restrizzjoni għall-benefiċċju tal-Eurosistema. Il-ftehim dwar il-pretensjoni ta' kreditu jew arranġamenti kuntrattwali oħra bejn il-kontroparti u d-debitur m'għandhom jinkludu ebda dispożizzjoni restrittiva dwar l-immobilizzar bħala kollateral, sakemm il-leġiżlazzjoni nazzjonali ma tipprovdix li dawn ir-restrizzjonijiet kuntrattwali huma mingħajr preġudizzju għall-Eurosistema fir-rigward tal-immobilizzar tal-kollateral.

2. Il-ftehim dwar il-pretensjoni ta' kreditu jew arranġamenti kuntrattwali oħrajn bejn il-kontroparti u d-debitur m'għandhomx jinkludu dispożizzjonijiet restrittivi dwar ir-realizzazzjoni tal-pretensjoni ta' kreditu użat bħala kollateral għall-operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema, inkluż kull forma, ħin jew rekwiżit ieħor fir-rigward tar-realizzazzjoni.

3. Minkejja l-paragrafi 1 u 2, id-dispożizzjonijiet li jirrestrinġu l-assenjazzjoni tal-ishma ta' self sindakat lill-banek, lill-istituzzjonijiet finanzjarji u l-entitajiet li huma involuti jew stabbiliti b'mod regolari għall-finijiet tal-ħolqien, l-akkwist jew l-investiment fis-self, fit-titoli jew fl-assi finanzjarji oħra m'għandhomx jiġu kkunsidrati bħala restrizzjoni għar-realizzazzjoni tal-pretensjoni ta' kreditu.

4. Minkejja l-paragrafi 1 u 2, aġent tal-faċilità għall-ġbir u d-distribuzzjoni tal-ħlas u l-amministrazzjoni tas-self m'għandux jiġi kkunsidrat bħala restrizzjoni fuq l-immobilizzar u r-realizzazzjoni ta' sehem ta' self sindikat, sakemm: (a) l-aġent tal-faċilità jkun istituzzjoni ta' kreditu li tinsab fl-Unjoni; u (b) ir-relazzjoni ta' servizz bejn membru ta' sindikat relevanti u l-aġent tal-faċilità tista' tiġi ttrasferita flimkien ma' jew bħala parti minn sehem ta' self sindikat.

*Artikolu 105*

**Nuqqas ta' restrizzjonijiet marbutin mas-segretezza bankarja u l-kunfidenzjalità**

Il-kontroparti u d-debitur għandhom ikunu qablu b'mod kuntrattwali li d-debitur, mingħajr ebda kundizzjoni, jaċċetta l-iżvelar lill-Eurosistema mill-kontroparti tad-dettalji dwar il-pretensjoni ta' kreditu u dwar id-debitur li huma meħtieġa mill-BĊN domestiku għall-finijiet li jiġi żgurat illi jinħoloq titolu validu fuq pretensjonijiet ta' kreditu u li l-pretensjonijiet ta' kreditu jistgħu jiġu rrealizzati malajr fil-każ ta' inadempjenza tal-kontroparti. Dan ir-rekwiżit m'għandux ikun meħtieġ jekk dispożizzjoni mhux ristretta ta' din l-informazzjoni tkun żgurata skont il-liġi nazzjonali applikabbli, kif speċifikata fid-dokumentazzjoni nazzjonali applikabbli tal-BĊN domestiku.

Taqsima 2

**Kriterji ta' eliġibbiltà għal depożiti b'terminu fiss**

*Artikolu 106*

**Kriterji ta' eliġibbiltà għal depożiti b'terminu fiss**

Depożiti b'terminu fiss, kif deskritti fl-Artikolu 12, li huma miżmuma minn kontroparti għandhom ikunu assi eliġibbli bħala kollateral għall-operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema.

### Taqsima 3

### Kriterji ta' eliġibbiltà għal RMBDs

*Artikolu 107*

**Kriterji ta' eliġibbiltà għal RMBDs**

1. RMBD għandha tkun ċedola jew kambjala li tkun iggarantita minn grupp ta' ipoteki residenzjali iżda ma tasalx sal-livell ta' titolizzazzjoni sħiħa. Is-sostituzzjoni tal-assi fil-grupp sottostanti għandha tkun possibbli u għandu jkun hemm mekkaniżmu fis-seħħ biex jiġi żgurat li l-BĊN domestiku jgawdi prijorità fuq kredituri li mhumiex dawk eżentati għal raġunijiet ta' politika pubblika.

2. L-RMBDs għandu jkollhom ammont prinċipali fiss u mingħajr kundizzjoni u rata ta' imgħax li ma tistax tirriżulta fi fluss ta' flus negattiv.

3. L-RMBDs għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-kwalità tal-kreditu tal-Eurosistema kif speċifikati fir-regoli ECAF għal RMBDs kif stabbiliti fil-Kapitolu II ta' Titoli III tal-Parti Erbgħa.

4. L-RMBDs għandhom jinħarġu minn istituzzjonijiet ta' kreditu li huma kontrapartijiet stabbiliti fi Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro.

5. L-RMBDs għandhom jiġu ddenominati f'euro jew f'waħda mill-muniti ta' qabel tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

6. Emittent ta' RMBS għandu jiċċertifika hu stess, bħala minimu fuq bażi mensili, li l-ipoteki residenzjali li jifformaw l-aggregazzjoni ta' kopertura jikkonformaw mal-kriterji ta' eliġibbiltà speċifikati fl-arranġamenti nazzjonali stabbiliti mill-BĊN domestiku u li fuqu hija bbażata l-valutazzjoni tal-kreditu.

7. L-immobilizzar, l-użu u l-proċeduri tal-ipproċessar fir-rigward tal-RMBDs għandhom ikunu suġġetti għall-proċeduri tal-Eurosistema kif iddefiniti fid-dokumentazzjoni nazzjonali tal-BĊN domestiku.

*KAPITOLU 2*

***Rekwiżiti tal-kwalità tal-kreditu tal-Eurosistema għal assi mhux negozjabbli***

*Artikolu 108*

**Rekwiżiti tal-kwalità tal-kreditu tal-Eurosistema għal assi mhux negozjabbli**

Sabiex l-assi mhux negozjabbli ikunu eliġibbli, ir-rekwiżiti tal-kwalità tal-kreditu tal-Eurosistema li ġejjin għandhom japplikaw.

(a) Għal pretensjonijiet ta' kreditu, il-kwalità tal-kreditu tal-pretensjonijiet ta' kreditu għandhom jiġu evalwati fuq il-bażi tal-kwalità tal-kreditu tad-debitur jew tal-garanti, li għandha tikkonforma, bħala minimu, mal-pass 3 tal-kwalità tal-kreditu, kif speċifikat fl-iskala ta' klassifikazzjoni armonizzata tal-Eurosistema.

(b) Għall-RMBDs, il-valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu għandha tikkonforma, bħala minimu, mal-pass 2 tal-kwalità tal-kreditu, kif speċifikat fl-iskala ta' klassifikazzjoni armonizzata tal-Eurosistema.

### Taqsima 1

### Rekwiżiti tal-kwalità tal-kreditu tal-Eurosistema għal pretensjonijiet ta' kreditu

*Artikolu 109*

**Regoli ġenerali għal valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu ta' pretensjonijiet ta' kreditu**

1. L-Eurosistema għandha tevalwa l-kwalità tal-kreditu tal-pretensjonijiet ta' kreditu fuq il-bażi tal-kwalità tal-kreditu tad-debituri jew il-garanti pprovduti minn sistema ta' valutazzjoni ta' kreditu jew sors magħżul mill-kontroparti skont l-Artikolu 110.

2. Il-kontropartijiet għandhom fi żmien ġurnata tax-xogħol li jmiss jinformaw lill-BĊN relevanti b'kull avveniment ta' kreditu, inkluż dewmien fil-ħlasijiet mid-debituri tal-pretensjonijiet ta' kreditu mmobilizzati bħala kollateral, li huwa magħruf lill-kontroparti u, jekk mitlub mill-BĊN relevanti, jirtiraw jew jissostitwixxu l-assi.

3. Il-kontropartijiet għandhom ikunu responsabbli biex jiġi żgurat li jużaw il-valutazzjoni ta' kreditu l-aktar riċenti disponibbli mis-sistema jew sors ta' valutazzjoni ta' kreditu tagħhom magħżula għad-debituri jew garanti ta' pretensjonijiet ta' kreditu mmobilizzati bħala kollateral.

*Artikolu 110*

**Għażla tas-sistema jew sors tal-valutazzjoni tal-kreditu**

1. Kontropartijiet li jimmobilizzaw pretensjonijiet ta' kreditu bħala kollateral għandhom jagħżlu sistema waħda ta' valutazzjoni ta' kreditu mill-erba' sorsi ta' valutazzjoni tal-kreditu disponibbli aċċettati mill-Eurosistema skont il-kriterji ta' aċċettazzjoni ġenerali fit-Titolu V tar-Raba' Parti. Fejn is-sors ECAI ikun magħżul mill-kontropartijiet, kull sistema ECAI tista' tintuża.

2. Ulterjorment għall-paragrafu 1, il-BĊNi jistgħu jippermettu lill-kontropartijiet biex jużaw aktar minn sistema waħda ta' valutazzjoni tal-kreditu mas-sottomissjoni ta' talba motivata lill-BĊN domestiku appoġġat minn każ ta' negozju adegwat ibbażat fuq in-nuqqas ta' kopertura suffiċjenti tas-sors jew sistema "prinċipali" tal-kwalità tal-kreditu.

3. F'każijiet fejn kontropartijiet ikunu awtorizzati jużaw aktar minn sistema waħda ta' valutazzjoni tal-kreditu jew sors wieħed ta' valutazzjoni tal-kreditu, is-sistema jew sors "prinċipali" hija mistennija li tkun dik li tipprovdi valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu tal-ikbar numru ta' debituri mill-pretensjonijiet ta' kreditu mmobilizzati bħala kollateral. Jekk valutazzjoni ta' kreditu għal debitur jew garanti tkun disponibbli minn dik is-sistema jew sors prinċipali, din il-valutazzjoni ta' kreditu biss għandha tiddetermina l-eliġibbiltà u l-haircuts ta' valutazzjoni eliġibbli għad-debitur jew garanti.

4. Il-kontropartijiet għandhom jużaw is-sistemi jew sorsi ta' valutazzjoni tal-kreditu għal perijodu minimu ta' 12-il xahar.

5. Wara l-perijodu speċifikat fil-paragrafu 4, il-kontropartijiet jistgħu jissottomettu talba mmotivata espliċita lill-BĊN domestiku biex jibdel is-sistema jew sors magħżula tal-valutazzjoni ta' kreditu.

6. F'ċerti ċirkostanzi u b'mod partikolari meta kontroparti ddaħħal f'fażijiet is-sistema IRB tagħha jew tibda tuża pretensjonijiet ta' kreditu bħala kollateral, fuq sottomissjoni ta' talba mmotivata, BĊN jista' f'każijiet eċċezzjonali jagħti deroga lil kontroparti fir-rigward ta' perijodu minimu ta' restrizzjoni ta' 12-il xahar speċifikat fil-paragrafu 4 u jippermetti lil-kontroparti biex tibdel is-sistema jew sors ta' valutazzjoni tal-kreditu magħżula minnha f'dak il-perijodu.

7. Jekk il-kontroparti tkun għażlet is-sors tal-valutazzjoni tal-kreditu, tista' tuża debitur ECAI jew klassifikazzjoni tal-garanti ECAI. Jekk diversi debituri ECAI u/jew klassifikazzjonijiet tal-garanti ECAI ikunu disponibbli għall-istess pretensjoni ta' kreditu, hemmhekk tista' tintuża l-aqwa valutazzjoni ta' kreditu ECAI disponibbli.

*Artikolu 111*

**Valutazzjoni ta' kreditu ta' pretensjonijiet ta' kreditu ma' entitajiet tas-settur pubbliku, jew korporazzjonijiet mhux finanzjarji, bħal debituri jew garanti**

1. L-Eurosistema għandha tevalwa l-kwalità tal-kreditu tal-pretensjonijiet ta' kreditu mal-entitajiet tas-settur pubbliku li jaġixxu bħala debituri jew garanti skont ir-regoli li ġejjin, applikati fl-ordni li ġejjin.

(a) Jekk teżisti valutazzjoni tal-kreditu mis-sistema jew sors magħżul mill-kontroparti, l-Eurosistema għandha tużaha biex tistabbilixxi jekk l-entità tas-settur pubbliku li taġixxi bħala debitur jew garanti jissodisfax ir-rekwiżiti tal-kwalità tal-kreditu tal-Eurosistema għall-assi mhux negozjabbli stabbiliti fl-Artikolu 108.

(b) Fin-nuqqas ta' valutazzjoni tal-kreditu skont il-punt (a), l-Eurosistema għandha tuża l-valutazzjoni tal-kreditu ECAI pprovduta minn sistema ECAI aċċettata għall-entità tas-settur pubbliku li taġixxi bħala debitur jew garanti.

(c) Jekk valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu ma tkunx disponibbli skont il-punti (a) jew (b), il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 87 għal assi negozjabbli għandha tapplika għall-entità relevanti fis-settur pubbliku bħala debitur jew garanti.

2. L-Eurosistema għandha tevalwa l-kwalità tal-kreditu tal-pretensjonijiet ta' kreditu mal-korporazzjonijiet mhux finanzjarji bħala debituri jew garanti kif ġej: il-valutazzjoni tal-kreditu pprovdut mis-sistema jew sors ta' valutazzjoni tal-kreditu magħżula mill-kontroparti għandha tissodisfa r-rekwiżiti tal-kwalità tal-kreditu tal-Eurosistema għal assi mhux negozjabbli stabbiliti fl-Artikolu 108.

Taqsima 2

### Rekwiżiti tal-kwalità tal-kreditu tal-Eurosistema għal RMBDs

*Artikolu 112*

### Stabbiliment tar-rekwiżiti tal-kwalità tal-kreditu tal-Eurosistema għal RMBDs

Għall-finijiet li jissodisfa r-rekwiżiti tal-kwalità tal-kreditu stabbiliti fl-Artikolu 108, il-BĊN domestiku għandu jevalwa l-kwalità tal-kreditu fuq il-bażi ta' qafas ta' valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu speċifika għal ġurisdizzjoni kif stipulat fid-dokumentazzjoni nazzjonali applikabbli.

TITOLU IV

## GARANZIJI GĦAL ASSI NEGOZJABBLI U MHUX NEGOZJABBLI

*Artikolu 113*

### Rekwiżiti applikabbli għall-garanziji

1. Ir-rekwiżiti tal-kwalità tal-kreditu tal-Eurosistema jistgħu jiġu stabbiliti fuq bażi tal-valutazzjonijiet ta' kreditu fir-rigward tal-garanti skont l-Artikoli 82 sa 84 fir-rigward ta' assi negozjabbli u l-Artikolu 108 fir-rigward ta' pretensjonijiet ta' kreditu.

2. Garanziji pprovduti minn garanti li huma meħtieġa biex jistabbilixxu r-rekwiżiti tal-kwalità tal-kreditu tal-Eurosistema għandhom jikkonformaw ma' dan it-Titolu.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-garanti relevanti għandu jkun evalwat b'mod separat fuq il-bażi tal-valutazzjoni ta' kreditu u għandu jissodisfa r-rekwiżiti tal-kwalità tal-kreditu tal-Eurosistema.

*Artikolu 114*

### Karatteristiċi tal-garanzija

1. Skont it-termini tal-garanzija, il-garanti għandu jipprovdi garanzija mal-ewwel talba, irrevokabbli u mingħajr kundizzjoni, fir-rigward tal-obbligi tal-emittent jew il-garanti fir-rigward tal-ħlas tal-kapital, l-interessi u kull ammont ieħor dovut skont l-assi negozjabbli jew pretensjoni ta' kreditu għad-detenturi jew kreditur tiegħu, sakemm l-assi negozjabbli jew il-pretensjoni ta' kreditu jitħallsu għal kollox. F'dan ir-rigward, garanzija m'għandhiex tkun meħtieġa li tkun speċifika għall-assi negozjabbli jew pretensjoni ta' kreditu iżda tista' tapplika għall-emittent jew id-debitur biss, sakemm l-assi negozjabbli jew il-pretensjoni ta' kreditu relevanti ikunu koperti mill-garanzija.

2. Il-garanzija għandha tkun pagabbli mal-ewwel talba indipendentement mill-assi negozjabbli ggarantit jew mil-pretensjoni ta' kreditu. Garanziji mogħtija minn entitajiet tas-settur pubbliku bid-dritt li jiġbru t-taxxi għandhom jew ikunu pagabbli mal-ewwel talba jew inkella jipprovdu għal ħlas fil-pront u puntwali wara kull inadempjenza.

3. Il-garanzija għandha tkun valida legalment, vinkolanti u eżegwibbli kontra l-garanti.

4. Il-garanzija għandha tkun irregolata bil-liġi ta' Stat Membru.

5. Jekk garanti ma jkunx entità tas-settur pubbliku bid-dritt li tiġbor it-taxxa, għandha tkun ippreżentata lill-BĊN relevanti konferma legali dwar il-validità legali, l-effett vinkolanti u l-eżegwibbiltà tal-garanzija f'forma u b'sustanza aċċettabbli għall-Eurosistema qabel ma l-assi negozjabbli jew il-pretensjoni ta' kreditu appoġġata mill-garanti tista' titqies bħala eliġibbli. Il-konferma legali għandha ssemmi wkoll li l-garanzija mhijiex waħda personali, u hija eżegwibbli biss mid-dententuri tal-assi negozjabbli jew mill-kreditur tal-pretensjoni ta' kreditu. Jekk il-garanti ikun stabbilit f'ġurisż-dizzjoni li ma tkunx dik tal-liġi li tirregola l-garanzija, il-konferma legali għandha tikkonferma wkoll li l-garanzija hija valida u eżegwibbli skont il-liġi tal-ġuriżdizzjoni li fiha l-garanti huwa stabbilit. Għal assi negozjabbli, il-konferma legali għandha tintbagħat mill-kontroparti għal rieżami lill-BĊN li qed jirrapporta l-assi rilevanti ggarantiti minn garanzija għall-inklużjoni fil-lista ta' assi eliġibbli. Għal pretensjonijiet ta' kreditu, il-konferma legali għandha tkun ippreżentata mill-kontroparti li qed tfittex li timmobilizza l-pretensjoni ta' kreditu għall-valutazzjoni lill-BĊN fil-ġurisdizzjoni tal-liġi li tirregola l-pretensjoni ta' kreditu. Il-ħtieġa ta' eżegwibbiltà hija suġġetta għal-liġijiet tal-insolvenza jew tal-falliment, prinċipji ġenerali ta' ekwità u liġijiet u prinċipji simili applikabbli għall-garanti u li ġeneralment jaffettwaw id-drittijiet tal-kredituri kontra l-garanti.

*Artikolu 115*

**Non-subordinazzjoni tal-obbligi tal-garanti**

L-obbligi tal-garanti taħt il-garanzija għandhom ikunu ta' mill-inqas ikklassfikati ugwalment, *pari passu*, u *pro rata*, mal-obbligi l-oħrajn kollha mhux iggarantiti tal-garanti.

*Artikolu 116*

**Rekwiżiti tal-kwalità tal-kreditu għall-garanti**

Il-garanti għandu jikkonforma mar-rekwiżiti tal-kwalità tal-kreditu tal-Eurosistema speċifikati fir-regoli tal-ECAF għal garanti ta' assi negozjabbli stabbiliti fl-Artikoli 82 sa 84 jew mar-regoli tal-garanti tal-pretensjonijiet ta' kreditu stabbiliti fl-Artikolu 108.

*Artikolu 117*

**Tip ta' garanti**

Il-garanti għandu jkun:

(a) għal assi negozjabbli skont l-Artikolu 69: bank ċentrali ta' Stat Membru, entità tas-settur pubbliku, aġenzija, istituzzjoni ta' kreditu, korporazzjoni finanzjarja minbarra istituzzjoni ta' kreditu, korporazzjoni mhux finanzjarja, bank ta' żvilupp multilaterali jew organizzazzjoni internazzjonali; jew

(b) għal pretensjonijiet ta' kreditu skont l-Artikolu 95: korporazzjoni mhux finanzjarja, entità tas-settur pubbliku, bank ta' żvilupp multilaterali jew organizzazzjoni internazzjonali.

*Artikolu 118*

**Post ta' stabbiliment tal-garanti**

1. Il-garanti għandu jkun stabbilit:

(a) fil-każ ta' assi negozjabbli skont l-Artikolu 70, fiż-ŻEE, sakemm il-garanti ma jkunx meħtieġ li jistabbilixxi r-rekwiżiti tal-kwalità tal-kreditu għall-istrument tad-dejn speċifiku. Il-possibbiltà li tintuża klassifikazzjoni tal-garanti ECAI biex jiġu stabbiliti r-rekwiżiti tal-kwalità tal-kreditu relevanti għall-assi negozjabbli hija indirizzata fl-Artikolu 84.

(b) għall-istrumenti tad-dejn iggarantiti minn korporazzjonijiet mhux finanzjarji li għalihom ma tkun saret l-ebda valutazzjoni tal-kreditu minn sistema ta' ECAI aċċettata għall-ħruġ, l-emittent jew il-garanti, skont l-Artikolu 70, il-garanti għandu jiġi stabbilit fi Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro;

(c) fil-każ ta' pretensjonijiet ta' kreditu skont l-Artikolu 96, fi Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro, sakemm ma jkunx hemm bżonn ta' garanzija li tistabbilixxi r-rekwiżiti tal-kwalità tal-kreditu għall-assi mhux negozjabbli. L-għażla li tintuża valutazzjoni tal-kreditu fir-rigward tal-garanti biex jiġu stabbiliti r-rekwiżiti tal-kwalità tal-kreditu relevanti hija indirizzata fl-Artikolu 108.

2. Minkejja l-paragrafu 1, skont l-Artikoli 70 u 96, il-banek ta' żvilupp multilaterali u l-organizzazzjonijiet internazzjonali għandhom ikunu garanti eleġibbli irrispettivament mill-post tal-istabbiliment tagħhom.

TITOLU V

**QAFAS TA' VALUTAZZJONI TAL-KREDITU TAL-EUROSISTEMA GĦAL ASSI ELIĠIBBLI**

*Artikolu 119*

**Sorsi u sistemi ta' valutazzjoni tal-kreditu aċċettati**

1. L-informazzjoni tal-valutazzjoni tal-kreditu li fuqha l-Eurosistema tibbaża l-valutazzjoni ta' eliġibbiltà tal-assi eliġibbli bħala kollateral għall-operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema għandha tiġi pprovduta minn sistemi ta' valutazzjoni tal-kreditu li jappartjenu għal wieħed mill-erba' sorsi li ġejjin:

(a) ECAIs;

(b) Sistemi ta' valutazzjoni tal-kreditu interni tal-BĊNi (ICASs);

(c) sistemi interni bbażati fuq klassifikazzjoni (IRB) tal-kontropartijiet;

(d) fornituri terzi ta' għodda ta' klassifikazzjoni (RT).

2. Taħt kull sors ta' valutazzjoni tal-kredotu elenkatt fil-paragrafu 1 jista' jkun hemm ġabra ta' sistemi ta' valutazzjoni tal-kreditu. Is-sistemi ta' valutazzjoni tal-kreditu għandhom jikkonformaw mal-kriterji ta' aċċettazzjoni stabbiliti f'dan it-Titolu. Lista ta' sistemi ta' valutazzjoni tal-kreditu aċċettati, jiġifieri l-lista ta' ECAIs, ICASs u RTs aċċettati, hija ppubblikata fuq is-sit elettroniku tal-BĊE.

3. Is-sistemi kollha ta' valutazzjoni tal-kreditu aċċettati għandhom ikunu suġġetti għall-proċess ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni ECAF kif stabbilit fl-Artikolu 126.

4. Bil-pubblikazzjoni tal-informazzjoni fuq is-sistemi ta' valutazzjoni tal-kreditu aċċettati flimkien mal-operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema, l-Eurosistema m'għandha tassumi ebda responsabbiltà għall-valutazzjoni tagħha tas-sistemi ta' valutazzjoni tal-kreditu aċċettati.

5. F'każ ta' ksur tar-regoli u l-proċeduri ECAF, is-sistema rilevanti tal-valutazzjoni tal-kreditu tista' tiġi eskluża mis-sistemi aċċettati mill-ECAF.

*Artikolu 120*

**Kriterji ta' aċċettazzjoni ġenerali għal istituzzjonijiet esterni tal-valutazzjoni tal-kreditu bħala sistemi ta' valutazzjoni tal-kreditu**

1. Għall-finijiet tal-ECAF, il-kriterji ta' aċċettazzjoni ġenerali għall-ECAIs għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) L-ECAIs għandhom ikunu rreġistrati jew iċċertifikati mill-Awtorità Ewropea għat-Titoli u s-Swieq, skont ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009.

(b) L-ECAIs għandhom jissodisfaw kriterji operazzjonali u jipprovdu kopertura relevanti sabiex jiżguraw l-implimentazzjoni effiċjenti tal-ECAF. B'mod partikolari, l-użu tal-valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu tal-ECAF huwa suġġett għad-disponibbiltà għall-Eurosistema ta' informazzjoni dwar dawn il-valutazzjonijiet, kif ukoll informazzjoni għall-paragun u l-assenjazzjoni, jiġifieri l-immappjar tal-valutazzjonijiet għall-passi tal-kwalità tal-kreditu tal-Eurosistema u għall-finijiet tal-proċess ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni, skont l-Artikolu 126.

2. L-Eurosistema tirriżerva d-dritt li tiddeċiedi jekk taċċettax ECAI għall-finijiet tal-ECAF, billi tqis, fost fatturi oħrajn, il-kriterji u r-regoli tal-proċess ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni.

3. Flimkien mad-dejta ppreżentata għall-monitoraġġ tal-prestazzjoni skont l-Artikolu 126, l-ECAI għandha tissottometti ċertifikazzjoni ffirmata mill-uffiċjal kap eżekuttiv (CEO) tal-ECAI, jew firmatarju awtorizzat b'responsabbiltà għall-funzjoni ta' awditjar jew konformità fi ħdan l-ECAI, li tikkonferma l-preċiżjoni u l-validità tal-informazzjoni ppreżentata tal-monitoraġġ tal-prestazzjoni.

*Artikolu 121*

**Kriterji ta' aċċettazzjoni ġenerali u proċeduri operazzjonali għas-sistemi ta' valutazzjoni tal-kreditu interni tal-BĊNi**

1. Il-BĊNi jistgħu jiddeċiedu li jużaw l-ICAS tagħhom stess għall-iskop tal-valutazzjoni tal-kreditu. Id-deċiżjoni ta' BĊN li juża l-ICAS tiegħu stess għandha tkun suġġetta għal proċedura ta' validazzjoni mill-Eurosistema.

2. Valutazzjoni ta' kreditu permezz ta' ICAS tista' ssir bil-quddiem, jew fuq talba speċifika ta' kontroparti fuq sottomissjoni ta' assi lill-BĊN li juża ICAS (il-"BĊN ICAS").

3. Fir-rigward tal-paragrafu 2, fuq sottomissjoni ta' assi lill-BĊN ICAS li fir-rigward tiegħu l-eliġibbiltà ta' debitur jew garanti tiġi evalwata, il-BĊN ICAS jinforma lill-kontroparti jew bl-istatus ta' eliġibbiltà tiegħu jew biż-żmien prinċipali neċessarju biex jistabbilixxi valutazzjoni tal-kreditu. Jekk ICAS ikun limitat fl-iskop u jevalwa biss tipi speċifiċi ta' debituri jew garanti, jew jekk il-BĊN ICAS ma jistax jirċievi l-informazzjoni u d-dejta meħtieġa għall-valutazzjoni tal-kreditu tiegħu, il-BĊN ICAS għandu jinforma lill-kontroparti dwar dan mingħajr dewmien. Fiż-żewġ każijiet, id-debitur jew il-garanti relevanti jitqies ineliġibbli, ħlief jekk l-assi jkunu konformi mar-rekwiżiti tal-kwalità tal-kreditu skont

sistema jew sors ta' valutazzjoni ta' kreditu alternattiva jew sistema ta' valutazzjoni tal-kreditu li l-kontroparti tithalla tuża skont l-Artikolu 110. Fil-każ li l-assi mobilizzati jsiru ineliġibbli minhabba deterjorament tal-affidabbiltà tad-debitur jew tal-garanti, l-assi għandu jitneħħa fl-aktar data bikrija possibbli. Peress li ma hemm la relazzjoni kuntrattwali bejn il-korporazzjonijiet mhux finanzjarji u l-BĊN ICAS, u lanqas obbligi legali għal dawn il-korporazzjonijiet biex jipprovdu informazzjoni mhux pubblika lil-BĊN ICAS, l-informazzjoni hija pprovduta fuq bażi volontarja.

4. F'pajjiżi fejn l-RMBDs huma mobilizzati bħala kollateral għall-operazzjonijiet tal-kreditu tal-Eurosistema, il-BĊN domestiku għandu jimplimenta qafas ta' valutazzjoni tal-kreditu għal dan it-tip ta' assi skont l-ECAF. Dawn l-oqfsa għandhom ikunu suġġetti għal proċedura ta' validazzjoni mill-Eurosistema u għal proċess ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni annwali, kif speċifikat ulterjorment fl-Artikolu 126.

*Artikolu 122*

**Kriterji ta' aċċettazzjoni ġenerali għal sistemi interni bbażati fuq klassifikazzjoni**

1. Biex tikseb approvazzjoni tal-ECAF għal sistema IRB, kontroparti għandha tippreżenta talba lill-BĊN domestiku.

2. Ir-rekwiżit fil-paragrafu 1 għandu japplika għall-kontropartijiet li għandhom l-intenzjoni li jużaw sistema IRB irrispettivament mill-istatus tagħhom, jiġifieri parent, sussidjarja jew fergħa, u irrispettivament minn jekk l-approvazzjoni tas-sistema IRB tiġix minn awtorità kompetenti fl-istess pajjiż, għal kumpannija parent u possibbilment sussidjarji, jew minn awtorità kompetenti fil-pajjiż domestiku tal-parent, għal fergħat u possibbilment għal sussidjarji.

3. Talba ppreżentata minn kontroparti skont il-paragrafu 1 għandha tinkludi l-informazzjoni u d-dokumenti li ġejjin li, jekk meħtieġ, għandhom jiġu tradotti fil-lingwa tax-xogħol tal-BĊN domestiku:

(a) kopja tad-deċiżjoni tal-awtorità kompetenti li tawtorizza lill-kontroparti li tuża s-sistema IRB tagħha għall-finijiet tar-rekwiżiti kapitali fuq bażi kkonsolidata jew mhux ikkonsolidata, flimkien ma' kull kundizzjoni speċifika għal dan l-użu;

(b) kopja tal-valutazzjoni l-aktar aġġornata tas-sistema IRB tal-kontroparti mill-awtorità kompetenti;

(c) informazzjoni dwar kull bidla lis-sistema tal-IRB tal-kontroparti rrakkommandata jew meħtieġa mill-awtorità kompetenti, flimkien mal-iskadenza sa meta jkun irid jiġi implimentat dak it-tibdil;

(d) informazzjoni dwar l-approċċ tagħha li tassenja probabbiltajiet ta' inadempjenza lid-debituri, kif ukoll dejta fuq il-gradi ta' klassifika u probabbiltajiet ta' sena ta' inadempjenza assoċjati li jintużaw għad-determinazzjoni tal-gradi ta' klassifika eliġibbli;

(e) kopja tal-informazzjoni tal-Pilastru 3 l-aktar riċenti (dixxiplina tas-suq) li l-kontroparti hija meħtieġa tippubblika fuq bażi regolari skont ir-rekwiżiti dwar id-dixxiplina tas-suq taħt il-Qafas ta' Basel III, id-Direttiva 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(f) l-isem u l-indirizz tal-awtorità kompetenti u tal-awditur estern;

(g) informazzjoni dwar ir-rekord storiku tas-sistema IRB tal-kontroparti tar-rati ta' inadempjenza għal gradi ta' klassifika li jkopru l-ħames snin kalendarji ta' qabel it-talba relevanti. Jekk l-awtorità kompetenti tkun tat l-awtorizzazzjoni tas-sistema IRB għall-finijiet tar-rekwiżiti kapitali matul dawn is-snin fil-kalendarju, l-informazzjoni għandha tkopri ż-żmien minn meta ngħatat l-awtorizzazzjoni tas-sistema IRB għall-finijiet tar-rekwiżiti kapitali. Id-dejta storika annwali dwar ir-rati ta' inadempjenza osservati u l-informazzjoni addizzjonali potenzjali għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet għall-monitoraġġ tal-prestazzjoni fl-Artikolu 126 bħallikieku sistema IRB kienet suġġetta għal dawn id-dispożizzjonijiet matul dan il-perijodu ta' żmien;

(h) informazzjoni meħtieġa għall-monitoraġġ tal-prestazzjoni enfasizzata fl-Artikolu 126 kif mitlub minn sistemi IRB li jkunu diġà approvati mill-ECAF għas-sena kalendarja attwali fiż-żmien meta tiġi ppeżentata t-talba.

4. Kontroparti m'għandiex tkun meħtieġa li tippreżenta l-informazzjoni dettaljata fil-paragrafi 3 (a) sa (c) meta din l-informazzjoni tintbagħat direttament mill-awtorità kompetenti lill-BĊN domestiku fuq talba tal-BĊN.

5. It-talba magħmula minn kontroparti skont il-paragrafu 1 għandha tiġi ffirmata mis-CEO, CFO jew maniġer ta' anzjanità simili tal-kontroparti, jew minn firmatarju awtorizzat f'isem wieħed minnhom.

*Artikolu 123*

**Obbligi ta' rapportar ta' kontropartijiet li jużaw sistema interna bbażata fuq klassifikazzjonijiet**

1. Il-kontropartijiet għandhom jikkomunikaw informazzjoni lil-BĊN domestiku dwar l-Artikolu 122(3)(b) sa (f) fuq bażi annwali, jew kif u meta meħtieġ mill-BĊN domestiku, ħlief jekk dik l-informazzjoni tintbagħat direttament mill-awtorità kompetenti lill-BĊN domestiku fuq talba tal-BĊN.

2. Il-komunikazzjoni annwali msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi ffirmata mis-CEO, CFO jew maniġer ta' anzjanità simili tal-kontroparti, jew minn firmatarju awtorizzat f'isem wieħed minnhom. L-awtorità kompetenti u, fejn applikabbli, l-awditur estern tal-kontroparti għandhom jirċievu kopja ta' din l-ittra mill-Eurosistema.

3. Bħala parti mill-monitoraġġ regolari tas-sistemi IRB, il-BĊN għandu jwettaq spezzjonijiet fuq il-post u mhux fuq il-post dwar it-tagħrif statistiku pprovdut minn kontropartijiet għall-finijiet tal-proċess ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni annwali. L-għan ta' dawn il-kontrolli għandu jkun biex jivverifika li aggregazzjonijiet statiċi jkunu korretti, preċiżi u kompleti.

4. Il-kontropartijiet għandhom jissodisfaw kriterji operazzjonali oħra kif speċifikati fl-arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji relevanti applikati mill-BĊN domestiku, inklużi dispożizzjonijiet fir-rigward ta':

(a) spezzjonijiet *ad hoc* dwar il-proċeduri fis-seħħ għall-komunikazzjoni tal-karatteristiċi tal-pretensjonijiet ta' kreditu lill-BĊN domestiku;

(b) spezzjonijiet annwali mill-BĊN domestiku (jew, fejn relevanti, l-awtorità kompetenti jew l-awditur estern) biex jistabbilixxu l-preċiżjoni u l-validità tal-aggregazzjonijiet statiċi kif imsemmija fl-Anness IX;

(c) l-għoti, mhux aktar tard minn matul il-jum tan-negozju li jkun imiss, ta' informazzjoni fir-rigward tal-bidliet fl-eliġibbiltà u l-irtirar tal-pretensjonijiet ta' kreditu, jekk meħtieġ;

(d) notifiki lill-BĊN domestiku tal-fatti jew ċirkostanzi li jistgħu materjalment jinfluwenzaw l-użu kontinwu tas-sistema IRB għall-finijiet tal-ECAF jew il-mod li bih is-sistema IRB twassal għall-istabbiliment ta' kollateral eliġibbli, inklużi b'mod partikolari bidliet materjali għas-sistema IRB tal-kontroparti li jista' jkollha impatt fuq il-mod kif is-sistema għall-gradi ta' klassifikazzjoni IRB jew probabbiltajiet tal-inadempjenza jikkorrispondu mal-iskala ta' klassifikazzjoni armonizzata tal-Eurosistema.

*Artikolu 124*

**Kriterji ġenerali ta' aċċettazzjoni għal fornituri terzi ta' għodda ta' klassifikazzjoni bħala sistemi ta' valutazzjoni ta' kreditu**

1. Is-sors tal-fornitur terz ta' għodda ta' klassifikazzjoni (RT) għandu jinkludi entitajiet li jivvalutaw l-kwalità ta' kreditu ta' debituri billi jużaw mudelli primarjament kwantitattivi b'mod sistematiku u mekkaniku, filwaqt li joqogħdu fuq informazzjoni oħra dwar kontijiet ivverifikati, u li l-valutazzjonijiet ta' kreditu tagħhom mhumiex intiżi biex jiġu żvelati lill-pubbliku ġenerali.

2. Fornitur ta' RT li jixtieq jipparteċipa fl-ECAF għandu jissottometti talba lill-BĊN relevanti, bl-użu tal-mudell ipprovdut mill-Eurosistema, issupplimentat b'dokumentazzjoni addizzjonali kif speċifikat fil-mudell li jinsab fuq is-sit elettroniku tal-BĊE.

3. Kontropartijiet li jixtiequ jużaw fornitur ta' RT speċifiku għall-finijiet ECAF li mhuwiex aċċettat mill-Eurosistema għandhom jissottomettu talba lill-BĊN relevanti tagħhom, bl-użu ta' mudell ipprovdut fuq is-sit elettroniku tal-BĊE, issupplimentat b'dokumentazzjoni addizzjonali kif speċifikat f'dan il-mudell.

4. Fir-rigward ta' sottomissjonijiet magħmula skont il-paragrafi 2 u 3, l-Eurosistema għandha tiddeċiedi jekk taċċettax il-fornitur ta' RT ibbażat fuq evalwazzjoni tal-konformità mal-kriterji ta' aċċetazzjoni ffissati mill-Eurosistema, kif ippubblikati fuq is-sit elettroniku tal-BĊE.

5. Kontropartijiet li jużaw fornitur ta' RT għandhom jinformaw mal-ewwel lilil-fornitur ta' RT b'kull avveniment ta' kreditu li huwa magħruf mhux biss lill-kontroparti li jista' jindika deterjorazzjoni tal-kwalità tal-kreditu, inkluż dewmien fil-ħlasijiet mid-debituri tal-assi eliġibbli mobilizzati bħala kollateral.

*Artikolu 125*

**Obbligu ta' rapportar għal fornituri terzi ta' għodda ta' klassifikazzjoni**

1. Il-fornitur ta' RT għandu jikkomunika l-informazzjoni meħtieġa għall-finijiet tar-rapport tal-monitoraġġ tal-prestazzjoni ECAF lill-BĊN relevanti flimkien ma' ċertifikat iffirmat mis-CEO, jew firmatarju awtorizzat bir-responsabbiltà għall-funzjoni tal-awditjar jew tal-konformità fi ħdan l-RT, li jikkonferma l-preċiżjoni u l-validità tad-dejta ppreżentata tal-monitoraġġ tal-prestazzjoni.

2. Il-fornitur ta' RT għandu jintrabat li jżomm rekords interni dwar l-aggregazzjonijiet statiċi u d-dettalji tal-inadempjenzi għal ħames snin.

*Artikolu 126*

**Proċess ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni ECAF**

1. Fuq bażi annwali, is-sistemi kollha ta' valutazzjoni ta' kreditu aċċettati għandhom ikunu suġġetti għall-proċess ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni ECAF, skont l-Anness IX, għall-finijiet biex jiżguraw li l-immappjar tal-informazzjoni tal-valutazzjoni tal-kreditu pprovduta mis-sistema ta' valutazzjoni tal-kreditu lill-iskala ta' klassifikazzjoni armonizzata tal-Eurosistema jibqa' xieraq u li r-riżultati mill-valutazzjonijiet tal-kreditu jkunu komparabbli fost is-sistemi u s-sorsi.

2. L-Eurosistema tirriżerva d-dritt li titlob kull informazzjoni addizzjonali meħtieġa biex jitwettaq il-proċess ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni.

3. Il-proċess ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni jista' jirriżulta f'korrezzjoni tal-mod kif l-informazzjoni tal-valutazzjoni tal-kreditu mogħtija mis-sistema ta' valutazzjoni tal-kreditu tikkorrispondi mal-iskala tal-klassifika armonizzata tal-Eurosistema.

4. L-Eurosistema tista' tiddeċiedi li tissospendi jew teskludi sistema ta' valutazzjoni tal-kreditu fuq il-bażi tal-eżitu tal-proċess ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni.

5. F'każ ta' ksur ta' regola relatata mal-proċess tal-monitoraġġ tal-prestazzjoni ECAF, is-sistema rilevanti tal-valutazzjoni tal-kreditu tista' tiġi eskluża mil-lista tas-sistemi li jaċċettaw l-ECAF.

TITOLU VI

**KONTROLL TAR-RISKJU U QAFAS TA' VALUTAZZJONI TA' ASSI NEGOZJABBLI U MHUX NEGOZJABBLI**

*Artikolu 127*

**L-għan tal-kontroll tar-riskju u l-qafas tal-valutazzjoni**

1. Assi eliġibbli mmobilizzati bħala kollateral għall-operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema għandhom ikunu suġġetti għall-miżuri ta' kontroll tar-riskju stabbiliti fl-Artikolu 128(1), bil-għan li jipproteġu l-Eurosistema kontra r-riskju ta' telf finanzjarju fil-każ ta' inadempjenza ta' kontroparti.

2. L-Eurosistema tista' f'kull żmien tapplika miżuri ta' kontroll tar-riskju addizzjonali, kif imniżżel fl-Artikolu 128(2), jekk meħtieġ, biex tiżgura l-protezzjoni adegwata tar-riskju tal-Eurosistema skont l-Artikolu 18.1 tal-Istatut tas-SEBĊ. Miżuri addizzjonali għall-kontroll tar-riskju jistgħu jiġu applikati wkoll fil-livell ta' kontropartijiet individwali, jekk meħtieġ biex jiżguraw din il-protezzjoni.

3. Il-miżuri kollha għall-kontroll tar-riskju applikati mill-Eurosistema għandhom jiżguraw kundizzjonijiet konsistenti, trasparenti u mhux diskriminatorji għal kull tip ta' assi eleġibbli mobilizzati madwar l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

*Artikolu 128*

**Miżuri għall-kontroll tar-riskju**

1. L-Eurosistema għandha tapplika l-miżuri ta' kontroll tar-riskju li ġejjin għall-assi eleġibbli:

(a) haircuts ta' valutazzjoni;

(b) marġni ta' varjazzjoni (immarkar għas-suq):

l-Eurosistema teħtieġ li jinżamm matul perijodu ta' żmien il-valur tas-suq aġġustat b'haircut tal-assi eleġibbli sottostanti użati fit-tranżazzjonijiet bil-maqlub tagħha li jipprovdu likwidità. Jekk il-valur tal-assi eleġibbli, li huwa mkejjel fuq bażi ta' kuljum, jaqa' taħt ċertu livell, il-BĊN domestiku għandu jirrikjedi lill-kontroparti li tipprovdi assi jew flus kontanti addizzjonali permezz ta' sejħa ta' marġni. Bl-istess mod, jekk il-valur tal-assi eleġibbli jaqbeż ċertu livell wara r-rivalutazzjoni tagħhom, il-BĊN jista' jirritorna l-assi jew il-flus kontanti żejda.

(c) limiti fir-rigward tal-użu ta' strumenti ta' dejn mhux iggarantiti maħruġin minn istituzzjoni ta' kreditu jew minn kull entità oħra li magħha istituzzjoni ta' kreditu għandha rabtiet mill-qrib kif deskritt fl-Artikolu 138;

(d) tnaqqis fil-valutazzjoni.

2. L-Eurosistema tista' tapplika l-miżuri ta' kontroll tar-riskju addizzjonali li ġejjin:

(a) Marġni inizjali, li jfisser li l-kontropartijiet jipprovdu assi eleġibbli b'valur tal-anqas daqs il-likwidità pprovduta mill-Eurosistema miżjuda bil-valur tal-marġni inizjali relevanti.

(b) limiti li għandhom x'jaqsmu mal-emittenti, id-debituri jew il-garanti:

l-Eurosistema tista' tapplika limiti addizzjonali, ħlief għal dawk applikati għall-użu ta' strumenti ta' dejn mhux iggarantiti msemmija fil-paragrafu (1)(c), għal skopertura fil-konfront tal-emittenti, id-debituri jew il-garanti;

(c) haircuts supplimentari;

(d) garanziji addizzjonali mill-garanti li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-kwalità tal-kreditu tal-Eurosistema sabiex jaċċettaw diversi assi;

(e) l-esklużjoni ta' diversi assi mill-użu bħala kollateral fl-operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema.

*KAPITOLU 1*

***Miżuri ta' kontroll ta' riskju għal assi negozjabbli***

*Artikolu 129*

**Stabbiliment ta' miżuri ta' kontroll ta' riskju għal assi negozjabbli**

1. Għall-finijiet tal-istabbiliment ta' miżuri ta' kontroll ta' riskju applikabbli, l-assi negozjabbli eliġibbli għandhom ikunu allokati f'waħda mill-ħames kategoriji ta' haircuts li ġejjin, ibbażati fuq it-tip tal-emittent u/jew it-tip tal-assi, u kif rifless fit-Tabella 10:

(a) strumenti ta' dejn maħruġin minn gvernijiet ċentrali, ċertifikati ta' dejn tal-BĊE u ċertifikati ta' dejn maħruġin mill-BĊNi qabel id-data tal-adozzjoni tal-euro fl-Istat Membru rispettiv tagħhom li l-munita tiegħu hija l-euro huma inklużi fil-kategorija ta' haircut I.

(b) strumenti ta' dejn maħruġin mill-gvern lokali u reġjonali, entitajiet ikklassifikati bħala aġenziji mill-Eurosistema, banek ta' żvilupp multilaterali u organizzazzjonijiet internazzjonali, kif ukoll bonds koperti jumbo, huma inklużi fil-kategorija ta' haircut II;

(c) bonds koperti tradizzjonali, bonds koperti oħra u strumenti ta' dejn maħruġa minn korporazzjonijiet mhux finanzjarji huma inklużi fil-kategorija ta' haircut III;

(d) Strumenti ta' dejn mhux iggarantiti maħruġa minn istituzzjonijiet ta' kreditu u minn korporazzjonijiet finanzjarji minbarra istituzzjonijiet ta' kreditu huma inklużi fil-kategorija ta' haircut IV;

(e) titoli ggarantiti b'assi huma nklużi fil-kategorija ta' haircut V, irrispettivament mill-klassifikazzjoni tal-emittent.

2. Il-kategoriji ta' haircut għall-assi negozjabbli huma miġbura fil-qosor fit-tabella hawn isfel, filwaqt li titqies il-klassifikazzjoni tal-emittent.

*Tabella 10*

**Kategoriji ta' haircut għal assi negozjabbli**

| Kategorija I | Kategorija II | Kategorija III | Kategorija IV | Kategorija V |
|---|---|---|---|---|
| Strumenti ta' dejn maħruġa minn gvernijiet ċentrali<br>Ċertifikati ta' dejn tal-BĊE<br>Ċertifikati ta' dejn maħruġa minn BĊNi qabel id-data tal-adozzjoni tal-euro fl-Istat Membru rispettiv | Strumenti ta' dejn maħruġa minn gvernijiet lokali u reġjonali<br>Strumenti ta' dejn maħruġa minn entitajiet ikklassifikati bħala aġenziji mill-Eurosistema<br>Strumenti ta' dejn maħruġa minn banek tal-iżvilupp multilaterali u organizzazzjonijiet internazzjonali<br>Bonds koperti jumbo | Bonds koperti tradizzjonali u bonds koperti oħra<br>Strumenti ta' dejn maħruġa milnn korporazzjonijiet mhux finanzjarji | Strumenti ta' dejn mhux iggarantiti minn istituzzjonijiet ta' kreditu<br>Strumenti ta' dejn mhux iggarantitimaħruġa minn korporazzjonijiet finanzjarji minbarra istituzzjonijiet ta' kreditu | Titoli ggarantiti b'assi |

*Artikolu 130*

**Haircuts ta' valutazzjoni għal assi negozjabbli**

1. Assi negozjabbli għandhom ikunu suġġetti għal haircuts ta' valutazzjoni speċifiċi, applikati bit-tnaqqis ta' ċertu persentaġġ mill-valur tas-suq tal-assi relevanti. Il-haircuts ta' valutazzjoni speċifiċi applikati għal strumenti ta' dejn inklużi fil-kategoriji ta' haircut I sa IV kif stabbiliti fl-Anness X ivarjaw skont kwalunkwe wieħed minn dawn il-fatturi jew kollha kemm huma:

(a) maturità residwa;

(b) struttura tal-kupun;

(c) skala tal-kwalità tal-kreditu;

(d) kategorija ta' haircut, kif iddeterminata skont l-Artikolu 129.

2. Assi negozjabbli inklużi fil-kategorija V għandhom ikunu suġġetti għal haircut ta' 10 % irrispettivament mill-maturità jew l-istruttura tal-kupun.

3. ABSs, bonds koperti u strumenti tad-dejn mhux iggarantiti maħruġa minn istituzzjonijiet ta' kreditu li huma teoretikament ivvalutati skont ir-regoli li jinsabu fl-Artikolu 134 għandhom ikunu suġġetti għal haircut ta' valutazzjoni addizzjonali fil-forma ta' tnaqqis fil-valutazzjoni ta' 5 %.

4. Bonds koperti għall-użu proprju għandhom ikunu suġġetti għal haircut ta' valutazzjoni addizzjonali applikata direttament għall-valur tal-ħruġ kollu tal-istrument ta' dejn individwali fil-forma ta' tnaqqis fil-valutazzjoni ta': (a) 8 % għall-bonds koperti għall-użu proprju fil-passi 1 u 2 tal-kwalità tal-kreditu, u (b) 12 % għall-bonds koperti għall-użu proprju fil-pass 3 tal-kwalità tal-kreditu. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, "bonds koperti għall-użu proprju" tfisser bonds koperti maħruġa jew minn kontroparti jew entitajiet marbuta mill-qrib magħha, u użati f'persentaġġ ogħla minn 75 % tal-ammont kunċettwali pendenti mill-kontroparti u/jew entitajiet b'rabtiet mill-qrib. "Rabtiet mill-qrib" għall-finijiet ta' dan il-paragrafu għandhom jiġu ddeterminati skont l-Artikolu 138. Dan it-tnaqqis tal-valutazzjoni japplika għall-kontropartijiet li jimmobilizzaw il-bond kopert inkwistjoni.

5. Il-haircut ta' valutazzjoni applikata għall-assi inklużi fil-kategoriji ta' haircut I sa IV b'kupuni varjabbli għandu jkun dak applikat lill-maturità residwa żero-sa-sena ta' assi negozjabbli tal-kupun fiss fil-kategorija ta' haircut u l-pass tal-kwalità tal-kreditu li għalih l-assi ikun assenjat. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, ħlasijiet ta' kupuni li għalihom il-perijodu ta' risettjar jkun itwal minn sena jiġu ttrattati bħala ħlasijiet b'rata fissa, u l-maturità rilevanti għal haircut ta' valutazzjoni li tiġi applikata għandha tkun il-maturità reżidwa tal-assi negozjabbli.

6. Il-haircut ta' valutazzjoni applikabbli għal assi negozjabbli inklużi fil-kategoriji I sa IV b'aktar minn tip wieħed ta' ħlas ta' kupun għandhom jiddependu biss fuq il-ħlasijiet tal-kupun li jistgħu jinqalgħu matul il-bqija tal-ħajja li jkun fadal tal-istrument. Il-haircut ta' valutazzjoni applikabbli għal dan l-istrument għandu jkun ugwali għall-ogħla haircut applikabbli għall-assi negozjabbli bl-istess maturità residwa u pass tal-kwalità tal-kreditu, u l-ħlasijiet tal-kupun ta' wieħed minn dawn it-tipi li jseħħu fil-ħajja li jkun fadal tal-istrument jistgħu jiġu kkunsidrati.

7. Il-livelli ta' haircut ta' valutazzjoni applikati għal kupun fiss ta' strumenti ta' dejn ta' kupun fiss għandhom japplikaw ukoll għall-istrumenti ta' dejn fejn il-kupun relevanti huwa marbut mal-istrumenti ta' dejn indiċjati mal-inflazzjoni.

8. Ebda haircut ta' valutazzjoni ma għandha tiġi applikata f'operazzjonijiet li jassorbu l-likwidità.

*KAPITOLU 2*

***Miżuri ta' kontroll ta' riskju għal assi mhux negozjabbli***

*Artikolu 131*

**Stabbiliment ta' miżuri ta' kontroll ta' riskju għal pretensjonijiet ta' kreditu**

1. Pretensjonijiet ta' kreditu individwali b'rata fissa ta' ħlas ta' imgħax u pretensjonijiet ta' kreditu b'rata ta' ħlasijiet tal-imgħax marbuta mar-rata tal-inflazzjoni għandhom ikunu suġġetti għal haircuts ta' valutazzjoni speċifiċi ddeterminati skont il-maturità residwa, il-pass tal-kwalità tal-kreditu u l-metodoloġija tal-valutazzjoni applikata mill-BĊN, kif stabbilita fl-Anness X.

2. Pretensjonijiet ta' kreditu individwali b'rata ta' imgħax varjabbli għandhom ikunu suġġetti għall-haircut ta' valutazzjoni applikata għall-pretensjonijiet ta' kreditu b'rata ta' imgħax fissa kklassifikata fil-maturità residwa żero-sa-sena li jikkorrispondu mal-istess pass ta' kwalità tal-kreditu u l-istess metodoloġija ta' valutazzjoni kif applikata mill-BĊN. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, ħlas ta' imgħax għandu jitqies bħala ħlas ta' rata varjabbli jekk huwa marbut ma' rata ta' imgħax ta' referenza u jekk il-perijodu ta' risettjar li jikkorrespondi ma' dan il-ħlas ma jkunx itwal minn sena. Ħlasijiet ta' imgħax li għalihom il-perijodu ta' risettjar ikun itwal minn sena għandhom jiġu ttrattati bħala ħlasijiet b'rata fissa, bil-maturità rilevanti għall-haircut tkun il-maturità reżidwa tal-pretensjoni ta' kreditu.

3. Il-haircut ta' valutazzjoni applikata għal pretensjoni ta' kreditu b'aktar minn tip wieħed ta' ħlas ta' imgħax għandha tiddependi biss minn ħlasijiet tal-imgħax matul il-ħajja li jkun fadal tal-pretensjoni ta' kreditu. Jekk ikun hemm aktar minn tip wieħed ta' ħlas ta' imgħax matul il-ħajja li jkun fadal tal-pretensjoni ta' kreditu, il-ħlasijiet tal-imgħax li jibqa' għandhom jiġu kkunsidrati bħala ħlasijiet b'rata fissa, bil-maturità rilevanti għall-haircut tkun il-maturità residwa tal-pretensjoni ta' kreditu.

*Artikolu 132*

**Miżuri ta' kontroll ta' riskju għal RMBDs**

RMBDs mhux negozjabbli huma suġġetti għal haircut ta' valutazzjoni ta' 39,5 %.

*Artikolu 133*

**Miżuri ta' kontroll ta' riskju għad-depożiti b'terminu fiss**

Depożiti b'terminu fiss m'għandhomx ikunu suġġetti għal haircut ta' valutazzjoni, skont l-approċċ għall-assi negozjabbli stabbilit fl-Artikolu 130 għall-operazzjonijiet li jassorbu l-likwidità.

*KAPITOLU 3*

***Regoli ta' valutazzjoni għal assi negozjabbli u mhux negozjabbli***

*Artikolu 134*

**Regoli ta' valutazzjoni għal assi negozjabbli**

Għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-valur tal-assi użati bħala kollateral fl-operazzjonijiet tas-suq miftuħ imwettqa permezz ta' tranżazzjonijiet bil-maqlub, il-BĊNi għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin.

(a) Għal kull assi negozjabbli eliġibbli, l-Eurosistema għandha tiddefinixxi l-aktar prezz rappreżentattiv li għandu jintuża għall-kalkolu tal-valur tas-suq.

(b) Il-valur ta' assi negozjabbli għandu jkun ikkalkolat fuq il-bażi tal-aktar prezz rappreżentattiv fil-jum tan-negozju li jippreċedi d-data tal-valutazzjoni tiegħu. Fin-nuqqas tal-prezz rappreżentattiv għall-assi partikolari l-Eurosistema għandha tiddefinixxi prezz teoretiku.

(c) Il-valur tas-suq jew teoretiku ta' assi negozjabbli huwa kkalkolat li jinkludi l-imgħax akkumulat.

(d) Skont id-differenzi fis-sistemi nazzjonali legali u l-prattiċi operazzjonali, it-trattament ta' flussi ta' dħul (eżempju kupuni ta' ħlas li huma relatati ma' assi u huma rċevuti matul il-ħajja tal-operazzjoni ta' kreditu tal-Eurosistema) jistgħu jvarjaw bejn il-BĊNi. Jekk il-fluss ta' dħul jiġi ttrasferit lill-kontroparti, il-BĊN domestiku għandu jiżgura li l-operazzjonijiet relevanti jibqgħu kollha kemm huma koperti b'ammont suffiċjenti ta' assi eleġibbli qabel ma jseħħ it-trasferiment tad-dħul. Kull BĊN għandu jimmira li jiżgura li l-effett ekonomiku tat-trattament ta' flussi ta' dħul ikun ekwivalenti għal sitwazzjoni li fiha d-dħul jiġi ttrasferit lill-kontroparti fil-jum tal-ħlas.

*Artikolu 135*

**Regoli ta' valutazzjoni għal assi mhux negozjabbli**

Assi mhux negozjabbli għandhom jingħataw valur mill-Eurosistema li jikkorrespondi jew mal-prezz teoretiku jew mal-ammont pendenti.

*Artikolu 136*

**Sejħiet ta' marġni**

1. Assi mmobilizzati bħala kollateral għall-operazzjonijiet tal-kreditu tal-Eurosistema għandhom ikunu suġġetti għal valutazzjoni ta' kuljum mill-BĊNi, skont ir-regoli ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikoli 134 u 135. Jekk jintużaw servizzi tripartiti, il-proċess ta' valutazzjoni ta' kuljum għandu jkun iddelegat lit-TPA relevanti u għandu jkun ibbażat fuq informazzjoni mibgħuta mill-BĊN relevanti lit-TPA.

2. Jekk, wara valutazzjoni u haircut ta' valutazzjoni, l-assi mmobilizzati ma jaqblux mar-rekwiżiti kif ikkalkolati għal dak il-jum, għandhom jitwettqu sejħiet ta' marġni. Jekk il-valur tal-assi eleġibbli mmobilizzati bħala kollateral mill-kontroparti, wara r-rivalwazzjoni tagħhom, jeċċedi l-ammont dovut mill-kontroparti flimkien mal-marġni ta' varjazzjoni, il-BĊN jista' jirritorna l-assi jew il-flus kontanti żejda li l-kontroparti ikun ipprovda għas-sejħa ta' marġni.

3. Sabiex titnaqqas il-frekwenza tas-sejħiet ta' marġni, BĊN jista' japplika limitu ta' 0,5 % tal-ammont ta' likwidità pprovdut. Skont il-liġi nazzjonali applikabbli, jekk il-valur tal-assi mobilizzati bħala kollateral jaqa' taħt il-livell minimu, il-BĊNi jistgħu jirrikjedu li s-sejħiet ta' marġni jiġu affettwati permezz tal-provvista ta' assi addizzjonali jew permezz ta' ħlasijiet fi flus kontanti mill-kontroparti. Bil-maqlub, jekk il-valur tal-assi użati bħala kollateral jaqbeż l-ogħla livell minimu, il-BĊN jista' jirritorna l-assi żejda (jew flus kontanti sottomessi biex jilħqu sejħa ta' marġni) lill-kontroparti.

4. Ir-rata ta' faċilità tad-depożitu għandha tapplika wkoll għas-sejħiet ta' marġni.

TITOLU VII

**AĊĊETTAZZJONI TA' KOLLATERAL MHUX IDDENOMINAT F'EURO F'KONTINĠENZI**

*Artikolu 137*

**Aċċettazzjoni ta' kollateral mhux iddenominat f'euro f'kontinġenzi**

1. Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE jista' jiddeċiedi li jaċċetta diversi assi negozjabbli maħruġin minn gvernijiet ċentrali tal-G10 barra miż-żona tal-euro fil-valuta nazzjonali tagħhom bħala kollateral. Wara din id-deċiżjoni mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE, il-kontrapartijiet għandhom jiġu informati dwar:

(a) il-kriterji tal-eliġibbiltà applikabbli;

(b) il-proċeduri applikabbli għall-għażla u l-immobilizzar;

(c) is-sorsi u l-prinċipji ta' valutazzjoni applikabbli;

(d) il-miżuri applikabbli għall-kontroll tar-riskju;

(e) il-proċeduri ta' saldu applikabbli.

2. Il-kriterji ġenerali ta' eliġibbiltà għall-assi negozjabbli stabbiliti fit-Titolu II tal-Parti Erbgħa għandhom japplikaw, ħlief li l-assi negozjabbli:

(a) jistgħu jinħarġu, jinzammu u jiġu saldati barra ż-ŻEE; u

(b) jistgħu jiġu ddenominati f'valuti minbarra l-euro.

3. Il-kontropartijiet li huma fergħat ta' istituzzjonijiet ta' kreditu inkorporati barra ż-ŻEE jew l-Isvizzera m'għandhomx ikunu intitolati li jimmobilizzaw bħala kollateral l-assi negozjabbli stipulati f'dan l-Artikolu.

TITOLU VIII

**REGOLI DWAR L-UŻU TA' ASSI ELIĠIBBLI**

*Artikolu 138*

**Rabtiet mill-qrib bejn kontropartijiet u l-emittent, id-debitur jew il-garanti ta' assi eliġibbli**

1. Irrispettivament mill-fatt li assi huwa eleġibbli, il-kontroparti m'għandhiex tissottometti jew tuża bħala kollateral assi maħruġa, dovuti jew iggarantiti minnhom infushom jew minn entità oħra li għandhom rabta mill-qrib magħhom.

2. "Rabtiet mill-qrib" tfisser waħda minn dawn is-sitwazzjonijiet li ġejjin fejn ikun hemm rabta bejn il-kontroparti u l-entità l-oħra msemmija fil-paragrafu 1:

(a) il-kontroparti tippossjedi direttament, jew indirettament permezz ta' impriża waħda jew aktar, 20 % jew aktar tal-kapital ta' dik l-entità l-oħra;

(b) l-entità l-oħra tippossjedi direttament, jew indirettament, permezz ta' impriża waħda jew aktar, 20 % jew aktar tal-kapital tal-kontroparti;

(c) terza persuna tippossjedi, direttament jew indirettament permezz ta' impriża waħda jew aktar, 20 % jew aktar tal-kapital tal-kontroparti u 20 % jew aktar tal-kapital tal-entità l-oħra.

Għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-eżistenza ta' tabtiet mill-qrib fil-każ ta' multi-cédulas, l-Eurosistema għandha tapplika approċċ fejn tħares fil-fond ("look-through approach"), jiġifieri għandha tikkunsidra rabtiet mill-qrib bejn kull waħda mill-emittenti sottostanti ta' cédulas u l-kontroparti.

3. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika fir-rigward ta' kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) rabtiet mill-qrib bejn il-kontroparti u entità tas-settur pubbliku taż-ŻEE li għandha d-dritt timponi taxxi, jew każijiet fejn strument ta' dejn ikun iggarantit minn entità jew entitajiet tas-settur pubbliku taż-ŻEE li jkollhom id-dritt li jimponu taxxi u l-garanzija relevanti tkun tikkonforma mal-karatteristiċi stabbiliti fl-Artikolu 114;

(b) Bonds koperti li jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 129(1) sa (3) u (6) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(c) strumenti ta' dejn protetti minn salvagwardji legali paragunabbli ma' bonds koperti li jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 129(1) sa (3) u 129(6) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Dawn is-salvagwardji legali speċifiċi għandhom jeħtieġu aggregazzjoni ta' kopertura kkonfinata li jiġu sodisfatti l-pretensjonijiet tad-detenturi ta' bonds f'każ ta' insolvenza tal-emittent mill-aggregazzjoni ta' kopertura kkonfinata. Valutazzjoni tal-eżistenza u l-komparabilità tas-salvagwardji legali, li għaliha r-rekwiżiti msemmija fil-punt (b) għandhom iservu bħala bażi, għandha titwettaq mill-Eurosistema fuq bażi ta' każ b'każ u għandha teħtieġ opinjoni legali esterna.

Eżempji ta' strumenti ta' dejn protetti minn salvagwardji legali paragunabbli mal-bonds koperti msemmija fil-punt (b) huma:

(i) RMBDs mhux negozjabbli; u

(ii) *multi-cédulas* maħruġa qabel id-data ta' applikazzjoni ta' din il-Linja Gwida fejn is-*cédulas* sottostanti jikkonformaw mal-kriterji stipulati fl-Artikolu 129(1) sa (3) u (6) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

*Artikolu 139*

**Użu ta' strumenti ta' dejn mhux iggarantitiiggarantiti maħruġa minn kontroparti jew l-entità li tkun marbuta mill-qrib magħha**

1. Strumenti ta' dejn mhux iggarantiti maħruġa minn kontroparti jew kwalunkwe entità oħra marbuta mill-qrib ma' dak il-kontroparti, kif iddefiniti fl-Artikolu 138, u ggarantiti bis-sħiħ minn entità jew entitajiet tas-settur pubbliku fiż-ŻEE li jkohhom id-dritt li jimponu t-taxxi m'għandhomx ikunu mobilizzati bħala kollateral għall-operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema minn dak il-kontroparti jew:

(a) direttament; jew

(b) indirettament, meta jkunu inklużi fl-aggregazzjoni tal-bonds koperti,

2. F'każijiet eċċezzjonali, il-Kunsill Governattiv tal-BĊE jista' jiddeċiedi dwar derogi temporanji mir-restrizzjoni stipulata fil-paragrafu 1 għal massimu ta' tliet snin. Talba għal deroga għandha tkun akkompanjata minn pjan ta' finanzjament mill-kontroparti li qed tagħmel it-talba li jindika l-mod kif l-immobilizzar tal-assi rispettivi ser jinqatgħu b'mod gradwali sa mhux aktar tard minn tliet snin wara l-għoti tad-deroga. Din id-deroga għandha tiġi pprovduta biss fejn in-natura tal-garanzija pprovduta minn gvern jew diversi gvernijiet ċentrali taż-ŻEE, gvernijiet reġjonali, awtoritajiet lokali jew entitajiet oħrajn tas-settur pubbliku li għandhom id-dritt li jimponu t-taxxi tikkonforma mar-rekwiżiti għall-garanziji stabbiliti fl-Artikolu 114.

*Artikolu 140*

**Rabtiet mill-qrib fir-rigward ta' ABSs u ħeġġijiet ta' valuta**

Kontroparti ma tistax timmobilizza bħala kollateral kwalunkwe titolu ggarantit b'assi jekk il-kontroparti, jew kwalunkwe entità li magħha għandha rabtiet mill-qrib, kif stipulat fl-Artikolu 138, tipprovdi ħeġġ ta' valuta lil-ABSs billi tidħol fi tranżazzjoni ta' ħeġġ ta' valuta mal-emittent bħala kontroparti ta' ħeġġ.

*Artikolu 141*

**Limiti fir-rigward ta' strumenti ta' dejn mhux iggarantiti maħruġa minn istituzzjonijiet ta' kreditu u l-entitajiet marbuta mill-qrib magħhom**

1. Kontroparti m'għandhiex tissottometti jew tuża bħala kollateral strumenti ta' dejn mhux iggarantiti maħruġa minn istituzzjoni ta' kreditu jew minn entità oħra li magħha l-istituzzjoni ta' kreditu jkollha rabtiet mill-qrib sal-punt li jaqbżu l-5 % tal-valur totali tal-assi użati bħala kollateral minn dik il-kontroparti wara l-haircut applikabbli. Dan il-limitu ta' 5 % m'għandu japplika f'ebda wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) jekk il-valur ta' dawn l-assi ma jaqbiżx EUR 50 miljun wara kull haircut applikabbli; jew

(b) jekk dawn l-assi jkunu ggarantiti minn entità tas-settur pubbliku li jkollha d-dritt tiġbor it-taxxa bħala mezz ta' garanzija li tikkonforma mal-karatteristiċi stabbiliti fl-Artikolu 114.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-istabbiliment ta' rabta mill-qrib bejn żewġ emittenti jew aktar ta' strumenti ta' dejn mhux iggarantiti għandhom jiġu kkunsidrati biss wara l-ewwel sena mid-data tal-istabbiliment tar-rabta mill-qrib.

3. Għal finijiet ta' dan l-Artikolu, "rabtiet mill-qrib" għandha l-istess tifsira kif stipulat fl-Artikolu 138.

*Artikolu 142*

**Appoġġ ta' likwidità fir-rigward ta' titoli ggarantiti b'assi**

1. B'effett mill-1 ta' Novembru 2015, kontroparti ma tistax timmobilizza bħala kollateral xi titoli ggarantiti b'assi jekk il-kontroparti jew kwalunkwe entità li magħha jkollha rabtiet mill-qrib tipprovdi appoġġ ta' likwidità kif speċifikat hawn isfel. L-Eurosistema tqis żewġ forom ta' appoġġ ta' likwidità għat-titoli ggarantiti b'assi: riżervi ta' flus kontanti u faċilitajiet ta' likwidità.

2. Għall-appoġġ ta' likwidità fil-forma ta' riżervi tal-flus kontanti, kontroparti m'għandhiex tkun permessa li timmobilizza bħala kollateral kwalunkwe titoli ggarantiti b'assi jekk dawn it-tliet kundizzjonijiet li ġejjin ikunu sodisfatti simultanjament:

(a) il-kontroparti jkollha rabtiet mill-qrib ma' bank tal-kontijiet tal-emittent fit-tranżazzjoni ta' titoli ggarantiti b'assi;

(b) l-ammont attwali tal-fond tar-riżerva tat-tranżazzjoni ta' titoli ggarantiti b'assi jkun ikbar minn 5 % tal-ammont pendenti kurrenti inizjali tas-segmenti subordinati tat-tranżazzjoni tat-titoli ggarantiti b'assi.

(c) l-ammont attwali tal-fond tar-riżerva tat-tranżazzjoni tat-titoli ggarantiti b'assi jkun ikbar minn 20 % tal-ammont pendenti kurrenti tas-segmenti subordinati tat-tranżazzjoni tat-titoli ggarantiti b'assi.

3. Għall-appoġġ ta' likwidità fil-forma tal-faċilitajiet ta' likwidità, kontroparti m'għandhiex tkun permessa li timmobilizza bħala kollateral xi titoli ggarantiti b'assi jekk dawn iż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin ikunu sodisfatti simultanjament:

(a) il-kontroparti jkollha rabtiet mill-qrib ma' fornitur ta' faċilità ta' likwidità; u

(b) l-ammont attwali tal-faċilità ta' likwidità tat-tranżazzjoni ta' titoli ggarantiti b'assi jkun akbar minn 20 % tal-ammont pendenti kurrenti inizjali tas-segmenti subordinati tat-tranżazzjoni tat-titolu ggarantit b'assi.

4. Rabtiet mill-qrib għal finijiet ta' dan l-Artikolu għandu jkollha l-istess tifsira kif imniżżla fl-Artikolu 138(2).

*Artikolu 143*

**Dispożizzjonijiet tranżitorji dwar l-appoġġ ta' likwidità fir-rigward ta' titoli ggarantiti b'assi**

1. Sakemm jidħol fis-seħħ l-Artikolu 142, id-dispożizzjonijiet tranżitorji f'dan l-Artikolu għandhom japplikaw, kif stipulat fl-Artikolu 191.

2. Kontroparti ma tistax timmobilizza titoli ggarantiti b'assi bħala kollateral jekk il-kontroparti, jew kull entità li magħha jkollha rabta mill-qrib kif iddefinit fl-Artikolu 138, tipprovdi appoġġ ta' likwidità għal-20 % jew aktar tal-ammont dovut tat-titolu ggarantit b'assi.

3. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "appoġġ ta' likwidità" għandha tirreferi għal kull karatteristika strutturali li tista' tintuża biex tkopri kull nuqqas temporanju ta' fluss ta' flus li jista' jseħħ matul il-ħajja tat-transazzjoni.

*Artikolu 144*

**Nuqqas ta' aċċettazzjoni tal-assi eliġibbli għal raġunijiet operattivi**

Irrispettivament mill-fatt li assi jkun eliġibbli, BĊN jista', għal raġunijiet operattivi, jitlob lill-kontroparti biex tneħħi dan l-assi qabel ma jseħħ il-fluss tal-flus, inkluż il-ħlas ta' kapital jew kupuni, kif iddefinit ulterjorment fid-dokumentazzjoni nazzjonali relevanti.

*Artikolu 145*

**Notifika, valutazzjoni u tneħħija tal-assi li huma ineliġibbli jew jiksru r-regoli għall-użu tal-assi eliġibbli**

1. Jekk kontroparti ssottomettiet jew użat assi li mhumiex jew m'għadhomx permessi biex jintużaw bħala kollateral, inkluż minħabba l-identità tal-emittent, id-debitur jew il-garanti, jew l-eżistenza tar-rabtiet mill-qrib, hija għandha tinnotifika immedjatament lill-BĊN domestiku tagħha.

2. L-assi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jingħataw valur ta' żero fid-data tal-valutazzjoni li jmiss u tista' tiġi skattata sejħa tal-marġni.

3. Kontroparti li tkun issottomettiet jew użat kull assi msemmija fil-paragrafu 1 għandha tneħħi dawn l-assi fl-aktar data bikrija possibbli.

4. Kontroparti għandha tipprovdi lill-Eurosistema b'informazzjoni preċiża u aġġornata li taffettwa l-valur tal-kollateral.

*Artikolu 146*

**Sanzjonijiet għan-nuqqas ta' konformità mar-regoli għall-użu tal-assi eliġibbli**

In-nuqqas ta' konformità mar-regoli stabbiliti f'dan it-Titolu għandu jkun suġġett għal sanzjonijiet, kif applikabbli, skont l-Artikoli 154 sa 157. Is-sanzjonijiet għandhom ikunu applikabbli irrispettivament jekk il-kontroparti tkunx qed tipparteċipa attivament jew le fl-operazzjonijiet tal-politika monetarja.

*Artikolu 147*

**Skambju ta' informazzjoni fi ħdan l-Eurosistema**

Għall-finijiet ta' implimentazzjoni tal-politika monetarja, b'mod partikolari biex tiġi mmonitorjata l-konformità mar-regoli għall-użu ta' assi eliġibbli, l-Eurosistema għandha taqsam informazzjoni dwar investimenti kapitali mogħtija mill-awtorità kompetenti għal dan il-għan. L-informazzjoni għandha tkun suġġetta għall-istess standards ta' segretezza bħal dawk applikati minn awtorità kompetenti.

TITOLU IX

**UŻU TRANSKONFINALI TA' ASSI ELIĠIBBLI**

*Artikolu 148*

**Prinċipji ġenerali**

1. Il-kontropartijiet jistgħu jużaw assi eliġibbli fuq bażi transkonfinali fiż-żona tal-euro kollha għall-ġestjoni tat-tipi kollha ta' operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema.

2. Il-kontropartijiet jistgħu jimmobilizzaw assi eleġibbli barra minn depożiti ta' terminu fiss, għal użu transkonfinali skont dawn li ġejjin:

(a) Assi negozjabbli għandhom ikunu mobilizzati permezz ta': (i) rabtiet eliġibbli (kif deskritt fl-Artikolu 150) bejn l-SSSs taż-ŻEE li ġew evalwati b'mod pożittiv skont il-Qafas tal-Valutazzjoni tal-Utenti tal-Eurosistema; (ii) il-proċeduri applikabbli tas-CCBM; (iii) rabtiet eliġibbli flimkien mas-CCBM; u

(b) Pretensjonijiet ta' kreditu u RMBDs għandhom jiġu mobilizzati skont il-proċeduri applikabbli tas-CCBM billi ma jistgħux jiġu ttrasferiti permezz ta' SSSs.

3. Assi negozjabbli jistgħu jintużaw permezz ta' kont ta' BĊN f'SSS li jkun jinsab f'pajjiż li ma jkunx dak tal-BĊN inkwistjoni jekk l-Eurosistema tkun approvat l-użu ta' dak il-kont.

4. De Nederlandsche Bank għandu jkun awtorizzat li juża l-kont tiegħu ma' Euroclear Bank biex jirregola tranżazzjonijiet ta' kollateral f'Eurobonds maħruġin f'dik l-ICSD. Il-Banc Ceannais na hÉireann/Central Bank of Ireland għandu jiġi awtorizzat biex jiftaħ kont simili mal-Euroclear Bank. Dan il-kont jista' jintuża għall-assi eliġibbli kollha miżmuma fil-Euroclear Bank, jiġifieri inkluż l-assi eliġibbli ttrasferiti lill-Euroclear Bank permezz ta' rabtiet eliġibbli.

5. Il-kontropartijiet għandhom jeżegwixxu t-trasferiment tal-assi eliġibbli permezz tal-kontijiet ta' saldu ta' titoli ma' SSSs li ġew evalwati b'mod pożittiv skont il-Qafas tal-Valutazzjoni tal-Utenti tal-Eurosistema.

6. Il-kontropartijiet mingħajr kont ta' kustodja sigura ma' BĊN jew mingħajr kont ta' saldu tat-titoli ma' SSS li jkun ġie evalwat b'mod pożittiv skont il-Qafas tal-Valutazzjoni tal-Utenti tal-Eurosistema jista' jirregola t-tranżazzjonijiet permezz tal-kont ta' saldu ta' titoli jew il-kont ta' kustodja sigura ta' istituzzjoni ta' kreditu korrispondenti.

*Artikolu 149*

**CCBM**

1. Taħt is-CCBM, ir-relazzjoni transkonfinali hija bejn il-BĊNi. Il-BĊNi jaġixxu bħala kustodji (minn hawn 'il quddiem il-"korrispondenti") għal xulxin u għall-BĊE fir-rigward ta' assi negozjabbli aċċettati fid-depożitarju lokali, TPA jew fis-sistema ta' saldu tagħhom. Proċeduri speċifiċi japplikaw taħt is-CCBM għal pretensjonijiet ta' kreditu u l-RMBDs. Id-dettalji dwar is-CCBM u l-proċeduri applikabbli huma stipulati fl-Anness VI u fil-fuljett bl-isem "Correspondent central banking model (CCBM) procedure for Eurosystem counterparties" (Mudell tal-proċedura tas-sistema bankarja korrispondenti għall-kontropartijiet tal-Eurosistema), li huwa ppubblikat fuq il-websajt tal-BĊE.

2. Assi ddepożitati ma' bank ċentrali korrispondenti għandhom jintużaw biss biex jikkollateralizzaw operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema.

*Artikolu 150*

**Rabtiet eliġibbli bejn l-SSSs**

1. Flimkien mas-CCBM, il-kontropartijiet jistgħu jużaw rabtiet li jkunu ġew evalwati b'mod pożittiv skont il-Qafas tal-Valutazzjoni tal-Utenti tal-Eurosistema (aktar 'il quddiem ir-"rabtiet eliġibbli") għat-trasferiment transkonfinali tal-assi negozjabbli.

2. Rabtiet eliġibbli jistgħu jiġu stabbiliti biss bejn SSSs li ġew evalwati b'mod pożittiv skont il-Qafas tal-Valutazzjoni tal-Utenti tal-Eurosistema u għandhom jikkonsistu f'sett ta' proċeduri u arranġamenti għat-trasferiment tat-titoli permezz ta' proċess ta' entrata fil-kotba.

3. Għandu jkun hemm żewġ tipi ta' rabtiet eliġibbli li huma stabbiliti minn ftehim kuntrattwali u tekniku bejn l-SSSs involuti:

(a) rabtiet diretti stabbiliti bejn żewġ SSSs mingħajr ma jinvolvu intermedjarju; u

(b) rabtiet mgħoddija li jippermettu żewġ SSSs li mhumiex konnessi direttament ma' xulxin biex ikunu jistgħu jiskambjaw tranżazzjonijiet ta' titoli jew trasferimenti permezz ta' SSS terza li taġixxi bħala l-intermedjarju.

4. Għandhom jitqiesu bħala eliġibbli biss dawk ir-rabtiet li jkunu ġew evalwati u approvati mill-Eurosistema skont il-Qafas tal-Valutazzjoni tal-Utenti tal-Eurosistema. Il-BĊE għandu jippubblika lista aġġornata tar-rabtiet eliġibbli fuq il-websajt tiegħu.

5. Assi miżmumin permezz ta' rabta eliġibbli jistgħu jintużaw għal operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema kif ukoll għal kull għan ieħor magħżul mill-kontroparti.

6. Tabella li tagħti dettalji dwar l-użu tar-rabtiet eliġibbli bejn l-SSSs tinsab fl-Anness VI.

*Artikolu 151*

**Is-CCBM flimkien ma' rabtiet eliġibbli**

1. Il-kontropartijiet jistgħu jużaw rabtiet diretti u mgħoddija msemmija fl-Artikolu 150 flimkien mas-CCBM biex jimmobilizzaw l-assi negozjabbli eliġibbli fuq bażi transkonfinali.

2. Meta jintużaw rabtiet eliġibbli bejn l-SSSs flimkien mas-CCBM, il-kontropartijiet għandhom iżommu l-assi maħruġa fl-emittent SSS f'kont mal-SSS investitur direttament jew permezz ta' kustodju. Fil-każ ta' rabtiet mgħoddija eleġibbli, it-tielet SSS jista' jaġixxi bħala SSS intermedjarju.

3. Assi mobilizzati skont il-paragrafu 2 jistgħu jinħarġu f'SSS taż-ŻEE li mhux fiż-żona tal-euro li tkun ġiet evalwata b'mod pożittiv skont il-Qafas tal-Valutazzjoni tal-Utenti tal-Eurosistema, sakemm ir-rabta bejn l-SSS emittent u l-SSS investitur tkun ġiet evalwata b'mod pożittiv skont il-Qafas tal-Valutazzjoni tal-Utenti tal-Eurosistema.

4. Tabella li tagħti dettalji dwar l-użu tas-CCBM flimkien ma' rabtiet eliġibbli tinsab fl-Anness VI.

*Artikolu 152*

**Servizzi ta' ġestjoni tal-kollateral tas-CCBM bejn tliet partijiet**

1. Is-servizzi transkonfinali ta' ġestjoni tal-kollateral bejn tliet partijiet għandhom jippermettu kontroparti biex iżżid jew tnaqqas l-ammont ta' kollateral li timmobilizza mal-BĊN domestiku, permezz ta' rikors għall-kollateral miżmum ma' TPA.

2. Is-CCBM (inkluż is-CCBM flimkien ma' rabtiet eliġibbli) jista' jintuża bħala bażi għall-użu transkonfinali tas-servizzi ta' ġestjoni tal-kollateral bejn tliet partijiet. L-użu transkonfinali tas-servizzi ta' ġestjoni tal-kollateral bejn tliet partijiet għandhom jinvolvu BĊN, fejn is-servizzi ta' ġestjoni tal-kollateral bejn tliet partijiet huma offruti għall-użu ta' Eurosistema transkonfinali, li jaġixxu bħala korrispondent għall-BĊNi li l-kontropartijiet ikunu talbu li jużaw servizzi ta' ġestjoni tal-kollateral bejn tliet partijiet fuq bażi transkonfinali għall-finijiet tal-operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema. Sabiex jiġi ffaċilitat l-użu skont dan il-paragrafu, jeħtieġ li t-TPA ikun evalwat b'mod pożittiv mill-Eurosistema.

3. Tabella li tagħti dettlaji dwar l-użu tas-CCBM ma' servizzi ta' ġestjoni ta' kollateral bejn tliet partijiet tinsab fl-Anness VI.

IL-ĦAMES PARTI

## SANZJONIJIET F'KAŻ TA' NUQQAS TA' KONFORMITÀ MA' OBBLIGI TA' KONTROPARTI

*Artikolu 153*

### Sanzjonijiet għal nonkonformità fir-rigward tar-riżervi minimi

1. Il-BĊE għandu jimponi sanzjonijiet skont ir-Regolament (KE) Nru 532/98, ir-Regolament (KE) Nru 2157/1999 (BĊE/1999/4), ir-Regolament (KE) Nru 2531/98 jew ir-Regolament (KE) Nru 1745/2003 (BĊE/2003/9) dwar istituzzjonijiet li ma jikkonformawx mal-obbligi li jirriżultaw minn regolamenti u deċiżjonijiet tal-BĊE li jkunu relatati mal-applikazzjoni ta' riżervi minimi. Is-sanzjonijiet rilevanti u regoli proċedurali għall-applikazzjoni tagħhom huma speċifikati f'dawk ir-Regolamenti.

2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, f'każ ta' ksur serju tar-rekwiżiti tar-riżervi minimi, l-Eurosistema tista' tissospendi l-parteċipazzjoni ta' kontroparti f'operazzjonijiet tas-suq miftuħ.

*Artikolu 154*

### Sanzjonijiet għal nonkonformità ma' ċerti regoli operazzjonali

1. Skont id-dispożizzjonijiet tal-arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji applikati minnu, il-BĊN għandu jimponi sanzjoni jew sanzjonijiet jekk kontroparti tonqos li tikkonforma ma' xi wieħed mill-obbligi li ġejjin:

(a) fir-rigward ta' tranżazzjonijiet bil-maqlub u swaps ta' kambju barrani għall-finijiet ta' politika monetarja, l-obbligi li b'mod adegwat jikkollateralizzaw u jirregolaw l-ammont li l-kontroparti tkun ġiet allokata matul it-terminu sħiħ ta' operazzjoni partikolari; jew l-ammont dovut ta' operazzjoni partikolari fil-każ ta' terminazzjoni bikrija eżegwita minn BĊN matul it-terminu li jifdal minn operazzjoni, kif stipulat fl-Artikolu 15;

(b) fir-rigward ta' ġbir ta' depożiti għal terminu fiss, tranżazzjonijiet diretti u l-ħruġ ta' ċertifikati ta' dejn mill-BĊE, l-obbligu li tirregola t-tranżazzjoni, kif imniżżel fl-Artikolu 16;

(c) fir-rigward tal-użu ta' assi eliġibbli, l-obbligu li timmobilizza jew tuża biss assi eliġibbli u tikkonforma mar-regoli għall-użu tal-assi eliġibbli fit-Titolu VIII tal-Parti Erbgħa;

(d) fir-rigward ta' proċeduri ta' tmiem il-jum u l-kundizzjonijiet ta' aċċess għall-faċilità ta' self marġinali, l-obbligu li tippreżenta assi eliġibbli suffiċjenti bil-quddiem bħala kollateral f'każijiet fejn ikun għad fadal xi bilanċ negattiv fuq kont ta' saldu tal-kontroparti fit-TARGET2 wara l-iffinalizzar tal-proċeduri ta' kontroll tal-aħħar jum tax-xogħol u talba awtomatika għar-rikors tal-faċilità tas-self marġinali għalhekk hija kkunsidrata li tinħoloq, kif stipulat fl-Artikolu 19(6).

2. Sanzjoni imposta skont dan l-Artikolu għandha tinvolvi:

(a) penali finanzjarja biss; jew

(b) kemm penali finanzjarja u penali mhux finanzjarja.

*Artikolu 155*

### Penaltajiet finanzjarji għan-nonkonformità ma' ċerti regoli operazzjonali

Jekk kontroparti tonqos li tikkonforma ma' kwalunkwe mill-obbligi msemmija fl-Artikolu 154(1), l-Eurosistema għandha timponi penali finanzjarja għal kull każ ta' nonkonformità. Il-penali finanzjarja applikabbli għandha tiġi kkalkulata skont l-Anness VII.

*Artikolu 156*

### Penali mhux finanzjarji għal nonkonformità ma' ċerti regoli operazzjonali

1. Jekk kontroparti tonqos milli tikkonforma jew ma' obbligu msemmi fl-Artikolu 154(1)(a) jew (b) f'aktar minn żewġ okkażjonijiet f'perijodu ta' tnax-il xahar u fir-rigward ta' kull nuqqas:

(a) penali finanzjarja kienet applikabbli;

(b) kull deċiżjoni li timponi penali finanzjarja kienet innotifikata lill-kontroparti;

(c) kull okkażjoni ta' nonkonformità għandha x'taqsam mal-istess tip ta' nonkonformità,

l-Eurosistema għandha tissospendi l-kontroparti fl-okkażjoni tat-tielet nuqqas u kull nuqqas sussegwenti li tikkonforma ma' obbligu tal-istess tip fil-perijodu ta' tnax-il xahar relevanti. Il-perijodu ta' tnax-il xahar għandu jiġi kkalkulat mid-data tal-ewwel nuqqas ta' konformità ma' obbligu msemmi jew fl-Artikolu 154(1)(a) jew (b), kif applikabbli.

2. Kull sospensjoni imposta mill-Eurosistema skont il-paragrafu 1 għandha tapplika fir-rigward ta' kull operazzjoni tas-suq miftuħ sussegwenti li hija tal-istess tip bħall-operazzjoni tas-suq miftuħ li rriżultat f'sanzjoni skont il-paragrafu 1.

3. Il-perijodu ta' sospensjoni impost skont il-paragrafu 1 għandu jkun determinat skont l-Anness VII.

4. Jekk kontroparti tonqos milli tikkonforma ma' obbligu msemmi fl-Artikolu 154(1)(c) f'aktar minn żewġ okkażjonijiet f'perijodu ta' tnax-il xahar u fir-rigward ta' kull nuqqas:

(a) penali finanzjarja kienet applikabbli;

(b) kull deċiżjoni li timponi penali finanzjarja kienet innotifikata lill-kontroparti;

(c) kull okkażjoni ta' nonkonformità għandha x'taqsam mal-istess tip ta' nonkonformità,

l-Eurosistema għandha tissospendi l-kontroparti mill-operazzjoni tas-suq miftuħ sussegwenti fl-okkażjoni tat-tielet nuqqas u kull nuqqas ieħor sussegwenti fil-perijodu ta' tnax-il xahar relevanti. Il-perijodu ta' tnax-il xahar għandu jiġi kkalkulat mid-data tal-ewwel nuqqas ta' konformità ma' obbligu msemmi fl-Artikolu 154(1)(c).

5. F'każijiet eċċezzjonali, l-Eurosistema tista' tissospendi kontroparti għal perijodu ta' tliet xhur fir-rigward ta' kull operazzjoni tal-politika monetarja tal-Eurosistema futura għal kull nuqqas li tikkonforma ma' wieħed mill-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 154(1). F'dan il-każ, l-Eurosistema għandha tqis is-serjetà tal-każ u, b'mod partikolari, l-ammonti involuti u għall-frekwenza u d-dewmien tan-nonkonformità.

6. Il-perijodu ta' sospensjoni impost mill-Eurosistema skont dan l-Artikolu għandu jiġi applikat flimkien mal-penali finanzjarji relevanti applikabbli skont l-Artikolu 155.

*Artikolu 157*

**Applikazzjoni ta' penali mhux finanzjarji għall-fergħat għal nonkonformità ma' ċerti regoli operazzjonali**

Meta l-Eurosistema tissospendi kontroparti skont l-Artikolu 156(5), dik is-sospensjoni tista' tiġi applikata wkoll għall-fergħat ta' dik il-kontroparti stabbiliti fi Stat Membru ieħor li l-munita tiegħu hija l-euro.

IS-SITT PARTI

**MIŻURI DISKREZZJONALI**

*Artikolu 158*

**Miżuri diskrezzjonali fuq il-bażi ta' prudenza jew wara każ ta' inadempjenza**

1. Fuq il-bażi ta' prudenza, l-Eurosistema tista' tieħu kwalunkwe miżura minn dawn li ġejjin:

(a) tissospendi, tillimita jew teskludi l-aċċess ta' kontroparti għall-operazzjonijiet tas-suq miftuħ tal-Eurosistema jew faċilitajiet permanenti, skont kwalunkwe arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji applikati mill-BĊN domestiku jew mill-BĊE;

(b) teżenta kontroparti minn rekwiżiti ta' riżervi minimi, skont l-arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji applikati mill-BĊN domestiku jew mill-BĊE;

(c) tiċħad, tillimita l-użu ta' jew tapplika haircut supplimentari għal assi mobilizzati bħala kollateral fl-operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema minn kontroparti speċifika fuq il-bażi ta' kull informazzjoni li l-Eurosistema tqis relevanti, b'mod partikolari jekk il-kwalità tal-kreditu tal-kontroparti tidher li turi korrelazzjoni għolja mal-kwalità tal-kreditu tal-assi mmobilizzati bħala kollateral.

2. Fil-każ li miżura diskrezzjonali kif deskritta fil-paragrafu 1 tkun ibbażata fuq informazzjoni prudenti, l-Eurosistema għandha tuża din l-informazzjoni, mibgħuta jew minn kontropartijiet jew minn superviżuri, f'manjiera li tkun strettament skont, u meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti tal-Eurosistema fit-tħaddim tal-politika monetarja.

3. Fil-każ li jseħħ avveniment ta' inadempjenza, l-Eurosistema tista' tissospendi, tillimita jew teskludi aċċess għal operazzjonijiet tas-suq miftuħ tal-Eurosistema jew faċilitajiet permanenti fir-rigward ta' kontropartijiet li jkunu inadempjenti skont arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji applikati mill-Eurosistema.

4. Il-miżuri diskrezzjonali kollha skont il-paragrafi 1 u 3 għandhom japplikaw b'mod proporzjonat u non-diskriminatorju u għandhom ikunu ġustifikati kif xieraq mill-Eurosistema.

*Artikolu 159*

**Miżuri diskrezzjonali relatati mal-valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu tal-Eurosistema**

1. L-Eurosistema għandha tiddetermina jekk ħarġa, emittent, debitur, jew garanti jissodisfawx ir-rekwiżiti ta' kwalità tal-kreditu tal-Eurosistema fuq il-bażi ta' kull informazzjoni li tikkunsidra bħala rilevanti.

2. L-Eurosistema tista' tirrifjuta, tillimita l-immobilizzar jew l-użu ta' assi jew tapplika haircut supplimentari abbażi tal-motivi msemmija fil-paragrafu 1, jekk din id-deċiżjoni tkun meħtieġa sabiex tiżgura protezzjoni adegwata tar-riskju tal-Eurosistema.

3. Fil-każ li ċaħda kif imsemmija fil-paragrafu 2 tkun ibbażata fuq informazzjoni prudenti, l-Eurosistema għandha tuża din l-informazzjoni, trażmessa jew minn kontropartijiet jew minn superviżuri, b'mod li jkun strettament proporzjonat ma', u meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti tal-Eurosistema fit-tħaddim tal-politika monetarja.

4. L-Eurosistema tista' teskludi l-assi li ġejjin mil-lista ta' assi negozjabbli eliġibbli:

(a) assi maħruġa jew iggarantiti minn entitajiet suġġetti għall-iffriżar ta' fondi u/jew miżuri oħra imposti mill-Unjoni skont l-Artikolu 75 tat-Trattat jew minn Stati Membri li jirrestrinġu l-użu tal-fondi; u/jew

(b) assi maħruġa jew iggarantiti minn entitajiet li fir-rigward tagħhom il-Kunsill Governattiv tal-BĊE ħareġ deċiżjoni li tissospendi jew teskludi l-aċċess tal-operazzjonijiet tas-suq miftuħ tal-Eurosistema jew faċilitajiet permanenti.

IS-SEBA' PARTI

## KARATTERISTIĊI KOMUNI MINIMI ADDIZZJONALI FIR-RIGWARD TA' OPERAZZJONIJIET TAL-POLITIKA MONETARJA TAL-EUROSISTEMA

*Artikolu 160*

**Relazzjoni ġuridika bejn il-banek ċentrali tal-Eurosistema u l-kontropartijiet**

L-Eurosistema għandha tiżgura li l-arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji tagħhom fir-rigward tal-kontropartijiet tagħhom kif imsemmija fl-Artikolu 1(3) jkunu konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Parti Sebgħa.

*KAPITOLU 1*

***Karatteristiċi komuni minimi addizzjonali applikabbli għall-arranġamenti kollha għall-operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema***

*Artikolu 161*

**Emendi għall-implimentazzjoni tal-qafas tal-politika monetarja tal-Eurosistema**

1. Kull BĊN għandu japplika arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji li jiżguraw li huwa jista' jimplimenta kull emenda lill-qafas tal-politika monetarja mingħajr dewmien żejjed.

2. Kull BĊN għandu jinkludi dispożizzjoni fl-arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji li avviż tal-emendi imsemmija fil-paragrafu 1 għandu jiġi kkomunikat lill-kontropartijiet tiegħu. Kull BĊN għandu jiżgura li dak l-avviż jipprovdi ċertezza dwar il-mument minn meta dawn l-emendi jidħlu fis-seħħ legalment.

*Artikolu 162*

**Denominazzjonijiet ta' ħlasijiet**

Kull BĊN għandu japplika arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji li jistipulaw li l-ħlasijiet kollha relatati mal-operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema, barra mill-ħlas ta' munita barranija fi swaps tal-kambju barrani għal għanijiet ta' politika monetarja, iridu jkunu f'euro.

*Artikolu 163*

**Forma ta' arranġamenti kuntrattwali**

Jekk ikun meħtieġ li jiġu kkostitwiti t-tranżazzjonijiet kollha taħt il-ftehim bħala arranġament wieħed kuntrattwali u/jew li jiġi kkostitwit il-ftehim bħala ftehim prinċipali sabiex jippermetti l-għeluq effettiv u l-għeluq (inkluż netting) tat-tranżazzjonijiet pendenti kollha f'każ ta' inadempjenza, l-arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji applikati mill-BĊN għandhom jipprovdu għal dawn l-arranġamenti.

*Artikolu 164*

**Formoli, trasportaturi tad-dejta u mezzi ta' komunikazzjoni**

Kull BĊN għandu japplika arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji li jiżguraw li, fir-relazzjoni bejn l-BĊN u l-kontropartijiet, ikun hemm fis-seħħ regoli adattati u mhux ambigwi li jirrigwardaw l-użu ta' forom, inkluża l-konferma ta' termini ta' tranżazzjonijiet, it-trasportaturi tad-dejta u l-mezzi u l-modi speċifiċi ta' komunikazzjoni.

*Artikolu 165*

**Każijiet ta' inadempjenza**

1. Kull BĊN għandu japplika arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji li, bħala minimu, jipprovdu għall-każijiet ta' inadempjenza li mhumiex materjalment differenti minn dan li ġej:

(a) tittieħed deċiżjoni minn awtorità ġudizzjarja jew awtorità oħra kompetenti għall-implimentazzjoni fir-rigward tal-kontroparti ta' proċedura għall-istralċ tal-kontroparti jew il-ħatra ta' stralċatarju jew uffiċjal analogu għall-kontroparti jew xi proċedura oħra analoga;

(b) tittieħed deċiżjoni mill-awtorità ġudizzjarja jew awtorità oħra kompetenti għall-implimentazzjoni fir-rigward tal-kontroparti, ta' miżura ta' riorganizzazzjoni jew proċedura analoga oħra maħsuba biex tissalvagwardja jew treġġa' lura s-sitwazzjoni finanzjarja tal-kontroparti u li jiġi evitat li tittieħed deċiżjoni tat-tip imsemmi fil-punt (a);

(c) dikjarazzjoni mill-kontroparti bil-miktub dwar l-inabbiltà tagħha li tħallas id-djun tagħha kollha jew parti minnhom jew li tħares l-obbligi tagħha li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet ta' politika monetarja, jew ftehim volontarju ġenerali jew arranġament li tidħol fih mal-kredituri tagħha, jew jekk il-kontroparti tkun, jew titqies li tkun insolventi jew titqies li ma tkunx tista' tħallas id-djun tagħha;

(d) passi proċedurali qabel ma tittieħed deċiżjoni skont punti (a) jew (b);

(e) kull rappreżentazzjoni jew dikjarazzjoni oħra prekuntrattwali magħmula mill-kontroparti jew li huwa mifhum li tkun saret mill-kontroparti taħt dispożizzjonijiet tal-liġi applikabbli tkun skorretta jew mhux vera;

(f) l-awtorizzazzjoni tal-kontroparti biex twettaq attivitajiet taħt jew: (a) id-Direttiva 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 575/2013; jew inkella (b) id-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), kif implimentata mill-Istati Membri relevanti li l-munita tagħhom hija l-euro, tkun sospiża jew irrevokata;

(g) il-kontroparti tiġi sospiża jew imkeċċija mis-sħubija ta' xi sistema ta' ħlas jew arranġament li bih ħlasijiet taħt tranżazzjonijiet ta' politika monetarja jsiru jew (ħlief tranżazzjonijiet ta' swap tal-kambju barrani) tiġi sospiża jew imkeċċija minn sħubija ta' xi SSS użati għas-saldu ta' operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema;

(h) miżuri bħal dawk imsemmija fl-Artikoli 41(1), 43(1) u 44 tad-Direttiva 2013/36/KE jittieħdu kontra l-kontroparti;

(i) fir-rigward ta' tranżazzjonijiet bil-maqlub, il-kontroparti tonqos li tikkonforma mad-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw miżuri tal-kontroll tar-riskju;

(j) fir-rigward ta' tranżazzjonijiet ta' xiri mill-ġdid, il-kontroparti tonqos li tħallas il-prezz tax-xiri jew il-prezz tax-xiri mill-ġdid jew tonqos milli tikkunsinja assi mixtrija jew mixtrija mill-ġdid; jew fir-rigward ta' self kollateralizzat il-kontroparti tonqos li tikkonsenja assi jew li tirrimborża l-kreditu fid-dati applikabbli għal dawk il-ħlasijiet u konsenji;

(k) fir-rigward ta' tranżazzjonijiet ta' swaps tal-kambju barrani għall-finijiet ta' politika monetarja u depożiti b'terminu fiss ta' żmien, il-kontroparti tonqos milli tħallas l-ammont f'euro jew fir-rigward ta' tranżazzjonijiet ta' swaps tal-kambju barrani għall-finijiet tal-politika monetarja, tonqos milli tħallas l-ammonti ta' valuta barranija fid-dati applikabbli għal dawk il-ħlasijiet;

(l) meta jseħħ każ ta' inadempjenza, li mhux materjalment differenti minn dak iddefinit f'dan l-Artikolu, fir-rigward tal-kontroparti taħt ftehim konkluż għall-finijiet tal-amministrazzjoni tar-riżervi barranin jew fondi proprji tal-BĊE jew kull BĊNi;

(m) il-kontroparti tonqos milli tipprovdi informazzjoni relevanti u b'hekk toħloq konsegwenzi serji għall-BĊN domestiku;

(n) il-kontroparti tonqos li twettaq xi obbligi oħra tagħha taħt arranġamenti għal tranżazzjonijiet bil-maqlub u tranżazzjonijiet ta' swap tal-kambju barrani u, jekk jista' jkun hemm rimedju, ma tirrimedjax għal dak in-nuqqas f'massimu ta' 30 jum fil-każ ta' tranżazzjonijiet kollateralizzati u massimu ta' 10 ijiem għal tranżazzjonijiet ta' swap tal-kambju barrani wara li tingħata avviż mill-BĊN biex tagħmel dan;

(o) iseħħ każ ta' inadempjenza fir-rigward tal-kontroparti f'xi ftehim ma' xi membru ieħor tal-Eurosistema li tkun daħlet fih għall-finijiet li twettaq operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema li fir-rigward tagħhom dak il-membru l-ieħor tal-Eurosistema jkun eżerċita d-dritt tiegħu li jagħlaq xi tranżazzjoni taħt dak il-ftehim minħabba l-każ ta' inadempjenza;

(p) il-kontroparti ssir suġġetta għall-iffriżar tal-fondi u/jew miżuri oħrajn imposti mill-Unjoni taħt l-Artikolu 75 tat-Trattat li jirrestrinġi l-kapaċità tal-kontroparti li tuża l-fondi tagħha;

(q) il-kontroparti ssir suġġetta għall-iffriżar ta' fondi u/jew miżuri oħra imposti minn Stat Membru li l-munita tiegħu huwa l-euro li jirrestrinġu l-abbiltà tal-kontroparti li tuża l-fondi tagħha;

(r) l-assi kollha jew parti sostanzjali minnhom tal-kontroparti jkunu suġġetti għal ordni ta' iffriżar, sekwestru, qbid jew kull proċedura oħra li hija maħsuba biex tipproteġi l-interess pubbliku jew id-drittijiet tal-kredituri tal-kontroparti;

(s) l-assi kollha jew parti sostanzjali minnhom tal-kontroparti jkunu assenjati lil entità oħra;

(t) kull każ ieħor imminenti jew eżistenti li jekk isseħħ jhedded it-twettiq mill-kontroparti tal-obbligi tagħha skont l-arranġament li hija tkun daħlet għalih bl-iskop li twettaq operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema jew kull regoli oħra li tapplika għar-relazzjoni bejn il-kontroparti u xi wieħed mill-BĊNi.

2. Il-każijiet imsemmija fil-punti (a) u (p) tal-paragrafu (1) għandhom ikunu awtomatiċi; il-każijiet imsemmija fil-punti (b), (c) u (q) jistgħu jkunu awtomatiċi; il-każijiet imsemmija fil-punti (d) sa (o) u (r) sa (t) ma jistgħux ikunu awtomatiċi u għandhom ikunu diskrezzjonali, jiġifieri ipperfezzjonati biss wara n-notifika tal-avviż tal-inadempjenza. Dan l-avviż ta' inadempjenza jista' jipprovdi "perijodu ta' grazzja" sa massimu ta' tlett ijiem tan-negozju biex jiġi rranġat il-każ inkwistjoni. Għal każijiet ta' inadempjenza li huma diskrezzjonali, il-BĊNi għandhom jiżguraw li d-dispożizzjonijiet dwar l-eżerċizzju ta' dik id-diskrezzjoni jipprovdu ċertezza dwar l-effett ta' dak l-eżerċizzju.

([1]) Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq ta' l-istrumenti finanzjarji li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE (ĠU L 145, 30.4.2004, p. 1).

*Artikolu 166*

**Rimedji fil-każ ta' inadempjenza jew fuq il-bażi ta' prudenza**

1. Kull BĊN għandu japplika arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji li jiżguraw li, f'każ li jseħħ każ ta' inadempjenza jew fuq il-bażi ta' prudenza, il-BĊN huwa intitolat li jeżerċita kwalunkwe wieħed minn dawn ir-rimedji li ġejjin:

(a) jissospendi, jillimita jew jeskludi l-kontroparti mill-aċċess għall-operazzjonijiet tas-suq miftuħ;

(b) jissospendi, jillimita jew jeskludi l-kontroparti mill-aċċess għall-faċilitajiet permanenti;

(c) itemm il-ftehimiet u t-tranżazzjonijiet kollha pendenti;

(d) jitlob it-twettiq aċċellerat tat-talbiet li għadhom ma mmaturawx jew li huma kontinġenti;

(e) juża d-depożiti tal-kontroparti mqiegħda mal-BĊN biex ipaċi talbiet kontra dik il-kontroparti;

(f) jissospendi t-twettiq tal-obbligi kontra l-kontroparti sakemm it-talba kontra l-kontroparti tkun ġiet sodisfatta;

2. Kull BĊN jista' japplika arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji li, jekk iseħħ każ ta' inadempjenza, jintitola lill-BĊN domestiku li jeżerċita kwalunkwe waħda minn dawn ir-rimedji li ġejjin, flimkien mar-rimedji msemmija fil-paragrafu 1:

(a) jitlob l-imgħax għall-inadempjenza; u

(b) jitlob indennizz għal kull telf li jirriżulta bħala konsegwenza ta' inadempjenza mill-kontroparti.

3. Kull BĊN jista' japplika arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji li, fuq il-bażi ta' prudenza, jintitolaw lill-BĊN domestiku li jiċħad, jillimita l-użu ta' jew japplika haircut supplimentari għal assi mobilizzati bħala kollateral fl-operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema mill-kontroparti relevanti.

4. Kull BĊN għandu japplika arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji li jiżguraw li, f'kull ħin, il-BĊN domestiku jkun f'pożizzjoni legali li jirrealizza l-assi kollha pprovduti bħala kollateral mingħajr dewmien żejjed u b'tali mod li jintitola lill-BĊN li jirrealizza l-valur tal-kreditu pprovdut, jekk il-kontroparti ma tħallasx il-bilanċ negattiv tagħha mal-ewwel.

5. Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni uniformi tal-miżuri imposti, il-Kunsill Governattiv tal-BĊE jista' jiddeċiedi dwar ir-rimedji, inkluża s-sospensjoni, il-limitazzjoni jew l-esklużjoni mill-aċċess għall-ftuħ tal-operazzjonijiet tas-suq miftuħ jew il-faċilitajiet permanenti.

*Artikolu 167*

**Dispożizzjoni ta' informazzjoni mill-kontrapartijiet**

Kull BĊN għandu japplika arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji li jiżguraw li BĊN jista' jikseb kull informazzjoni relevanti mill-kontropartijiet fir-rigward tal-operazzjoni tal-politika monetarja.

*Artikolu 168*

**Avviżi u komunikazzjonijiet oħra**

1. Kull BĊN għandu japplika arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji li jipprovdu għall-avviżi kollha jew komunikazzjonijiet oħra li jridu jkunu f'forma miktuba u/jew elettronika.

2. Kull BĊN għandu japplika arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji li jipprovdu ċertezza ta' kif għandhom jingħataw, u minn meta jkollhom effett l-avviżi kollha jew komunikazzjonijiet oħra. Kull perijodu li warajh ikollhom effett m'għandux ikun daqstant twil li jibdel l-effett ekonomiku tal-arranġamenti meħuda kollha flimkien. B'mod partikolari, il-konferma għandha kemm tingħata u titwassal u tiġi vverifikata minnufih.

*Artikolu 169*

**Drittijiet ta' partijiet terzi**

1. Kull BĊN għandu japplika arranġementi kuntrattwali jew regolatorji li jipprovdu li d-drittijiet u l-obbligi tal-kontroparti ma jiġux assenjati, iċċarġjati, innovati jew indirizzati b'mod ieħor mill-kontroparti mingħajr il-kunsens minn qabel bil-miktub tal-BĊN domestiku.

2. Kull BĊN għandu japplika arranġementi kuntrattwali jew regolatorji li jipprovdu li l-BĊN domestiku u kuntrattwali biss u l-kontroparti identifikat għandhom id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn din it-tranżazzjoni. Madankollu, dawn l-arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji għandhom jippermettu għar-relazzjonijiet bejn il-BĊNi u/jew il-BĊE:

(a) li joħorġu minn użu transkonfinali ta' assi eliġibbli; u

(b) kif meħtieġ għal operazzjonijiet imwettqa mal-kontropartijiet waqt li jaġixxu permezz ta' istituzzjoni intermedjarja.

*Artikolu 170*

**Liġi applikabbli u ġurisdizzjoni**

1. Kull BĊN għandu japplika arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji li jistipulaw li l-liġi applikabbli għall-arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji rilevanti applikati minn dak il-BĊN u għal kull tranżazzjoni oħra skont dawn l-arranġamenti għandha tkun, ħlief fejn l-użu transkonfinali tal-assi eliġibbli jirrikjedi mod ieħor, dik tal-Istat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro li fih jinsab tali BĊN.

2. Il-post tar-riżoluzzjoni tat-tilwim għandu, mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ikun il-qrati uffiċjali ta' dak l-Istat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro.

*Artikolu 171*

**Dati tas-saldu fir-rigward ta' depożiti għal terminu fiss**

Kull BĊN għandu japplika arranġamenti ta' depożitu li jispeċifikaw li s-saldu fir-rigward ta' dak li jidħol u dak li joħroġ minn depożiti ta' terminu fiss iseħħ fil-jiem speċifikati fl-avviż tal-BĊE tal-operazzjoni tad-depożitu.

*KAPITOLU 2*

***Karatteristiċi komuni minimi addizzjonali applikabbli kemm għal ftehimiet ta' riakkwist kif ukoll ta' self kollateralizzat***

*Artikolu 172*

**Data tal-parti bil-maqlub tat-tranżazzjoni**

Kull BĊN għandu japplika arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji li jiżguraw li d-data tal-parti bil-maqlub tat-tranżazzjoni, inkluża d-data tal-ħlas lura tal-ftehim tas-self kollateralizzat, kif applikabbli, hija ffissata fiż-żmien meta ssir kull tranżazzjoni.

*Artikolu 173*

**Jiem tan-negozju**

Kull BĊN għandu japplika arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji li jiddefinixxu "jum tan-negozju", kif imsemmi fl-Artikolu 2.

*Artikolu 174*

**Rati tal-imgħax**

1. Fi ftehim ta' xiri mill-ġdid, il-prezz differenzjali bejn il-prezz tax-xiri u l-prezz tax-xiri mill-ġdid għandu jikkorrispondi mal-ammont aggregat miksub mill-applikazzjoni ta' rata speċifika għall-prezz tax-xiri matul il-perijodu mid-data skedata tax-xiri sad-data ta' xiri mill-ġdid.

2. F'self kollateralizzat, ir-rata ta' imgħax għandha tkun iddeterminata mill-applikazzjoni tar-rata speċifika ta' imgħax fuq l-ammont ta' kreditu fuq il-maturità tal-operazzjoni.

3. Ir-rata applikata għat-tranżazzjonijiet bil-maqlub għandha tkun ugwali għal rata tal-imgħax sempliċi bbażata fuq il-konvenzjoni tal-għadd ta' kull jum attwali/360.

*Artikolu 175*

**Mekkaniżmi għall-konverzjoni ta' ammonti mhux euro**

Kull BĊN għandu japplika arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji li jiżguraw li l-mekkaniżmi għall-konverżjoni ta' ammonti mhux euro f'euro jispeċifikaw li r-rata li għandha tintuża hija r-rata ta' referenza ta' kull jum tal-kambju tal-euro tal-BĊE jew, jekk ma tkunx disponibbli, ir-rata spot ta' kambju indikata mill-BĊE fil-jum tan-negozju qabel il-jum li fih il-konverżjoni għandha ssir għall-bejgħ minnu ta' euro kontra x-xiri minnu tal-valuta l-oħra.

*KAPITOLU 3*

***Karatteristiċi komuni minimi addizzjonali esklużivi għal ftehimiet ta' xiri mill-ġdid***

*Artikolu 176*

**Suġġett tal-ftehimiet ta' xiri mill-ġdid**

1. Meta jidħol fi ftehimiet ta' xiri mill-ġdid, kull BĊN għandu japplika arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji li jiżguraw li jkun hemm bejgħ ta' assi eliġibbli kontra flus kontanti tal-euro, flimkien ma' ftehim simultanju biex jinbiegħu lura assi ekwivalenti kontra flus kontanti tal-euro fi żmien speċifikat.

2. Kull BĊN għandu jiddefinixxi "assi ekwivalenti" bħala assi tal-istess emittent, irrispettivament mid-data tal-ħruġ, u li jkunu ta' tip identiku, valur nominali, ammont u deskrizzjoni bħal dawk l-assi li magħhom isir il-paragun.

3. Jekk l-assi li fir-rigward tagħhom ikun sar il-paragun skont il-paragrafu 2 ikunu ġew ikkonvertiti jew iddenominati mill-ġdid jew tkun saret sejħa fuqhom, id-definizzjoni ta' ekwivalenza għandha tiġi mmodifikata li tfisser:

(a) fil-każ ta' konverżjoni, dawk li fihom ikunu nqelbu l-assi;

(b) fil-każ li tkun saret sejħa fuq l-assi, assi ekwivalenti għall-assi mħallsa, sakemm il-bejjiegħ ikun ħallas lix-xerrej somma ugwali għall-valur tas-sejħa;

(c) fil-każ ta' assi ddenominati mill-ġdid, assi ekwivalenti għal dawk li fihom l-assi oriġinali jkunu ġew iddenominati mill-ġdid ma', kif meħtieġ, somma ta' flus ekwivalenti għal xi differenza fil-valur bejn l-assi qabel u wara li jkunu ġew iddenominati mill-ġdid.

*Artikolu 177*

**Arranġamenti ta' netting tal-għeluq fir-rigward ta' ftehimiet ta' xiri mill-ġdid**

1. Kull BĊN għandu japplika arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji li jiżguraw li, f'każ ta' inadempjenza, huma jkunu intitolati li jitterminaw u jagħlqu it-tranżazzjonijiet kollha pendenti ta' xiri mill-ġdid.

2. Kull BĊN għandu japplika arranġementi kuntrattwali jew regolatorji li jkun fihom dispożizzjonijiet fir-rigward tal-innettjar li huma mmirati li jiksbu effetti ekonomiċi ekwivalenti għal dawk imniżżla hawn taħt.

(a) Malli jseħħ xi każ ta' inadempjenza, id-data ta' xiri mill-ġdid għal kull tranżazzjoni għandha titqies li sseħħ minnufih u tkun suġġetta għal xi waħda mill-opzjonijiet li ġejjin:

   (i) kwalunkwe assi ta' marġini ekwivalenti għandhom jiġu kkonsenjati, sabiex it-twettiq tal-obbligi rispettivi tal-partijiet fir-rigward tal-konsenja tal-assi u l-ħlas tal-prezz tax-xiri mill-ġdid għal xi assi mixtrija mill-ġdid għandu jkun effettwat biss skont il-punti (b) sa (d); jew

   (ii) it-tranżazzjoni tax-xiri mill-ġdid għandha tkun itterminata;

(b) Il-valuri tas-suq default tal-assi mixtrija mill-ġdid u xi assi ta' marġni ekwivalenti li għandhom jiġu ttrasferiti u l-prezz tax-xiri mill-ġdid li għandu jitħallas minn kull parti għandhom jiġu stabbiliti mill-BĊN għat-tranżazzjonijiet kollha għad-data tax-xiri mill-ġdid b'mod kummerċjalment raġonevoli.

(c) Fuq il-bażi tal-punt (b), il-BĊN għandu jikkalkula x'inhu dovut minn kull parti lill-oħra fid-data tax-xiri mill-ġdid. Is-somom dovuti minn parti għandhom jiġu paċuti mas-somom dovuti mill-oħra u l-bilanċ nett biss huwa pagabbli mill-parti li għandha t-talba vvalutata f'valur anqas.

(d) Il-bilanċ nett għandu jkun dovut u pagabbli l-għada meta t-TARGET2 ikun operattiv biex jagħmel il-ħlas. Għall-finijiet ta' dan il-kalkolu, kull somma mhux iddenominata f'euro għandha tinqeleb f'euro fid-data xierqa bir-rata kkalkulata skont l-Artikolu 175.

3. Kull BĊN għandu jiddefinixxi "valur tas-suq default" kif stipulat fl-Artikolu 2.

*Artikolu 178*

**Konformità mal-miżuri għall-kontroll tar-riskju**

Jekk il-BĊNi japplikaw arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji li jinkludu xi dispożizzjoni għas-sostituzzjoni ta' kollateral, dawn l-arranġamenti għandhom jiżguraw li tinżamm il-konformità mal-miżuri meħtieġa tal-kontroll tar-riskju.

*Artikolu 179*

**Marġnijiet ta' flus kontanti**

Jekk il-BĊNi japplikaw arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji li jinkludu xi dispożizzjoni biex il-marġnijiet jitħallsu jew jintbagħtu lura fi flus kontanti, din id-dispożizzjoni għandha tistipula wkoll li kull obbligazzjoni oħra għar-ritorn jew provvista tal-marġnijiet għandha l-ewwel tiġi sodisfatta bl-użu ta' flus kontanti sal-istess ammont, flimkien ma' kull imgħax applikabbli għalih.

*Artikolu 180*

**Aktar dispożizzjonijiet li jappartjenu mal-ftehim ta' xiri mill-ġdid**

Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' din il-Linja Gwida, kull BĊN jista' jispeċifika dispożizzjonijiet oħra fl-arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji tiegħu li jappartjenu għall-ftehimiet ta' xiri mill-ġdid.

KAPITOLU 4

***Karatteristiċi komuni minimi addizzjonali esklużivi għall-arranġamenti ta' self kollateralizzat***

*Artikolu 181*

**Forniment u realizzazzjoni tal-kollateral**

1. Fir-rigward ta' arranġamenti biex tiġi pprovduta likwidità fil-forma ta' self kollateralizzat, kull BĊN għandu, fl-arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji, iqis il-proċeduri differenti u formalitajiet meħtieġa biex jippermettu l-istabbiliment u r-realizzazzjoni sussegwenti tal-imgħax fuq titoli fil-kollateral li japplika fil-ġuriżdizzjoni tiegħu, bħal rahan, assenjazzjoni jew piż.

2. Kull BĊN għandu japplika arranġament ta' self kollateralizzat li jiżgura li l-assi pprovduti bħala kollateral ikunu legalment realizzabbli mill-BĊN mingħajr ma jkun hemm talbiet preċedenti fuq assi kkonċernati. M'għandux ikun possibbli għal partijiet terzi, inkluża l-awtorità ta' likwidazzjoni f'każ ta' insolvenza, li jintervjenu u jitolbu b'suċċess l-assi pprovduti bħala kollateral, fin-nuqqas ta' frodi, jew xi drittijiet marbuta magħhom.

3. Kull BĊN għandu japplika arranġamenti ta' self kollateralizzat li jiżguraw li, f'każ li jseħħ każ ta' inadempjenza kif speċifikat fl-Artikolu 165, ikun f'pożizzjoni legali li jirrealizza l-valur ekonomiku tal-assi pprovduti bħala kollateral. Dak il-każ ta' inadempjenza għandu jirrifletti wkoll iċ-ċirkostanzi li fihom il-BĊN jista' jittratta l-kontroparti bħala inadempjenti taħt ftehimiet ta' xiri mill-ġdid.

*Artikolu 182*

**Estensjoni mil-lejl għan-nhar tal-operazzjonijiet fl-istess ġurnata**

Kull BĊN għandu japplika arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji li jippermettu għall-possibbiltà li operazzjonijiet li l-partijiet ikkonċernati jidħlu għalihom fuq il-bażi tal-istess ġurnata jiġu estiżi mil-lejl għan-nhar.

*KAPITOLU 5*

***Karatteristiċi komuni minimi addizzjonali esklussivi għal swaps tal-kambju barrani għall-finijiet tal-politika monetarja***

*Artikolu 183*

**Ftehim ta' bejgħ u ta' xiri simultanju spot u forward**

Kull BĊN għandu japplika arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji li jiżguraw li kull tranżazzjoni hija kkostitwita bħala bejgħ u xiri simultanju spot u forward ta' euro kontra valuta barranija waħda.

*Artikolu 184*

**Tempestività u mekkaniżmu tat-trasferiment tal-ħlasijiet**

Kull BĊN għandu japplika arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji li jinkludu dispożizzjoni fir-rigward tat-tempestività u l-mekkaniżmu tat-trasferiment tal-ħlasijiet. Id-data tax-xiri u l-bejgħ bil-quddiem għandha tiġi ffissata fiż-żmien tad-dħul f'kull tranżazzjoni.

*Artikolu 185*

**Definizzjoni ta' termini speċifiċi**

Kull BĊN għandu japplika arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji li jiddefinixxu l-valuta barranija, ir-rata spot, ir-rata forward, id-data tat-trasferiment u d-data tat-trasferiment mill-ġdid skont dan li ġej:

(a) "valuta barranija" tfisser kull valuta legali ħlief għall-euro;

(b) "rata spot" tfisser, fir-rigward ta' tranżazzjoni speċifika, ir-rata (kif ikkalkolata skont l-Artikolu 175) applikata biex tikkonverti l-ammont ta' euro f'dak l-ammont f'valuta barranija relevanti għal dik it-tranżazzjoni li parti għandha tkun obbligata li tittrasferixxi lill-oħra fid-data tat-trasferiment kontra l-ħlas tal-ammont f'euro u liema rata għandha titniżżel fil-konferma;

(c) "rata forward" tfisser ir-rata kkalkolata skont l-Artikolu 175 u applikata biex tikkonverti l-ammont ta' euro f'dak l-ammont f'valuta barranija hekk kif parti għandha tkun obbligata li tittrasferixxi lill-oħra fid-data tat-trasferiment mill-ġdid kontra ħlas ta' ammont f'euro, liema rata għandha tkun kif imniżżla fil-konferma u ddefinita fl-arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji relevanti applikati mill-BĊN relevanti;

(d) "ammont ta' valuta barranija ttrasferit mill-ġdid" tfisser dak l-ammont ta' valuta barranija hekk kif meħtieġ biex jinxtara l-ammont ta' euro kif ikun fid-data tat-trasferiment mill-ġdid;

(e) "data tat-trasferiment" tfisser, fir-rigward ta' xi tranżazzjoni, id-data u, fejn xieraq, il-ħin f'dik id-data, li fiha t-trasferiment tal-ammont f'euro minn parti waħda lill-oħra għandu jsir effettiv, jiġifieri d-data u, fejn xieraq, il-ħin f'dik id-data, meta l-partijiet ikunu ftehmu li ser iseħħ is-saldu ta' trasferiment tal-ammont f'euro;

(f) "data ta' trasferiment mill-ġdid" tfisser, fir-rigward ta' xi tranżazzjoni, id-data u, fejn xieraq, il-ħin f'dik id-data, meta parti waħda tkun meħtieġa tittrasferixxi mill-ġdid l-ammont f'euro lill-oħra.

*Artikolu 186*

**Arranġamenti ta' netting tal-għeluq fir-rigward ta' swaps tal-kambju barrani**

1. Kull BĊN għandu japplika arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji li jiżguraw li, f'każ li jseħħ każ ta' inadempjenza, il-BĊN ikun intitolat li jtemm u jagħlaq it-tranżazzjonijiet kollha pendenti.

2. Kull BĊN għandu japplika arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji li jkun fihom dispożizzjonijiet fir-rigward tal-innettjar li huma mmirati li jiksbu effetti ekonomiċi ekwivalenti għal dawk imniżżla hawn taħt.

(a) Fil-każ li sseħħ inadempjenza, kull tranżazzjoni għandha titqies li tkun ġiet mitmuma u l-valuri ta' sostituzzjoni tal-euro u t-trasferiment mill-ġdid ta' ammonti ta' valuta barranija għandhom ikunu stabbiliti mill-BĊN fuq il-bażi li dawk il-valuri ta' sostituzzjoni huma l-ammonti li jkunu meħtieġa biex jippriżervaw l-ekwivalent ekonomiku ta' kull ħlas li altrimenti kienu jkunu meħtieġa għall-BĊN.

(b) Fuq il-bażi ta' somom hekk stabbiliti, il-BĊN għandu jikkalkula x'inhu dovut minn kull parti lill-oħra fid-data tat-trasferiment mill-ġdid. Is-somom dovuti minn parti waħda iridu jiġu kkonvertiti f'euro meta meħtieġ skont il-paragrafu 175 u paċuti ma' somom dovuti mill-oħra. Il-bilanċ nett għandu jkun pagabbli mill-parti li jkollha talba ivvalutata f'ammont anqas. Dan il-bilanċ nett huwa dovut u pagabbli l-għada meta t-TARGET2 huwa operattiv biex isir dak il-ħlas.

*Artikolu 187*

**Aktar dispożizzjonijiet relatati mas-swaps ta' kambju barrani**

Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti stabbiliti fil-Linja Gwida, kull BĊN jista' jispeċifika dispożizzjonijiet ulterjuri fir-rigward tat-twettiq ta' swaps tal-kambju barrani fl-arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji tagħhom.

IT-TMIEN PARTI

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 188*

**Skambju ta' informazzjoni**

Il-BĊNi jistgħu, jekk ikun meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-politika monetarja, jaqsmu bejniethom informazzjoni individwali, bħal dejta operazzjonali, relatata ma' kontropartijiet li jipparteċipaw f'operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema. Din l-informazzjoni għandha tkun suġġetta għar-rekwiżit dwar is-segretezza professjonali fl-Artikolu 37 tal-Istatut tas-SEBĊ.

*Artikolu 189*

**Leġiżlazzjoni kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu**

Il-kontropartijiet għall-operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema għandhom ikunu konxji minn, u jikkonformaw ma', l-obbligi kollha imposti fuqhom mil-leġiżlazzjoni kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.

*Artikolu 190*

**Revoka**

1. Il-Linja Gwida BĊE/2011/14 hija rrevokata mill-1 ta' Mejju 2015.

2. Referenzi għal-Linja Gwida revokata għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din il-Linja Gwida u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni li tinsab fl-Anness XIII.

*Artikolu 191*

**Dħul fis-seħħ, applikazzjoni u implimentazzjoni**

1. Din il-Linja Gwida għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tan-notifika tagħha lill-BĊNi.

2. Id-dispożizzjonijiet kollha ta' din il-Linja Gwida għandhom japplikaw mill-1 ta' Mejju 2015 ħlief għal dawk speċifikati fl-Artikolu 142 li għandhom japplikaw mill-1 ta' Novembru 2015.

3. Il-BĊNi għandhom jgħaddu lill-BĊE it-testi u l-mezzi li permezz tagħhom huma bi ħsiebhom jikkonformaw mad-dispożizzjoni ta' din il-Linja Gwida li jirrappreżentaw bidliet sostantivi meta mqabbla mal-Linja Gwida BĊE/2011/14 sa mhux aktar tard mis-16 ta' Frar 2015.

*Artikolu 192*

**Destinatarji**

Din il-Linja Gwida hija indirizzata lill-banek ċentrali kollha tal-Eurosistema.

Magħmul fi Frankfurt am Main, id-19 ta' Diċembru 2014.

*Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE*

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI

*ANNESS I*

**RIŻERVI MINIMI**

Il-kontenut ta' dan l-Anness huwa għall-finijiet ta' informazzjoni biss. Fil-każ ta' kunflitt bejn dan l-Anness u l-qafas legali għas-sistema ta' riżerva minima tal-Eurosistema kif deskritt fil-paragrafu 1, dan tal-aħħar jirbaħ.

1. Bis-saħħa tal-Artikolu 19 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropea (iktar 'il quddiem l-"Istatut tas-SEBĊ", il-Bank Ċentrali Ewropea (BĊE) jeħtieġ li istituzzjonijiet ta' kreditu jżommu riżervi minimi f'kontijiet mal-BĊNi fil-qafas tas-sistema ta' riżerva minima tal-Eurosistema. Il-qafas legali għal din is-sistema huwa stabbilit fl-Artikolu 19 tal-Istatut tas-SEBĊ, ir-Regolament (KE) Nru 2531/98 u r-Regolament (KE) Nru 1745/2003 (BĊE/2003/9). L-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1745/2003 (BĊE/2003/9) tiżgura li t-termini u l-kundizzjonijiet tas-sistema ta' riżerva minima tal-Eurosistema jkunu uniformi ġewwa l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

2. L-għanijiet tas-sistema tar-riżervi minimi tal-Eurosistema huma primarjament li jistabbilizzaw ir-rati ta' imgħax tas-swieq tal-flus u li joħolqu (jew ikabbru) nuqqas ta' likwidità strutturali.

3. Skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru 1745/2003 (BĊE/2003/9), is-sistema ta' riżerva minima tal-Eurosistema tapplika għall-istituzzjonijiet ta' kreditu stabbiliti fl-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro. Barra minn hekk, friegħi fiż-żona tal-euro ta' istituzzjonijiet ta' kreditu li mhumiex inkorporati fiż-żona tal-euro huma suġġetti wkoll għas-sistema ta' riżerva minima tal-Eurosistema. Madankollu, friegħi stabbiliti barra ż-żona tal-euro tal-istituzzjonijiet ta' kreditu inkorporati fiż-żona tal-euro mhumiex suġġetti għal din is-sistema.

4. Bis-saħħa tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1745/2003 (BĊE/2003/9), l-istituzzjonijiet se jkunu awtomatikament eżentati mir-rekwiżiti ta' riżerva mill-bidu tal-perijodu ta' żamma li fih tiġi rtirata jew ċeduta l-awtorizzazzjoni tagħhom, jew li fih deċiżjoni li istituzzjoni tgħaddi minn proċeduri tal-istralċ tittieħed minn awtorità ġudizzjarja jew kwalunkwe awtorità kompetenti oħra ta' Stat Membru.

5. Bis-saħħa tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1745/2003 (BĊE/2003/9), il-BĊE jista' jeżenta, fuq bażi mhux diskriminatorja, l-istituzzjonijiet elenkati fil-punti (a) sa (c) tiegħu mir-rekwiżiti ta' riżerva. Dawn l-istituzzjonijiet jinkludu, fost l-oħrajn, istituzzjonijiet suġġetti għal miżuri ta' riorganizzazzjoni, istituzzjonijiet suġġetti għall-iffriżar ta' fondi u/jew miżuri oħrajn imposti mill-Unjoni jew Stat Membru skont l-Artikolu 75 tat-Trattat li jirrestrinġu l-użu tal-fondi tagħhom jew deċiżjoni tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE li tissospendi jew teskludi l-aċċess tagħhom għal operazzjonijiet tas-suq miftuħ jew il-faċilitajiet permanenti tal-Eurosistema.

6. Bis-saħħa tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 1745/2003 (BĊE/2003/9), il-BĊE jistabbilixxi u jżomm lista ta' istituzzjonijiet suġġetti għas-sistema ta' riżerva minima tal-Eurosistema.

7. Il-BĊE jippubblika wkoll lista tal-istituzzjonijiet kollha eżentati mill-obbligi tagħhom skont din is-sistema għal raġunijiet għajr li jkunu suġġetti għal miżuri ta' riorganizzazzjoni jew tal-iffriżar ta' fondi u/jew miżuri oħrajn imposti mill-Unjoni skont l-Artikolu 75 tat-Trattat jew minn Stat Membru li jirrestrinġi l-użu tal-fondi tagħhom jew li dwarhom il-Kunsill Governattiv tal-BĊE ikun ħareġ deċiżjoni li tissospendi jew teskludi l-aċċess tagħhom għal operazzjonijiet ta' suq miftuħ jew il-faċilitajiet permanenti tal-Eurosistema.

8. Il-bażi ta' riżerva ta' kull istituzzjoni hija ddeterminata fir-rigward tal-elementi tal-karta tal-bilanċ tagħha. Id-dejta tal-karta tal-bilanċ tiġi rrappurtata lill-BĊNi fil-qafas ġenerali tal-istatistika monetarja u finanzjarja tal-BĊE. L-istituzzjonijiet jikklakulaw il-bażi ta' riżerva fir-rigward ta' perijodu ta' żamma partikolari fuq il-bażi tad-dejta li tirrigwarda x-xahar li jiġi xahrejn qabel ix-xahar li fih jibda l-perijodu ta' żamma bis-saħħa tal-Artikolu 3(3) tar-Regolament (KE) Nru 1745/2003 (BĊE/2003/9), soġġett għall-eċċezzjonijiet għall-istituzzjonijiet tad-denb, kif stipulat fl-Artikolu 3(4) tal-istess Regolament.

9. Il-proporzjonijiet ta' riżerva huma ddeterminati mill-BĊE bla ħsara għal-limitu massimu speċifikat fir-Regolament (KE) Nru 2531/91.

10. L-ammont ta' riżervi minimi li għandhom jinżammu minn kull istituzzjoni fir-rigward ta' perijodu ta' żamma partikolari huma kkalkulati bl-applikazzjoni ta' proporzjonijiet ta' riżerva lil kull partita rilevanti tal-bażi ta' riżerva għal dak il-perijodu. Ir-riżervi minimi identifikati mill-BĊN parteċipanti rilevanti u mill-istituzzjoni skont il-proċeduri msemmijin fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1745/2003 (BĊE/2003/9) jikkostitwixxu l-bażi għal: (a) ir-remunerazzjoni ta' investimenti ta' riżervi meħtieġa; u (b) valutazzjoni ta' konformità ta' istituzzjoni mal-obbligu biex jinżamm l-ammont meħtieġ ta' riżervi minimi.

11. Sabiex jintlaħaq l-għan li jiġu stabilizzati r-rati ta' imgħax, is-sistema ta' riżerva minima tal-Eurosistema tippermetti lill-istituzzjonijiet li jużaw dispożizzjonijiet li jwasslu għall-medja, bl-implikazzjoni li l-konformità ma' rekwiżiti ta' riżerva hija ddeterminata fuq il-bażi tal-medja tal-bilanċi tal-aħħar tal-jum kalendarju fuq il-kontijiet ta' riżerva tal-kontropartijiet matul perijodu ta' żamma. Il-konformità mar-rekwiżit ta' riżerva hija ddeterminata fuq il-bażi tal-investimenti medji ta' riżerva ta' kuljum tal-istituzzjoni matul il-perijodu ta' żamma. Il-perijodu ta' żamma huwa ddefinit fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1745/2003 (BĊE/2003/9).

12. Skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1745/2003 (BĊE/2003/9), investimenti ta' riżervi meħtieġa ta' istituzzjonijiet jiġu remunerati bil-medja, matul il-perijodu ta' żamma, tar-rata tal-BĊE (ippeżata skont in-numru ta' jiem kalendarji) fuq l-operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament skont il-formula li ġejja (fejn ir-riżultat jinġibed għad-dritt sal-eqreb ċenteżmu):

$$R_t = \frac{H_t \cdot n_t \cdot r_t}{100 \cdot 360}$$

$$r_t = \sum_{i=1}^{n_t} \frac{MR_i}{n_t}$$

Fejn:

R*t* = remunerazzjoni li għandha titħallas fuq investimenti ta' riżervi meħtieġa għall-perijodu ta' żamma *t*;

H*t* = investimenti medji ta' kuljum ta' riżervi meħtieġa għall-perijodu ta' żamma *t*;

n*t* = numru ta' jiem kalendarji fil-perijodu ta' żamma *t*;

r*t* = rata ta' remunerazzjoni fuq investimenti ta' riżervi meħtieġa għall-perjodu ta' żamma *t*. Ir-rata ta' remunerazzjoni għandha tinġibed għad-dritt sal-eqreb żewġ deċimali skont il-metodu standard;

*i* = il-jum kalendarju *i* tal-perjodu ta' żamma *t*;

$MR_i$ = rata ta' imgħax marġinali għall-operazzjoni ewlenija ta' rifinanzjament l-iktar riċenti li tiġi saldata fil-jum tal-kalendarju *i* jew qabel.

Meta istituzzjoni tonqos li tikkonforma ma' obbligi oħrajn taħt regolamenti u deċiżjonijiet tal-BĊE relatati mas-sistema tar-riżervi minimi tal-Eurosistema (per eżempju jekk it-tagħrif relevanti ma jintbagħatx fil-ħin jew ma jkunx eżatt), il-BĊE għandu s-setgħa li jimponi sanzjonijiet skont ir-Regolament (KE) Nru 2532/98 u r-Regolament BĊE/1999/4. Il-Bord Eżekuttiv tal-BĊE jista' jispeċifika u jippubblika l-kriterji fejn dan japplika s-sanzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 2531/98.

*ANNESS II*

**AVVIŻ DWAR OPERAZZJONIJIET TA' SEJĦA GĦAL OFFERTI**

L-avviż pubbliku ta' sejħa għal offerti fih l-informazzjoni indikattiva li ġejja:

(a) in-numru ta' referenza tal-operazzjoni tas-sejħa għal offerti;

(b) id-data tal-operazzjoni tas-sejħa għal offerti;

(c) it-tip ta' operazzjoni (forniment jew assorbiment ta' likwidità, u t-tip ta' strument ta' politika monetarja li se jintuża);

(d) il-maturità tal-operazzjoni;

(e) kemm iddum l-operazzjoni (normalment espressa f'numru ta' jiem);

(f) it-tip ta' irkant, jiġifieri rata fissa jew sejħa għal offerti b'rata varjabbli;

(g) għal sejħiet għal offerti varjabbli, il-metodu ta' allokazzjoni, jiġifieri l-proċedura tal-irkant b'rata waħda (irkant Olandiż) jew irkant b'rata multipla (irkant Amerikan);

(h) il-volum operattiv intiż, normalment fil-każ biss ta' operazzjonijiet ta' rifinanzjament fuq żmien itwal;

(i) għal sejħiet għal offerti b'rata fissa, ir-rata ta' imgħax fissa tas-sejħa għal offerti, il-prezz, il-punt ta' swap jew spread (l-indiċi ta' referenza fil-każ ta' sejħiet għal offerti indiċjati u t-tip ta' kwotazzjoni fil-każ ta' rata ta' imgħax jew spread);

(j) ir-rata ta' imgħax, prezz jew punt ta' swap minimi jew massimi aċċettati, jekk applikabbli;

(k) id-data tal-bidu u d-data tal-maturità tal-operazzjoni, jekk applikabbli, jew id-data tal-valur u d-data tal-maturità tal-istrument, fil-każ tal-ħruġ ta' ċertifikati ta' dejn tal-Bank Ċentrali Ewropew;

(l) il-muniti involuti u għal swaps ta' kambju barrani, l-ammont tal-munita li jinżamm fiss;

(m) għal swaps ta' kambju barrani, ir-rata tal-kambju immedjata ta' referenza li għandha tintuża għall-kalkolu ta' offerti;

(n) il-limitu tal-ammont massimu tal-offerta, jekk hemm wieħed;

(o) l-ammont minimu tal-allokazzjoni individwali, jekk hemm wieħed;

(p) il-proporzjon ta' allokazzjoni minima, jiġifieri l-limitu iktar baxx, espress f'termini ta' perċentwali, tal-proporzjon ta' offerti bir-rata ta' imgħax marġinali li tiġi allokata f'operazzjoni ta' sejħa għal offerti, jekk ikun hemm;

(q) l-iskeda taż-żmien għas-sottomissjoni ta' offerti;

(r) fil-każ tal-ħruġ ta' ċertifikati ta' dejn tal-BĊE, id-denominazzjoni taċ-ċertifikati u l-kodiċi ISIN tal-ħruġ;

(s) in-numru massimu ta' offerti għal kull kontroparti (għal sejħiet għal offerti b'rata varjabbli, fil-każ li l-BĊE jkollu l-ħsieb li jkollu l-ħsieb lijillimita n-numru ta' offerti, dan normalment jiġi ffissat f'għaxar offerti għal kull kontroparti);

(t) it-tip ta' kwotazzjoni (rata jew spread);

(u) l-entità ta' referenza fil-każ ta' sejħiet għal offerti indiċjati

*ANNESS III*

**ALLOKAZZJONI TA' SEJĦIET GĦAL OFFERTI U PROĊEDURI TA' SEJĦIET GĦAL OFFERTI**

*Tabella 1*

**Allokazzjoni ta' sejħiet għal offerti b'rata fissa**

Il-perċentwal tal-allokazzjoni huwahuwa:

$$all\,\% = \frac{A}{\sum_{i=1}^{n} a_i}$$

L-ammont allokat lill-kontroparti i huwa:

$$all_i = all\ \% \times (a_i)$$

fejn:

A = l-ammont totali allokat

n = numru totali ta' kontropartijiet

$a_i$ = ammont tal-offerta tal-kontroparti *i*

all % = perċentwal tal-allokazzjoni

$all_i$ = ammont totali allokat lill-kontroparti i

*Tabella 2*

**Allokazzjoni ta' sejħiet għal offerti b'rata varjabbli f'euro**
**(l-eżempju jirriferi għal offerti kkwotati fil-forma ta' rati ta' imgħax)**

Il-perċentwali ta' allokazzjoni bir-rata ta' imgħax marġinali hija:

$$all\,\%(r_m) = \frac{A - \sum_{s=1}^{m-1} a(r_s)}{a(r_m)}$$

L-allokazzjoni lill-kontroparti *i* bir-rata ta' imgħax marġinali hija:

$$all\ (r_m)_i = all\ \%\ (r_m) \times a(r_m)_i$$

L-ammont allokat lill-kontroparti *i* huwa:

$$all_i = \sum_{s=1}^{m-1} a(r_s)_i + all(r_m)_i$$

fejn:

A = l-ammont totali allokat

$r_s$ = offerta tar-rata ta' imgħax *s* mill-kontropartijiet

N = numru totali ta’ kontropartijiet

$a(r_s)_i$ = offerta ta’ ammont bir-rata ta’ imgħax *s* ($r_s$) mill-kontroparti i

$a(r_s)$ = offerta tal-ammont totali bir-rata ta’ imgħax s (rs)

$$a(r_s) = \sum_{i=1}^{n} a(r_s)_i$$

$r_m$ = rata ta’ imgħax marġinali:

$r_1 \geq r_s \geq r_m$ għal sejħa għal offerti li tipprovdi likwidità

$r_m \geq r_s \geq r_1$ għal sejħa għal offerti li tassorbi l-likwidità

$r_{m-1}$ = rata ta’ imgħax qabel ir-rata ta’ imgħax marġinali (l-aħħar rata ta’ imgħax li biha l-offerti huma sodisfatti kompletament):

$r_{m-1} > r_m$ għal sejħa għal offerti li tipprovdi likwidità

$r_m > r_{m-1}$ għal sejħa għal offerti li tassorbi l-likwidità

all %($r_m$) = perċentwali ta’ allokazzjoni bir-rata ta’ imgħax marġinali

$all(r_s)_i$ = allokazzjoni lill-kontroparti i bir-rata ta’ imgħax *s*

$all_i$ = ammont totali allokat lill-kontroparti *i*

*Tabella 3*

**Allokazzjoni ta’ sejħiet għal offerti swap ta’ rata varjabbli ta’ kambju barrani**

Il-perċentwal ta’ allokazzjoni bil-kwotazzjoni tal-punt ta’ swap marġinali huwa:

$$all\,\%(\Delta_m) = \frac{A - \sum_{s=1}^{m-1} a(\Delta_s)}{a(\Delta_m)}$$

L-allokazzjoni lill-kontroparti *i* bil-kwotazzjoni tal-punt ta’ swap marġinali hija:

$$all\,(\Delta_m)_i = all\,\%\,(\Delta_m) \times a(\Delta_m)_i$$

L-ammont allokat lill-kontroparti *i* huwa:

$$all_i = \sum_{s=1}^{m-1} a(\Delta_s)_i + all(\Delta_m)_i$$

fejn:

A = l-ammont totali allokat

$\Delta_s$ = offerta ta’ kwotazzjoni tal-punt ta’ swap *s* mill-kontropartijiet

N = numru totali ta’ kontropartijiet

$a(\Delta_s)_i$ = offerta ta’ ammont bil-kwotazzjoni tal-punt ta’ swap *s* ($\Delta_s$) mill-kontroparti *i*

$a(\Delta_s)$ = offerta tal-ammont totali bil-kwotazzjoni tal-punt ta’ swap *s* ($\Delta_s$)

$$a(\Delta_s) = \sum_{i=1}^{n} a(\Delta_s)_i$$

$\Delta_m$ = kwotazzjoni ta' punt ta' swap marġinali:

$\Delta_m \geq \Delta_s \geq \Delta_1$ għal swap tal-kambju barrani li tipprovdi l-likwidità

$\Delta_1 \geq \Delta_s \geq \Delta_m$ għal swap tal-kambju barrani li tassorbi l-likwidità

$\Delta_{m-1}$ kwotazzjoni ta' punt ta' swap qabel il-kwotazzjoni tal-punt ta' swap marġinali (l-aħħar kwotazzjoni tal-punt ta' swap li fih l-offerti huma kompletament sodisfatti):

$\Delta_m > \Delta_{m-1}$ għal swap tal-kambju barrani li tipprovdi l-likwidità

$\Delta_{m-1} > \Delta_m$ għal swap tal-kambju barrani li tassorbi l-likwidità

all %($\Delta_m$) perċentwali ta' allokazzjoni bil-kwotazzjoni tal-punt ta' swap marġinali:

all$(\Delta_s)_i$ allokazzjoni lill-kontroparti *i* bil-kwotazzjoni tal-punt ta' swap *s*

all$_i$ ammont totali allokat lill-kontroparti *i*

*ANNESS IV*

**AVVIŻ DWAR IR-RIŻULTATI TA' SEJĦA GĦAL OFFERTI**

Il-messaġġ tar-riżultat ta' sejħa pubblika għal offerti fih l-informazzjoni indikattiva li ġejja:

(a) in-numru ta' referenza tal-operazzjoni tas-sejħa għal offerti;

(b) id-data tal-operazzjoni tas-sejħa għal offerti;

(c) it-tip ta' operazzjoni;

(d) il-maturità tal-operazzjoni;

(e) kemm iddum l-operazzjoni (normalment espressa f'numru ta' jiem);

(f) l-ammont totali offrut minn kontropartijiet tal-Eurosistema;

(g) in-numru ta' offerenti;

(h) għal swaps ta' kambju barrani, il-muniti involuti;

(i) l-ammont nominali totali allokat;

(j) għal sejħiet għal offerti b'rata fissa, il-perċentwali tal-allokazzjoni;

(k) għal swaps ta' kambju barrani, ir-rata tal-kambju immedjata;

(l) għal sejħiet għal offerti b'rata varjabbli, ir-rata ta' imgħax marġinali, il-prezz, il-punt ta' swap jew spread aċċettati u l-perċentwali ta' allokazzjoni bir-rata ta' imgħax marġinali, prezz jew punt ta' swap;

(m) għal irkantijiet brati multipli, ir-rata tal-offerta minima u r-rata tal-offerta massima, jiġifieri l-limitu ta' isfel u l-limitu ta' fuq tar-rata ta' imgħax li biha l-kontropartijiet ssottomettew offerti f'sejħiet għal offerti ta' rata varjabbli, u r-rata tal-allokazzjoni medja ppeżata;

(n) id-data tal-bidu u d-data tal-maturità tal-operazzjoni, jekk applikabbli, jew id-data tal-valur u d-data tal-maturità tal-istrument, fil-każ ta' ħruġ ta' ċertifikati ta' dejn tal-Bank Ċentrali Ewropea (BĊE);

(o) l-ammont minimu tal-allokazzjoni individwali, jekk hemm wieħed;

(p) il-proporzjon tal-allokazzjoni minima, jekk hemm wieħed;

(q) fil-każ tal-ħruġ ta' ċertifikati ta' dejn tal-BĊE, id-denominazzjoni taċ-ċertifikati u l-kodiċi ISIN tal-ħruġ;

(r) in-numru massimu ta' offerti għal kull kontroparti (għal offerti b'rata varjabbli, fil-każ li l-BĊE jkollu l-ħsieb li jillimita n-numru ta' offerti, dan normalment jiġi ffissat għal għaxar offerti għal kull kontroparti).

*ANNESS V*

**KRITERJI GĦALL-GĦAŻLA TAL-KONTROPARTIJIET BIEX JIPPARTEĊIPAW F'OPERAZZJONIJIET TA' INTERVENT TA' KAMBJU BARRANI**

1. L-għażla tal-kontropartijiet għall-operazzjonijiet ta' intervent ta' kambju barrani hija bbażata fuq żewġ settijiet ta' kriterji li jirrigwardaw il-prinċipji ta' prudenza u effiċjenza.

2. Il-kriterji li jirrigwardaw l-effiċjenza jiġu applikati biss ladarba l-kriterji dwar il-prinċipju tal-prudenza jkunu ġew applikati.

3. Il-kriterji dwar il-prinċipju ta' prudenza jinkludu dawn li ġejjin:

   (a) solvibbiltà tal-kontroparti, li hija vvalutata bl-użu ta' taħlita ta' metodi differenti, eż. bl-użu ta' klassifikazzjoni ta' kreditu disponibbli minn aġenziji kummerċjali u l-analiżi interna tal-kapital u proporzjonijiet tan-negozju oħrajn;

   (b) kontroparti tkun issorveljata minn superviżur rikonoxxut;

   (c) kontroparti jkollha reputazzjoni tajba u tosserva standards etiċi għoljin.

4. Il-kriterji dwar il-prinċipju ta' effiċjenza jinkludu, fost l-oħrajn, dawn li ġejjin:

   (a) l-aġir tal-ipprezzar kompetittiv ta' kontroparti u l-kapaċità tagħha li twettaq operazzjonijiet ta' kambju barrani ta' volum kbir b'mod effiċjenti skont il-kundizzjonijiet kollha tas-suq; u

   (b) il-kwalità u l-kopertura ta' informazzjoni pprovduta mill-kontroparti.

5. Sabiex jista jkun hemm intervent effiċjenti f'postijiet ġeografiċi differenti, il-banek ċentrali nazzjonali jistgħu jagħżlu kontropartijiet għall-operazzjonijiet ta' intervent tal-kambju barrani tagħhom fi kwalunkwe ċentru finanzjarju internazzjonali.

*ANNESS VI*

**UŻU TRANSKONFINALI TA' ASSI ELIĠIBBLI**

I. MUDELL KORRISPONDENTI TA' ATTIVITÀ BANKARJA ĊENTRALI KORRISPONDENTI (CCBM)

*Tabella 1*

**Mudell korrispondenti ta' attività bankarja ċentrali korrispondenti (CCBM)**

Użu ta' assi eliġibbli ddepożitati fil-pajjiż B minn kontroparti stabbilita fil-pajjiż A sabiex jinkiseb kreditu mill-Bank Ċentrali Nazzjonali (BĊN) tal-pajjiż A




1. Il-BCNi kollha jżommu kontijiet ta' titoli ma' xulxin għall-użu transkonfinali ta' assi eliġibbli. Il-proċedura preċiża tas-CCBM tiddependi fuq jekk l-assi eliġibbli humiex assenjati għal kull tranżazzjoni individwali jew jekk jinżammux f'aggregazzjoni ta' assi sottostanti.

2. F'sistema ta' assenzjazzjoni, malli tiġi aċċettata offerta għal kreditu ta' kontroparti mill-BĊN domestiku l-kontroparti tagħti struzzjonijiet, permezz tal-kustodju tagħha jekk ikun meħtieġ, lis-sistemi ta' saldu tat-titoli (SSS) fil-pajjiż fejn jinżammu l-assi negozjabbli tagħha, biex jiġu ttrasferiti lill-bank ċentrali ta' dak il-pajjiż (iktar 'il quddiem il-"bank ċentrali korrispondenti") għall-kont tal-BĊN domestiku. Ladarba l-BĊN domestiku jkun ġie infurmat mill-bank ċentrali korrispondenti li l-kollateral ġie rċevut, huwa jittrasferixxi l-fondi lill-kontroparti. Il-BĊNi ma javvanzawx fondi sakemm ikunu ċerti li l-assi negozjabbli tal-kontropartijiet ikun ġew irċevuti mill-bank ċentrali korrispondenti. Meta jkun meħtieġ li jiġu osservati skadenzi ta' saldu, il-kontropartijiet jistgħu jkollhom il-possibbiltà li jiddepożitaw minn qabel assi mal-banek ċentrali korrispondenti għall-kont tal-BĊN domestiku tagħhom bl-użu ta' proċeduri CCBM.

3. F'sistema ta' aggregazzjoni, il-kontroparti tista' fi kwalunkwe ħin tipprovdi lill-bank ċentrali korrispondenti assi negozjabbli għall-kont tal-BĊN domestiku. Ladarba l-BĊN domestiku jkun ġie infurmat mill-bank ċentrali korrispondenti li l-assi negozjabbli ġew irċevuti, huwa jżid dawn l-assi negozjabbli mal-kont aggregat tal-kontroparti.

4. Proċeduri speċifiċi għal użu transkonfinali ġew żviluppati għal ċerti assi mhux negozjabbli, jiġifieri pretensjonijiet ta' kreditu u strumenti ta' dejn bl-imnut iggarantiti b'ipoteka (RMBDs). Meta pretensjonijiet ta' kreditu jintużaw bħala kollateral f'kuntest transkonfinali, varjant CCBM jiġi applikat għall-pretensjonijiet ta' kreditu, bl-użu ta' trasferiment ta' proprjetà, ċessjoni jew rahan favur il-BĊN domestiku, jew ħlas favur il-bank ċentrali korrispondenti li jaġixxi bħala aġent għall-BĊN domestiku. Varjant ieħor *ad hoc* ibbażat fuq il-ħlas favur il-bank ċentrali korrispondenti li jaġixxi bħala aġent għall-BĊN domestiku jiġi applikat biex jippermetti użu transkonfinali ta' RMBDs.

5. Is-CCBM huwa disponibbli għall-kontropartijiet, kemm għall-assi negozjabbli u dawk mhux negozjabbli, bħala minimu mid-9 a.m. sal-4 p.m. CET f'kull jum tax-xogħol tat-TARGET2. Kontroparti li tixtieq tagħmel użu mis-CCBM għandha tavża lill-BĊN li minnu tixtieq li tirċievi l-kreditu, jiġifieri l-BĊN domestiku, qabel l-4p.m. ħin tal-BĊE (CET).

Barra minn hekk, il-kontroparti għandha tiżgura li l-kollateral inkwistjoni biex jiġu żgurati operazzjonijiet tal-politika monetarja jiġi kkunsinjat fil-kont tal-bank ċentrali korrispondenti sa mhux aktar tard mill-4.45p.m. ħin tal-BĊE (CET). Struzzjonijiet jew sottomissjonijiet li ma josservawx dan it-terminu jiġu pproċessati biss fuq bażi tal-aħjar sforz u jistgħu jiġu kkunsidrati għall-kreditu li jingħata fil-jum tax-xogħol TARGET2 li jmiss. Meta l-kontropartijiet jipprevedu ħtieġa li jużaw CCBM tard fil-ġurnata, meta jkun possibbli għandhom jiddepożitaw minn qabel l-assi. F'ċirkustanzi eċċezzjonali, jew meta jkun meħtieġ għall-finijiet tal-politika monetarja, il-BĊE jista' jiddeċiedi li jestendi il-ħin tal-għeluq tas-CCBM sal-ħin tal-għeluq tat-TARGET2, f'kooperazzjoni ma' depożitarji ta' titoli ċentrali dwar id-disponibbiltà tagħhom li jestendu l-ħinijiet ta' qtugħ għal assi negozjabbli.

II. RABTIET ELIĠIBBLI BEJN SSSS

*Tabella 2*

**Rabtiet bejn sistemi ta' saldu tat-titoli**

Użu ta' assi eliġibbli maħruġa fl-SSS tal-pajjiż B miżmuma minn kontroparti stabbilita fil-pajjiż A permezz ta' rabta bejn l-SSSs fil-pajjiżi A u B sabiex jiksbu kreditu mill-BĊN tal-pajjiż A.




1. Rabtiet eliġibbli bejn żewġ SSSs fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) jikkonsistu minn sett ta' proċeduri u arranġamenti għat-trasferiment transkonfinali ta' titoli permezz ta' proċess ta' book-entry. Dawn jieħdu l-forma ta' kont omnibus miftuħ minn SSS (iktar 'il quddiem l-"investitur SSS") f'SSS ieħor (iktar 'il quddiem l-"emittent SSS").

2. Rabtiet eliġibbli jippermettu parteċipant f'SSS waħda fiż-ŻEE biex iżżomm titoli maħruġin f'SSS oħra fiż-ŻEE mingħajr ma tkun parteċipanti fiha. Meta jużaw rabtiet bejn l-SSS, il-kontropartijiet jżommu l-assi fil-kont tagħhom mal-SSS domestika tagħhom u ma għandhom l-ebda bżonn ta' kustodju.

III. CCBM FLIMKIEN MA' RABTIET ELIĠIBBLI

*Tabella 3*

**CCBM flimkien ma' rabtiet eliġibbli**

Użu ta' assi eliġibbli maħruġa fl-SSS tal-pajjiż C u miżmuma fl-SSS tal-pajjiż B minn kontroparti stabbilita fil-pajjiż A permezz ta' rabta diretta bejn l-SSS fil-pajjiżi B u C sabiex jinkiseb kreditu mill-BĊN tal-pajjiż A.




Meta assi eliġibbli fil-forma ta' titoli jkollhom jiġu ttrasferiti permezz tas-CCBM bir-rabtiet, il-kontropartijiet għandhom jiżguraw li t-titoli jintbagħtu f'kont tal-investitur SSS rilevanti sal-4 p.m. CET fid-data tas-saldu sabiex jiġi żgurat is-saldu fl-operazzjoni ta' valur tal-istess jum. Kull talba għal mobilizzazzjoni rċevuta mill-BĊNi domestiċi mill-kontropartijiet tagħhom wara l-4 p.m. CET, jew kwalunkwe talba oħra għas-sottomissjoni tal-assi eliġibbli fkont tal-investitur SSS rilevanti wara l-4 p.m. CET, tiġi ttrattata fuq il-bażi tal-aħjar sforz, skont il-ħinijiet ta' qtugħ tal-SSSs involuti.

IV. CCBM MA' SERVIZZI TA' ĠESTJONI KOLLATERALI BEJN TLIET PARTIJIET

*Tabella 4*

**Servizzi transkonfinali bejn tliet partijiet**

Użu ta' assi eliġibbli miżmuma fl-aġent bejn tliet partijiet (TPA) tal-pajjiż B minn kontroparti stabbilita fil-pajjiż A sabiex tikseb kreditu mill-BĊN tal-pajjiż A




Il-vleġġa "Informazzjoni dwar kollateral" bejn il-kontroparti A u l-BĊN A tista' ma tkunx rilevanti fil-każ ta' ċerti TPAs billi dan jiddependi fuq il-mudell kuntrattwali magħżul, u f'dawn il-każijiet il-kontroparti ma tibgħatx struzzjoni lill-BĊN A jew ma tirċevix konferma mill-BĊN A.

*ANNESS VII*

**KALKOLU TA' SANZJONIJIET LI GĦANDHOM JIĠU APPLIKATI SKONT IL-ĦAMES PARTI**

I. KALKOLU TA' PENALI FINANZJARJI GĦALL-KSUR TA' ĊERTI OBBLIGI TAL-KONTROPARTI

1. Meta penali finanzjarja għandha tiġi imposta minn Bank Ċentrali Nazzjonali (BĊN) fuq kwalunkwe kontroparti tiegħu skont il-Parti Ħamsa, il-BĊN għandu jikkalkula l-penali skont rata ta' penali speċifikata minn qabel, kif ġej:

(a) Għal nuqqas ta' konformità ma' obbligu msemmi fl-Artikolu 154(1)(a), (b) jew (c) penali finanzjarja tiġi kkalkulata bl-użu tar-rata tal-faċilità ta' self marġinali li kienet tapplika fil-jum meta beda n-nuqqas ta' konformità flimkien ma' 2,5 punti perċentwali.

(b) Għal nuqqas ta' konformità ma' obbligu msemmi fl-Artikolu 154(1)(d), penali finanzjarja tiġi kkalkulata bl-użu tar-rata tal-faċilità ta' self marġinali li kienet tapplika fil-jum meta beda n-nuqqas ta' konformità flimkien ma' 5 punti perċentwali. Għal ksur ripetut tal-obbligu msemmi fl-Artikolu 154(1)(d) f'perijodu ta' 12-il xahar, meqjus mill-jum tal-ewwel ksur, il-penali tiżdied b'2.5 punti perċentwali għal kull ksur.

2. Għal nuqqas ta' konformità ma' obbligu msemmi fl-Artikolu 154(1)(a) jew (b), penali finanzjarja tiġi kkalkulata bl-applikazzjoni tar-rata tal-penali, skont il-paragrafu 1(a), sal-ammont ta' kollateral jew kontanti li l-kontroparti ma setgħetx tibgħat jew tħallas, immultiplikat bil-koeffiċjent X/360, meta X huwa n-numru ta' jiem kalendarji, b'massimu ta' seba, li matulhom il-kontroparti ma setgħetx tikkollateralizza jew tħallas: (a) l-ammont allokat kif speċifikat fiċ-ċertifikazzjoni tar-riżultati ta' allokazzjoni tas-sejħa għal offerti individwali matul il-maturità ta' operazzjoni; jew (b) l-ammont li jibqa' ta' operazzjoni partikolari jekk hemm terminazzjonijiet bikrija eżegwiti mill-BĊE fuq il-bqija tal-perijodu tal-operazzjoni.

3. Għal nuqqas ta' konformità ma' obbligu msemmi fl-Artikolu 154(1)(c), penali finanzjarja tiġi kkalkulata bl-applikazzjoni ta' rata ta' penali, skont il-paragrafu 1(a), għall-valur haircutstal-assi ineliġibbli jew l-assi li jistgħu ma jiġux mobilizzati jew użati mill-kontroparti wara haircuts, kif ġej:

(a) fil-każ ta' assi ineliġibbli li huma pprovduti mill-kontroparti lil BĊE, il-valur haircutstal-assi ineliġibbli wara li jitqiesu l-haircuts; jew

(b) fil-każ ta' assi li kienu oriġinarjament eliġibbli imma saru ineliġibbli jew jistgħu ma jiġux mobilizzati jew użati iktar mill-kontroparti, il-valur wara haircuts tal-assi li ma tneħħewx minn jew qabel il-bidu tat-tmien jum tal-kalendarju, wara avveniment li warajh l-assi eliġibbli saru ineliġibbli jew ma jistgħux ikunu mobilizzati iktar jew użati mill-kontroparti, jittieħdu inkunsiderazzjoni.

4. L-ammonti imsemmijin fil-paragrafu 3(a) u (b) jiġu mmultiplikati bil-koeffiċjent X/360, fejn X huwa n-numru ta' jiem kalendarji, b'massimu ta' sebgħa, li matulhom il-kontroparti naqset li tikkonforma mal-obbligi tagħha fir-rigward tal-użu tal-assi sottomessi bħala kollateral għall-operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema. Fil-każ tal-paragrafu 3(b), il-kalkolu ta' X jibda wara l-iskadenza tal-perijodu ta' konċessjoni ta' sebat ijiem kalendarji.

*[EUR [valur ta' assi ineliġibbli wara haircuts fl-ewwel jum tal-ksur] * (ir-rata tal-faċilità ta' self marġinali applikabbli fil-jum meta beda l-ksur + 2,5 %) * [X]/360 = EUR […]]*

5. Għal ksur ta' limiti fir-rigward ta' strumenti ta' dejn mhux assigurati maħruġa minn istituzzjoni ta' kreditu jew l-entitajiet marbutin mill-qrib magħhq kif stabbilit fl-Artikolu 141, l-applikazzjoni ta' perijodu ta' konċessjoni jiġi ddeterminat kif ġej:

(a) Japplika perijodu ta' konċessjoni ta' sebat ijiem kalendarji jekk il-ksur rriżulta minn bidla fil-valutazzjoni, mingħajr sottomissjoni ta' tali strumenti ta' dejn mhux assigurati, fuq il-bażi ta' dan li ġej:

(i) żdied il-valur ta' dawk l-istumenti ta' dejn mhux assigurati mibgħuta diġà; jew

(ii) tbaxxiet l-aggregazzjoni kollaterali totali.

F'dawn il-każijiet il-kontroparti hija meħtieġa li taġġusta l-valur tal-aggregazzjoni tal-kollateral totali tagħha jew il-valur ta' dawn l-istrumenti ta' dejn mhux assigurati fil-perijodu ta' konċessjoni, biex tiġi żgurata l-konformità mal-limitu applikabbli.

(b) Is-sottomissjoni ta' strumenti ta' dejn mhux assigurati maħruġa minn istituzzjonijiet ta' kreditu jew l-entitajiet marbutin mill-qrib tagħhom li jiksru l-limitu applikabbli ma jintitolax lill-kontroparti għal perijodu ta' konċessjoni.

6. Jekk il-kontroparti tkun ipprovdiet informazzjoni li taffettwa l-valur tal-kollateral tagħha b'mod negattiv mill-perspettiva tal-Eurosistema fir-rigward tal-Artikolu 145(4), eż. informazzjoni skorretta fuq l-ammont pendenti ta' talba ta' kreditu użata li hija jew kienet falza jew skaduta, l-ammont (valur) tal-kollateral li ġie affettwat b'mod negattiv jittieħed inkunsiderazzjoni għall-kalkolu tal-penali finanzjarja skont il-paragrafu 3. Jekk l-informazzjoni skorretta tiġi kkoreġuta fil-perijodu ta' konċessjoni, m'għandha tiġi applikata ebda penali.

7. Għal nuqqas ta' konformità mal-obbligi msemmijin fl-Artikolu 154(1)(d), tiġi kkalkulata penali finanzjarja bl-applikazzjoni tar-rata tal-penali, skont il-paragrafu 1(b), sal-ammont tal-aċċess mhux awtorizzat tal-kontroparti għall-faċilità tas-self marġinali.

8. BĊN jimponi penali finanzjarja minima ta' EUR 500 meta l-kalkolu skont dan l-Anness jirriżulta f'ammont ta' inqas minn EUR 500. Penali finanzjarja ma tiġix imposta meta l-ksur jiġi rranġat fil-perijodu ta' konċessjoni applikabbli.

## II. KALKOLU TA' PENALI MHUX FINANZJARJI FIL-KAŻ TA' KSUR TA' ĊERTI OBBLIGI TAL-KONTROPARTI

Sospensjoni għal nuqqas ta' konformità mal-obbligi msemmijin fl-Artikolu 154(1)(a) jew (b)

9. Meta japplika perijodu ta' sospensjoni skont l-Artikolu 156(1), BĊN jimponi s-sospensjoni skont dan li ġej:

(a) jekk l-ammont ta' kollateral jew kontanti mhux mibgħuta jitla' għal 40 % tal-kollateral jew kontanti totali li għandu jintbagħat, tapplika sospensjoni ta' xahar;

(b) jekk l-ammont ta' kollateral jew kontanti mhux mibgħuta huwa bejn 40 % u 80 % tal-kollateral jew kontanti totali li għandu jintbagħat, tapplika sospensjoni ta' xahrejn;

(c) jekk l-ammont ta' kollateral jew kontanti mhux mibgħuta huwa bejn 80 % u 100 % tal-kollateral jew kontanti totali li għandu jintbagħat, tapplika sospensjoni ta' tliet xhur.

10. Fir-rigward ta' I u II ta' hawn fuq, jekk sanzjoni tirrigwarda tranżazzjoni bejn kontroparti u l-BĊE fi proċedura bilaterali, id-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq jiġu interpretati li jaħsbu għall-impożizzjoni ta' sanzjonijiet mill-BĊE.

*ANNESS VIII*

**REKWIŻITI TA' RAPPURTAR TA' DEJTA TAL-LIVELL TA' SELF GĦAL TITOLI GGARANTITI MINN ASSI**

Dan l-Anness japplika għall-għoti ta' dejta komprensiva u standardizzata tal-livell ta' self fuq l-aggregat ta' assi li jiġġeneraw fluss ta' flus li jsostnu t-titoli ggarantiti b'assi (ABSs) kif speċifikat fl-Artikolu 78.

I. SOTTOMISSJONI TA' DEJTA TAL-LIVELL TA' SELF

1. Dejta tal-livell ta' self għandha tintbagħat mill-partijiet rilevanti lil repożitorju tad-dejta tal-livell ta' self indikat mill-Eurosistema. Ir-repożitorju tad-dejta tal-livell ta' self jippubblika din id-dejta elettronikament. Biex jiġu indikati, repożitorji tad-dejta tal-livell ta' self għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Eurosistema applikabbli, inkluż aċċess miftuħ, kopertura, nondiskriminazzjoni, struttura ta' governanza xierqa u trasparenza.

2. Dejta tal-livell ta' self għandha tiġi sottomessa għal kull tranżazzjoni individwali flimkien mal-mudell ta' rappurtar ta' dejta tal-livell ta' self rilevanti aġġornata, ippubblikata fil-websajt tal-BĊE, skont it-tip ta' assi li jsostni l-ABS, kif iddefinit fl-Artikolu 73(1).

3. Id-dejta dwar il-livell ta' self għandu jiġi rappurtat tal-anqas fuq bażi trimestrali, imma mhux aktar tard minn xahar wara d-data li fiha hu dovut il-ħlas ta' imgħax fuq l-ABSs rilevanti. Fir-rigward tad-dejta sottomessa, id-data tal-qtugħ tal-aggregat ma għandhiex tkun ilha iktar minn xahrejn, jiġifieri d-data tas-sottomissjoni ta' rapport u titnaqqas id-data tal-qtugħ tal-aggregat għandha tkun inqas minn xahrejn. Id-data tal-qtugh tal-aggregat hija ddefinita bħala d-data li fiha tittieħed veduta globali tal-prestazzjoni tal-assi sottostanti għar-rapport rispettiv.

4. Sabiex tiġi żgurata konformità mar-rekwiżiti fil-paragrafi 2 u 3, ir-repożitorju ta' dejta tal-livell ta' self għandu jagħmel kontrolli awtomatizzati tal-konsistenza u l-preċiżjoni fuq rapporti ta' dejta tal-livell ta' self li hija ġdida u aġġornata għal kull tranżazzjoni.

II. LIVELL TA' DETTALL MEĦTIEĠ

1. Wara d-data ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti tar-rapportar tad-dejta tal-livell ta' self għall-klassi speċifika ta' assi li jiġġeneraw fluss ta' flus li jsostnu lill-ABSs kif speċifikat fis-sit elettroniku tal-Bank Ċentrali Ewropea (BĊE), informazzjoni dettaljata tal-livell ta' self b'self għandha tiġi pprovduta mill-ABSs biex isiru jew jibqgħu eliġibbli.

2. F'perijodu ta' tliet xhur, l-ABSs għandhom jikbsu livell ta' konformità minimu obbligatorju, li jiġi vvalutat b'referenza għad-disponibbiltà ta' informazzjoni, partikolarment f'oqsma ta' dejta tal-mudell għar-rapportar ta' dejta tal-livell ta' self.

3. Sabiex jinqabdu oqsma li mhumiex disponibbli, sett ta' sitt għażliet "Ebda dejta" (ND No data) huwa inkluż fil-mudelli tad-dejta tal-livell ta' self u għandhom jimtlew kull meta dejta partikolari ma tkunx tista' tiġi ppreżentata skont il-mudell tad-dejta tal-livell ta' self. Hemm ukoll is-seba' għażla ND, li tapplika biss għall-mudell tad-dejta tal-livell ta' self għal titoli kummerċjali ggarantiti b'ipoteki (CMBSs).

*Tabella 1*

**Spjegazzjoni tal-għażliet ND**

| Opzjonijiet "Ebda dejta" | Spjegazzjoni |
|---|---|
| ND1 | Dejta mhux miġbura għax mhux meħtieġa mill-kriterji ta' sottoskrizzjoni |
| ND2 | Dejta miġbura mal-applikazzjoni imma mhux imdaħħla fis-sistema ta' rappurtar meta titlesta. |
| ND3 | Dejta miġbura mal-applikazzjoni imma mdaħħla f'sistema separata minn dik ta' rappurtar |
| ND4 | Dejta miġbura imma se tkun disponibbli biss minn SSSS-XX |
| ND5 | Mhux relevanti |
| ND6 | Mhux applikabbli għall-ġurisdizzjoni |
| ND7 | Għal self CMBS biss b'valur ta' anqas minn EUR 500 000, jiġifieri l-valur tal-bilanċ tas-self kummerċjali kollu meta oriġina |

III. PERIJODU TRANŻITORJU

1. Il-perijodu tranżitorju ta' disa' xhur ta' wara japplika għall-ABSs kollha, skont id-data meta r-rekwiżiti ta' rappurtar ta' dejta tal-livell ta' self japplikaw għall-klassi ta' assi relevanti li jsostnu l-ABSs:

   (a) matul l-ewwel tliet xhur (l-ewwel trimestru) wara d-data ta' applikazzjoni, għandha tiġi rrappurtata dejta tal-livell ta' self, imma ma hemm l-ebda limiti speċifiċi dwar in-numru ta' oqsma obbligatorji li fihom ND1 sa ND7;

   (b) mill-bidu tar-raba' xahar sal-aħħar tas-sitt xahar (it-tieni trimestru), in-numru ta' oqsma obbligatorji li fihom ND1 mgħandux jaqbeż it-30 % tan-numru totali tal-oqsma obbligatorji u n-numru ta' oqsma obbligatorji li fihom ND2, ND3 jew ND4 mgħandux jaqbeż l-40 % tan-numru totali tal-oqsma obbligatorji;

   (c) mill-bidu tas-seba xahar sal-aħħar tad-disa xahar (it-tielet semestru), in-numru ta' oqsma obbligatorji li fihom ND1 mgħandhux jaqbeż l-10 % tan-numru totali tal-oqsma obbligatorji u n-numru ta' oqsma obbligatorji li fihom ND2, ND3 jew ND4 mgħandux jaqbeż l-20 % tan-numru totali tal-oqsma obbligatorji;

   (d) fi tmiem il-perijodu tranżitorju ta' disa' xhur, mgħandux ikun hemm oqsma obbligatorji fid-dejta tal-livell ta' self li jkun fih valuri ND1, ND2, ND3 jew ND4 għal tranżazzjoni individwali.

2. Bl-applikazzjoni ta' dawn il-limiti minimi, ir-repożitorju tad-dejta tal-livell ta' self jiġġenera u jassenja punteġġ lil kull tranżazzjoni ABS malli tiġi ppreżentata u pproċessata d-dejta tal-livell ta' self.

3. Dan il-punteġġ jirrifletti n-numru ta' oqsma obbligatorji li fihom ND1 u n-numru ta' oqsma obbligatorji li fihom ND2, ND3 jew ND4, f'kull każ ipparagunati man-numru totali ta' oqsma obbligatorji. F'dan ir-rigward, l-għażliet ND5, ND6 u ND7 jistgħu jintużaw biss jekk l-oqsma ta' dejta relevanti fil-mudell għar-rappurtar ta' dejta tal-livell ta' self rilevanti jippermettu dan. It-taħlita tar-referenzi għaż-żewġ limiti tipproduċi l-firxa li ġejja ta' punteġġi tad-dejta tal-livell ta' self.

*Tabella 2*

**Punteġġi ta' dejta tal-livell ta' self**

| Matriċi tal-valur tal-punteġġ | | Oqsma ND1 | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | 0 | ≤ 10 % | ≤ 30 % | > 30 % |
| ND2 jew ND3 jew ND4 | 0 | A1 | B1 | C1 | D1 |
| | ≤ 20 % | A2 | B2 | C2 | D2 |
| | ≤ 40 % | A3 | B3 | C3 | D3 |
| | > 40 % | A4 | B4 | C4 | D4 |

4. Skont il-perijodu tranżitorju stipulat aktar 'il fuq, il-punteġġ għandu jitjieb b'mod gradwali għal kull trimestru, skont il-ħarsa ġenerali li ġejja:

*Tabella 3*

**Valur tal-punteġġ**

| Kronoloġija | Valur tal-punteġġ (trattament ta' eliġibbiltà) |
|---|---|
| l-ewwel trimestru | (ebda valur ta' punteġġ minimu infurzat) |
| it-tieni trimestru | C3 (bħala miminu) |
| it-tielet trimestru | C3 (bħala miminu) |
| mir-raba' trimestru 'l quddiem | A1 |

*ANNESS IX*

**PROĊESS TA' MONITORAĠĠ TAPRESTAZZJONIL-PRESTAZZJONI TAL-QAFAS TA' VALUTAZZJONI TAL-KREDITU TAL-EUROSISTEMA**

1. Għal kull sistema ta' valutazzjoni ta' kreditu, il-proċess ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-qafas ta' valutazzjoni tal-kreditu tal-Eurosistema (ECAF) jikkonsisti minn paragun *ex post* annwali ta':

   (a) ir-rati ta' inadempjenza osservati għall-entitajiet eliġibbli kollha u l-istrumenti ta' dejn kklassifikati mis-sistema ta' valutazzjoni ta' kreditu, fejn dawn l-entitajiet u l-istrumenti jinġabru f'aggregazzjonijiet statiċi bbażati fuq ċerti karatteristiċi, eż. klassifikazzjoni ta' kreditu, klassi ta' assi, settur industrijali, mudell ta' valutazzjoni tal-kwalità ta' kreditu; u

   (b) il-probabbiltà massima ta' inadempjenza assoċjata mal-livell ta' kwalità ta' kreditu rispettiv tal-iskala tal-klassifikazzjoni armonizzata tal-Eurosistema.

2. L-ewwel element tal-proċess huwa l-kompilazzjoni annwali mill-fornitur tas-sistema ta' valutazzjoni tal-kreditu tal-lista ta' entitajiet u strumenti ta' dejn b'valutazzjonijiet tal-kwalità tal-kreditu li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-kwalità tal-kreditu tal-Eurosistema fil-bidu tal-perijodu ta' monitoraġġ. Din il-lista għandha mbagħad tkun ippreżentata mill-fornitur tas-sistema ta' valutazzjoni tal-kreditu lill-Eurosistema, permezz tal-użu ta' mudell pprovdut mill-Eurosistema, li jinkludi oqsma fir-rigward tal-identifikazzjoni, il-klassifikazzjoni u l-valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu.

3. It-tieni element tal-proċess iseħħ fl-aħħar tal-perijodu ta' montoraġġ ta' 12-il xahar. Il-formitur tas-sistema ta' valutazzjoni ta' kreditu jaġġorna d-dejta ta' prestazzjoniprestazzjoni għall-entitajiet u l-istrumenti ta' dejn fil-lista. L-Eurosistema tirriżerva d-dritt li titlob kull informazzjoni addizzjonali meħtieġa biex jitwettaq monitoraġġ tal-prestazzjoni.

4. Ir-rata ta' inadempjenza osservata tal-aggregati statiċi ta' sistema ta' valutazzjoni tal-kreditu rreġistrata fuq perijodu ta' sena sservi bħala kontribut għall-proċess ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-ECAF, li jinkludi regola annwali u valutazzjoni ta' aktar minn perijodu wieħed.

5. Fkaż ta' devjazzjoni sinifikanti bejn ir-rata ta' inadempjenza osservata tal-aggregati statiċi u l-probabbiltà massima tal-livell ta' kwalità tal-kreditu rilevanti fuq perijodu annwali u/jew multi-annwali, l-Eurosistema tikkonsulta mal-fornitur tas-sistema ta' valutazzjoni tal-kreditu biex tanalizza r-raġunijiet għal dik id-devjazzjoni.

*ANNESS X*

**LIVELLI TA' HAIRCUTS TA' VALUTAZZJONI**

*Tabella 1*

**Livelli tal-haircuts ta' valutazzjoni applikati għall-assi negozjabbli eliġibbli**

| | | Kategoriji ta' haircuts | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kwalità tal-kreditu | Maturità residwa (snin) (**) | Kategorija I | | Kategorija II (*) | | Kategorija III (*) | | Kategorija IV (*) | | Kategorija V (*) |
| | | kupun fiss | kupun żero | kupun fiss | kupun żero | kupun fiss | kupun żero | kupun fiss | kupun żero | |
| Passi 1 u 2 | [0, 1) | 0,5 | 0,5 | 1,0 | 1,0 | 1,0 | 1,0 | 6,5 | 6,5 | 10,0 |
| | [1, 3) | 1,0 | 2,0 | 1,5 | 2,5 | 2,0 | 3,0 | 8,5 | 9,0 | |
| | [3, 5) | 1,5 | 2,5 | 2,5 | 3,5 | 3,0 | 4,5 | 11,0 | 11,5 | |
| | [5, 7) | 2,0 | 3,0 | 3,5 | 4,5 | 4,5 | 6,0 | 12,5 | 13,5 | |
| | [7, 10) | 3,0 | 4,0 | 4,5 | 6,5 | 6,0 | 8,0 | 14,0 | 15,5 | |
| | [10, ∞) | 5,0 | 7,0 | 8,0 | 10,5 | 9,0 | 13,0 | 17,0 | 22,5 | |

| | | Kategoriji ta' haircuts | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kwalità tal-kreditu | Maturità residwa (snin) (**) | Kategorija I | | Kategorija II (*) | | Kategorija III (*) | | Kategorija IV (*) | | Kategorija V (*) |
| | | kupun fiss | kupun żero | kupun fiss | kupun żero | kupun fiss | kupun żero | kupun fiss | kupun żero | |
| Livell 3 | [0, 1) | 6,0 | 6,0 | 7,0 | 7,0 | 8,0 | 8,0 | 13,0 | 13,0 | Mhux eliġibbli |
| | [1, 3) | 7,0 | 8,0 | 10,0 | 14,5 | 15,0 | 16,5 | 24,5 | 26,5 | |
| | [3, 5) | 9,0 | 10,0 | 15,5 | 20,5 | 22,5 | 25,0 | 32,5 | 36,5 | |
| | [5, 7) | 10,0 | 11,5 | 16,0 | 22,0 | 26,0 | 30,0 | 36,0 | 40,0 | |
| | [7, 10) | 11,5 | 13,0 | 18,5 | 27,5 | 27,0 | 32,5 | 37,0 | 42,5 | |
| | [10, ∞) | 13,0 | 16,0 | 22,5 | 33,0 | 27,5 | 35,0 | 37,5 | 44,0 | |

(*) *Nota:* Titoli ggarantiti b'assi, bonds koperti u strumenti ta' dejn mhux assigurati maħruġa minn istituzzjonijiet ta' kreditu jistgħu jkunu suġġetti għal haircut ta' valutazzjoni addizzjonali bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Raba' Parti.

(**) "*[0, 1)*" [0, 1) għandha tiġi intepretata bħala maturità residwa ta' inqas minn sena; *[1, 3)* bħala maturità residwa daqs jew iktar minn sena u inqas minn tliet snin; *[3, 5)* bħala maturità residwa daqs jew iktar minn tliet snin u inqas minn ħames snin, eċċ.

*Tabella 2*

**Livelli ta' telf impost f'valutazzjoni applikat għal pretensjonijiet ta' kreditu b'pagamenti ta' imgħax fiss**

| | | Metodoloġija ta' valutazzjoni | |
|---|---|---|---|
| Kwalità tal-kreditu | Maturità residwa (snin) (*) | Pagament ta' imgħax fiss u valutazzjoni bbażata fuq prezz teoretiku assenjat mill-bank ċentrali nazzjonali (BĊN) | Pagament ta' imgħax fiss u valutazzjoni bbażata skont l-ammont pendenti assenjat mill-BĊN |
| Passi 1 u 2 | [0, 1) | 10,0 | 12,0 |
| | [1, 3) | 12,0 | 16,0 |
| | [3, 5) | 14,0 | 21,0 |

| | | Metodoloġija ta' valutazzjoni | |
|---|---|---|---|
| Kwalità tal-kreditu | Maturità residwa (snin) (*) | Pagament ta' imgħax fiss u valutazzjoni bbażata fuq prezz teoretiku assenjat mill-bank ċentrali nazzjonali (BĊN) | Pagament ta' imgħax fiss u valutazzjoni bbażata skont l-ammont pendenti assenjat mill-BĊN |
| | [5, 7) | 17,0 | 27,0 |
| | [7, 10) | 22,0 | 35,0 |
| | [10, ∞) | 30,0 | 45,0 |

| | | Metodoloġija ta' valutazzjoni | |
|---|---|---|---|
| Kwalità tal-kreditu | Maturità residwa (snin) (*) | Pagament ta' imgħax fiss u valutazzjoni bbażata fuq prezz teoretiku assenjat mill-BĊN | Pagament ta' imgħax fiss u valutazzjoni bbażata skont l-ammont pendenti assenjat mill-BĊN |
| Livell 3 | [0, 1) | 17,0 | 19,0 |
| | [1, 3) | 29,0 | 34,0 |
| | [3, 5) | 37,0 | 46,0 |
| | [5, 7) | 39,0 | 52,0 |
| | [7, 10) | 40,0 | 58,0 |
| | [10, ∞) | 42,0 | 65,0 |

(*) "*[0, 1)*" [0, 1) għandha tiġi intepretata bħala maturità residwa ta' inqas minn sena; "*[1, 3)*" bħala maturità residwa daqs jew iktar minn sena u inqas minn tliet snin; "*[3, 5)*" bħala maturità residwa daqs jew iktar minn tliet snin u inqas minn ħames snin, eċċ.

*ANNESS XI*

**FOROM TA' SIGURTÀ**

Fit-13 ta' Ġunju 2006, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) ħabbar il-kriterji tan-noti globali ġodda (new global notes — NGN) għat-titoli internazzjonali tal-forom bearer globali li jkunu eliġibbli bħala kollateral għal operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema mill-1 ta' Jannar 2007. Fit-22 ta' Ottubru 2008 l-BĊE ħabbar li titoli ta' dejn internazzjonali fil-forma reġistrata globali maħruġa wara t-30 ta' Settembru 2010, ikunu eliġibbli biss bħala kollateral għall-operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema meta tintuża l-istruttura ta' salvagwardja ġdida (new safekeeping structure — NSS) għal titoli ta' dejn internazzjonali.

It-tabella li ġejja tagħti fil-qosor ir-regoli tal-eliġibbiltà għall-forom differenti ta' titoli bl-introduzzjoni tal-kriterji NGN.

*Tabella 1*

**Regoli ta' eliġibbiltà għal forom ta' sigurtà differenti**

| Globali/individwali | Bearer/reġistrat | NGN/nota globali klassika (CGN) | Fil-każ ta' NGN/NSS, il-gwardjan komuni (common safekeeper — CSK) hija ICSD (*)? | Eliġibbli? |
|---|---|---|---|---|
| Globali | Bearer | NGN | Iva | Iva |
| | | | Le | Le |
| Globali | Bearer | CGN | N/A | Le, imma dawk it-titoli maħruġin qabel l-1 ta' Jannar 2007 se jkollhom anterjorità sal-maturità, flimkien ma' kwalunkwe ħruġ tap mill-1 ta' Jannar 2007 meta l-ISINs ikunu funġibbli. |
| Globali | Irreġistrati | CGN | N/A | Bonds maħruġin skont din l-istruttura wara t-30 ta' Settembru 2010 ma jibqgħux eliġibbli. |
| Globali | Irreġistrati | NSS | Iva | Iva |
| | | | Le | Le |
| Individwali | Bearer | N/A | N/A | Bonds maħruġin skont din l-istruttura wara t-30 ta' Settembru 2010 ma jibqgħux eliġibbli. Noti bearer individwali maħruġa fiit-30 ta' Settembru 2010 jew qabel ikollhom anterjorità sal-maturità |

(*) Jew, jekk isir applikabbli, f'depożitorju ċentrali ta' titoli vvalutat b'mod pożittiv.

*ANNESS XII*

**EŻEMPJI TA' OPERAZZJONIJIET U PROĊEDURI TAL-POLITIKA MONETARJA TAL-EUROSISTEMA**

Lista ta' eżempji

| | |
|---|---|
| Eżempju 1 | Tranżazzjoni bil-maqlub li tipprovdi likwidità b'sejħa għal offerti b'rata fissa |
| Eżempju 2 | Tranżazzjoni bil-maqlub li tipprovdi likwidità b'sejħa għal offerti b'rata fissa |
| Eżempju 3 | Ħruġ ta' ċertifikati ta' dejn tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) b'sejħa għal offerti b'rata varjabbli |
| Eżempju 4 | Swap ta' kambju barrani li tassorbi l-likwidità b'sejħa għal offerti b'rata varjabbli |
| Eżempju 5 | Swap ta' kambju barrani li tassorbi l-likwidità b'sejħa għal offerti b'rata varjabbli |
| Eżempju 6 | Miżuri għall-kontroll tar-riskju |

I. EŻEMPJU 1: TRANŻAZZJONI BIL-MAQLUB LI TIPPROVDI LIKWIDITÀ B'SEJĦA GĦAL OFFERTI B'RATA FISSA

1. Il-BĊE jiddeċiedi li jipprovdi likwidità lis-suq permezz ta' tranżazzjoni bil-maqlub organizzata bi proċedura ta' sejħa għal offerti b'rata fissa.

2. Tliet kontropartijiet jissottomettu l-offerti li ġejjin:

| Kontroparti | Offerta (miljuni ta' EUR) |
|---|---|
| Bank 1 | 30 |
| Bank 2 | 40 |
| Bank 3 | 70 |
| **Total** | 140 |

3. Il-BĊE jiddeċiedi li jalloka total ta' EUR 105 miljun

4. Il-perċentwal tal-allokazzjoni huwa:

$$\frac{105}{(30 + 40 + 70)} = 75\,\%$$

5. L-allokazzjoni lill-kontropartijiet hija:

| Kontroparti | Offerta (miljuni ta' EUR) | Allokazzjoni (miljuni ta' EUR) |
|---|---|---|
| Bank 1 | 30 | 22,5 |
| Bank 2 | 40 | 30,0 |
| Bank 3 | 70 | 52,5 |
| **Total** | 140 | 105,0 |

II. EŻEMPJU 2: TRANŻAZZJONI BIL-MAQLUB LI TIPPROVDI LIKWIDITÀ B'SEJĦA GĦAL OFFERTI B'RATA VARJABBLI

1. Il-BĊE jiddeċiedi li jipprovdi likwidità lis-suq permezz ta' tranżazzjoni bil-maqlub organizzata bi proċedura ta' sejħa għal offerti b'rata varjabbli.

2. Tliet kontropartijiet jissottomettu l-offerti li ġejjin:

| | Ammont (miljuni ta' EUR) | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Rata ta' imgħax (%) | Bank 1 | Bank 2 | Bank 3 | Offerti totali | Offerti kumulattivi |
| 3,15 | | | | 0 | 0 |
| 3,10 | | 5 | 5 | 10 | 10 |
| 3,09 | | 5 | 5 | 10 | 20 |
| 3,08 | | 5 | 5 | 10 | 30 |
| 3,07 | 5 | 5 | 10 | 20 | 50 |
| 3,06 | 5 | 10 | 15 | 30 | 80 |
| 3,05 | 10 | 10 | 15 | 35 | 115 |
| 3,04 | 5 | 5 | 5 | 15 | 130 |
| 3,03 | 5 | | 10 | 15 | 145 |
| **Total** | 30 | 45 | 70 | 145 | |

3. Il-BĊE jiddeċiedi li jalloka EUR 94 miljun, b'dan jimplika rata ta' imgħax marġinali ta' 3,05 %.

4. L-offerti kollha ta' iktar minn 3.05 % (għal ammont kumulattiv ta' EUR 80 miljun) huma sodisfatti kollha. Bi 3,5 %, il-perċentwal tal-allokazzjoni huwa:

$$\frac{94 - 80}{35} = 40\,\%$$

5. L-allokazzjoni lill-Bank 1 bir-rata ta' imgħax marġinali hija, pereżempju:

$$0{,}4 \times 10 = 4$$

6. L-allokazzjoni totali lill-Bank 1 hija:

$$5 + 5 + 4 = 14$$

7. Ir-riżultati tal-allokazzjoni jistgħu jiġu spjegati fil-qosor kif ġej:

| | Ammont (miljuni ta' EUR) | | | |
|---|---|---|---|---|
| Kontropartijiet | Bank 1 | Bank 2 | Bank 3 | Total |
| **Offerti totali** | 30,0 | 45,0 | 70,0 | 145 |
| **Allokazzjoni totali** | 14,0 | 34,0 | 46,0 | 94 |

8. Jekk il-proċedura ta' allokazzjoni ssegwi rkant (Olandiż) ta' rata waħda, ir-rata ta' imgħax applikata lill-ammonti allokati lill-kontropartijiet hija ta' 3,05 %.

9. Jekk il-proċedura ta' allokazzjoni ssegwi rkant (Amerikan) ta' rata multipla, l-ebda rata ta' imgħax waħda ma tiġi applikata lill-ammonti allokati lill-kontropartijiet; pereżempju, il-Bank 1 jirċievi EUR 5 miljun bi 3,07 %, EUR 5 miljuni bi 3.06 % u EUR 4 miljuni bi 3,05 %.

III. EŻEMPJU 3: ĦRUĠ TA' ĊERTIFIKATI TA' DEJN TAL-BĊE B'SEJĦA GĦAL OFFERTI B'RATA VARJABBLI

1. Il-BĊE jiddeċiedi li jassorbi l-likwidità mis-suq bil-ħruġ ta' ċertifikati ta' dejn bl-użu ta' proċedura ta' sejħa għal offerti b'rata varjabbli.

2. Tliet kontropartijiet jissottomettu l-offerti li ġejjin:

| | Ammont (miljuni ta' EUR) | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Rata ta' imgħax (%) | Bank 1 | Bank 2 | Bank 3 | Total | Offerti kumulattivi |
| 3,00 | | | | 0 | 0 |
| 3,01 | 5 | | 5 | 10 | 10 |
| 3,02 | 5 | 5 | 5 | 15 | 25 |
| 3,03 | 5 | 5 | 5 | 15 | 40 |
| 3,04 | 10 | 5 | 10 | 25 | 65 |
| 3,05 | 20 | 40 | 10 | 70 | 135 |
| 3,06 | 5 | 10 | 10 | 25 | 160 |
| 3,08 | 5 | | 10 | 15 | 175 |
| 3,10 | | 5 | | 5 | 180 |
| **Total** | 55 | 70 | 55 | 180 | |

3. Il-BĊE jiddeċiedi li jalloka ammont nominali ta' EUR 124,5 miljun b'dan jimplika rata ta' imgħax marġinali ta' 3,05 %.

4. L-offerti kollha ta' inqas minn 3,05 % (għal ammont kumulattiv ta' EUR 65 miljun) huma sodisfatti kollha. Bi 3,5 %, il-perċentwal tal-allokazzjoni huwa:

$$\frac{124,5 - 65}{70} = 85\,\%$$

5. L-allokazzjoni lill-Bank 1 bir-rata ta' imgħax marġinali hija, pereżempju:

$$0,85 \times 20 = 17$$

6. L-allokazzjoni totali lill-Bank 1 hija:

$$5 + 5 + 5 + 10 + 17 = 42$$

7. Ir-riżultati tal-allokazzjoni jistgħu jiġu spjegati fil-qosor kif ġej:

| | Ammont (miljuni ta' EUR) | | | |
|---|---|---|---|---|
| Kontropartijiet | Bank 1 | Bank 2 | Bank 3 | Total |
| **Offerti totali** | 55,0 | 70,0 | 55,0 | 180,0 |
| **Allokazzjoni totali** | 42,0 | 49,0 | 33,5 | 124,5 |

IV. EŻEMPJU 4: SWAP TA' KAMBJU BARRANI LI TASSORBI L-LIKWIDITÀ B'SEJĦA GĦAL OFFERTI B'RATA VARJABBLI

1. Il-BĊE jiddeċiedi li jassorbi l-likwidità mis-suq billi jsir swap tal-kambju barrani fuq ir-rata EUR/USD permezz ta' proċedura ta' sejħa għall-offerti b'rata varjabbli. (Nota: L-euro huwa nnegozjat bi premium f'dan l-eżempju.)

2. Tliet kontropartijiet jissottomettu l-offerti li ġejjin:

| | Ammont (miljuni ta' EUR) | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Punti swap (× 10 000) | Bank 1 | Bank 2 | Bank 3 | Total | Offerti kumulattivi |
| 6,84 | | | | 0 | 0 |
| 6,80 | 5 | | 5 | 10 | 10 |

| | Ammont (miljuni ta' EUR) | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Punti swap (× 10 000) | Bank 1 | Bank 2 | Bank 3 | Total | Offerti kumulattivi |
| 6,76 | 5 | 5 | 5 | 15 | 25 |
| 6,71 | 5 | 5 | 5 | 15 | 40 |
| 6,67 | 10 | 10 | 5 | 25 | 65 |
| 6,63 | 25 | 35 | 40 | 100 | 165 |
| 6,58 | 10 | 20 | 10 | 40 | 205 |
| 6,54 | 5 | 10 | 10 | 25 | 230 |
| 6,49 | | 5 | | 5 | 235 |
| **Total** | 65 | 90 | 80 | 235 | |

3. Il-BĊE jiddeċiedi li jalloka EUR 158 miljun, li jimplika 6,63 ta' punti swap marġinali. L-offerti kollha ta' iktar minn 6,63 % (għal ammont kumulattiv ta' EUR 65 miljun) huma sodisfatti kollha. B'6,63,5 %, il-perċentwal tal-allokazzjoni huwa:

$$\frac{158 - 65}{100} = 93\,\%$$

4. L-allokazzjoni lill-Bank 1 bil-punti swap marġinali hija, pereżempju:

$$0{,}93 \times 25 = 23{,}25$$

5. L-allokazzjoni totali lill-Bank 1 hija:

$$5 + 5 + 5 + 10 + 23{,}25 = 48{,}25$$

6. Ir-riżultati tal-allokazzjoni jistgħu jiġu spjegati fil-qosor kif ġej:

| | Ammont (miljuni ta' EUR) | | | |
|---|---|---|---|---|
| Kontropartijiet | Bank 1 | Bank 2 | Bank 3 | Total |
| **Offerti totali** | 65,0 | 90,0 | 80,0 | 235,0 |
| **Allokazzjoni totali** | 48,25 | 52,55 | 57,20 | 158,0 |

7. Il-BĊE jistabbilixxi r-rata ta' kambju immedjata EUR/USD għall-operazzjoni għal 1,1300.

8. Jekk il-proċedura ta' allokazzjoni ssegwi rkant (Olandiż) b'rata waħda, fid-data tal-bidu tal-operazzjoni l-Eurosistema tixtri EUR 158 000 000 u tbiegħ USD 178 540 000. Fid-data tal-maturità tal-operazzjoni, l-Eurosistema tixtri EUR 158 000 000 u tbiegħ USD 178 644 754 (ir-rata tal-kambju forward hija 1,130663 = 1,1300 + 0,000663).

9. Jekk il-proċedura ta' allokazzjoni ssegwi rkant (Amerikan) b'rata multipla, l-Eurosistema tibdel l-ammonti ta' euro u dollari Amerikani li jidhru fit-tabella li ġejja:

| Tranżazzjoni spot | | | Tranżazzjoni forward | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Rata tal-kambju | Ixtri EUR | Biegħ USD | Rata tal-kambju | Biegħ EUR | Ixtri USD |
| 1,1300 | | | 1,130684 | | |
| 1,1300 | 10 000 000 | 11 300 000 | 1,130680 | 10 000 000 | 11 306 800 |
| 1,1300 | 15 000 000 | 16 950 000 | 1,130676 | 15 000 000 | 16 960 140 |

| Tranżazzjoni spot | | | Tranżazzjoni forward | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Rata tal-kambju | Ixtri EUR | Biegħ USD | Rata tal-kambju | Biegħ EUR | Ixtri USD |
| 1,1300 | 15 000 000 | 16 950 000 | 1,130671 | 15 000 000 | 16 960 065 |
| 1,1300 | 25 000 000 | 28 250 000 | 1,130667 | 25 000 000 | 28 266 675 |
| 1,1300 | 93 000 000 | 105 090 000 | 1,130663 | 93 000 000 | 105 151 659 |
| 1,1300 | | | 1,130658 | | |
| 1,1300 | | | 1,130654 | | |
| 1,1300 | | | 1,130649 | | |
| **Total** | 158 000 000 | 178 540 000 | | 158 000 000 | 178 645 339 |

IV. EŻEMPJU 5: SWAP TA' KAMBJU BARRANI LI TIPPROVDI L-LIKWIDITÀ B'SEJĦA GĦAL OFFERTI B'RATA VARJABBLI

1. Il-BĊE jiddeċiedi li jipprovdi likwidità lis-suq billi jeżegwixxi swap ta' kambju barrani fuq ir-rata EUR/USD premezz ta' proċedura ta' sejħa għal offerti b'rata varjabbli. (Nota: L-euro huwa nnegozjat bi premium f'dan l-eżempju.)

2. Tliet kontropartijiet jissottomettu l-offerti li ġejjin:

| | Ammont (miljuni ta' EUR) | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Punti swap (× 10 000) | Bank 1 | Bank 2 | Bank 3 | Total | Offerti kumulattivi |
| 6,23 | | | | | |
| 6,27 | 5 | | 5 | 10 | 10 |
| 6,32 | 5 | | 5 | 10 | 20 |
| 6,36 | 10 | 5 | 5 | 20 | 40 |
| 6,41 | 10 | 10 | 20 | 40 | 80 |
| 6,45 | 20 | 40 | 20 | 80 | 160 |
| 6,49 | 5 | 20 | 10 | 35 | 195 |
| 6,54 | 5 | 5 | 10 | 20 | 215 |
| 6,58 | | 5 | | 5 | 220 |
| **Total** | 60 | 85 | 75 | 220 | |

3. Il-BĊE jiddeċiedi li jalloka EUR 197 miljun, li jimplika 6,54 ta' punti swap marġinali. L-offerti kollha ta' inqas minn 6,54 % (għal ammont kumulattiv ta' EUR 195 miljun) huma sodisfatti kollha. B'6,54,5 %, il-perċentwal tal-allokazzjoni huwa:

$$\frac{197 - 195}{20} = 10\,\%$$

4. L-allokazzjoni lill-Bank 1 bil-punti swap marġinali hija, pereżempju:

$$0{,}10 \times 5 = 0{,}5$$

5. L-allokazzjoni totali lill-Bank 1 hija:

$$5 + 5 + 10 + 10 + 20 + 5 + 0{,}5 = 55{,}5$$

6. Ir-riżultati tal-allokazzjoni jistgħu jiġu spjegati fil-qosor kif ġej:

| | Ammont (miljuni ta' EUR) | | | |
|---|---|---|---|---|
| Kontropartijiet | Bank 1 | Bank 2 | Bank 3 | Total |
| **Offerti totali** | 60,0 | 85,0 | 75,0 | 220 |
| **Allokazzjoni totali** | 55,5 | 75,5 | 66,0 | 197 |

6. Il-BĊE jistabbilixxi r-rata ta' kambju immedjata EUR/USD għall-operazzjoni għal 1,1300.

7. Jekk il-proċedura ta' allokazzjoni ssegwi rkant (Olandiż) b'rata waħda, fid-data tal-bidu tal-operazzjoni l-Eurosistema tbiegħ EUR 197 000 000 u tixtri USD 222 610 000. Fid-data tal-maturità tal-operazzjoni, l-Eurosistema tixtri EUR 197 000 000 u tbiegħ USD 222 738 838 (ir-rata tal-kambju forward hija 1,130654 = 1,1300 + 0,000654).

8. Jekk il-proċedura ta' allokazzjoni ssegwi rkant (Amerikan) b'rata multipla, l-Eurosistema tibdel l-ammonti ta' euro u dollari Amerikani li jidhru fit-tabella li ġejja:

| Tranżazzjoni spot | | | Tranżazzjoni forward* | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Rata tal-kambju | Biegħ EUR | Ixtri USD | Rata tal-kambju | Ixtri EUR | Biegħ USD |
| 1,1300 | | | 1,130623 | | |
| 1,1300 | 10 000 000 | 11 300 000 | 1,130627 | 10 000 000 | 11 306 270 |
| 1,1300 | 10 000 000 | 11 300 000 | 1,130632 | 10 000 000 | 11 306 320 |
| 1,1300 | 20 000 000 | 22 600 000 | 1,130636 | 20 000 000 | 22 612 720 |
| 1,1300 | 40 000 000 | 45 200 000 | 1,130641 | 40 000 000 | 45 225 640 |
| 1,1300 | 80 000 000 | 90 400 000 | 1,130645 | 80 000 000 | 90 451 600 |
| 1,1300 | 35 000 000 | 39 550 000 | 1,130649 | 35 000 000 | 39 572 715 |
| 1,1300 | 2 000 000 | 2 260 000 | 1,130654 | 2 000 000 | 2 261 308 |
| 1,1300 | | | 1,130658 | | |
| **Total** | 197 000 000 | 222 610 000 | | 197 000 000 | 222 736 573 |

VI. EŻEMPJU 6: MIŻURI TA' KONTROLL TAR-RISKJU

